Lifelong Learning Programme



# RESCUR:
# NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

## KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦAS-SNIN BIKRIN U L-EDUKAZZJONI PRIMARJA

Snin Bikrin


Carmel Cefai – Malta – Koordinatur
Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – Kroazja
Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – Greċja
Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – Italja
Paul Bartolo, Katya Galea – Malta
Celeste Simoes, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – Portugall
Birgitta Kimber, Charli Eriksson - Żvezja




Sveučilište u Zagrebu · University of Crete · Università di Pavia · University of Malta L-Università ta' Malta · Lisboa Universidade de Lisboa · Örebro University

# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

# KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

# Snin Bikrin


Carmel Cefai – Malta – Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – L-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

## KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

## Snin Bikrin

Proġett Lifelong Learning Programme Comenius

Din il-pubblikazzjoni hija prodott mill-proġett '*RESCUR - Developing a Resilience Curriculum for Primary Schools in Europe*' www.rescur.eu, iffinanzjat mill-EU Commision Lifelong Learning Programme No. 526813-LLP-1-MT-COMENIUS-CMP

**Awturi**

Carmel Cefai – Malta – il-Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – l-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões,Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

© 2016

**L-Edituri tal-Verżjoni Maltija**

Carmel Cefai, Paul Bartolo u Katya Galea

Ippublikat miċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, fl-Università ta' Malta.

ISBN: 978-99957-885-1-3

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti minn din il pubblikazzjoni ma tista’ tkun riprodotta, maħżuna f’sistema minn fejn tista’ tittieħed, jew trasmessa fi kwalunkwe forma jew mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopjar, irrekordjar jew kwalunkwe mod ieħor, mingħajr il-permess tal-pubblikatur.

Il-kontenut ta’ din il-pubblikazzjoni mhux neċessarjament jirrifletti

l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Stampat f’Malta minn *Impressions Limited*

Attivitajiet ta’ Moħħnihawn © Birgitta Kimber u Charli Eriksson, 2016

Mużika © Gorana Tomašić Šragalj, Damir Sertić, Leon Cvetkovski, Ivana Cvetkovski, 2016

Il-faċċata u stampi: Antonija Balić Šimrak

Id-disinn u l-ikoni tal-attivitajiet: Valeria Cavioni

Verżjoni elettronika: www.rescur.eu

www.um.edu.mt/cres/publications/rescur

**INDIĊI**

**Tema 1 Insaħħu l-Hiliet tal-Kommunikazzjoni**.............................................................8
Sottotema 1 Komunikazzjoni effettiva..................................................................9
Sottotema 2 L-assertività......................................................................................44
**Tema 2 Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'Saħħithom** ............................................84
Sottotema 1 Relazzjonijiet b'saħħithom..............................................................85
Sottotema 2 Il-kooperazzjoni, l-empatija, u l-ħsieb morali...............................117
**Tema 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva**..................................................................156
Sottotema 1 Ħsieb pożittiv u ottimistiku ..........................................................157
Sottotema 2 Emozzjonijiet pożittivi..................................................................191
**Tema 4 Niżviluppaw Determinazzjoni Soda** ............................................................225
Sottotema 1 Insolvu l-problemi.........................................................................226
Sottotema 2 *Empowerment* u awtonomija........................................................266
**Tema 5 Nibnu fuq il-Ħiliet**.........................................................................................308
Sottotema 1 *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi .............................................309
Sottotema 2 Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali..........................................................................339
**Tema 6 Nibdlu l-Isfidi f'Opportunitajiet**...................................................................371
Sottotema 1 Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi................................373
Sottotema 2 Kif nirrispondu meta niġu mwarrba.............................................410
Sottotema 3 Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja ..........................447
Sottotema 4 Kif nirrispondu meta nġarrbu telfa...............................................481
Sottotema 5 Kif nirrispondu għall-kunflitt u l-*bullying*...................................493
Sottotema 6 Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla...................................504

**Appendiċi** ...........................................................................................................520
**Appendiċi 1** Tema 1 *Kif Tgħid LE*
**Appendiċi 2** Il-*Cards* tal- Annimali

**RINGRAZZJAMENT**

L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ikkontribwixxew għal dan il-kurrikulu.

Il-199 għalliem u l-1935 student mill-Ewropa li ħadu sehem fil-proġett pilota ta' dan il-kurrikulu u li bil-*feedback* tagħhom għenu biex jitjieb RESCUR.

Antonija Balić Šimrak li ddisinjat l-faċċati tal-ħames pubblikazzjonijiet, l-istampi u l-pupazzi ta' Żigu u Ċika, il-*cards* tal-annimali, il-*posters*, u l-ktejjeb fl-ewwel tema tal-Manwal tal-Attivitajiet.

Valeria Cavioni li ddisinjat il-mudell tal-attivitajiet u l-ikoni fil-Manwali tal-Attivitajiet.

Birgitta Kimber u Charli Eriksson li kitbu u rrekordjaw l-attivitajiet ta' Moħħnihawn li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-pubblikazzjoni.

Gorana Tomašić-Šragalj u Damir Sertić (kompożituri), Gorana Tomašić-Šragalj, Leon Cvetkovski u Ivana Cvetkovski (mużiċisti) għall-erba' temi mużikali li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-pubblikazzjoni.

Professur Helen Cowie mill-Università ta' Surrey, l-Ingilterra u Professur Maria Poulou mill-Università ta' Patras, il-Greċja, għall-*feedback* espert u siewi tagħhom fuq il-kurrikulu bħala eżaminaturi tal-kurrikulu.

Professur Michael Ungar, Direttur taċ-Centru Riċerka fir-Reżiljenza fl-Universita' ta' Dalhousie, Halifax, il-Kanada, għall-*feedback* siewi tiegħu fuq il-kurrikulu.

Professur Terje Ogden, Università ta' Oslo, Norveġja, u Dr Susan Beltman, Universita' ta' Curtin, l-Awstralja, li ħarrġu lit-tim ta' RESCUR biex jimplimenta l-kurrikulu.

Il-kollegi u l-istaff tagħna mis-sitt universitajiet imsieħba għall-kontribuzzjonijiet tagħhom waqt dan il-proġett matul il-fażijiet varji tiegħu, inkluż Giusy Beddia, Davor Brđanović, Natalie Galea, Vatroslav Horvat, Goran Lapat, Mara Lupica Spagnolo, Renata Marinković Kravica, Sarah Mercieca, Tea Pahić, Višnja Rajić, Marija Šarić, Biserka Petrović Sočo, Katarina Tadić.

Springer Publications, ENTRÉE LLP Comenius project u http://paperkaxxaworld.weebly.com/, http://it.freepik.com/, http://www.iconarchive.com/, http://www.adorabletoon.com/, għall-permess tagħhom biex ninkludi materjal f'din il-pubblikazzjoni.

## Lista ta' skejjel li ħadu sehem fil-proġett pilota

**Kroazja**
*Kindergarten* "Različak", Zagreb, Petrinjska 31/2
*Kindergarten* Varaždin, Varaždin, Dravska 1
Skola Primarja Varaždin, Varaždin, A. M. Reljkovića 36
Skola Primarja "Dr. Ivan Mertz", Zagreb, Račkoga 4.

**Greċja**
*Prefettura ta' Rethimno, Kreta:* 8 Skola Primarja ta' Rethimo, Skola Primarja ta' Roussospiti, 2 *Kindergarten* ta' Atsipopoulo, 16 Skola Primarja ta' Rethimno, Skola Primarja ta' Fourfoura, Skola Primarja Alfa Milopotamou, *Kindergarten* Sgourokefaliou, Skola Primarja ta' Asi Gonia Rethimnou, *Kindergarten* ta' Agia Galini Rethimnou
*Prefettura ta' Hrakleio, Kreta:* 38 *Kindergarten* ta' Hrakleio, Tefeliou *Kindergarten* Hrakleio, 31 Skola Primarja ta' Hrakleio, *Kindergarten* ta' 10 Saints, Hrakleio, 24 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 9 Skola Primarja ta' Hrakleio, 29 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 1 Skola Primarja Agias Marinas Hrakleio, 30 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 10 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 2 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 2 *Kindergarten* Boutes Hrakleiou, 3 *Kindergarten* Arkaloxori, 1 *Kindergarten* ta' Zakros, Skola Primarja ta' Kastelli Pediados, 36 *Kindergarten* ta' Hrakleio, *Kindergarten* ta' Skalani Hrakleiou, 2 Skola Primarja ta'Archanes Hrakleiou, 36 Skola Primarja ta' Hrakleio,
*Prefettura ta' Agios Nicholaos, Kreta::*2 Skola Primarja ta' Ierapetras, 2 *Kindergarten* Neapolis Lasithiou.

**Italja**
Istituto Comprensivo "Via Libertà" - San Donato Milanese (MI)
Istituto Comprensivo di "Via Acerbi" – Scuola d'infanzia L'Aquilone - Pavia
Istituto Comprensivo di Bereguardo - Bereguardo e plesso di Vellezzo Bellini (PV)
Istituto Comprensivo di Certosa di Pavia - Certosa di Pavia (PV)
Istituto Comprensivo di Garlasco - Plesso di Dorno (PV)
Istituto Comprensivo di Piazza Vittorio Veneto - Vigevano (PV)
Istituto Comprensivo di Rivanazzano Terme- Rivanazzano Terme e plesso di Retorbido (PV)
Istituto Comprensivo di Siziano - Siziano (PV)
Istituto Comprensivo di via Scopoli – Scuola primaria "E. De Amicis", Scuola primaria "Gabelli", Scuola primaria "F. Casorati", Scuola primaria "Montebolone" - Pavia
Istituto Comprensivo di Villanterio - Villanterio e plesso di Vistarino (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola d'infanzia "E. Diviani" – Salice Terme (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola dell'infanzia "Negrotto Cambiaso" Codevilla (PV)
Istituto Comprensivo Statale di Mortara - Mortara (PV)
Istituto Comprensivo Statale di via Angelini - Pavia
Scuola dell'infanzia "G. Vaccari" - Pavia
Scuola dell'Infanzia comunale "8 Marzo" - Pavia
Scuola dell'infanzia di Portalbera - Portalbera (PV)
Scuola Primaria paritaria "Maddalena di kapaċiossa" - Pavia

**Malta**
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar A
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar B

Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Cospicua
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Kalkara
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Xgħajra

**Portugall**
Agrupamento de escolas Dr. Azevedo Neves
Agrupamento de escolas Dr. Ruy Luis Gomes
Santa Casa da Misericórdia de Almada
Casa das Cores

**Żvezja**
Förskolan Bispgården
Hansåkerskolan
Himlavalvets förskola
Humlans förskola(Mosippan)
Järåskolan
Kullsta skola
Skolbackens förskola
Smultronets förskola

# TEMA 1 Nsaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni

## Sottotema 1 Komunikazzjoni effettiva

**TOPIK 1**

Nisimgħu b'mod effettiv

**TOPIK 2**

Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni

**TOPIK 3**

Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw

## Sottotema 2 L-assertività

**TOPIK 1**

Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna

**TOPIK 2**

Naqbżu għad-drittijiet tagħna

**TOPIK 3**

Insolvu kunflitt b'mod assertiv

# SOTTO-TEMA 1
# Komunikazzjoni effettiva

**Il-komunikazzjoni ma tiqafx meta nibagħtu messaġġ u nirċievu r-risposta mingħand il-persuna li qegħdin nikkomunikaw magħha. Huwa importanti li l-messaġġ ikun ċar u li jinftiehem sew. Il-kontenut tal-komunikazzjoni reċiproka huwa mimli messaġġi fuq dak li l-parteċipanti fil-konverżazzjoni jaħsbu, iħossu u jixtiequ jgħidu. L-ewwel topik jittratta kif nistgħu nisimgħu b'mod effettiv u se jgħin lill-istudenti jsiru jafu, jifhmu u jaċċettaw lill-oħrajn. Din il-kapaċità hija diffiċli anke għall-adulti iżda hija importanti biex imbagħad nagħtu *feedback* u nesprimu empatija, li hija t-tema tat-tieni topik. L-empatija hija l-abilità li npoġġu lilna nfusna fis-sitwazzjoni ta' ħaddieħor u li nifhmu l-emozzjonijiet u l-pożizzjoni tal-persuna l-oħra. Hija kapaċità li tista' tiżviluppa b'iktar prattika u tgħin lit-tfal ikunu iktar reżiljenti. L-abilità li nagħtu *feedback* effettiv lil xi ħadd ieħor hija possibbli biss jekk naċċettaw u nippruvaw nifhmu lil xulxin, u jekk inkunu nixtiequ naqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xulxin. Meta nagħtu *feedback* mingħajr empatija nistgħu nwasslu għall-bidla fl-imġiba tal-persuna imma ma nkunux qegħdin ngħinu biex tinbena relazzjoni ta' rispett u fiduċja. It-tielet suġġett jibni fuq dan u jesplora kif l-istudenti jistgħu jsaħħu l-ħiliet tal-komunikazzjoni billi jinnegozjaw u jikkooperaw flimkien.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **NISIMGĦU B'MOD EFFETTIV** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | JIŻVILUPPAW SENSITTIVITÀ GĦAL VARJETÀ TA' ĦSEJJES MADWARHOM U JOQOGĦDU ATTENTI GĦAL DAK LI JISIMGĦU.<br>JOQOGĦDU ATTENTI GĦAL DAK LI QED JGĦID ĦADDIEĦOR.<br>JIFHMU X'QED TGĦID IL-PERSUNA L-OĦRA. |
| **TOPIK 2** | **NIFHMU L-EMOZZJONIJIET FIL-KOMUNIKAZZJONI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | JOSSERVAW U JSEMMU L-EMOZZJONIJIET BAŻIĊI MILL-ESPRESSJONIJIET TAL-WIĊĊ U L-LINGWAĠĠ TAL-ĠISEM.<br>JIRRISPONDU B'MOD SENSITTIV GĦALL-BŻONNIJIET TA' PERSUNI GĦADDEJJIN MINN DIFFIKULTÀ<br>JIFHMU KIF QED IĦOSSU ĦADDIEĦOR BILLI JOSSERVAW L-IMĠIBA MHUX VERBALI. |

| | |
|---|---|
| **TOPIK 3** | **NIKKOMUNIKAW L-IDEAT TAGĦNA; NIKKOOPERAW; NINNEGOZJAW** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | JIFHMU LI JISTA' JKUN HEMM AKTAR MINN RIŻULTAT WIEĦED GĦAL SITWAZZJONI PARTIKOLARI.<br>JIFHMU LI JISTGĦU JIBDLU IS-SEKWENZA TA' KIF ĠRAW L-AFFARIJIET BIEX KULĦADD IKUN KUNTENT BIR-RIŻULTAT.<br>JIFHMU LI L-KOOPERAZZJONI HIJA L-MOD TA' KIF ISOLVU PROBLEMA. |

# Għajnuniet għall-Għalliema

1. Oħloq 'rokna fejn nisimgħu' fil-klassi (tal-inqas għall-ġimagħtejn). Poġġi żewġ siġġijiet fir-rokna, u mmarka wieħed għal min se jitkellem u ieħor għal min se jisma'. Għall-bidu, mingħajr ma tgħid xejn, poġġi fuq wieħed mis-siġġijiet biex tħeġġeġ lill-istudenti jużaw l-opportunità biex jitkellmu u jisimgħu. Jista' jkun li t-tfal ma jkunux lesti jitkellmu meta nsaqsuhom aħna. Huwa importanti li jkunu jafu li aħna nkunu disponibbli biex nisimgħuhom f'ċertu ħin tal-ġurnata. Barra minn hekk, l-adulti jistgħu jkunu mudelli għall-istudenti u għalhekk hemm iktar ċans li t-tfal jitgħallmu jisimgħu meta jaraw lilna nagħmlu hekk. Jekk l-istudenti jkomplu jużaw ir-'rokna fejn nisimgħu' b'mod regolari, din tista' tibqa' fil-klassi. Tista' wkoll iżżid siġġijiet oħra: biex nagħtu u biex nirċievu; biex nagħtu u nirċievu tgħanniqa; u biex nfittxu u nagħtu parir. Imbagħad ir-rokna tista' tissejjaħ 'rokna fejn nagħtu u nirċievu'.

2. F'sitwazzjonijiet ta' kuljum, uża kull opportunità biex tfakkar lill-istudenti biex jisimgħu lil xulxin sew. Kun mudell ta' dan inti stess.

3. Oħloq 'Rokna ta' Reżiljenza' fil-klassi b'pupi jew stampi kbar ta' Żigu u Ċika. Agħmel pannell bi bwiet żgħar biex tpoġġi l-pupi żgħar ta' Żigu u Ċika u maskri għall-erba' emozzjonijiet bażiċi. L-istudenti jistgħu jieħdu l-pupi d-dar u jlibbsuhom. Il-pupi jistgħu jmorru fir-'rokna ġnien' biex jitkellmu. Jista' wkoll ikun hemm ordni ta' kif it-tfal jieħdu l-pupi d-dar fi tmiem il-ġimgħa jew f'okkażjonijiet oħra.

4. Meta jkun hemm nuqqas ta' empatija, l-istudenti jkollhom bżonn l-għajnuna biex jifhmu lill-oħrajn. Xi ħaġa li tgħinhom jaslu għal dan huwa li jiddeskrivu l-emozzjonijiet tagħhom.

5. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu tpenġijiet marbuta mat-tema u weħħilhom fil-klassi.

# TOPIK 1 Nisimgħu b'mod effettiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiżviluppaw sensittività għal varjetà ta' ħsejjes madwarhom u joqogħdu attenti għal dak li jisimgħu.

Joqogħdu attenti għal dak li qed jgħid ħaddieħor.

Jifhmu x'qed tgħid il-persuna l-oħra.

## Attività 1: Aqta' mill-ħoss!

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiżviluppaw sensittività għal varjetà ta' ħsejjes madwarhom u joqogħdu attenti għal dak li jisimgħu.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Noqgħod iktar attent u nosserva ħsejjes differenti.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pari ta' fliexken/vażetti żgħar mimlijin b'materjali differenti (boċċi żgħar tal-ħġieġ, ċagħaq, ramel, ross, muniti eċċ.), mużika li tirrappreżenta lil Ċika u Żigu, folja t'attività 'Aqta' mill-ħoss!'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Iddistingwi u agħraf żewġ ħsejjes differenti.

Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Għidilhom li għandek żewġ fliexken b'kontenut differenti: wieħed fih ir-ross u l-ieħor fih ir-ramel. Ħawwad l-ewwel flixkun imbagħad l-ieħor u staqsi lit-tfal x'jaħsbu li hemm f'kull flixkun. Imbagħad oqgħod bilwieqfa fin-nofs taċ-ċirku, u ċaqlaq il-fliexken l-oħrajn, wieħed wieħed. Staqsi lill-istudenti biex jaqtgħu x'hemm ġewwa l-fliexken.

3. Sib l-istess ħsejjes.

Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Poġġi l-fliexken fin-nofs taċ-ċirku. Erba' studenti jridu jsibu żewġ fliexken bl-istess kontenut. L-istudenti l-oħra jridu jikkonfermaw jekk l-oħrajn sabux l-istess kontenut jew le. Wara dan, l-istudenti li huma bilqiegħda jistgħu jagħlqu għajnejhom sakemm l-istudenti li kienu sabu l-ewwel par ta' fliexken jibdlu l-kontenut tal-fliexken għat-tieni grupp li jrid isib par ġdid.

4. Agħraf il-ħoss.

L-istudenti jpoġġu bilqiegħda f'ċirku. L-għalliema ċċaqlaq wieħed mill-fliexken u l-istudenti jridu jaqtgħu x'hemm ġewwa l-flixkun.

5. Iltaqa' ma' Ċika u Żigu.

"Issa isimgħu sew dawn il-ħsejjes". Doqq il-mużika. Ħoss wieħed jirrappreżenta lil Ċika l-qanfud u l-ħoss l-ieħor jirrappreżenta lil Żigu l-iskwiril. "Ejja nerġgħu nisimgħuha!" Erġa' doqq il-mużika u saqsi lill-istudenti, "Liema wieħed jista' jkun Żigu?". Doqq il-biċċa tal-mużika tal-flawt u staqsi, "X'qiegħed jagħmel bħalissa Żigu?" "Issa, ejja nisimgħu lil Ċika!" (il-kontrabaxx). "X'qiegħda tagħmel bħalissa Ċika?" Doqq il-biċċa mużika tal-flawt u l-kontrabaxx u staqsi lill-istudenti, "X'qed tisimgħu bħalissa? Taħsbu li ltaqgħu ma' xulxin? U x'inhuma jagħmlu?"

6. Saħħaħ l-idea li biex nisimgħu sew irridu noqogħdu attenti ħafna.



## *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jistgħu jagħmlu ċekċieka bil-ħoss li jixtiequ huma. Jistgħu jagħtuha lil tfal oħra tal-*kindergarten* jew jużawha għal xi logħba simili.

# AQTA' MILL-ĦOSS!

*Lill-ġenituri:*

*Mid-dar sibu kaxxa tal-metall li tista' tingħalaq sew. Użawha biex tilagħbu mat-tfal tagħkom; imluha b'affarijiet diversi li tistgħu ssibu f'darkom (per eżempju: ross, zokkor, fażola, ċagħaq, ħelu, eċċ.) It-tfal iridu jieħdu l-kaxxa, iħawduha u jippruvaw jaqtgħu x'hemm ġo fiha. Din il-logħba għandha tintlab f'silenzju totali. Jekk it-tfal jixtiequ, jistgħu jimlew il-kaxxa bil-moħbi, imbagħad intom taqtgħu x'hemm ġo fiha. Ikteb hawn isfel il-ħsejjes li t-tfal tiegħek għarfu mal-ewwel (++), dawk li ma qatgħux mal-ewwel (+/-) u dawk li tgħallmu jagħrfu waqt il-logħba (+).*

*Għinu lit-tfal jagħmlu ċekċieka biex joħduha magħhom l-iskola.*





# Attività 2: Aqta' mill-vuċi!

## L-Għan tat-Tagħlim

Joqogħdu attenti għal dak li qed jgħid ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Noqgħod iktar attent għal dak li qed jgħid ħaddieħor.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Biċċa drapp biex tgħatti għajnejn it-tfal, mużika li tirrappreżenta lil Ċika u Żigu, folja t'attività 'Aqta' mill-leħen!'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Uri l-istudenti diversi modi importanti kif aħna nisimgħu dak li qed jgħid ħaddieħor u enfasizza dawn il-punti diversi:

- Nirċievu messaġġ qasir;
- Ma ninterrompux lill-persuna l-oħra waqt li qed titkellem.
- Nikkonċentraw fuq x'qed tgħid il-persuna l-oħra.
- Nagħtu ftit *feedback* li jista' jkun verbali jew mhux verbali.

Staqsi lill-istudenti biex joqogħdu f'forma ta' ċirku. Għidilhom li se tilagħbu l-logħba "Vuċi" u li din il-logħba għandha bżonn tintlab f'silenzju perfett. Staqsi lil student wieħed biex ipoġġi fin-nofs taċ-ċirku u għattilu għajnejh b'biċċa drapp. Imxi madwar iċ-ċirku u miss spalla ta' student minnhom. Dan l-istudent irid jgħid xi ħaġa lill-istudent jew jgħajjat isem l-istudent fin-nofs taċ-ċirku. L-istudent fin-nofs taċ-ċirku jrid jaqta' min tkellem. Imbagħad l-istudent li għażilt int imissu jpoġġi

bilqiegħda fin-nofs taċ-ċirku u jaqta' min hu l-istudent li jmiss. Il-logħba tkompli sakemm it-tfal juru interess fiha.

3. Il-logħba tista' ssir aktar diffiċli jekk it-tifel magħżul jintroduċi lilu nnifsu bl-isem ta' xi student ieħor mill-klassi. Per eżempju: "Jiena Philip" (filwaqt li jismu Luke)... L-istudent li jkun qed jaqta' għandu jirrispondi: "Le. Inti mhux Philip, inti Luke".

4. Aqsam l-istudenti f'żewġ gruppi u għidilhom li ser taqsam magħhom storja qasira akkumpanjata mal-mużika. Grupp wieħed se jirrappreżentaw il-qniefed, u l-ieħor l-iskwirils.

Ibda rrakkonta l-istorja tiegħek billi tuża l-mużika tal-flawt fl-isfond:

"Ġurnata waħda Żigu mar jimxi madwar il-ġnien". Ħeġġeġ lill-"iskwirils" biex jimxu madwar il-kamra. "Ried jilgħab imma ma kien hemm ħadd fil-bitħa tal-ġnien. F'daqqa waħda sema' l-passi ta' xi ħadd ġej" Issa doqq il-mużika li tirrappreżenta lil Ċika (il-kontrabaxx). "Kienet Ċika, bil-mod miexja lejn il-bitħa." Ħeġġeġ lill-"qniefed" biex huma wkoll jiċċaqilqu madwar il-kamra. Doqq il-mużika tal-flawt u tal-kontrabaxx. "Ċika u Żigu ltaqgħu ma' xulxin." L-istudenti taż-żewġ gruppi għandhom jiltaqgħu u jsellmu lil xulxin bil-movimenti – l-ebda kliem huwa permess. "Huma ddeċidew li jilagħbu ftit. Qabżu u rromblaw madwar il-bitħa u lagħbu bil-ballun..." Fl-aħħar, doqq il-mużika tal-flawt, kontrabaxx u pjanu, waqt li tħeġġeġ lill-istudenti biex jagħmlu movimenti varji, xorta mingħajr ma jagħmlu ħsejjes. Għandhom jikkonċentraw fuq il-mużika u fuq il-movimenti tagħhom stess.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jilagħbu mat-tfal kif inhu deskritt fil-folja t'attività.

## AQTA' MILL-VUĊI!

*Lill-ġenituri:*

*Ipprovaw sibu dar tal-pupi, tinda jew skrivanija li tistgħu tgħattu b'liżar biex tilagħbu 'O dar ċkejkna, min jgħix ġo fik?' Staħbew ġod-dar. It-tfal iridu jistaqsu, "O dar ċkejkna, min jgħix ġo fik ?" Wara li tkunu smajtu l-mistoqsija, agħmlu ħoss (ta' baqra, żiemel, tiġieġa, ħanżir, għasfur, eċċ.). It-tfal iridu jaqtgħu liema annimal jgħix fid-dar.*

*Iktbu hawn isfel il-ħsejjes li t-tfal għarfu mal-ewwel (++), dawk li ma qatgħux mal-ewwel (+/-) u dawk li tgħallmu jagħrfu waqt il-logħba (+).*





# Attività 3: Isma' l-istorja tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu x'qed tgħid il-persuna l-oħra.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħti kas x'inhi tgħid il-persuna li qed titkellem.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *CD* b'melodiji qosra li jissimbolizzaw il-qanfud u l-skwiril (jinstabu fil-*USB stick*) u *CD player*, materjal tat-tpinġija – faħam tal-injam, karti twal (roll *wrapping paper* ħafif jew tqil), *fixative* (sprej tax-xagħar), folja t'attività 'Isma' l-istorja tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Uri l-istudenti d-differenza bejn *mgħaġġel* u *bil-mod* biċ-ċapċip, u bejn *għoli* u *kwiet* bil-vuċi. Doqq mużika mgħaġġla u oħra bil-mod ta' qanfud u skwiril. Ħeġġeġ lit-tfal biex jiċċaqilqu skont il-mużika. Imbagħad tkellem mal-istudenti dwar id-differenzi fil-ħin. Il-qanfud jimxi bil-mod u l-iskwiril jimxi mgħaġġel. Irrepeti l-proċedura billi ddoqq il-mużika għolja u dik kwieta. Aħna kif nitkellmu meta nkunu f'burdata differenti? Meta nitkellmu b'mod mgħaġġel, meta bil-mod, meta b'vuċi għolja, meta b'vuċi baxxa?

**Reċta bil-puppazzi**

***Ċika u Żigu jitkellmu mal-qamar***

<u>*Karattri:*</u>

Żigu

Ċika

Qamar

L-ewwel xena

*(Nieżla x-xemx fil-ġnien.)*

Ċika: tuffieħ, faqqiegħ, karrotti... gerrem wieħed, igdem ieħor, tomgħod it-tielet...

Żigu: Saħħa Ċika! Hawn jiena biex niekol! Ġibt il-ġellewż u l-lewż u – ħares 'l hawn, sibt il-karawett!

Ċika: Karawett?!

Żigu: Għandhom il-qoxra imma se nqaxxarhom u mbagħad flimkien nistgħu...

Ċika: (*Hi kieku tixtieq tiekol karawett imma għandha xi ħaġa oħra f'moħħha)*. Le, mhux se nagħmlu hekk.

Żigu: Dażgur li se nagħmlu hekk.

Ċika: M'għandix ħin għax...

Żigu: (Jipprepara l-ikel). U ejja Ċika, minn mindu m'għandekx ħin?! Ilbieraħ qattajt ġurnata sħiħa xxomm il-fjuri...

Ċika: Sejra sa ħdejn il-blata.

Żigu: Ok, jekk tixtieq, immorru sa ħdejn il-blata.

Ċika: Sejra waħdi!

Żigu: Tinkwetax, mhux se nħallik tmur waħdek.

Ċika: Għaliex mhux qed tismagħni?

Żigu: Qiegħed nisimgħek! Se mmorru sa ħdejn il-blata wara l-ikel. (*Jibda jiekol bl-għaġla u jitkellem b'ħalqu mimli ikel*). U rridu ngħaġġlu. Jiena smajt kollox.

Ċika: (*Tgħajjat ġo widnet Żigu).* Inti mhux sejjer ħdejn il-blata!

Żigu: Ċika, qed inħoss li għidtli xi ħaġa li ma rridx nisma'.

Ċika: Jekk xi darba żżomm ħalqek magħluq, forsi tisma' xi ħaġa!

Żigu: Jiena?! Jiena l-iktar wieħed li naf inżomm ħalqi magħluq. Ħares! (*Juri kif se jżomm ħalqu magħluq).*

Ċika: Irrovinajtli l-ħin tal-ikel.

Żigu: Illum għandek xi ħaġa differenti Ċika!

Ċika: Erġajt qed titkellem minflok tismagħni!

Żigu: Jien kwiet qiegħed!

Ċika: Irrovinajtli l-ħin tal-ikel. (*Tistenna biex jitkellem l-iskwiril iżda tieqaf).* Jiena għalhekk irrabjata miegħek. (*Terġa' tistenna ftit, issa diġà sorpriża bis-silenzju tal-iskwiril).* Vera qed iżżomm is-silenzju! (*Żigu jmejjel rasu u jagħmel ħafna movimenti iżda jibqa' kwiet).* Sewwa, mela jiena se ngħidlek kollox. Ilbieraħ filgħaxija, għaddejt minn taħt il-blata fejn, taf inti, kien hemm ħafna frott sabiħ. Il-qamar kbir kien għadu tiela'. Kien tond u isfar, u qisu beda jħares lejja ġentilment b'għajnejh.

(*Żigu wasal biex jgħid xi ħaġa iżda jiftakar li għandu jibqa' kwiet u jmejjel rasu biss*).

Ċika: Ma niftakarx kif sibt ruħi fuq il-blata. Il-qamar jidher fil-viċin ħafna hemmhekk. Imbagħad kellimtu!

Żigu: Impossibbli!

Ċika: Għidtlu "l-lejla t-tajba" u huwa wieġeb. Mid-distanza leħnu nstema' bħal qisu qniepen żgħar, bħal xita ħafifa fil-ħarifa, bħal taqtir tal-ilma ġol-baħar blu...

Żigu: Ħallini niġi miegħek illejla, nixtieq ħafna nisma' dak li smajt inti, ħafna, ħafna, ħafna…

<u>*It-tieni xena*</u>

(*Mużika. Ċika u Żigu mexjin lejn il-blata. Il-qamar qiegħed jitla' bil-mod u jidher tond u isfar.)*

<u>*It-tielet xena*</u>

(*Fuq il-blata, bħal fuq muntanja żgħira bil-qamar ogħla).*

*(Ċika u Żigu għadhom kif telgħu fuq il-blata. Sabu ruħhom bla nifs. Huma jpoġġu bilqiegħda.)*

Żigu *(bla nifs)*: Denbi mimli xewk. Dak il-ħaxix…

Ċika (*tinnota l-qamar u tibda titkellem bil-mod*): Ħares lejh!

Żigu (*għadu moħħu f'denbu):* M'hemm xejn agħar mix-xewk f'denbek!

Ċika (*iċċaqlaq saqajha):* Iskot!

Żigu: X'ġara?

Ċika: Ħares lejh!

Żigu (*mistgħaġeb*) Qisu ħawħa sabiħa...

Ċika: Kemm hu sabiħ…

Żigu: Insellmulu?

Ċika: Ejja nsellmulu flimkien.

Ċika u Żigu (*jitkellmu b'leħen għoli lejn il-qamar*): Il-lejla t-tajba, qamar.

Vuċi: Il-lejla t-tajba, il-lejla t-tajba.

Ċika: Ġejna biex inkellmuk.

Vuċi: Inkellmuk, inkellmuk...

Żigu: Qamar sabiħ, il-lejla t-tajba.

Vuċi: Il-lejla t-tajba, il-lejla t-tajba.

Ċika lil Żigu: O, kemm jiena ferħana! (*b'leħen għoli*) Qamar, inti meraviljuż!

Vuċi: Meraviljuż, meraviljuż…

Ċika: Jiena meraviljuża?

Vuċi: Meraviljuża… meraviljuża…

Ċika: Smajtu?

Żigu (*Mhux sodisfatt, jibda bil-mod, u jkompli jgħolli leħnu*): Qamar, ma tantx tafha lil Ċika. Xi kultant taqbżilha malajr...

Vuċi: Taqbżilha malajr, taqbżilha malajr, taqbżilha malajr...

Ċika: Issa x'għamilt? Għaliex trid tirrovina kollox?

Vuċi: Tirrovina… tirrovina…

Żigu (*F'daqqa waħda xi haġa tidher stramba)*: Hawn xi ħaġa stramba hawnhekk.

Ċika: Mhux stramba imma orribbli. (*Tgħajjat).* Orribbli!

Vuċi: Orribbli… orribbli…

Ċika: Qed tara, il-qamar jaqbel miegħi.

Żigu: Le, isma. Din stramba. Dan il-qamar tiegħek kemm qed jirrepeti x'qegħdin ngħidu aħna?

Ċika: Mhux vera!

Vuċi: Mhux vera … mhux vera.

Żigu: Qed tara, reġa' rrepeta warajk.

Ċika: X'irrepeta?

Vuċi: Irrepeta … Irrepeta…

Żigu: Ħares issa. (*Jgħajjat*) Frott, siġar, fjuri…

Vuċi: Frott, siġar, fjuri… frott, siġar, fjuri…Żigu: La la la la …

Vuċi: La la la la ... la la la la…

Ċika: Impossibbli – dak jiġifieri …

Żigu: Li l-qamar il-kbir mhux qed jitkellem magħna. Dan huwa sempliċiment eku.

Ċika: Qatt ma smajt il-kelma. Eku?

Żigu: Meta inti tgħajjat ġol-muntanji u l-vuċi tiegħek tiġi lura. Jgħidulu eku.

Ċika: U jien ħsibt li l-qamar il-kbir kien qed jirrispondini!

Żigu: Imma...forsi nistgħu nilagħbu ma' dak l-eku.

Ċika: Nilagħbu, kif?

Żigu (*Jgħajjat):* Ġnien, isma'!

Vuċi: Ġnien, isma' … ġnien, isma' …

Żigu: Ċika.

Vuċi: Ċika… Ċika…

Żigu: Il-lejla t-tajba.

Vuċi: Il-lejla t-tajba ... il-lejla t-tajba.Ċika: Sweet dreams...

Vuċi: *Sweet dreams... sweet dreams …*

*(Ċika u Żigu jidħqu. Id-daħq tagħhom huwa rifless lura fl-eku.)*

Ċika: Ejja ħa nneħħilek ix-xewk minn denbek.

Żigu: Aħħ, oqgħod attenta, iweġġgħu…

Ċika: Naf. Ikkalma ftit. Wieħed jonqos. Lesta.

Żigu: Ejja nistrieħu ftit. Sabiħ hawnhekk.

Ċika: Il-lejl it-tajjeb, ġnien!

Vuċi: Il-lejl it-tajjeb, ġnien. Il-lejl it-tajjeb, ġnien …

*(Jikkalmaw, ilestu biex jorqdu).*

Żigu: Ersaq ftit, qed toqrosni.

Ċika: U inti neħħi denbek minn ma' wiċċi, qed tagħraxni.

Żigu: Nerġgħu niġu għada biex nilagħbu mal-eku Ċika?

*(Ċika ma tirrispondix. Hija raqdet. Żigu jikkalma wkoll. Jieħu nifs fil-fond, idur darba, darbtejn u jorqod. Huma t-tnejn reqdin. Għal moment xejn ma ġara. Imbagħad il-qamar iqum, iteptep għajnejh, iħares lejhom u jitbissem b'mod ċar, bħal ma jagħmel is-soltu)*

Qamar: Reqdin. It-tnejn li huma.. Min jaf fuq xiex qed joħolmu! Forsi qed joħolmu li qed ikellmuni. Qed tara kif għandhom daħka fuq wiċċom fl-irqad tagħhom? Taf xiex – meta jitilgħu fuq il-blata għada biex jilagħbu bl-eku, se nwieġeb lura. Ara naqra x'sorpriża kbira se jkollhom! *(jitbissem).*

Mistoqsijiet:

- X'ġara fir-reċta?
- Liema karattri kienu qegħdin jitkellmu?
- Veru li kien qed jitkellem il-qamar?
- Tista' tiddeskrivi l-eku?

3. Spjega lill-istudenti li issa se jilagħbu l-logħba "Isma b'attenzjoni". Agħżel student biex jgħidlek storja qasira dwar l-esperjenza favorita tiegħu. L-istudenti l-oħra għandhom jisimgħu b'attenzjoni. Wara dan, wieħed mill-istudenti jrid jirrepeti dak li għadu kif sema'. It-tfal l-oħra jridu jżidu dak li l-istudent ma semmiex.

4. Stieden lill-istudenti biex ipenġu dak li semgħu fuq karta kbira (juru l-istorja).



### *Attività għad-Dar*

Id-dar it-tfal jistgħu jpenġu l-aktar esperjenza favorita tagħhom bil-mod li jixtiequ huma (jistgħu jużaw lapsijiet ikkuluriti, *markers*, żebgħa, eċċ.). L-għada t-tfal iġibu l-iskola dak li penġew id-dar. Tista' turi t-tpinġijiet lill-oħrajn u matul il-ġimgħa tħeġġeġ lill-istudenti biex jitkellmu dwar ix-xogħol tagħhom (tpinġija).

# ISMA' L-ISTORJA TIEGĦI




*Lill-ġenituri:*

*Tkellmu mat-tfal fuq waħda mill-esperjenzi favoriti tagħhom. Stiednu lit-tfal ipinġu l-esperjenza tagħhom hawn isfel (jistgħu jużaw il-materjal li jixtiequ huma: lapsijiet ikkuluriti, markers, żebgħa eċċ....)*





# TOPIK 2 Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Josservaw u jsemmu l-emozzjonijiet bażiċi milll-espressjonijiet tal-wiċċ u l-lingwaġġ tal-ġisem.

Jirrispondu b'mod sensittiv għall-bżonnijiet ta' persuni li jkunu għaddejjin minn diffikultà.

Jifhmu kif qed iħossu ħaddieħor billi josservaw l-imġiba mhux verbali.

## Attività 1: Erba' emozzjonijiet

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Josservaw u jsemmu l-emozzjonijiet bażiċi mill-espressjonijiet tal-wiċċ u l-linġwaġġ tal-ġisem.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf il-ferħ, id-dwejjaq, ir-rabja u l-biża' mill-espressjonijiet tal-wiċċ u l-lingwaġġ tal-ġisem.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ritratti jew stampi ta' persuni minn rivisti qodma (inkludi persuni li huma ta' razza differenti, persuni b'diżabilità, eċċ ), kolla, erba' pannelli biex twaħħal ir-ritratti jew l-istampi – kull pannell huwa mmarkat kif ġie miftiehem minn qabel mal-istudenti (e.ż. demgħa bħala simbolu għad-dwejjaq), folja t'attività 'Emozzjonijiet'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika kienet eċitata ħafna. Il-lejl ta' qabel bilkemm setgħet torqod u filgħodu qamet kmieni ħafna u staqsiet lil mamà tagħha biex teħodha l-iskola kemm jista' jkun malajr. Libset l-iktar libsa sabiħa li kellha u ppetnat x-xewk tagħha. Sa anke libset ċoff ġo xagħarha! Ommha ppakkjat ftit karrotti u ftit tuffieħ għall-iskola, li kien l-ikel favorit ta' Ċika. Kienet il-ġurnata tagħha – illum għalqet erba' snin! Waslet l-ewwel waħda l-iskola. Meta rat li ma kien hemm ħadd, bdiet tinkwieta li forsi sħabha ma kinux se jiġu. Ftit wara wasal Żigu. "Bonġu Ċika, bonġu Miss! Ċika, ejja mmorru nilagħbu", qal Żigu. Ċika ħarset lejh u qalet, "Ma rridx nilgħab", wieġbet Ċika. Żigu kien l-ikbar ħabib tagħha u xtaqet ħafna li jiftakar il-*birthday* tagħha u jixtiqilha '*happy birthday*'. "Jidher li nesa liema ġurnata hi llum", ħasbet Ċika bir-rabja. Poġġiet bilqiegħda waħedha fil-kantuniera tal-kamra, titkerrah u ssabbat saqajha. Imbagħad, sħabha tal-klassi bdew jaslu; kollha kellmuha imma l-ebda wieħed minnhom ma qalilha '*happy birthday*'. Ċika issa kellha d-dwejjaq... F'mument wieħed, l-għalliema staqsiet, "Tfal, tafu min għandu l-*birthday* illum?" It-tfal kollha għajtu, "Ċika!" Kulħadd inġabar madwar Ċika u beda jkanta '*Happy Birthday*'. Ċika kienet kuntenta ħafna. Indunat li l-ħbieb tagħha kienu qed jistennew lil kulħadd biex jasal ħalli mbagħad kulħadd ikun jista' jkanta f'daqqa. L-għalliema ħarġet il-karrotti u t-tuffieħ u daqqet ftit mużika ferrieħa li kulħadd beda jiżfen magħha.**

3. Staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu l-emozzjonijiet kollha ta' Ċika. Staqsihom biex jerġgħu jirrakkontaw l-istorja fil-qosor ħalli jiftakru li hi kienet inkwetata, imbagħad irrabjata u mdejqa u fl-aħħar kuntenta.

4. Uri l-erba' emozzjonijiet bażiċi billi tuża espressjonijiet tal-wiċċ u l-lingwaġġ tal-ġisem. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jipprovaw jaqtgħu l-emozzjonijiet li qed turi.

5. Agħti ċ-ċans lit-tfal biex wieħed wieħed jirreċtaw wieħed mill-emozzjonijiet sakemm it-tfal l-oħra jridu jaqtgħu l-emozzjoni.

6. Iddiskuti mat-tfal simbolu li jista' jirrappreżenta kull emozzjoni fuq il-pannell (per eżempju, demgħa bħala simbolu għad-dwejjaq). Imbagħad ikteb l-isem tal-emozzjoni.

7. Poġġi kaxxa li fiha r-ritratti jew l-istampi tal-uċuh fuq il-mejda. Student wieħed jaqbad ritratt/stampa, isemmi l-emozzjoni li juri, isaqsi lill-studenti l-oħra jekk jaqblux u mbagħad iwaħħal ir-ritratt fuq il-pannell. It-tieni tifel jagħmel l-istess. Ibqgħu sejrin hekk sakemm kulħadd ikollu ċ-ċans li jagħżel ritratt/stampa u jagħraf l-emozzjoni.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jistgħu jagħmlu l-erba’ maskri għall-erba’ emozzjonijiet bażiċi: ferħ, dwejjaq, rabja u biża’. L-istudenti għandhom iġibuhom l-iskola biex jużaw waħda minnhom minn żmien għall-ieħor biex juru l-emozzjonijiet tal-ħbieb tagħhom.

# ERBA' EMOZZJONIJIET

*Lill-ġenituri*

*Flimkien mat-tfal, agħmlu erba' maskri għall-erba' emozzjonijiet bażiċi: ferħ, dwejjaq, rabja u biża'. It-tfal għandhom joħduhom l-iskola biex jużaw waħda minnhom minn żmien għall-ieħor biex juru l-emozzjonijiet tal-ħbieb tagħhom.*





# Attività 2: Il-pupa tiegħi ma tiflaħx

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jirrispondu b'mod sensittiv għall-bżonnijiet ta' persuni li jkunu għaddejjin minn xi diffikultà.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Inpoġġi lili nnifsi fil-pożizzjoni tal-persuna li tkun għaddejja minn diffikultà u nirrispondi b'mod xieraq.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa:*

Pupa (jew *soft toy*) li l-istudenti jistgħu jġibu mid-dar; kowt tal-lobaratorju abjad u stetoskopju tat-tobba (ir-rwol tat-tabib jista jintlagħab mill-ġenituri, volontiera jew l-istudenti mediċi bħala parti mit-taħriġ tagħhom); preskrizzjonijiet tat-tabib; siġġijiet u rivisti fil-*waiting room*; materjali meħtieġa biex jagħmlu spiżerija; sodda zgħira għat-tarbija, saqqijiet jew sodod għall-pupi biex joħolqu sptar tal-pupi, folja t'attività 'Il-pupa tiegħi ma tiflaħx'.

Nota: Qabel ma tibda l-attività, ipprepara l-klassi bħallikieku qegħdin fi klinika jew sptar. Per eżempju, arma' *waiting room* bis-siġġijiet, ipprepara s-sodod għall-pupi, arma' rokna taparsi hemm spiżerija bil-mediċina, eċċ.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti li tobba se jiġu l-iskola. Staqsi lill-istudenti biex iġibu magħhom il-pupa jew *soft toy* favorit tagħhom u biex jiddeċiedu x'għandu/x'għandha ħażin sabiex it-tabib ikun jista' jinvistah/jinvistaha.

3. L-istudenti jżuru lit-tabib mal-pupa tagħhom u jistennew fil-*waiting room* għall-appunatment. Matul iż-żjara, l-istudenti jispjegaw fid-dettall dak li qed tħoss il-

pupa. It-tabib jeżamina l-pupa b'attenzjoni u jagħti istruzzjonijiet lit-tfal fuq x'għandhom jagħmlu biex jgħinu l-pupa tħossha aħjar.

4. L-istudent jisma' dak li jgħid it-tabib u mbagħad imur l-ispiżerija fejn jispjega x'għandha l-pupa. Hemmhekk irid jisma' l-ispiżjar jispjegalu kif tintuża l-mediċina jew jiġbor faxex u affarijiet oħra meħtieġa għall-kura.

5. Fl-aħħarnett , il-pupi jistgħu jistrieħu fis-sodod jew xi mkien ieħor komdu filwaqt li l-istudenti jieħdu ħsiebhom matul il-jum.



### Attività għad-Dar

It-tfal jieħdu l-pupa lura d-dar u jispjegaw lill-ġenituri dak li qal it-tabib u dak li jrid isir. Il-ġenituri għandhom iniżżlu dak li qalulhom it-tfal (kif propost fil-folja t'attività).

# Il-PUPA TIEGĦI MA TIFLAĦX

*Lill-ġenituri:*

*It-tfal ġabu d-dar pupa li kienet ma tiflaħx u marret s'għand it-tabib. Staqsi lit-tfal jispjegawlkom x'qal it-tabib dwar it-trattament tal-pupa. Hawn isfel niżżlu dak li qalulkom it-tfal.*





# Attività 3: Iż-żarbun ta' ħaddieħor

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu kif qed iħossu ħaddieħor billi josservaw l-imġiba mhux verbali.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nifhem kif qed iħossu ħaddieħor billi nosserva l-movimenti, il-pożizzjoni tal-ġisem u l-espressjoni tal-wiċċ.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Żraben u papoċċi differenti pprovduti mill-ġenituri, folja t'attività 'Iż-żarbun ta' ħaddieħor'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Kulħadd iqum bil-wieqfa u jimxi skont l-istruzzjonijiet:

Imxi qisek:

- għandek riġlejk marbutin b'faxxa
- sultan
- *cowboy*
- għandek iż-żarbun żgħir wisq
- għandek iż-żarbun kbir wisq
- miexi fuq il-ħaxix
- miexi fuq it-tajn
- miexi fuq il-ġebel
- miexi fuq ramel jaħraq
- miexi fl-ilma
- qed taqsam xmara

- xi ħadd kuntent
- xi ħadd imdejjaq
- xi ħadd beżgħan qed iġorr xi ħaġa tqila
- qed iġġorr kontenitur mimli bil-likwidu...

3. Imbagħad iddiskuti mat-tfal :

- Liema tip ta' mixja kienet interessanti?
- Liema tip ta' mixja kienet diffiċli?
- Kif taħseb li dhert waqt li kont qed timxi?

4. Il-logħba tista' tkompli billi kull student jilbes iż-żarbun ta' xi ħaddieħor (żraben ipprovduti mill-ġenituri). It-tfal iridu jqattgħu xi żmien fiż-żraben ta' xi ħadd, jimxu madwar il-kamra, u jilagħbu.

5. Fl-aħħar, saqsi lill-istudenti kif ħassewhom fiż-żarbun ta' xi ħaddieħor; ta' min kien iż-żarbun u dak li ħasbu dwar dik il-persuna. Fakkarhom fl-istorja ta' għeluq snin Ċika. L-istudenti għandhom jagħżlu min ħa jagħmel il-parti ta' Ċika u l-ħbieb tagħha f'reċta żgħira tal-istorja, u student wieħed għandu jerġa' jirrakkonta l-istorja.



### Attività għad-Dar

Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu xi mixjiet differenti id-dar (kif għamlu l-iskola) u biex isaqsu lill-ġenituri tagħhom jaqtgħu x'tip ta' mixja hi (per eżempju, mixja ta' ferħ, dwejjaq, rabja, mixja ta' tifel diżappuntat, ta' tifel muġugħ eċċ). L-istudenti se jieħdu d-dar lista b'diversi modi ta' mixi u l-ġenituri jridu jimmarkaw dawk li rnexxielhom jaqtgħu.

# IŻ-ŻARBUN TA' ĦADDIEĦOR

*Lill-ġenituri:*

*It-tfal se jurukom modi differenti ta' mixi, u intom tridu taqtgħu x'tip ta' mixja hi. Immarkaw dawk li rnexxielkom taqtgħu.*

Imxi bħallikieku:

- riġlejk huma marbutin b'faxxa
- Inti re jew reġina
- Inti *cowboy* jew *cowgirl*
- Għandek iż-żarbun żgħir wisq
- Għandek iż-żarbun kbir wisq
- Inti kuntent/a
- Inti mdejjaq/mdejqa
- Inti mbeżża'
- Qed iġġorr xi ħaġa tqila
- Qed iġġorr kontenitur mimli bil-likwidu

Imxi qisek qiegħed:

- Fuq it-tajn
- Fl-ilma
- Fuq il-ġebel
- Fuq ramel sħun





# TOPIK 3 Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jifmhu li jista' jkun hemm iktar minn riżultat wieħed għal sitwazzjoni partikolari.

Jifmhu li jistgħu jibdlu s-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet sabiex kulħadd ikun kuntent bir-riżultat.

Jifhmu li l-kooperazzjoni hija l-mod ta' kif isolvu problema.

## Attività 1: Stejjer ta' 'The Little Red Riding Hood'

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifmhu li jista' jkun hemm iktar minn riżultat wieħed għal sitwazzjoni partikolari.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li jista' jkun hemm riżultati differenti għall-istess sitwazzjoni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Palk għall-*puppet show*, pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' biex tittella' *puppet show* tal-istorja ta' '*The Little Red Riding Hood*', folja t'attività 'Stejjer ta' '*The Little Red Riding Hood*''.

Materjali: siġar, fjuri, dar tan-nanna.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn

2. Flimkien mat-tfal tella' puppet show tal-istorja "The Little Red Riding Hood": Ibda l-istorja billi tgħid "Darba waħda n-nannu ta' Ċika rrakkontalha storja..."

3. Wara l-ispettaklu, Ċika tistaqsi dawn il-mistoqsijiet li ġejjin lit-tfal:

- X'taħsbu dwar l-istorja?
- Min kien l-aktar karattru perikoluż fl-istorja?
- X'għoġobkom mill-istorja?
- X'ma għoġobkomx mill-istorja?
- Minn xiex bdejtu tibżgħu?
- Hemm xi ħaġa li tixtiequ tbiddlu mill-istorja?.

4. Irrepeti l-*puppet show*, iżda bi tmiem differenti - l-lupu wasal sad-dar tan-nanna u qalilha li kien bil-ġuħ. Hija stidnitu għall-ikel flimkien magħha u man-neputija tagħha li kienet ġejja bl-ikel. Red Riding Hood tiltaqa' ma' ġardinar fit-triq tagħha u jaslu flimkien b'basket mimli ikel. Wara l-ikla tajba, iżommu jdejn xulxin u jiżfnu flimkien.

5. Wara din il-verżjoni, staqsi lit-tfal liema waħda mill-istejjer li jippreferu.

6. Il-*props* jibqgħu fil-kamra u t-tfal jagħmlu reċta tal-istorja kif jixtiequ huma.



## Attività għad-Dar

Il-ġenituri jirrakkontaw waħda mill-istejjer favoriti tat-tfal b'mod differenti sabiex tispiċċa f'sitwazzjoni fejn kulħadd ikun kuntent bir-riżultat.

# STEJJER TA' 'THE LITTLE RED RIDING HOOD'

*Lill-ġenituri:*

*Irrakkontaw waħda mill-istejjer favoriti tat-tfal b'mod differenti sabiex tispiċċa f'sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd.*





# Attività 2: Storja bi tmiem differenti

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifmhu li jistgħu jibdlu s-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet sabiex kulħadd ikun kuntent bir-riżultat.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nibdel l-istorja biex kulħadd ikun kuntent bir-riżultat.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Palk għall-*puppet show*, pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' biex tittella' *puppet show* tal-istorja ta' '*Cinderella*', folja t'attività 'Storja mhux mitmuma'.

Materjali: dar b'*fireplace*, karozzin, kastell.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Ipprepara u uri *puppet show* tal-istorja ta' '*Cinderella*'. Ibda l-istorja billi tgħid "Darba waħda n-nanna ta' Żigu rrakkontatlu storja..."

3. Wara l-*puppet show*, Żigu jitkellem mal-istudenti dwar l-impressjoni tagħhom tal-istorja, isaqsihom x'għoġobhom l-aktar u dak li m'għoġobhomx u jekk jixtiqux jibdlu xi ħaġa. L-istudenti jistgħu jissuġġerixxu modi ta' kif l-istorja tista' tinbidel b'tali mod li tispiċċa b'mod favorevoli għall-karattri kollha (per eżempju, waħda mill-aħwa tista' ssellef waħda mill-ilbiesi tagħha lil Cinderella, oħra tista' tagħmillha xagħarha; l-aħwa jistgħu jmorru l-ballu flimkien jew l-omm tibgħat għal-karozzin biex jieħu lil Cinderella l-ballu... ).

4. Wara d-diskussjoni, l-istudenti jistgħu jagħżlu r-rwoli li jixtiequ u jirreċtaw l-istorja bit-tmiem differenti u b'soluzzjonijiet li l-karattri kollha jkunu kuntenti bihom.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jistgħu jibdlu t-tmiem ta' waħda mill-istejjer favoriti tagħhom u jpinġuhom mal-ġenituri tagħhom f'sitt stampi (bħal *cartoons*). Jistgħu jużaw l-folja t'attività ppreparata għal din l-attività .

# STORJA BI TMIEM DIFFERENTI

*Lill-ġenituri:*

*Irrakkonta lit-tfal waħda mill-istejjer favoriti tagħhom u mbagħad staqsihom joħolqu tmiem ġdid (flimkien miegħek). Pinġu flimkien l-istorja bit-tmiem differenti f'sitt istampi (bħal cartoons).*





# Attività 3: Kooperazzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu li l-kooperazzjoni hija l-mod ta’ kif isolvu problema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħdem b’mod iktar kollaborattiv ma’ sħabi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Żewġt ifliexken tal-ħġieġ b’għaxar tappijiet tas-sufra mwaħħlin fuq spag (kull tapp huwa mqabbad ma’ spaga; il-ħalq tal-flixkun jrid ikun wiesa’ biżżejjed biex ikun jista’ jinġibed tapp tas-sufra bil-mod), folja t’attività ‘Kooperazzjoni’.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b’attività ta’ Moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi f’żewġ gruppi (sa għaxar studenti f’kull grupp). It-tfal joqogħdu bil-wieqfa madwar il-flixkun u kull tifel jieħu naħa waħda tal-ispaga. (It-tappijiet huma kollha fil-flixkun waqt li l-ispag huwa barra). Staqsi lill-istudenti biex jibdew joħorġu t-tappijiet mill-flixkun meta tgħidilhom inti. L-ewwel prova hija test filwaqt li l-premju jmur għall-grupp li jirnexxilu joħrog t-tappijiet kollha fit-tieni prova. L-ewwel grupp li jirnexxielu jiftiehem kif se joħroġ it-tappijiet u jkun l-ewwel wieħed li jagħmel dan, jirbaħ. Jekk l-istudenti kollha jipprovaw joħorġu t-tappijiet f’daqqa mhux se jirnexxilhom peress li l-ħalq tal-flixkun huwa wiesa’ biss għal tapp wieħed. Huma meħtieġa jikkoordinaw u joħorġu t-tappijiet wieħed wieħed .

3. Imbagħad staqsi lill-istudenti x’għamlu fl-ewwel prova u x’kellhom jagħmlu biex isolvu l-problema.

4. Kull grupp jaqsam dak li tgħallem minn din il-logħba, jagħmel *poster* fuq dak li tgħallem u jdendlu f'post viżibbli.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jiddiskutu mal-ġenituri dwar problemi ta'kooperazzjoni magħhom jew ma' ħaddieħor u kif jistgħu jsolvuha.

# KOOPERAZZJONI

RIZORSI

*Lill-ġenituri:*

*Nixtiequ nkunu nafu dwar is-sitwazzjonijiet fejn it-tfal tagħkom ma jkunux iridu jikkooperaw u kif issolvu problemi bħal dawn fil-familji tagħkom.*





# SOTTO-Tema 2
# L-Assertività

**Li tkun assertiv tfisser li tkun determinat iżda mhux aggressiv, li tirrispetta lil ħaddieħor iżda mhux li toqgħod għal dak kollu li jgħid ħaddieħor. L-assertività tgħin lill-persuna tiddefendi lilha nnifisha mingħajr ma tweġġa' lil ħaddieħor. Tfal li huma assertivi jafu jieħdu pożizzjoni, jagħtu *feedback* lill-oħrajn fuq l-imġiba li ddejjaqhom, u jispjegaw il-bżonnijiet u x-xewqat tagħhom b'mod ċar, u jekk ikun hemm bżonn iktar minn darba. Huma kapaċi jgħidu LE, MA RRIDX, MA NISTAX, u jiddefendu l-pożizzjoni u l-integrità tagħhom mingħajr ma jweġġgħu u waqt li jifhmu l-persuna l-oħra. Fl-ewwel u t-tieni topik it-tfal se jkollhom l-opportunità jesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħhom u jieħdu pożizzjoni b'mod assertiv.**

**It-tfal ma jistax ikollhom opportunità jipprattikaw kif jasserixxu ruħhom jekk ma jkunux f'kunflitt reali jew immaġinarju fl-ambjent tagħhom. Hemm distinzjoni bejn kunflitti li t-tfal jidħlu fihom biex jissodisfaw xi bżonnijiet tagħhom u kunflitti li jseħħu għax tfal jew adulti oħra b'xi mod ma jirrispettawx l-integrità tat-tfal jew jagħmlu ħsara jew jipperikolaw l-affarijiet jew il-valuri tagħhom. Il-kuntest li fih it-tfal jistgħu jipprattikaw l-assertività għandu jappoġġja r-rispett tagħhom lejhom infushom, jippermetti li jistħu jibdlu l-fehma tagħhom, jagħtihom żmien biex jaħsbu u jneħħi minn fuqhom ir-responsabilità għall-imġiba u l-istat emozzjonali tal-adulti. Fin-nuqqas ta' imġiba assertiva, li tisma' u li tifhem lil ħaddieħor jinbidlu f'sottomissjoni u passività. Għall-kuntrarju, li tesprimi lilek innifsek u li tiġġieled għad-drittijiet tiegħek jirriskjaw li jinbidlu f'egoiżmu u insensittività jekk ma jkunux magħquda mal-karatteristika l-oħra li tmur magħhom – li tisma' u tifhem lill-oħrajn. L-aħħar topik fil-fatt jittratta r-riżoluzzjoni tal-kunflitt b'mod assertiv.**

| TOPIK 1 | NESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U L-BŻONNIJIET TAGĦNA |
|---|---|
| Għanijiet tat-Tagħlim | • JAGĦRFU U JSEMMU EMOZZJONIJIET BAŻIĊI.<br>• JAGĦRFU U JESPERIMENTAW KIF JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET B'METODI DIFFERENTI<br>• JAGĦRFU R-RABTA BEJN LI TESPRIMI L-EMOZZJONIJIET B'MOD VERBALI U B'MOD MHUX VERBALI |

| | |
|---|---|
| **TOPIK 2** | **NAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦNA** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JAPPREZZAW LI 'LE' HIJA RISPOSTA LI GĦANDHA TIĠI RRISPETTATA<br>• JUŻAW *I-MESSAGES* BIEX JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET<br>• JIRRISPETTAW LIL ĦADDIEĦOR ANKE META MA JAQBLUX MIEGĦU |
| **TOPIK 3** | **INSOLVU KUNFLITT B'MOD ASSERTIV** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIFHMU D-DIFFERENZA BEJN LINGWA LI TAĊĊETTA U LINGWA LI TINNEGA<br>• JIFHMU D-DIFFERENZA BEJN SITWAZZJONIJIET FEJN HEMM KUNFLITT U DAWK LI M'HEMMX<br>• JIDENTIFIKAW METODI VARJI TA' KIF ISOLVU KUNFLITT |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uri lill-istudenti mħabba bla kundizzjoni, u aċċettahom, b'mod li huwa addattat għall-età tagħhom.

2. Uri lill-istudenti l-limiti ta' mġiba permessa, fakkarhom fir-regoli, u ħeġġiġhom jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom b'mod addattat.

3. Faħħar l-imġiba assertiva tat-tfal.

4. Ipprovdi sitwazzjonijiet fejn l-istudenti jkollhom l-opportunità jipprattikaw imġiba assertiva.

5. Oħloq diskussjonijiet fuq l-emozzjonijiet u l-problemi tat-tfal u dak li jistennew.

6. Għin lill-istudenti jieħdu responsabbiltà tal-imġiba tagħhom.

# Topik 1 Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jagħrfu u jsemmu emozzjonijiet bażiċi.

Jagħrfu u jesperimentaw kif jesprimu l-emozzjonijiet b'metodi differenti.

Jagħrfu r-rabta bejn li tesprimi l-emozzjonijiet b'mod verbali u b'mod mhux verbali.

## Attività 1: Id-dinja tal-emozzjonijiet

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu u jsemmu emozzjonijiet bażiċi.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi Tmiem l-attività, jien ħa nkun kapaċi:*

Insemmi emozzjonijiet bażiċi (niket, biża', rabja, ferħ).

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti bit-tpinġijiet tal-qanfud u l-iskwiril; *biro*; *poster* kbir; karti tat-twaħħil; l-folja t'attività 'Id-Dinja tal-Emozzjonijiet'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu tal-pupazzi:

**Ħbiberija Ġdida**

**Żigu kien jgħix f'zokk tà siġra tal-ballut. Hu ma kienx iħobb joħroġ mid-dar, lanqas biex jara xi fjuri jew siġar sbieħ. Tabilħaqq, hu kien jibża' li taqa' xi ħaġa fuq rasu**

**u jweġġa' jekk joħroġ mid-dar. Hu kien jibża' li jintilef fi ġnien daqshekk kbir u ma jkunx jista' jsib triqtu lura lejn id-dar maħbuba tiegħu.**

**Ċika ma kinitx toqgħod 'il bogħod minn Żigu, qalb l-weraq tà siġra taż-żafżafa. Hi kienet toħrog timxi madwar id-dar tagħha tà spiss, però ma kinitx tmur 'il bogħod għaliex kif tinduna li kienet weħidha u ma kelliex ma min tilgħab, kienet tagħmel id-dwejjaq. Wara l-mixja, hi kienet tmur id-dar u tibda tibki.**

**Darba fost l-oħrajn, waqt li Ċika kienet qiegħda tibki, semgħet tpespisa ferrieħa. Kien għasfur żgħir kollu kuluri li kien qiegħed jaqbeż minn zokk tà siġra għall-ieħor. Ċika ġietha idea. "Nista' nagħmel festin u nagħmel iktar ħbieb. Hekk ma nkunx waħdi iktar".**

**Hija bdiet tiġbor il-frott tal-bosk u tqiegħed il-ġellewż, it-tuffieħ u ikel ieħor tajjeb ħafna fuq il-mejda. Hi bdiet tgħajjat lill-annimali tal-ġnien, "Skwiril, għasafar, friefet...ejjew għall-piknik tiegħi!"**

**Żigu semagħha tgħajjat. Ħareġ rasu mit-tieqa tad-dar tiegħu u qal, "Għażiża Ċika, is-soltu ma noħroġx mid-dar għax nibża' li jiġrili xi ħaġa. Imma llum ħa noħroġ għax nixtieq ħafna li narak."**

**Ċika rrispondiet, "Jien noħroġ nimxi kuljum imma dejjem waħdi nkun u meta mmur lura id-dar inħossni mdejqa. Jekk jogħġbok inżel minn fuq is-siġra ħalli nqattgħu iktar ħin flimkien u nagħmlu ħbieb ġodda."**

**Wara ftit, friefet, għasafar u kreaturi oħrajn tal-ġnien ingħaqdu ma' Żigu u Ċika. Huma qattgħu il-ġurnata kollha jilagħbu flimkien u jieħdu gost. Fl-aħħar, Ċika rringrazzjat lill-ħbieb il-ġodda tagħha.**

**Hija qalet, "Grazzi talli ġejtu! Kont imdejqa ħafna għax ma kellix ma' min nilgħab u kont waħdi. Kont qiegħda nibki l-ħin kollu u mmur norqod bid-dwejjaq". Żigu weġibha, "Għażiża Ċika jien kont imdejjaq ukoll. Kont inħares b' biża' kbira lejn dan il-ġnien kbir. Issa nista' ndur mal-ġnien u nieħu gost."**

**Minn dakinhar 'l hinn, Ċika u Żigu bdew iqattgħu iktar ħin flimkien u mal-ħbieb il-ġodda tagħhom.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min kien imdejjaq fl-istorja?
- Min kien imbeżża' fl-istorja ?
- X'ġaralhom Ċika u Żigu fl-aħħar tal-istorja?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'nagħmlu meta nkunu mdejqin?
- X'nagħmlu meta nkunu mbeżżа'?
- X'jiġri meta nesprimu l-emozzjonijiet tagħna?

5. Qassam l-istudenti f'erba' gruppi. Żewġ gruppi ser ikunu il-qniefed u t-tnejn l-oħra l-iskojjattli. Agħti *biro* u karta lil kull student bit-tpinġija skont il-grupp.

6. Kull grupp ser ipinġi l-annimal kif ikun jidher meta jkun imdejjaq, imbeżża', ferħan jew irrabjat (kull grupp għandu juża kulur differenti skont l-emozzjoni).

7. Uri it-tpinġijiet lill-istudenti u għid lill-istudenti biex jiffurmaw ċirku.

8. Saqsi lill-istudenti jekk ġieli ħassewx dawn l-emozzjonijiet u saqsihom x'inhuma l-affarijiet li jagħmluhom imdejqin, kuntenti, beżgħana jew rrabjati.

9. Agħlaq l-attività billi ssaqsi lill-istudenti biex ipinġu kif qegħdin iħossuhom fuq il-karti tat-twaħħil. It-tpinġijiet għandhom jitweħħlu fuq il-*poster* il-kbir biex ikun jista' jintwera fil-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Qassam il-*worksheets* u għid lill-istudenti biex, bl-għajnuna tal-ġenituri, ipinġu sitwazzjoni li għamlithom kuntenti dik il-ġurnata u biex iġibu it-tpinġija magħhom l-għada l-iskola. Dawn it-tpinġijiet għandhom jiġu eżebiti fil-klassi.

# ID-DINJA TAL-EMOZZJONIJIET




*Lill-ġenituri:*

*Għinu lit-tfal ipenġu sitwazzjoni li għamlithom kuntenti llum. Iddisskutu mat-tfal dawk l-affarijiet li jagħmluhom kuntenti.*





# Attività 2: Kif tħossok kieku...?

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu u jesperimentaw jesprimu l-emozzjonijiet b'metodi differenti.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien nkun kapaċi:*

Nagħraf u nipprova nesprimi l-emozzjonijiet b'metodi differenti

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Is-simboli tal-emozzjonijiet bażiċi (dwejjaq, ferħ, rabja, biża') li qiegħed jesprimu il-maskots Ċika u Żigu fit-tpinġija, folja t'attività 'Kif tħossok jekk...?', folja t'attività 'Kif tħossok jekk...issib ruħek f'pajjiż barrani?'.



## *Passi tal-Attività*

1. Poġġi il-maskots f' kull kantuniera tal-kamra sabiex l-emozzjonijiet li qiegħed jesprimu jkunu jidhru sew.

2. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

3. Aqra l-istorja tal-ewwel Attività lill-istudenti billi tuża il-pupazzi.

4. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jjirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min kien imdejjaq fl-istorja?
- Min kien imbeżża' fl-istorja?
- X'għamlu Ċika u Żigu biex saru kuntenti fl-aħħar?

5. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'nagħmlu meta nkunu mdejqin?
- X'nagħmlu meta nkunu mbeżża'?

- X'jiġri meta naqsmu l-emozzjonijiet tagħna ma ħaddieħor?

6. Saqsi lill-istudenti biex iħarsu lejn iż-żewġ maskots u jsemmu l-emozzjonijiet li qiegħed jesprimi kull maskot.

7. Għid lill-istudenti biex joqogħdu viċin il-maskot li qiegħed jesprimi l-emozzjoni li qegħdin iħossu huma.

8. Għid lill-istudenti li ser taqra sitwazzjonijiet differenti (mill-folja t'attività 'Kif tħossok jekk…') u l-istudenti jmorru ħdejn il-maskot skont x'emozzjoni li jħossu kieku jkunu f'dik is-sitwazzjoni.

9. Għid lill-istudenti biex jiffurmaw ċirku biex tintlagħab il-logħba '*Perform a feeling*'. Doqq id-diska, waqqafha u semmi l-emozzjoni. L-istudenti mbagħad jirreċtaw l-emozzjoni. Tista' turihom fejn ikun hemm bżonn, eżempju:

a. Ferħ – Jaqbżu u jċapċpu

b. Dwejjaq – Jinżlu kokka u taparsi jibku

c. Biża' – Iduru u jagħmlu ħsejjes tal-biża'

d. Rabja – Ixejru jdejhom bħal li kieku qegħdin ikeċċu lil xi ħadd.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jimmaġinaw li marru f'pajjiż barrani. Imbagħad ipinġu dak li jbeżżagħhom l-iktar u x'jagħmilhom kuntenti, irrabjati u mdejqin fuq l-folja t'attività provduta. Għid lill-istudenti biex iġibu l-iskola magħhom l-folja t'attività biex tiġi miżjuda fil-portafoll tagħhom.

# KIF TĦOSSOK KIEKU…?




Eżempji ta' mistoqsijiet:

- Immaġina li hemm tifel ġdid fil-klassi tiegħek. Inti tixtieq titolbu jilgħab miegħek, imma malajr tinduna li ma tistax tifhmu għax ġej minn pajjiż ieħor u ma jifhimx bil-Malti jew bl-Ingliż. Kieku kif tħossok?
- Immaġina li t-tpenġija tiegħek rebħet l-ewwel premju f'kompetizzjoni bejn tfal minn Malta u Għawdex. Dakinhar tasal id-dar u tara li hemm dlam ċappa d-dar. F'daqqa waħda xi ħadd jixgħel id-dawl u l-familja u l-ħbieb joħorġi u jgħajtu: '*Surprise! Prosit talli rbaħt!'* Kieku kif tħossok?
- Immaġina li mort fuq vjaġġ twil mal-ġenituri tiegħek f'pajjiż fejn qatt ma mort qabel. Tara ħanut sabiħ li jogħġbok. Tixtieq tidħol ġewwa imma ma tistax għax qiegħed f'siġġu tar-roti u bilfors trid titla' t-taraġ biex tidħol fil-ħanut. Kieku kif tħossok?
- Immaġina li fl-aħħar tas-sena ħadt premju talli kont l-aħjar plejer tal-futbol. Kieku kif tħossok?
- Immaġina li xtaqt tmur iċ-ċinema imma l-ġenituri tiegħek m'għandhomx flus biżżejjed biex jixtrulek biljett. Kieku kif tħossok?





# KIF TĦOSSOK KIEKU...ISSIB RUĦEK F'PAJJIŻ BARRANI?




*Lill-ġenituri: Għin lit-tifel/tifla ipinġi/tpinġa kif iħossu/tħossha jekk f'daqqa waħda jsib/issib ruħu/ha f'pajjiż barrani.*

**Minn xiex tibża' l-iktar?**

**X'jirrabjak?**





## X'jagħmlek imdejjaq?

## X'jagħmlek kuntent?

# Attività 3: Fejn jgħixu l-emozzjonijiet tiegħi?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu r-rabta bejn li tesprimi l-emozzjonijiet b'mod verbali u b'mod mhux verbali.

## Fi tmiem l-attività, jien nkun kapaċi:

Nifhem li hemm rabta bejn l-espressjonijiet verbali u nonverbali.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Fejn insib l-emozzjonijiet tiegħi?', *posters*, karti.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja tal-ewwel Attività lill-istudenti billi tuża il-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min kien imdejjaq fl-istorja?
- Min kien imbeżża' fl-istorja?
- X'għamlu Ċika u Żigu biex saru kuntenti fl-aħħar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'nagħmlu meta nkunu mdejqin?
- X'nagħmlu meta nkunu mbeżża'?
- X'jiġri meta naqsmu l-emozzjonijiet tagħna ma' ħaddieħor?

5. Agħżel student biex jimita waħda mill-emozzjonijiet mingħajr ma juża kliem. L-istudenti l-oħrajn iridu jaqtgħu l-emozzjoni. Saqsi lill-istudenti biex jidentifikaw

imġiba nonverbali li turi dwejjaq. Iktibhom fuq il-bord jew il-*poster*. Għamel l-istess għal kull emozzjoni u ħalli l-istudenti kollha jirreċtaw l-emozzjonijiet.

6. Fl-aħħar, saqsi lill-istudenti biex jagħżlu waħda mill-emozzjonijiet u jpinġu kif jesprimu din l-emozzjoni fuq karta.



## *Attività għad-Dar*

Waqt ix-xogħol tad-dar, il-ġenituri jistgħu jiddiskutu mat-tfal kif huma jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom. L-istudenti jistgħu jagħżlu emozzjoni u jpinġu kif jesprimuha l-ġenituri tagħhom (espressjoni nonverbali).

## FEJN JGĦIXU L-EMOZZJONIJIET TIEGĦI?







## KIF JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET IL-MAMÀ U L-PAPÀ?




*Lill-ġenituri:*

*Iddiskuti mat-tifel/tifla tiegħek kif turi ċertu emozzjonijiet b'imġiba nonverbali (bħal: rabja, dwejjaq, ferħ, eċitament). Saqsi lit-tifel/tifla tiegħek biex jagħżlu emozzjoni waħda u jpenġu lilek turi din l-emozzjoni (jiġifieri l-imġiba nonverbali tiegħek).*





# TOPIK 2 Naqbżu għad-drittijiet tagħna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Japprezzaw li 'LE' hija risposta li għandha tiġi rrispettata.

Jużaw *I-messages* biex jesprimu l-emozzjonijiet.

Jirrispettaw lil ħaddieħor anke jekk ma jaqblux miegħu.

## Attività 1: Kif tgħid le?

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li "LE" hija risposta li għandha tiġi rispettata.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nirrispetta lil ħaddieħor meta jgħiduli "LE".

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti tat-tpinġija, lapsijiet tal-kuluri.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Irrakkonta l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża il-pupazzi:

**Ċika tgħid 'LE'**

**Fl-iskola ta' Ċika, l-annimali kienu jħobbu jilagħbu noli. Meta jagħżlu min ħa jfittex lil min, l-annimali l-oħra kienu jagħżlu lil Ċika biex tfittex. Qatt ma kienu jħalluha tistaħba. Ċika kienet tħobb tistaħba imma kienet tibża' tgħid lill-annimali l-oħrajn. Darba fost l-oħrajn għamlet kuraġġ u qalet: "Le, ma rridx infittex illum. Dejjem jien infittex l-annimali l-oħra. Illum nixtieq nistaħba." L-annimali l-oħra kienu sorpriżi**

**bir-risposta ta' Ċika imma aċċettaw. Minn dakinhar 'l hemm, bdew iħallu lil Ċika tagħżel jekk tridx tistaħba jew le. Ċika ħassitha tajba li qalet 'le' meta l-ħbieb tagħha kienu qed jisfurzawha tagħmel xi ħaġa li ma tridx.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitkhom l-istorja?
- X'logħba kienu jħobbu jilagħbu l-annimali?
- Għalfejn Ċika qalet 'le'?

4. Imbagħad qabbel l-istorja mal-esperjenza tal-istudenti billi ssaqsi l-mistoqsijiet:

- Il-ħbieb ġieli jġiegħluk tagħmel xi ħaġa li ma tridx?
- Kif tħossok meta jiġri hekk?
- X'tista' tagħmel meta ssib ruħek f'din is-sitwazzjoni?

5. Saqsi lill-istudenti biex jiftakru f'sitwazzjoni fejn xi ħadd qalilhom LE. Saqsihom kif ħassewhom u x' għamlu.

6. Iddeskrivi is-sitwazzjoni li ġejja lill-istudenti (jew sitwazzjoni simili li hi familjari għalihom): **"**Żigu, l-iskwiril għandu ħabib li jħobb jilgħab ħafna. Dan il-ħin kollu jimbutta lil Żigu. Ġieli, meta jkun irid juri xi ħaġa interessanti lil Żigu, jaqbdu minn idejh u jiġbdu bis-saħħa mingħajr ma jagħti kas ta' Żigu. Ġieli jmur jiġri u jimbuttah minn wara biex jilgħab 'catch'. Darba fost l-oħrajn, waqt li Żigu kien ma Ċika, hu mar jiġri fuq Żigu waqt li beda jgħajjat u Żigu ddejjaq.

7. Saqsi lill-istudenti x'kienu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni. Tista' tgħinhom billi tgħidilhom dawn l-għażliet:

- Jiena ħa nimbuttah, noqorsu u niġbdu bis-saħħa biex jifhem.
- Meta jerġa' jagħmilha, ngħidlu: "Terġax, inħossni skomdu meta tagħmilli hekk". U spjega għaliex.
- Nipprova nevitah.

8. Saqsi lill-istudenti liem imġiba jippreferu. Agħmel enfasi fuq il-fatt li huwa OK li tgħid "LE" meta xi ħadd isaqsik biex tagħmel xi ħaga kontra qalbek.

9. Agħlaq l-attività billi tgħid lill-istudenti biex jgħajtu "Ieqaf! Ma rridx!", waqt li jużaw idejhom bħal li kieku qegħdin joħolqu spazzju bejnhom u bejn xi ħadd.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jiddiskutu mat-tfal sitwazzjoni fejn qalu "le" lil xulxin. Għalfejn kienet importanti din? L-istudenti jistgħu ipinġu waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet fuq l-folja t'attività.

# META GĦIDNA LE?




*Lill-ġenituri:*

*Il-ġenituri jiddiskutu mal-istudenti sitwazzjoni fejn qalu "le" lil xulxin. Għalfejn kienet importanti ir-rejazzjoni? L-istudenti jistgħu ipinġu waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet hawn taħt.*





# Attività 2: Differenti mill-oħrajn

## L-Għan tat-Tagħlim

Jużaw *I-messages* biex jesprimu l-emozzjonijiet.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nesprimi l-emozzjonijiet tiegħi mingħajr ma nweġġa' lil ħaddieħor.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Patches is not alone, after all' (poeżija ta' Vanja Kožić, bil-permess tal-awtur), folja t'attività 'Differenti minn xulxin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja tal-ewwel attività lill-istudenti billi tuża l-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirrflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitkom l-istorja?
- X'logħba kienu jħobbu jilagħbu l-annimali?
- Għalfejn Ċika qalet 'le'?
- Lil dawk li ma ħallewhiex tistaħba, x'qaltilhom Ċika?

4. Imbagħad qabbel l-istorja mal-esperjenza tal-istudenti billi ssaqsi l-mistoqsijiet:

- Il-ħbieb ġieli jġiegħluk tagħmel xi ħaġa li ma tridx ?
- Kif tħossok meta jiġri hekk?
- X'tagħmel meta jiġri hekk?
- X'tista' tagħmel meta ssib ruħek f'din is-sitwazzjoni?

5. Qassam l-istudenti f'pari u għidilhom iżommu idejn xulxin, imbgħad jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom lil xulxin.

6. Għid lill-istudenti biex jiffurmaw ċirku. Saqsihom dwar meta kellmu lil xulxin dwar l-emozzjonijiet tagħhom. Imbagħad aqra l-poeżija 'Patches is not alone, after all' lill-grupp kollu.

7. Qassam l-istudenti fi gruppi iżgħar u saqsihom biex jirreċtaw il-poeżija.

8. Saqsi lill-istudenti kif kienu jħossuhom kieku kienu Patches u kulħadd kien jipprova jevitah. Kif jesprimu l-emozzjonijiet lil ħaddieħor? Uża l-"I-messages" biex issib eżempju ta' x'jista' jgħid Patches lil ħaddieħor. Eżempju "Inħossni mdejjaq meta ma tkunux tridu tilagħbu miegħi għax nixtieq li tkunu l-ħbieb tiegħi".

9. Agħlaq l-attività billi tgħid lill-istudenti biex ipinġu lil Patches.



## *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u għid lill-istudenti biex ipinġu lil Patches u jgħidu l-istorja ta' Patches lill-ġenituri tagħhom. Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jiktbu kif iħossuhom meta jiġri xi ħaġa li ma jixtiqux, u x'jixtiequ minflok. L-istudenti jġibu t-tpinġijiet magħhom l-iskola biex jiġu eżebiti. It-tpinġija għandha tissemma' 'We are all Patches'.

# PATCHES IS NOT ALONE, AFTER ALL

Once upon a time there was a cat called Patches,
not the nicest one around.
His shabby and dappled coat
with many fleas did abound.

Other cats of that town
never let Patches join in their games.
They always called him Ratty, Smelly, Stinky
and many other nasty names.

One day, out of the blue,
a flea epidemic swept the town,
and turned each and every single cat
into a flea-infested rat.
Itchy cats scraped and rubbed
in a state of doom and gloom.
But then along came Patches
Lending a helping paw for their scratches.

Where to get an anti-flea shampoo
to him was well known.
So all the fleabags of the town

rushed to buy and soaked themselves to the bone.

Without the trace and the sound
the fleas disappeared, vanishing in the night
And all the cats were very clear about
who they have to thank for that.

They understood that making fun of Patches
just for being different was not right.
For their mean and unkind words
Made him cry almost every night.

Now the cats from our story know that
love for friends one should always show.
For we are all the same, and love is what we need
regardless of our fleas, colour and breed.

**Vanja Kožić**





# DIFFERENTI MILL-OĦRAJN

Patches:




*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal jaħsbu f'mod kif jesprimu ruħhom meta jiġri xi ħaga li ma jkunux jixtiequ li ġrat u xi jkunu jixtiequ li ġara' minflok. Ikteb dak li jkun intqal hawn:*

META__________________________________________________

INĦOSSNI_______________________________________________

NIXTIEQ LI ______________________________________________

__________________________________________________________





# Attività 3: Il-kelma importanti 'LE'

## L-Għan tat-Tagħlim

Jirrispettaw lil ħaddieħor anke jekk ma jaqblux miegħu

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Ngħid "le" b'mod xieraq.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Il-ktieb 'Kif tgħid "Le" ' (fl-appendiċi); *blindfolds*, folja t'attività 'Il-Kelma importanti "LE" '.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra il-ktieb 'Kif tgħid "Le" ' lill-grupp kollu. Wara kull sitwazzjoni li taqra, ħu pawża u saqsi lill-istudenti biex jirreċtawha.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġobkom il-ktieb?
- X' għoġobkom fih?

4. Imbagħad qabbel l-istorja mal-esperjenza tal-istudenti billi ssaqsi l-mistoqsijiet:

- Ġieli kont f'sitwazzjoni fejn ridt tgħid "le" lil xi ħadd imma ma kellekx il-kuraġġ?
- X'għamilt f'dik is-sitwazzjoni?
- Kif ħassejtek?

5. Qassam l-istudenti f'pari. Student minn kull par isaqsi mistoqsija lill-ieħor, u l-ieħor jirrispondi billi jgħid "Le, għax...". Wara numru ta' mistoqsijiet, l-istudenti jibdlu r-rwoli tagħhom.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jpinġu fuq il-folja t'attività, sitwazzjoni fejn iridu jgħidu "Le" lill-adulti. L-istudenti jġibu magħhom l-iskola l-folja t'attività biex tiġi miżjuda fil-portafoll tagħhom.

## IL-KELMA IMPORTANTI 'LE'

*Lill-ġenituri:*

*Għinu lit-tfal ipenġu sitwazzjoni fejn għandhom jgħidu 'Le' lill-adult. Iddiskutu mat-tfal kif nistgħu ngħidu 'le' bil-pulit u għalfejn hu importanti li ngħidu 'le' f'ċerti sitwazzjonijiet.*

_____________________________________________________________________
___





# TOPIK 3 Insolvu Kunflitt b'mod Assertiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jifhmu d-differenza bejn lingwa li taċċetta u lingwa li tinnega.

Jifhmu d-differenza bejn sitwazzjonijiet fejn hemm kunflitt u dawk fejn m'hemmx.

Jidentifikaw metodi varji ta' kif isolvu kunflitt.

## Attività 1: Żigu ġib ruħek sew!

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifhmu d-differenza bejn lingwa li taċċetta u lingwa li tinnega.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien nkun kapaċi:*

Nifhem id-differenza bejn lingwaġġ prudenti u dak le.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi, folja t'attività 'Tgħid jekk jogħġbok u grazzi.'



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu tà pupazz:

**Ċika, Żigu u s-siġra**

**Kienet ġurnata msaħħba; ix-xemx ma kinitx tidher wara s-sħab. Ċika and Żigu kienu qegħdin jimxu fil-ġnien meta semgħu vuċi stramba.**

**"Hello, Ċika and Żigu," qalet siġra.**

**''Min qiegħed ikellimna?'' Ċika and Żigu saqsew b'leħen wieħed.**

**''Inti, qanfud, kollok xewk! Għax ma tippettnax xagħrek? Għandek straġi, hemm." Irrispondiet is-siġra.**

**''E, inti qiegħed titkellem, siġra komuni bħal l-oħrajn. Għalfejn ma tarax il-fergħat tiegħek l-ewwel, jikbru bl-addoċċ!"qal Żigu biex jiddefendi lil Ċika.**

**''Tirrabjax, Żigu ta' wiċċu ikrah. Denbek għandu bżonn petnatura ukoll, jidher mill-bogħod li għandu bżonn!", qalet is-siġra.**

**"Ara min tkellem!'' irrispondiet Ċika, u żiedet, ''Il-qoxra tiegħek kollha tikmix u għandek toqba kbira u kera f'nofs iz-zokk aħrax tiegħek!''**

**''It-toqba qiegħda hemm biex jistaħba Żigu meta tagħmel ix-xita!'', irrispondiet is-siġra.**

**"U int id-difetti tiegħek jimlew basket kbir..."**

**U huma baqgħu sejrin jgħajru lil xulxin bid-difetti ta' xulxin.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara f'din l-istorja?
- B'liema mod kienu qegħdin ikellmu lil xulxin Ċika, Żigu u is-siġra?

4. Imbagħad qabbel l-istorja mal-esperjenza tal-istudenti billi ssaqsi l-mistoqsijiet:

- Ġieli titkellem b'dan il-mod?
- Kif tħossok meta xi ħadd jgħidlek li m'intix tajjeb?
- X'taħseb fuqek innifsek meta tisma' hekk?
- Tħobb tqatta' l-ħin ma' nies li jitkellmu hekk?
- Nistgħu nsolvu id-differenzi ta' bejnietna b'mod differenti?

5. Għid lill-istudenti biex jagħmlu ċirku u għidilhom li l-qanfud u l-iskwiril iltaqgħu

fil-ġnien. Għidilhom biex joqogħdu attenti għall-konversazzjoni tagħhom. Irreċta dan li ġej bil-pupazzi:

*Qanfud: "Hello, skwiril, il-ġurnata it-tajba."*

*L-skwiril ħares in-naħa l-oħra u ma rrispondix.*

Saqsi lill-istudenti biex jaħsbu x'seta' ġralu l-iskwiril. X'ngħidu meta xi ħadd jgħidilna l-ġurnata it-tajba? (Stenna ir-risposta tal-istudenti.)

Imbagħad kompli l-istorja:

*Qanfud: "Skwiril? Ma smajtnix? Għidtlek il-ġurnata it-tajba."*

*Skwiril: "Smajtek smajtek, imma kont għadni kif rajt ftit ġellewż u insejt nirrispondi."*

*Qanfud: "Jien ukoll rajt naqra ġellewż sakemm kont qiegħed nimxi fil-ġnien, fakkruni fik u ġibtlek ftit minnhom bħala rigal. Ħudhom."*

*L-iskwiril ma qal xejn u beda jiekol il-ġellewż.*

Waqqaf l-istorja u saqsi lill-istudenti: X'nesa jgħid l-iskwiril lill-qanfud? X'għandna ngħidu meta xi ħadd itina rigal?

Kompli l-istorja:

*Qanfud: "Hello, skwiril ma kontx edukat illum. Darb' oħra ma ntikx ġellewż. U ma rridx inqatta' iktar l-ħin miegħek meta ġġib ruħek b'dak il-mod."*

*Skwiril: "Skużani, qanfud, Għandi ħafna ġuħ illum u nsejt kif inġib ruħi b'mod edukat. Jekk jogħġbok tirrabjax miegħi. Tista' ġġibli ġellewż darb' oħra? Taf li nħobbhom ħafna u niddejjaq meta tkun irrabjat miegħi u meta niġġieldu."*

*Qanfud: "Darb' oħra ntik iktar ġellewż għax kont edukat. Ejja nduru dawra mal-ġnien u nfittxu iktar ġellewż!"*

*Skwiril: "Iva, iva! Forsi nsibu lanġasa għalik!"*

(Verżjoni adatta minn "A Girl and A Tree", storja ta' Mario Gavran, ippubblikata f' Novembru, 2006)

6. Saqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Kif indunajtu meta l-iskwiril ma ġabx ruħu sew?
- Kif indunajtu meta ġab ruħu sew?
- Kif irid iġib ruħu l-iskwiril biex il-qanfud itiħ iktar ġellewż?

- Għalfejn taħseb hekk?



### *Attività għad-Dar*

Għid lill-istudenti biex jużaw il-kliem maġiċi 'grazzi' u 'jekk jogħġbok' mal-ġenituri wara l-ħin tal-iskola u jiktbu kemm-il darba użawhom fuq il-folja t'attività.

## NGĦIDU JEKK JOGĦĠBOK U GRAZZI




*Lill-ġenituri:*

*Saqsi lit-tfal biex jużaw il-kliem grazzi u jekk jogħġbok mal-membri tal-familja wara l- ħin tal-iskola u biex jiktbu kemm-il darba użawhom hawn taħt.*





# Attività 2: Kunflitt jew kooperazzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu d-differenza bejn sitwazzjonijiet fejn hemm kunflitt u dawk fejn m'hemmx.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf id-differenza bejn qbil u kunflitt ta' opinjonijiet.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi, ballun, karta kbira li għandha siluwett fuqa, folja t'attività 'Kunflitt jew kooperazzjoni'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja tal-ewwel Attività lill-istudenti billi tuża il-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara fl-istorja?
- B'liema mod bdew ikellmu lil xulxin Ċika, Żigu u s-siġra?

4. Imbagħad qabbel l-istorja mal-esperjenza tal-istudenti billi issaqsi il-mistoqsijiet:

- Ġielu titkellmu b'dan il-mod?
- Kif tħossukom meta xi ħadd jgħidilkom li m'intomx tajbin?
- X'taħsbu fuqkom innfuskom meta jgħidulkom hekk?
- Tħobbu toqogħdu ma' tfal li jitkellmu b'dan il-mod?
- Nistgħu nsolvu il-problemi ta' bejnietna b'mod differenti?

5. Għid lill-istudenti biex jiffurmaw ċirku bilwieqfa. Ibda is-sentenza: "Jien nirrabja

meta...(ma nsibx ġugarell li nkun irrid nilgħab bih; ikolli nistenna ħafna...)". Spjegalhom li jridu jispiċċaw is-sentenzi meta xi ħadd iqassmilhom il-ballun, imbagħad iqassmu l-ballun lil xi ħadd ieħor. Il-logħba tispiċċa meta kulħadd ikun qal is-sentenza tiegħu jew meta l-istudenti ma jibgħux motivati.

6. Qassam l-istudenti f'pari u għidilhom jirreċtaw meta xi ħadd fil-klassi joħdilhom ġugarell u jkissruh.

7. Għid lill-istudenti biex jagħmlu ċirku. Poġġi l-karta tas-siluwett f'nofs iċ-ċirku. Saqsi lill-istudenti x'irreċtaw. Jekk irreċtaw imġiba aggressiva, ikteb ir-risposti madwar is-siluwett, jekk le, ikteb ir-risposti ġos-siluwett.

8. Jekk ma jkunx hemm biżejjed soluzzjonijiet biex issolvi kunflitt mingħajr vjolenza, saqsi lill-istudenti x'jistgħu jagħmlu biex jilħqu qbil ħalli ħadd ma jweġġa' jew jirrabja. Tista issaqsihom: "Tista' tgħid xi ħaġa oħra?, Tista' ssib soluzzjoni oħra?, Tista' ssaqsi lil xi ħadd adult għall-għajnuna?, Tista' ssaqsi għal iktar spjegazzjonijiet?, X'tista' tagħmel iktar?, Kif tista' ġġib ruħek?" Żid ir-risposti tagħhom fis-siluwett.

9. Saqsi lill-istudenti liema mġiba jippreferu u għinhom jifhmu li dak li hemm miktub fis-siluwett huwa tajjeb għax isolvi l-kunflitti mingħajr ma jweġġa' lil ħadd u jgħin biex ma jkunx hemm iktar kunflitti.

10. Agħlaq l-attività billi tfakkar lill-istudenti jġibu ruħhom bħall-imġiba li hemm fis-siluwett.



### *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u għid lill-istudenti jpinġu xena bl-għajnuna tal-ġenituri fejn kunflitt inbidel f'kooperazzjoni. Eżebixxi dawn it-tpinġijiet.

# KUNFLITT JEW KOOPERAZZJONI

*Lill-ġenituri:*

*Għin lit-tfa ipinġu sitwazzjoni fejn ikooperaw. Iddiskuti magħhom kif l-imġiba tajba tista' twassal għal kooperazzjoni u mhux kunflitt.*





# Attività 3: Nistgħu nsibu triq oħra!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw metodi varji ta' kif isolvu kunflitt.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nsib modi differenti kif insolvi kunflitt u nagħżel l-aħjar mod.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi, karti vojta, lapsijiet tal-kulur għal kull student, *flip-chart*, *biro*, folja t'attività 'Nistgħu nsibu triq oħra!'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu tà pupazz

**Tinko għandu idea brillanti!**

**Żigu kien qiegħed jilgħab il-futbol fil-bitħa. Kulħadd kien qiegħed jieħu gost jilgħab meta Tinko, skwiril ieħor, ġietu idea brillanti: "Qegħdin tarawha dik it-tieqa hemm fuq? Ejja naraw min għandu il-ħila jitla' sat-tieqa. L-ewwel wieħed li jasal ikun rebaħ." Uħud minnhom ħasbu li din kienet idea tajba, imma mhux Żigu. Żigu qalilhom: "Dik mhix idea tajba. Ħa ngħid lill-għalliem." Tinko beda jiżżuffjetta b'Żigu. Uħud mill-oħrajn komplew ma' Tinko. Żigu beda jibża' u jħossu skomdu. Hu ma setax jixxabbat biex jilħaq it-tieqa għax l-għalliem kien qallu biex ma jagħmilx hekk u għax ried ikompli jilgħab mal-ħbieb tiegħu.**

3. Saqsi lill-istudenti: "X'taħsbu li ġara wara?"

4. Qassam karti vojta u lapsijiet tal-kuluri u għid lill-istudenti biex ipinġu kif jaħsbu li spiċċat l-istorja.

5. Meta jlestu, kull student jgħid l-istorja tiegħu u l-istudenti l-oħra jikkummentaw fuq l-istejjer. Jekk l-istorja tkun tajba u kull annimal involut ikun kuntent, l-istudenti

jagħmlu sinjal li l-istorja tajba. Jekk l-istorja tkun ħażina u l-annimali ma jkunux kuntenti, l-istudenti jagħmlu sinjal li mhix tajba. Fuq *flip-chart*, ikteb "+" għal kull istorja tajba, u "-" għal kull storja ħażina.

6. Iddiskuti mal-istudenti l-aspetti li jagħmlu storja tajba u jekk humiex sodisfatti bin-numru ta' soluzzjonijiet. Ħeġġeġ l-istudenti jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom u jiddisskutu x'kienu jagħmlu kieku huma kienu Żigu. Qassam l-istudenti f'pari u għidilhom jidentifikaw tal-inqas regola waħda fuq kif tista' ssolvi kunflitt.



## Attività għad-Dar

L-istudenti għandhom jużaw din ir-regola biex isolvu kunflitt matul il-ġimgħa. Qassam il-folji t'attività u għidilhom biex flimkien mal-ġenituri, ipinġu sitwazzjoni fejn ir-regola kienet importanti biex issolvi kunflitt L-għada juru x'pinġew u t-tpinġijiet jidħlu fil-portafoll tagħhom.

## NISTGĦU NSIBU TRIQ OĦRA!




*Lill-ġenituri:*

*Għin lit-tfal ipinġu sitwazzjoni fejn huma wrew li hu importnati li nirrispettaw ir-regola biex nevitaw kunflitti. Iddiskuti magħhom għalfejn għandna bżonn ir-regoli fil-ħajja.*





***Checklist* għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ________________________________________<br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*cheklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 1 Insaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni***

| **1. INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI** | |
|---|---|
| **1.1. KOMUNIKAZZJONI EFFETTIVA** | Livell 0, 1, 2 jew 3 |
| **1.1.1. Nisimgħu b'mod effettiv** | |
| 1.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jiżviluppa sensittività għal varjetà ta' ħsejjes madwaru u joqgħod attent għal dak li jisma' | |
| 1.1.1.I. L-istudent kapaċi joqgħod attent għal dak li jgħid ħaddieħor | |
| 1.1.1.A. L-istudent kapaċi jifhem x'qed tgħid il-persuna l-oħra | |
| **1.1.2. Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni** | |
| 1.1.2.B. L-istudent kapaċi josserva u jsemmi l-emozzjonijiet bażiċi mill-espressjonijiet tal-wiċċ u l-lingwaġġ tal-ġisem | |
| 1.1.2.I. L-istudent kapaċi jirrispondi b'mod sensittiv għall-bżonnijiet ta' persuni li jkunu għaddejjin minn diffikultà | |
| 1.1.2.A. L-istudent kapaċi jifhem kif qed iħossu ħaddieħor billi josserva l-imġiba mhux verbali | |
| **1.1.3. Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw** | |
| 1.1.3.B. l-istudent kapaċi jifhem li jista' jkun hemm aktar minn riżultat wieħed għal sitwazzjoni partikolari | |
| 1.1.3.I. L-istudent kapaċi jibdel l-istorja biex kulħadd ikun kuntent bir-riżultat | |
| 1.1.3.A. L-istudent kapaċi jifhem li l-kooperazzjoni hija l-mod ta' kif isolvi problema | |
| **1.2. L-ASSERTIVITÀ** | |
| **1.2.1. Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna** | |
| 1.2.1.B. L-istudent kapaċi jagħraf u jsemmi emozzjonijiet bażiċi | |
| 1.2.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf u jipprova kif jesprimi l-emozzjonijiet | |

[1] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| b'metodi differenti | |
| 1.2.1.A. L-istudent kapaċi jagħraf ir-rabta bejn li tesprimi l-emozzjonijiet b'mod verbali u b'mod mhux verbali | |
| **1.2.2. Naqbżu għad-drittijiet tagħna** | |
| 1.2.2.B. L-istudent kapaċi japprezza li 'le' hija risposta li għandha tiġi rispettata | |
| 1.2.2.I. L-istudent kapaċi juża *I-messages* biex jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu | |
| 1.2.2.A. L-istudent kapaċi jirrispetta lil ħaddieħor anke meta ma jaqbilx miegħu | |
| **1.2.3. Insolvu kunflitt b'mod assertiv** | |
| 1.2.3.B. L-istudent kapaċi jifhem id-differenza bejn lingwa li taċċetta u lingwa li tinnega | |
| 1.2.3.I. L-istudent kapaċi jifhem id-differenza bejn sitwazzjonijiet fejn hemm kunflitt u dawk fejn m'hemmx | |
| 1.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika metodi varji ta' kif isolvi kunflitt | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:

Għanijiet għal titjib:

# TEMA 2 Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'Saħħithom

## Sottotema 1 Relazzjonijiet b'saħħithom

**TOPIK 1**

Nagħmlu u nżommu l-ħbieb

**TOPIK 2**

Imġiba prosoċjali

**TOPIK 3**

Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola

## Sottotema 2 Il-kooperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali

**TOPIK 1**

Naqsmu mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim

**TOPIK 2**

L-empatija

**TOPIK 3**

Imġiba etika, responsabbli u morali

# SOTTO-TEMA 1
# Relazzjonijiet b'saħħithom

**L-attivitajiet ta' din is-sottotema ġew iddisinjati biex jgħinu lit-tfal fl-iżvilupp ta' ħiliet prosoċjali sabiex joħolqu netwerk b'saħħtu ta' relazzjonijiet pożittivi. Huma jiffokaw fuq oqsma prinċipali bħal: nagħmlu u nsostnu ħbiberiji, infittxu u nipprovdu appoġġ, nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet, u klima tal-iskola inklusiva u ta' appoġġ. Ir-relazzjonijiet huma għajn importanti ħafna għall-*wellbeing* u s-saħħa tat-tfal billi jnaqqsu l-effetti tal-istress u jgħinuna negħlbu d-diffikultajiet. Tfal li huma kapaċi jibnu u jsostnu relazzjonijiet pożittivi jiżviluppaw ħiliet soċjali, jiksbu għarfien aħjar tagħhom innfushom u tal-oħrjan , u jfittxu u jużaw iktar appoġġ emozzjonali fi żminijiet ta' stress (Doll et al., 2004). Meta jkollhom dan l-appoġġ emozzjonali, it-tfal ikunu mħarsa mill-impatt negattiv ta' sitwazzjonijiet negattivi. Permezz ta' kommunikazzjoni pożittiva u appoġġ, it-tfal iħossuhom li huma maħbubin, imħarsa, li għandhom valur, u li huma parti minn komunità li tifhimhom u tagħtihom appoġġ.**

**L-ewwel topik jgħin lill-istudenti jirriflettu fuq il-valur tal-ħbiberija u jagħtihom l-opportunità jiżviluppaw u jikkonsolidaw strateġiji biex jibnu, isostnu u jipproteġu relazzjonijiet pożittivi mal-ħbieb u jegħlbu b'suċċess diffikultajiet li jpoġġu l-ħbiberija f'riskju. It-tieni topik jibni fuq l-iżvilupp ta' ħiliet fit-tfal biex ifittxu u jipprovdu appoġġ lil min ikun għaddej minn diffikultà. Fit-tielet topik, l-istudenti jitgħallmu japprezzaw, jafdaw u jħarsu lill-oħrajn f'relazzjoni reċiproka ta' appoġġ. Permezz ta' attivitajiet, tfal ikbar se jiżviluppaw il-kapaċità li japprezzaw u jirrispettaw id-differenzi individwali u kulturali. L-aħħar sezzjoni tat-tielet topik tiffkoka fuq il-kwalità tal-klima tal-iskola u tinkludi attivitajiet fuq il-ħolqien ta' klima tal-klassi mibnija fuq sens ta' fiduċja u għaqda.**

*NB. Ir-referenzi kollha jinstabu fil-Gwida għall-Għalliema*

| **TOPIK 1** | **NAGĦMLU U NŻOMMU L-ĦBIEB** |
|---|---|
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JAQSMU ESPERJENZI TA' META JKUNU MAL-ĦBIEB<br>• JIFHMU L-ESPERJENZA TA' META TĦOSS IN-NUQQAS TA' ĦABIB<br>• JIFHMU U JEGĦILBU D-DIFFIKULTAJIET LI JINQALGĦU |

| | |
|---|---|
| **TOPIK 2** | **IMĠIBA PROSOĊJALI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JAGĦRFU L-BŻONN TAGĦHOM LI JĦOSSUHOM SIGURI U KUNTENTI MAL-ĦBIEB<br>• JAGĦRFU MODI KIF JIRRINGRAZZJAW LIL ĦADDIEĦOR<br>• JIFHMU L-IMPORTANZA LI JITOLBU l-APPOĠĠ MINGĦAND ADULT |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIEĦDU ĦSIEB IR-RELAZZJONIJIET U L-KLIMA FL-ISKOLA**<br>• IĦOSSUHOM KUNFIDENTI LI JAFDAW LILL-ADULTI<br>• IKUNU KAPAĊI JIDENTIFIKAW X'JGĦINHOM IĦOSSUHOM SIGURI U PROTETTI<br>• JIFHMU LI GĦANDHOM IL-ĦILA LI JĦOSSUHOM MILQUGĦIN U SIGURI |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Il-kunflitt u n-nuqqas ta' ftehim huma parti inevitabbli tal-ħajja soċjali tat-tfal. Agħti t-tfal l-opportunità biex iħarsu u jsostnu l-ħbiberiji li għandhom. Jekk tinnota lil xi ħadd f'xi argument, agħtihom ċans jirranġaw is-sitwazzjoni. Organizza xi logħob fejn l-istudenti jistgħu jikkooperaw flimkien għal għan komuni.

2. Ikkrea klima ta' għożża u rispett fil-klassi billi taċċetta l-emozzjonijiet tat-tfal u turi emozzjonijiet pożittivi u ta' mħabba.

3. Waqt il-lezzjonijiet tal-arti, l-istudenti jistgħu jiddisinjaw ċertifikati biex jiċċelebraw xi għajnuna li osservaw li ngħatat ġewwa jew barra mill-klassi.

4. Ħeġġeġ l-istudenti biex japprezzaw lil ħaddieħor u jqisu li kulħadd għandu valur, u juru dan ma' sħabhom tal-klassi. Jistgħu, per eżempju, iċemplu lil xi ħadd jekk ikun ma jiflaħx, jagħmlu 'get well soon' card, jiċċelebraw għeluq snin xulxin, eċċ.

5. Kull xahar jistgħu jiġu organizzati laqgħat fejn tfal minn klassijiet ta' etajiet differenti jadmu flimkien fuq xi attivitajiet ta' *mentoring*. Student ikbar (*mentor*) jista' jingħaqad ma' student iżgħar (*mentee*) biex jiggwidah u jagħtih appoġġ. Dawn l-attivitajiet jgħinu wkoll fl-iżvilupp tal-ħiliet soċjali u emozzjonali fit-tfal.

# TOPIK 1 Nagħmlu u nżommu l-ħbieb

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jaqsmu esperjenzi ta' meta jkunu mal-ħbieb

Jifhmu l-esperjenza ta' meta tħoss in-nuqqas ta' ħabib

Jifhmu u jegħlbu d-diffikultajiet li jinqalgħu biex jagħmlu ħbieb ma' xi ħadd differenti minnhom

## Attività 1: Jien kuntent miegħek

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu esperjenzi ta' meta jkunu mal-ħbieb.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Napprezza kemm inkun iktar ferħan meta jkolli relazzjonijiet tajba ma' sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folji vojta, noti, kuluri jew *markers*, *poster*, folja t'attività 'Meta nkun mal-ħabib/a'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Fejn hu Żigu?**

**Ċika u Żigu kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien, jilagħbu u jiġru fil-foresta u jgħumu fl-għadira ta' ħdejn fejn kienu joqogħdu. Kull wara nofsinnhar kienu jiltaqgħu quddiem is-Sigra l-Kbira fuq l-Għolja l-Kbira. Dan kien il-post favurit tagħhom**

**għax minn hemm setgħu jaraw il-foresta kollha. Minn hemm setgħu jaraw ix-xmara għaddejja sserrep 'l isfel mal-wied, u meta jħarsu iktar attenti setgħu jaraw ħafna ħut u fkieren jgħumu fl-ilma. Kienu jagħmlu logħba ta' min kapaċi jgħodd l-ikbar numru ta' annimali ġol-ilma.**

**Darba waranofsinhar Ċika marret fejn is-Siġra l-Kbira imma ma setgħet tara lil Żigu mkien. Damet tistenna imma Żigu baqa' ma deherx. Ħarset lejn ix-xmara imma ma setgħet tara ebda annimal. Allura marret l-għadira, imma ma kenitx tieħu gost tgħum meta tkun weħidha.**

**Rat grupp ta' qniefed li kienu jgħixu fil-foresta u marret ħdejhom. Imma dawn meta resqet lejhom għamlu ta' birruħhom li ma rawhiex.**

**Rat xi wħud minnhom jitkellmu minn taħt l-ilsien u wieħed minnhom li kien riesaq lejha kien qiegħed jipponta lejha u jiddieħaq għax kellha xi xewk imkisser. Ċika bdiet tħossha differenti u mwarrba. Xtaqet tagħmel ħbieb ġodda imma dawk il-qniefed ma ridux jafu biha għax kellha ftit xewk imkisser. Ħassitha mdejqa. Bdiet tħoss iktar il-bżonn li tkun ma' Żigu. Dan kien il-veru ħabib tagħha u qatt ma kien jgħaddiha biż-żmien anke jekk kellha ftit xewk imkisser.**

**Qalbha sewda, Ċika qabdet triq oħra lejn id-dar. Waslet lura d-dar iktar kmieni mis-soltu għax ma kinitx taf x'taqbad tagħmel mingħajr Żigu.**

**Qabel ma raqdet, bdew jiġuha ħafna ħsebijiet: "Għalfejn ma ġiex Żigu illum? Stramba li ma ġie xejn." Qatt ma ħassitha daqshekk weħidha, qisu kien hemm xi ħaġa nieqsa.**

**L-għada Ċika reġgħet marret fejn is-Sigra l-Kbira u staġġħbet meta rat li Żigu kien diġà qiegħed hemm! Kemm ħadet gost tarah! Żigu skuża ruħu li ma kienx ġie l-jum ta' qabel għax ma kienx jiflaħ.**

**"Irrid ngħidlek Żigu, li l-bieraħ ma ħadtx gost fil-foresta mingħajrek. Immissjajtek wisq!" qaltlu Ċika.**

**"L-istess jien ukoll, Ċika. Ma ħadtx gost noqgħod id-dar mingħajrek. Veru mmissjajtek jien ukoll!" wieġeb Żigu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- Kif kienu jqattgħu ż-żmien flimkien Ċika u Żigu?
- Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx issib lil Żigu fejn is-Siġra l-Kbira?
- Għaliex ma kienx ġie Żigu ħdejn is-Siġra l-Kbira?
- Kif ħassitha Ċika meta rat lil Żigu mill-ġdid l-għada?

4. Tkellem fuq l-importanza tal-ħbieb u għid lill-istudenti jaħsbu fuq ħabib jew ħbieb li għandhom fil-klassi jew barra mill-klassi, u mbagħad staqsihom:

- Għandkom ħbieb?
- Min huma l-ħbieb tagħkhom?
- Il-ħbieb tagħkhom qegħdin l-iskola jew minn barra l-iskola?
- Kif tħossukhom meta tkunu tilagħbu mal-ħbieb?

5. L-istudenti imbgħad ipenġu lill-ħabib jew ħbieb tagħhom. Ħallihom jaqsmu ma' ħaddieħor it-tpinġijiet tagħhom jekk iridu.

6. Ħeġġeġ lill-istudenti joħorġu b'ideat (*brainstorming*) dwar l-affarijiet sbieħ li kienu jagħmu mal-ħbieb. Żomm nota tal-ideat kollha.

7. L-istudenti mbagħad jistgħu ipenġu affarijiet li jieħdu gost jagħmlu mal-ħbieb.

8. Iġbor it-tpenġijiet kollha fuq *poster*.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri x'jagħmlu meta jkunu mal-ħbieb tagħhom, biex jaqsmu magħhom l-esperjenzi ta' meta jkollok il-ħbieb u l-gost li tieħu magħhom. Imbagħad l-istudenti jistgħu jpenġu xi ħaġa li tolqothom.

# META NKUN MA' ĦABIBI/TI




*Lill-ġenituri: Għid lit-tfal x'tagħmlu meta tkunu mal-ħbieb tagħkhom. Għidulhom ipenġu xi ħaġa minnhom li mbagħad ikun jistgħu jaqsmu ma' sħabhom l-iskola.*





# Attività 2: Meta nħoss in-nuqqas ta' ħabib/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu l-esperjenza li tħoss in-nuqqas ta' ħabib/a.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nifhem kif inħossni meta nimmissja l-ħbieb.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folji vojta, kuluri jew *markers*, *poster*, folja ta' Attività 'Meta l-ġenituri jimmissjaw il-ħbieb'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- Kif kienu jqattgħu ż-żmien flimkien Ċika u Żigu?
- Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx issib lil Żigu fejn is-Siġra l-Kbira?
- Għaliex ma kienx ġie Żigu ħdejn is-Siġra l-Kbira?
- Kif ħassitha Ċika meta rat lil Żigu mill-ġdid l-għada?

4. Tkellem fuq l-importanza tal-ħbieb u għid lill-istudenti jaħsbu fuq ħabib jew ħbieb li għandhom fil-klassi jew barra mill-klassi u dwar l-affarijiet li jagħmlu flimkien.

5. Agħti ċans lill-istudenti jpenġu lill-ħabib jew ħbieb tagħhom fuq folja vojta u jaħsbu dwar xi karatteristika tajba taghhom biex jiddeskrivuhom. Ħalli dawk li

jixtiequ jaqsmu t-tpenġija tagħhom ma' sħabhom jagħmlu hekk u jaqsmu wkoll xi kwalitajiet sbieħ tagħhom.

6. Għid lill-istudenti jirriflettu fuq kif iħossuhom meta ma jkunux ma' xi ħbieb u jiftakru f'xi okkażjoni meta kienu weħidhom u mmissjaw il-ħbieb.

7. L-istudenti mbagħad jistgħu jpenġu l-esperjenza u jaqsmuha fi gruppi ta' tnejn.

8. Fl-aħħarnett l-istudenti jistgħu juru t-penġijeit tagħhom u jitkellmu dwar x'kien ġara u kif irnexxielhom jiffaċċjaw is-sitwazzjoni.

9. Iġbor l-ideat fuq *poster*.



### ***Attività għad-Dar***

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri tagħhom dwar x'kienu jagħmlu f'sitwazzjonijiet meta jħossu n-nuqqas tal-ħbieb, u l-istudenti mbagħad jagħmlu tpenġija ta' xi wħud minn dawn l-istrateġiji.

## META L-ĠENITURI JĦOSSU N-NUQQAS TAL-ĦBIEB




*Lill-ġenituri: Iddiskuti ma-tfal x'tagħmel meta tħoss in-nuqqas tal-ħbieb. Iddiskutu x'jistgħu jagħmlu huma d'din is-sitwazzjoni u għidilhom ipenġi xi waħda minn dawn l-istrateġiji.*





# Attività 3: Ix-xewk ta' Ċika

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu u jegħlbu d-diffikultajiet li jinqalgħu meta jagħmlu ħbieb ma' xi ħadd differenti minnhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naċċetta u nilqa' ħbieb ġodda anke meta jidhru differenti minni.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tas-swaba', folji vojta, krejons jew *markers*, *poster*, Folja ta' attività 'Diffikultajiet biex tagħmel il-ħbieb'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. Għid lill-istudenti jiddrammatizzaw l-istorja tal-attività.

4. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- Kif kienu jqattgħu ż-żmien flimkien Ċika u Żigu?
- Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx issib lil Żigu fejn is-Siġra l-Kbira?
- Għaliex ma kienx ġie Żigu ħdejn is-Siġra l-Kbira?
- Xi ġralha Ċika meta ltaqgħet mal-qniefed?
- Kif ġabu ruħhom ma' Ċika dawk il-qniefed? Għaliex?
- Taħseb li ġabu ruħhom *sew* ma' Ċika dawk il-qniefed? Għaliex?
- Kif ħassitha mbagħad Ċika? Għaliex?
- X'għamlet Ċika biex tħossha aħjar?

5. Staqsi lill-istudenti jekk qattx sabuhom f'sitwazzjoni bħal Ċika; agħtihom ċans jaqsmu l-esperjenzi. Staqsi lill-istudenti jekk qattx iltaqgħu ma' tifel jew tifla li ma kinux jafuh/a qabel, u li ma ridux jilagħbu miegħu/magħha, jew jekk qattx qagħdu jgħaddu lil xi ħadd biż-żmien bħalma għamlu l-qniefed lil Ċika.

6. Staqsi lill-istudenti jekk qatt iltaqgħu ma' xi ħadd li kien jidher 'differenti'. Iddiskuti l-idea tad-diversità. Isħaq fuq il-fatt li aħna nistgħu nkunu differenti f'ħaġa (eż. fil-kulur tal-ġilda jew fit-tul) imma nkunu bħal xulxin f'affarijiet oħra (eż. subien/bniet tal-istess età, bil-ġuħ jew bil-għatx ...), u li bħala persuni aħna kollha tajbin, huma x'inhuma d-differenzi.

7. Organizza reċta: għidilhom jimmġinaw li ġej tifel jew tifla ġdida fil-klassi u li jidher 'differenti' (eż. tifel b'diżabilità). Għid lill-istudenti jirreċaw l-istorja biex jgħinu lill-istudent il-ġdid iħossu milqugħ u kuntent ma' sħabu.

9. Wara, saqsi lill-istudenti:

- Kif taħsbu li ħassu l-istudent il-ġdid qabel ma għamel ħbieb ġodda?
- Kif taħsbu li ħassu l-istudent il-ġdid meta sab ħbieb ġodda?



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri jirrakkuntawlhom xi okkażjoni meta ħassewhom 'differenti' u sabuha diffiċli biex jagħmlu ħbieb ġodda. Il-ġenituri jistgħu jispejgaw kif ħassewhom u x'għamlu biex jippruvaw jirranġaw is-sitwazzjoni. L-istudenti jistgħhu ipenġu xi aspett ta' dawn is-sitwazzjonijiet.

## DIFFIKULTAJIET BIEX TAGĦMEL ĦBIEB




*Lill-ġenituri: Għid lit-tfal jekk qattx kellekx diffikultajiet tagħmel ħbieb ġodda għax ħassejtek 'differenti'. Fisser x'ġara, kif ħassejtek u x'ippruvajt tagħmel biex tirranġa s-sitwazzjoni. It-tfal imbagħad ipenġi xi aspett minn din il-ġrajja hawn:*

______________________________________________





# TOPIK 2 L-imġiba prosoċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jagħrfu l-bżonn li jħossuhom siguri u kuntenti mal-ħbieb

Jagħrfu modi kif jirringrazzjaw lil ħaddieħor

Jifhmu l-importanza li jitolbu l-appoġġ mingħand adult.

## Attività 1: Żigu għandu bżonn iħossu sikur u kuntent

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu l-bżonn li jħossuhom siguri u kuntenti mal-ħbieb.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf x'neħtieġ biex inħossni sigur u kuntent mal-ħbieb.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tas-swaba' jew tal-id, folji vojta, lapsijiet, u folja t'attività: 'Tfittxija għat-teżor'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba':

**Ġejja x-xitwa!**

**Jum wieħed fil-ħarifa, Żigu u l-familja kienu qed iduru għall-ikel biex jaħżnuh għax-xitwa li ġejja. F'dan iż-żmien l-iskwirils kollha kienu jiġbru ħafna ikel u jaħżnuh fil-bejta tagħhom taħt l-art biex imbagħad jikluh tul ix-xhur xitwin.**

**Kull sena l-ġenituri ta' Żigu kienu jimlew id-dar b'kull xorta ta' ikel biex matual ix-xitwa jkunu jistgħu joqogħdu għas-sħana.**

**Żigu kellu jsib ħafna ġandar, ġewż u ġellewż biex jeħodhom miegħu d-dar.**

**Dakinhar Żigu sab ġandra kbira ħafna. Tant kienet kbira li ma setax iġorrha waħdu.**

**Sejjaħ lil ommu u 'l missieru biex jgħinuh u ħaduha flimkien id-dar. Żigu kien kuntent li sab ġandra kbira daqshekk u ħa gost ukoll li seta' jeħodha d-dar bl-għajnuna t'ommu u missieru.**

**Irringrazzja lill-ġenituri tiegħu bil-qalb u qatta' l-bqija tal-ġurnata jpenġilhom stampa sabiħa tal-ġnien.**

3. Għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tagħmlilhom dawn il-mistoqsijiet:

- X'kellhom bżonn il-familja ta' Żigu biex iħossuhom tajjeb u siguri fix-xitwa?
- X'għamel Żigu biex jgħin lill-familja?
- X'għamel Żigu meta ma setax iġorr il-ġandra kbira waħdu?

4. Orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistedinhom isemmu ħwejjeġ li jgħinuhom iħossuhom siguri u kuntenti.

5. Agħtihom ċans ipenġu l-esperjenza tagħhom u jaqsmuha fi gruppi ta' tnejn.

6. Iddiskuti l-bżonnijiet tal-istudenti billi tistaqsihom dan li ġej:

- Kif tħossok meta ma tħossokx sigur?
- F'liema sitwazzjonijiet l-iktar li jkollok sens ta' sigurtà?
- X'jgħinek tħossok sigur?
- Hemm xi persuna speċali li tgħinek tħossok iktar sigur?



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri l-istudenti jistgħu jifittxu xi ħaġa li tagħtihom sens ta' sigurtà. Jistgħu jiddiskutu mal-ġenituri kif iħossuhom meta jkollhom jew ma jkollhomx dik il-ħaġa u għaliex. Jistgħu jġibu l-oġġett l-iskola biex juruh lill-għalliem/a u lil sħabhom u jisppjegawlhom għaliex dak l-oġġett jgħinhom iħossuhom siguri u kuntenti.

## TFITTXIJA GĦAT-TEŻOR




*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal ifittxu xi ħaġa li tagħtihom sens ta' sigurtà. Għaliex għażlu dak l-oġġett? Kif iħossuhom bih jew mingħajru? It-tfal jistgħu jieħdu l-oġġett magħhom l-iskola biex juruh lill-għalliem/a u lil sħabhom.*

______________________________________________





# Attività 2: Żigu jħossu grat ħafna

## L-għan tat-tagħlim

Jagħrfu modi kif jirringrazzjaw lil ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi

Nirringrazzja lil xi ħadd li għinni.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', folji vojta, *poster*, tixjus, magazijns, krejons, *markers*, kolla, imqassijiet, u l-folja t'attività 'Grazzi!'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tagħmlilhom dawn il-mistoqsijiet:

- X'kellhom bżonn il-familja ta' Żigu biex iħossuhom tajjeb u siguri fix-xitwa?
- X'għamel Żigu biex jgħin lill-familja?
- X'għamel Żigu meta ma setax iġorr il-ġandra kbira waħdu?

4. Orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom.

- Intom qatt tlabtu għajnjuna mingħand xi ħadd?
- Xi kwalità ta' għajnuna kellkom bżonn?
- Kif pattejtuha lil min għinkom?

5. Għin lill-istudenti jaħsbu dwar strateġiji li jistgħu jużaw biex jirringrazzjaw lil xi ħadd (eż. Jgħidu grazzi, jagħtu rigal, juru affezzjoni b'xi tgħanniqa ...)

6. Iġbor materjal differenti (folji, karti, magazijns, krejons, *markers*, kolla, imqassijiet) u għid lill-istudenti jagħmlu rigal ta' ringrazzjament lil xi persuna speċjali (eż. Nota jew kard ta' ringrazzjament, xi rigal magħmul mill-krafts ...) u jispjegaw għaliex għażlu li jirringrazzjaw lil dik il-persuna. Imbagħad jistgħu jagħtu verament ir-rigal lil dik il-persuna.



## Attività għad-Dar

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jistgħu jaħsbu f'xi persuna li kienet ta' għajnuna għalihom reċentament u jaħsbu f'modi kif jistgħu jirringrazzjawha. U jistgħu verament jirringrazzjawha b'xi mod.

## GRAZZI!




*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal jaħsbu f'xi ħadd li għenhom reċentament. Kif jistgħu jirringrazzjaw lil dik il-persuna? Jistgħu jagħmlu xi kard ta' ringrazzjament jew rigal bil-kraft u mbgħad jagħtuh lil dik il-persuna.*

---





# Attività 3: Żigu għandu bżonn iżjed għajnuna

## L-għan tat-tagħlim

Jifhmu l-importanza li jitolbu l-għajnuna mingħand adult.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nitlob l-għajnuna mingħand xi ħadd kbir meta jkolli bżonn.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', folji vojta, u folja t'attività 'Bl-għajnuna tiegħek!'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tagħmlilhom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif riedu jħossuhom sew l-famija ta' Żigu matul ix-xitwa?
- Għalfejn kellu bżonn iktar għajuna Żigu? Min għin lil Żigu? Kif ħassu Żigu meta rċieva l-għajnuna?

4. Imbagħad għin lill-istudenti jorbtu l-istorja mal-esperjenzi tagħhom billi tistaqsihom:

- Inti qatt sibt xi ħaġa diffiċli wisq biex tagħmilha waħdek? Imbagħad x'ġara? Tlabt għajnuna jew xorta għamiltha waħdek?
- Kif ħassejtek meta tlabt l-għajnuna? Meta għandna nfittxu l-għajnuna? Kif għandna nagħmlu biex ngħidu lil xi ħadd jgħinna?

5. Poġġi l-istudenti fi gruppi żgħar u għidilhom joħorġu b'ideat dwar f'liema affarijiet li jagħmlu l-iskola jkollhom bżonn l-għajnuna mingħand adult.

6. Ikteb l-ideat fuq folja karta.

7. Agħti ċans lill-istudenti fi gruppi ta' tnejn ipenġu l-ideat u juruhom lil sħabhom.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jagħmlu lista jew tpenġija ta' dawk l-affarijiet li jagħmlu d-dar li fihom ikollhom bżonn l-għajnuna tal-ġenituri jew ta' huthom.




## BL-GĦAJNUNA TIEGĦEK!

*Lill-ġenituri: Għid lit-tfal jagħmlu lista ta' dawk l-affarijiet li jagħmlu d-dar u li fihom ikollhom bżonn l-għajnuna tiegħek jew ta' xi ħaddiehor mill-familja. Jista' wkoll ipenġihom.*

______________________________________________





# TOPIK 3 Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Iħossuhom kunfidenti li jafdaw lill-adulti

Ikunu kapaċi jidentifikaw x'jgħinhom iħossuhom siguri u mħarsa

Jifhmu li għanhom il-ħila li jħossuhom milqugħin u siguri.

## Attività 1: Il-biża' ta' Turu

### *L-għan tat-tagħlim*

Iħossuhom kunfidenti li jafdaw lill-adulti.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nafda lill-kbar u nfittixhom meta nħossni skomdu/a.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Krejons, folji vojta, folja t'attività 'Nafda lill-familja tiegħi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba':

**Il-biża' ta' Turu**

**Fil-klassi ta' Ċika u Żigu kien hemm ħafna annimali. Meta jkunu l-iskola kienu joqogħdu flimkien fil-ġnien tar-raħal taħt zokk ta' siġra tal-ballut li kienet waqgħet snin qabel. Din kienet l-iskola tal-ġnien.**

**Turu kien wieħed mill-aħjar studenti tal-klassi. Dejjem attent għat-tagħlim u lest biex iwieġeb il-mistoqsijiet tal-għalliema. Imma jum wieħed Ċika rat lil Turu jġib ruħu b'mod stramb: deher għajjien ħafna u kien kważi rieqed il-jum kollu! Lanqas kien jaf iwieġeb anke mistoqsijiet ħfief, u l-għalliema qalet li kienet qed tinkwieta dwar Turu!**

**Ċika kienet sorpriża b'dan kollu. Marret ħdejh u staqsietu, "Turu, inti okej? Tidher għajjien ħafna; qed tħossok sew illum? Qed ninkwieta fuqek."**

**Kif kellmitu Ċika, wiċċ Turu nbidel. Donnu qabduh id-dwejjaq u beda jibki. "Qed inħossni mdejjaq ħafna," wieġeb Turu. "M'iniex qed norqod għax qed nibża' mid-dlam. Għax morna noqogħdu f'dar ġdida u ma nistax nara d-dawl tal-qamar kif kont narah qabel mill-kamra tas-sodda li kelli qabel. Inkun imwerwer bil-lejl."**

**Ċika għanqithu u għenitu jimsaħ id-dmugħ li niżel ma' ħaddejh. "Għax ma tkellimtx ma' xi ħadd fuq din il-ħaġa?"**

**"Bżajt nitkellem fuq din il-ħaġa għax stħajt ngħidha. Lanqas lill-ġenituri ma għidt!" qal Turu.**

**"Messek għidtilha lill-Miss għaliex indunat li m'intix f'siktek. Dik tifhmek u tkun tista' tgħinek!" fil-pront weġbitu Ċika.**

**Ċika mbagħad għenet lil Turu biex ikellem lill-għalliema. L-għalliema fehmet mill-ewwel il-biża' li kien qed iħoss Turu u riedet tħarsu mill-inkwiet. Qaltlu li l-aħjar tkellem lill-ġenituri tiegħu biex flimkien jgħinu lil Turu jsolvi din il-problema.**

**Turu ħassu ħafna aħjar u mar lura d-dar kuntent. U meta wasal id-dar sab li l-ġenituri tiegħu kienu diġà ħadu ħsiebu u fetħu tieqa kbira fil-kamra tas-sodda tiegħu biex bil-lejl ikun jista' jara d-dawl tal-qamar.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Kif ġab ruħu Turu jum wieħed fl-iskola?
- Għaliex indunat Ċika?
- Għalfejn kien qed iġib ruħu b'mod stramb Turu dakinhar?
- Għaliex ma qal lil ħadd Turu dwar il-problema li kellu?
- Kif ippruvat tgħinu Ċika?
- X'għamlet l-għalliema?
- X'sab Turu meta mar lura d-dar?

4. Għid lill-istudenti jiftakru f'xi okkażjoni meta kienu nkwetati fuq xi problema u kellhom bżonn l-għajnuna ta' adult imma beżgħu jitolbu l-għajnuna. Ħajjar lill-istudenti jaqsmu l-istejjer tagħhom billi jirrakkuntaw dawn il-punti:

- X'ġara?
- Kif ħassejtek?
- X'għamilt?
- Fl-aħħar mill-aħħar tlabt għajnuna? Mingħand min?
- Kif spiċċat il-biċċa?
- Kif ħassejtek wara?

5. Agħti ċans lill-istudenti jpenġu l-istejjer tagħhom; jistgħu jitqassmu fi gruppi ta' tnejn u mbagħad fil-grupp il-kbir.

6. Għalaq din l-attività billi tisħaq fuq l-importanza li tagħmel kuraġġ biex tgħid lill-adulti li taf, bħall-għalliema u ġenituri, meta jinqalagħlek xi nkwiet. Fl-istess ħin pero` qis li xi studenti ikollhom għalfejn u jixtiequ jgħidu li ma jistgħux jafdaw lil xi adult partikulari.



## *Attività għad-Dar*

Għid lill-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri ġrajjiet ta' meta xi membru tal-familja għen xi membru ieħor. Tkun forma ta' storja li mbagħad l-istudent/a jista' jpenġiha.

## NAFDA L-FAMILJA TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Iddiskuti mat-tfal xi ġrajja fil-familja meta xi ħadd talab l-għajnuna mingħand membru ieħor tal-familja. Għamlu l-ġrajja forma ta' rakkont li mbagħad it-tfal jistgħu jpenġu hawn taħt.*

__________________________________________________________





# Attività 2: Inħossni protett/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Ikunu kapaċi jgħarfu x'jgħinhom iħossuhom mħarsin u protetti.

## Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:

Nagħraf x'jgħini nħossni protett/a.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *posters*, krejons, folja t'attività 'Inħossni sigur u mħares'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' puġazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Kif ġab ruħu Turu jum wieħed fl-iskola?
- Għaliex indunat Ċika?
- Għalfejn kien qed iġib ruħu b'mod stramb Turu dak in-nhar?
- Għaliex ma qal lil ħadd Turu dwar il-problema li kellu?
- Kif ippruvat tgħinu Ċika?
- X'għamlet l-għalliema?
- X'sab Turu meta mar lura d-dar?

4. Għid lill-istudenti jiftakru f'xi okkażjoni meta kienu nkwetati fuq xi problema u kellhom bżonn l-għajnuna ta' adult imma beżgħu jitolbu l-għajnuna. Agħti ċans lill-istudenti jaqsmu l-istejjer tagħhom billi jirrakkuntaw dawn il-punti:

- X'ġara?
- Kif ħassejtek?
- X'għamilt?

- Fl-aħħar mill-aħħar tlabt għajnuna? Mingħand min?
- Kif spiċċat il-biċċa?
- Kif ħassejtek wara?

5. Għid lill-istudenti jpenġu nies jew affarijiet li jgħinuhom iħossuhom siguri u mħarsa. Imbagħad jistgħu jaqsmuhom ma' sħabhom.

6. Staqsihom:

- X'għandek bżonn biex tħossok sigur u mħares? Jiddiskutu fi gruppi żgħar.

7. Iġbor l-ideat fuq *poster*.

8. Agħlaq din l-attività billi tisħaq fuq l-importanza li tagħmel kuraġġ biex tgħid lill-adulti li taf, bħall-għalliema u ġenituri, meta jinqalagħlek xi nkwiet. Fl-istess ħin pero` qis li xi studenti ikollhom għalfejn u jixtiequ jgħidu li ma jistgħux jafdaw lil xi adult partikulari.



### *Attività għad-Dar*

Għid lill-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri xi ġrajja importanti fil-familja meta l-istudent ħassu/itha sigur/a u protett/a mill-familja.




## INĦOSSNI PROTETT/A

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal jiftakru f'xi ġrajja importanti għalihom meta ħassuhom mħarsa u protetti mill-familja. X'kien ġara? It-tfal jistgħu jpenġi din il-ġrajja hawn taħt.*

______________________________________________________





# Attività 3: X'għandi bżonn biex inħossni mħares u protett

## L-Għan tat-Tagħlim

Ikunu kapaċi jidentifikaw x'jgħinhom iħossuhom mħarsa u protetti.

## Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:

Nagħraf li r-relazzjonijiet mal-kbar li jagħtuni sens ta' sigurtà u wens.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *poster*, krejons, *markers*, lapsijiet, folja t'attività 'Ommi u missieri jħossuhom siguri u protetti'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Kif ġab ruħu Turu jum wieħed fl-iskola?
- Għaliex indunat Ċika?
- Għalfejn kien qed iġib ruħu b'mod stramb Turu dak in-nhar?
- Għaliex ma qal lil ħadd Turu dwar il-problema li kellu?
- Kif ippruvat tgħinu Ċika?
- X'għamlet l-għalliema?
- X'sab Turu meta mar lura d-dar?

4. Għid lill-istudenti jiftakru f'xi okkażjoni meta kienu nkwetati fuq xi problema u kellhom bżonn l-għajnuna ta' adult imma beżgħu jitolbu l-għajnuna. Għid lill-istudenti jaqsmu l-istejjer tagħhom billi jirrakkuntaw dawn il-punti:

- X'ġara?
- Kif ħassejtek?
- X'għamilt?

- Fl-aħħar mill-aħħar tlabt għajnuna? Mingħand min?
- Kif spiċċat il-biċċa?
- Kif ħassejtek wara?

5. L-istudenti jistgħu jaqsmu il-ġrajjiet tagħhom permezz ta' reċti. Fl-aħħar ta' kull reċta staqsihom:

- X'jgħinek tħossok imħares u protett?
- Tħossok protett fl-iskola? X'jista' jgħinek tħossok iktar protett?
- Tħossok protett id-dar? X'jista' jgħinek tħossok iktar protett?

7. Iġbor l-ideat fuq *poster*.

8. Agħlaq din l-attività billi tisħaq fuq l-importanza li tagħmel kuraġġ biex tgħid lill-adulti li taf, bħall-għalliema u ġenituri, meta jinqalagħlek xi nkwiet. Fl-istess ħin pero` qis li xi studenti ikollhom għalfejn u jixtiequ jgħidu li ma jistgħux jafdaw lil xi adult partikulari.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri ġrajja importanti meta ħassewhom imħarsa u protetti minn xi ħadd fil-familja.

# OMMI U MISSIERI JĦOSSUHOM PROTETTI

*Lill-ġenituri:*




*Għid lit-tfal xi ġrajja meta inti ħassejtek protett minn xi ħadd fil-familja. X'ġara? It-tfal jistgħu jpenġu l-ġrajja hawn taħt.*

______________________________________________





# SOTTO-TEMA 2
# Il-koperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali

**Din is-sottotema tikkonsisti fi tliet topiks ta' attivitajiet biex isaħħu l-kooperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali. L-ewwel topik ta' attivitajiet jipprovdi materjal biex ikunu żviluppati kapaċitajiet bħal li wieħed jistenna t-*turn* tiegħu, li naqsmu dak li jkollna mal-oħrajn, il-koperazzjoni u *team building*. Il-kollaborazzjoni bejn it-tfal taffettwa l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom u twassal għal attitudni pożittiva lejn l-oħrajn, iżjed rispett u kooperazzjoni, u *self-esteem* iktar pożittiv. L-attivitajiet huma ddisinjati b'tali mod li l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu flimkien b'mod kollaborattiv, jiddiskutu l-aħjar mod li jagħmlu biċċa xogħol, u jaċċertaw li kulħadd jipparteċipa b'mod attiv.**

**It-tieni topik joffri attivitajiet biex jgħinu lit-tfal jitgħallmu jagħrfu u japprezzaw il-motivi, l-imġiba, ix-xewqat u l-emozzjonijiet tal-oħrajn. L-empatija hija bażi essenzjali li permezz tagħha nibnu relazzjonijiet tajbin mal-oħrajn. L-empatija hija meħtieġa għall-imġiba soċjali u prosoċjali u tinfluwenza wkoll biex l-individwu jiġi aċċettat mill-oħrajn. It-tielet topik ta' attivitajiet għandu l-għan li jgħin lill-istudenti jirriflettu b'mod kritiku, jiddiskutu u jelaboraw soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet morali u etiċi (Gasser & Malti, 2012). L-istudenti jitgħallmu kif jifhmu l-perspettiva ta' xi ħadd ieħor permezz tal-kommunikazzjoni soċjali mal-oħrajn u billi jirrifilettu b'mod kritiku fuq l-argumenti morali u etiċi tagħhom infushom. Biex jipprattikaw imġiba etika u responsabbli, it-tfal għandhom bżonn iħarsu lil hinn minnhom infushom, u jiżviluppaw onestà intellettwali u emozzjonali, u rieda biex jidentifikaw u jikkonfrontaw il-vulnerabbiltajiet tagħhom biex jagħmlu t-tibdiliet meħtieġa fil-ħajja personali tagħhom (Staub & Vollhardt, 2008).**

**TOPIK 1**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

## NAQSMU MAL-OĦRAJN, NIKKOOPERAW, U NAĦDMU BĦALA TIM

- JIEĦDU T-*TURN* TAGĦHOM META JMISS LILHOM WAQT IL-LOGĦOB.
- JISPJEGAW L-IMPORTANZA LI WIEĦED JAQSAM MA' ĦADDIEĦOR.
- JIPPARTEĊIPAW F'XOGĦOL KOLLABORATTIV FUQ BIĊĊA ARTI KOLLETTIVA.

**TOPIK 2**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

## L-EMPATIJA

- JAGĦTU KAS TAL-PERSPETTIVA TA' ĦADDIEĦOR
- JISTAQSU KIF QED IĦOSSU ĦADDIEĦOR
- IKUNU LESTI LI JBIDDLU L-PERSPETTIVA TAGĦHOM

**TOPIK 3**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

## IMĠIBA ETIKA, RESPONSABBLI U MORALI

- IĠIBU RUĦHOM B'MOD POŻITTIV MAL-ANNIMALI
- IĠIBU RUĦHOM B'MOD RESPONSABBLI MA' ĦADDIEĦOR
- IĠIBU RUĦHOM B'MOD RESPONSABBLI MA' SĦABHOM ŻVANTAĠĠJATI JEW LI GĦANDHOM DIŻABILITÀ

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uża *cooperative learning* biex tiffaċilita x-xogħol tal-istudenti u oħloq gruppi żgħar biex tiżgura s-sehem ta' kulħadd f'biċċa xogħol kollettiva li tkun ippjanata minn qabel. Tista' torganizza attivitajiet ta' kooperazzjoni billi tagħti lil kull student rwol u biċċa xogħol partikolari.

2. Tista' tiżviluppa l-ħiliet tal-istudenti li jagħtu appoġġ lil tfal oħra billi tikkunsidra modi differenti ta' kif jistgħu jgħinu lill-oħrajn. It-tfal jistgħu jiddeskrivu u jiddiskutu episodji fejn għenu lil xi ħadd.

3. Ħeġġeġ lit-tfal jaqsmu dak li għandhom mal-oħrajn billi torganizza party biex tiċċelebraw xi ħaġa fejn it-tfal jaqsmu xi ikel u xi ħelu mal-oħrajn.

4. L-opportunità li jużaw l-istess żebgħa jew kolla waqt l-arts and crafts, speċjalment waqt is-snin bikrin, tgħin lit-tfal jifhmu aħjar kif għandna naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim.

5. Ħeġġeġ lit-tfal jagħtu *feedback* pożittiv lil xulxin; per eżempju fl-aħħar tal-ġurnata, jistgħu jsemmu xi ħaġa tajba li għamel student jew jirringrazzjaw student għal dak li għamel.

# TOPIK 1 Naqsmu mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jistennew sa meta jmiss lilhom waqt il-logħob.

Jispjegaw l-importanza li wieħed jaqsam ma' ħaddieħor.

Jipparteċipaw f'xogħol kollaborattiv fuq biċċa arti kollettiva

## Attività 1: Ċika ma tiflaħx tistenna

### *Għan tat-Tagħlim*

Jistennew sa meta jmiss lilhom waqt il-logħob.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:*

Niistenna meta jmiss lili waqt il-logħob.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', folji vojta, krejons, folji t'attività 'Nistenna sa meta jmiss lili' u 'Inqabbel l-annimali'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba':

**Marta u l-ħaġra maġika**

**Marta, in-nanna ta' Ċika, kienet se żżur id-dar ta' Ċika wara vjaġġ twil. Kienet tgħix 'il bogħod, fuq l-Għolja l-Kbira. Darba fis-sena kienet tinżel mill-għolja u żżur il-familja tagħha kollha li kienu jgħixu fil-wied.**

**Ċika tgħidx kemm kienet ferħana għax kienet taf li n-nanna dejjem kienet ġġib magħha xi rigali speċjali minn fuq l-għolja.**

**Meta waslet in-nanna, il-familja ta' Ċika kollha kienu lestew ikla kbira biex jiċċelbraw magħha.**

**"Għandi rigal speċjali għalik u għal oħtok," qalet n-nanna Marta lil Ċika. "Din ħaġra unika trasparenti. Jekk tħares lejn il-kampanja minn ġo fiha, tista' tara l-għelieqi kollha miksija bil-fjuri. Din hija l-ħaġra famuża tal-fjuri. Ilni nfittixha fuq l-għolja għal ħafna snin u fl-aħħar sibtha. Din ħaġra rari u prezzjuża ħafna. Ara li tieħu ħsiebha sewwa."**

**Ċika ħarġet idha biex tieħu l-ħaġra imma oħtha, Sandra, ħatfitha qabilha. Ċika rrabjat ftit għax xtaqet li tkun hi l-ewwel li tħares minn ġol-ħaġra speċjali. Allura ħatfet il-ħaġra minn id Sandra. Bdew jargumentaw u jaqbdu f'xulxin u l-ħaġra waqgħet fl-art, u waħda mill-kantunieri tagħha nkisret.**

**In-nanna Marta inkwetat u Ċika u Sandra ddispjaċihom ħafna. Huma kienu jafu li l-ħaġra messhom żammewha t-tnejn li huma, kull waħda tistenna l-waqt meta jmissha.**

**In-nanna Marta ġabret il-ħaġra mill-art. B'xorti tajba, kienet għadha taħdem u setgħet tara l-ghelieqi kollha miksija bil-fjuri.**

**Ċika and Sandra talbuha tiskużhom u fehmu li għandhom jagħtu ċans lil xulxin biex iżommu l-ħaġra skont meta jmisshom.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqshom:

- X'ġabitilhom in-nanna Marta lin-neputijiet tagħha?
- X'ġara meta n-nanna tat ir-rigal lil Ċika u Sandra?
- X'tgħallmu Ċika u Sandra minn dak li ġara?

4. Iddiskuti għaliex ir-rigal spiċċa mkisser. Staqsi lill-istudenti jekk kellhomx esperjenzi simili ta' meta l-affarijiet marru ħażin għax ma kkollaborawx flimkien.

5. Biex tgħin lill-istudenti jifhmu l-importanza li wieħed jistenna t-*turn* tiegħu, urihom l-logħba bil-karti tal-'Inqabbel l-annimali'. L-ewwel fissrilhom ir-regoli tal-logħba, u enfasizza l-importanza li wieħed jistenna t-*turn* tiegħu jew tagħha biex tagħżel il-karti. Il-karti jitpoġġew mazz fin-nofs. L-ewwel, kulħadd wara xulxin jiġbor karta waħda. Imbagħad, kulħadd meta jmissu, jiġbor żewġ karti u jara jekk hemmx

xi waħda bħal li għandu f'idejh. Jekk xi waħda mill-karti tkun bħal ta' jdejh jista' jżomm iż-żewġ karti; jekk le jpoġġihom lura u jistenna sa meta jerġa' jmissu.

6. Fl-aħħar tal-logħba staqsihom:

- Għoġbitkom il-logħba?
- Sibtuha tqila biex tistennew it-*turn* tagħkom?
- Hemm sitwazzjonijiet oħra fejn ikollok tistenna t-*turn* tiegħek biex tilgħab?

7. Iġbor l-ideat tal-istudenti fuq folja karta.

8. Għid lill-istudenti jagħmlu tpenġija ta' logħba fejn wieħed irid jistenna t-*turn* tiegħu/ha biex jilgħab.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jistgħu ifittxu xi gugarell jew logħba li tirrekjedi li wieħed jieħu *turn* wara xulxin. L-istudenti jispjegaw il-logħba lill-ġenuturi u jilagħbuha magħhom. Jistgħu wkoll ipenġu l-logħba.




## NISTENNA SA META JMISS LILI

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal jfittxu xi ġugarell jew logħba li tirrekjedi li wieħed irid jistenna t-turn tiegħu. Staqsihom jispjegaw ir-regoli tal-logħba u tistgħu tilagħbuha flimkien. Jistgħu wkoll jagħmlu tpenġija tal-logħba hawn taħt.*





## INQABBEL L-ANNIMALI











# Attività 2: Naqsmu flimkien il-ħaġra maġika

## L-Għan tat-Tagħlim

Jispjegaw l-importanza li wieħed jaqsam ma' ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:

Nispjega għaliex importanti li naqsam materjal u ġugarelli mal-oħrajn.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', folji vojta, *poster*, krejons, folja t'attività 'Naqsam, ma naqsamx'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- X'taħsbu dwar l-istorja?
- X'ġabitilhom in-nanna Marta lin-neputijiet tagħha?
- X'ġara meta n-nanna tat ir-rigal lil Ċika u Sandra?
- X'tagħllmu Ċika u Sandra minn dak li ġara?

4. Introduċi t-topik billi tistaqsi lill-istudenti:

Immaġina li rċevejt kaxxa kuluri sbieħ mingħand il-mamà li kien ilek tixtieq ikollok bħalhom. U tant inti ferħan/a bihom li tixtieq turihom lil sħabek u allura teħodhom miegħek l-iskola. Kif tħossok jekk ikollok taqsamhom ma' sħabek – ikun faċli jew diffiċli għalik? X'affarijiet (tajba) jistgħu jiġru jekk inti taqsam l-kuluri ġodda tiegħek ma' sħabek?

- X'affarijiet oħra hemm li tista' taqsamhom l-iskola? U d-dar?

5. Aqsam lill-istudenti fi gruppi żgħar u kull grupp jagħmel jew ipenġi xi ħaġa jew logħba differenti li wieħed jista' jaqsam ma' ħaddieħor.

6. Fl-aħħar għatihom ċans jaqsmu it-tpenġijat u staqsihom:

- Intom x'tifhmu meta ngħidu 'naqsmu ma' ħaddieħor'? Kif tħossok meta taqsam? X'hemm tajjeb meta wieħed jaqsam ma' ħaddieħor?

7. Iġbor l-ideat fuq *poster*.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jistgħu jiddiskutu dwar dawk l-affarijiet u l-logħob li jistgħu jaqsmu mal-oħrajn u dawk li ma tistax taqsam mal-oħrajn. Imbagħad jistgħu jpenġuhom fuq il-folja t'attività 'Naqsam, ma naqsamx'.

## NAQSAM/MA NAQSAMX




*Lill-ġenituri: Agħmel lista flimkien mat-tfal ta' affarijiet u logħob li jistgħu huma jistgħu jaqsmu mal-oħrajn u dawk li ma jistgħux. Imbagħad jistgħu ipenġuhom fuq dil-folja.*

---

**NAQSAM**

**MA NAQSAMX**





# Attività 3: Nibnu biċċa arti flimkien

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jipparteċipaw f'xogħol kollaborattiv fuq biċċa arti li titlob li jilagħbu u jaħdmu mal-oħrajn.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:*

Nilgħab u naħdem ma' ħaddieħor bħala parti minn tim.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *markers*, *poster*, folja t'attività 'Irrid nitgħallem naqsam ma' ħaddieħor ...'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzji tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Għoġbitkom l-istorja?
- X'ġabitilha n-nanna Marta lin-neputija tagħha?
- X'ġara meta n-nanna uriet ir-rigal lil Ċika u Sandra?
- X'nistgħu nitagħllmu minn din l-istorja?

4. Għid lill-istudenti joqogħdu bil-qiegħda f'forma ta' ċirku. Għidlilhom li llum se jaħdmu biċċa arti fi grupp flimkien.

5. Agħti *marker* lil kull student/a u poġġi *poster* fl-art fin-nofs taċ-ċirku. Kull student/a jingħata ftit ħin biss biex ipenġi xi ħaġa fuq il-*poster* u mbagħad jgħaddi l-*poster* lil student/a ieħor li ukoll jkollu ftit ħin biex iżid xi ħaġa ma' dak li jkun għamel ta' qablu. Il-*poster* jibqa' jdur maċ-ċirku sakemm l-istudenti kollha jkunu taw sehemhom fit-tpinġija.

6. Fl-aħħar staqsihom:

- Kif ħassejtukom tilagħbu din il-logħba?
- Kien faċli jew diffiċli tistennew it-*turn* tagħkom?
- Sibtuha bi tqila jew faċli biex iżżidu xi ħaġa ma’ dak li diġà kienu għamlu ta’ qabilkom?
- Tafu b’xi affarijiet, logħob jew attivitajiet oħra li biex tużahom jew tagħmilhom tridu taqsmu mal-oħrajn?

7. Iġbor l-ideat tal-istudenti kollha fuq *poster*.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri dwar oġġetti u logħob: 1) li jistgħu jaqsmu ma’ ħaddieħor; 2) li ma jistgħux jaqsmu ma’ ħaddieħor; 3) li għad iridu jitgħallmu kif jaqsmu ma’ ħaddieħor. Imbagħad jistgħu jpenġu dawn l-affarijiet fuq il-folja t’attività “Irrid nitgħallem naqsam”.

## IRRID NITGĦALLEM NAQSAM …




*Lill-ġenituri:Iddiskuti mat-tfal dwar oġġetti u logħob: 1) li jistgħu jaqsmu ma' ħaddieħor; 2) li ma jistgħux jaqsmu ma' ħaddieħor; 3) li għad iridu jitgħallmu kif jaqsmu ma' ħaddieħor. Imbagħad jistgħu jpenġu oġġett/logħba waħda minn dawn it-tliet tipi.*

______________________________________________

**NAQSAM**

**MA NAQSAMX**

**IRRID NITGĦ*ALLEM NAQSAM***





# TOPIK 2 L-empatija

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jagħtu kas tal-perspettiva ta' ħaddieħor.

Jistaqsu kif qed iħossu ħaddieħor.

Ikunu lesti li jbiddlu l-perspettiva tagħhom.

## Attività 1: Waqa' taħt l-art

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħtu kas tal-perspettiva ta' ħaddieħor.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din t'attività, inkun kapaċi:*

Nagħti kas kif taħsibha l-persuna l-oħra.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *poster*, folja t'attività 'Kieku kont għasfur, kont…'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba':

**Waqgħa taħt l-art**

**Darba, meta Ċika u Żigu kienu mixjin fil-ġnien, raw toqba kbira fl-art. Ċika ppruvat tavża lil Żigu:**

**"Żigu, attent għax malajr…" Imma qabel ma spiċċat is-sentenza Żigu kien diġà żelaq fil-ħofra.**

**"Int okej, Żigu?" staqsietu Ċika. "Jien okej, u inti jmissek tiġi hawn isfel ukoll biex tara x'hawn!" wieġeb Żigu.**

**Meta Ċika niżlet ġot-toqba baqgħet mistagħġba. Kienu sabu pajjiż in-nemel. Kien hemm ħafna mini, ikel u affarijiet oħra li jiġbru n-nemel.**

**"X'intom tagħmlu hawn? Għalfejn ġejtu hawn?" staqsiethom ir-Reġina tan-Nemel. "Ma neħdux pjaċir narawkom hawn. Aħna ma rridux barranin speċjalment jekk jiġu mid-dinja ta' fuq l-art!"**

**"Sinjura Reġina aħna bi żball waqajna hawn isfel, imma aħna nħobbu l-paċi. Aħna m'aħniex għedewwa tagħkom!" wieġbet Ċika.**

**"Għaliex ma jogħġbukomx dawk li jiġu mid-dinja ta' fuq l-art?" staqsa Żigu.**

**"Dawk tad-dinja ta' fuq l-art jaħsbu li n-nemel huma annimali żgħar li ma jiswew għal xejn. M'għandhomx rispett għalina. Aħna vera annimali żgħar, imma aħna ġentili, inħobbu s-sliem u nipproteġu pajjiżna taħt l-art biex inrabbu l-familji tagħna bħall-annimali l-oħra," spjegatilhom ir-Regina.**

**Ċika u Żigu kienu interessati f'dak li qaltilhom ir-Reġina tan-Nemel għax anke huma ma tantx kienu jagħtu kas tan-nemel! Bdew iħarsu madwarhom u stagħġbu kemm dawn kienu kapaċi jħaffru l-mini taħt l-art. Qatt ma kienu ħabblu moħħhom dwar kif in-nemel kienu jgħixu taħt l-art. Irringrazzjaw lir-Reġina u sellmulha. Fejn qabel lin-nemel kienu jaħsbuhom bla sens, issa raw li meta wieħed iħares lejn id-dinja bl-għajnejn ta' nemlu jew nemla tinduna li n-nemel huma krejaturi tal-għaġeb u kapaċi bħall-annimali l-oħra.**

3. Biex tgħin l-istudenti jifhmu l-istorja, organizza reċta tal-istorja fejn xi wħud jagħmlu l-parti tal-karattri prinċipali (Ċika, Żigu u r-Reġina tan-Nemel), u l-oħrajn jistgħu ikunu taparsi kollha nemel oħra.

4. Fl-aħħar tar-reċta għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Xi ġralu Żigu meta kien miexi fil-ġnien?
- Ma' min iltaqgħu Żigu u Ċika meta niżlu isfel fit-toqba?
- Għaliex ma' kinux jogħġbuha l-barranin lir-Reġina tan-Nemel?
- X'saru jafu Żigu u Ċika dwar in-nemel?

5. Għid lill-istudenti jimmaġinaw li huma nemel. Agħtihom ċans jilagħbu flimkien, taparsi nemel, u jiġru mal-klassi qishom nemel. Fl-aħħar tal-logħba, l-istudenti joqogħdu f'ċirku u jiddiskutu kif raw il-klassi milll-perspettiva tan-nemel.

6. Staqsihom:

- X'tgħalmu Żigu u Ċika minn din l-avventura?

7. Iġbor l-ideat fuq *poster*.



### Attività għad-Dar

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jimmaġinaw li huma xi għasfur u joqogħdu jaħsbu x'iridu jieklu, fejn jorqdu, fejn imorru u kif iduru 'l hawn u 'l hemm. Jistgħu jpenġu xi ideat fil-folja t'attività "Kieku kont għasfur, kont...".




## KIEKU KONT GĦASFUR  KONT….

*Lill-ġenituri: Ilgħab logħba mat-tfal fejn jimmaġinaw li huma xi għasfur u għinuhom billi tistaqsuhom: Issa xi trid tiekol? Fejn sejjer torqod? Kif tgħaddi l-ġurnata? ... Jistgħu jpenġu xi aspetti minn dawn hawn taħt.*

______________________________________________________________





# Attività 2: Bħan-nemel

## L-Għan tat-Tagħlim

Jistaqsu kif qed iħossu ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:

Nifhem kif qed iħossu ħaddieħor billi nistaqsih/a.

## Level

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *poster*, folja t'attività 'Darba waħda …'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Xi ġralu Żigu meta kien miexi fil-ġnien?
- Ma' min iltaqgħu Żigu u Ċika meta niżlu isfel fit-toqba?
- Għaliex ma' kinux jogħġbuha l-barranin lir-Reġina tan-Nemel?
- X'saru jafu Żigu u Ċika dwar in-nemel?

4. Għid lill-isudenti jinqasmu fi gruppi ta' tnejn. F'kull grupp student/a jagħmel muvimenti ta' nemlu/la u l-ieħor/ra tagħmel bħalu/ha. Wara ftit minuti, jibdlu r-rwoli. Fl-aħħar tal-logħba, jistaqsu lil xulxin kif ħassewhom bħala nemlu/a.

5. Wara, bl-istudenti kollha f'forma ta' ċirku, staqsihom:

- X'dehrilkom minn dil-logħba?
- Sibtuha faċli jew diffiċli biex tistaqsu u tisimgħu lill-persuna l-oħra tgħid kif ħassitha?
- Qatt staqsejt lil xi ħadd kif iħossu/tħossha?
- X'nitgħallmu minn din il-logħba?

6. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*.



## Attività għad-Dar

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jivvintaw storja qasira li l-protagonist tagħha jkun xi nemlu jew annimal ieħor, u jiddeskrivu kif jaħsibha u jħossu n-nemlu jew nemla jew l-annimal ieħor.






**DARBA WAĦDA…**

*Lill-ġenituri: Għid lit-tfal jivvintaw storja qasira li l-protagonist tagħha jkun xi nemlu jew annimal ieħor, u jiddeskrivu kif jaħsibha u jħossu n-nemlu jew nemla jew l-annimal ieħor. Imbagħad jistgħu jpenġi l-idea fuq din il-folja.*

______________________________________________________________





# Attività 3: Kieku kont nemlu/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Ikunu lesti li jbiddlu l-perspettiva tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:

Nara l-affarijiet minn lenti jew perspettiva differenti.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *poster*, folji t'attività 'Kieku kont nemlu/la', u 'Ġurnata fil-ħajja ta'…'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- Xi ġralu Żigu meta kien miexi fil-ġnien?
- Ma' min iltaqgħu Żigu u Ċika meta niżlu isfel fit-toqba?
- Għaliex ma' kinux jogħġbuha l-barranin lir-Reġina tan-Nemel?
- Kif ħassitha r-Reġina tan-Nemel fil-bidu meta rat lil Ċika u Żigu jinżlu fit-toqba?

4. Għid lill-isudenti jinqasmu fi gruppi ta' tnejn. F'kull grupp student/a jagħmel muvimenti ta' nemlu/la u l-ieħor/ra tagħmel bħalu/ha. Wara ftit minuti jaqilbu r-rwoli.

5. Wara, staqsi lill-istudenti:

- X'dehrilkom minn dil-logħba?

- Sibtuha faċli jew diffiċli biex tistaqsu u tisimgħu lill-persuna l-oħra tgħid kif ħassitha?
- X'tgħallimtu minn din il-logħba?

6. Iġbor l-ideat fuq *poster*.

7. F-aħħar tal-logħba, bl-istudenti forma ta' ċirku, għidilhom jimmaġinaw kif jaraw id-dinja kieku kienu nemel.

7. Għidilhom ipenġu l-ħsebijiet tagħom fuq il-folja "Kieku kont nemlu/la". Għinhom iħarsu lejn id-dinja mill-perspettiva tan-nemel. Imbagħad jistgħu jaqsmu it-tpenġijiet tagħhom l-ewwel f'pari u mbagħad mal-klassi kollha.



## Attività għad-Dar

Mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jimmaġinaw li huma stess huma l-ġenituri u jirrakkontaw ġenitur x'irid jagħmel kuljum u jgħidu wkoll xi ħsibijiet u emozzjonijiet ikollu. Imbagħad jużaw il-folja t'attività "Ġurnata fil-ħajja ta' …" u jpenġu erba' azzjonijiet li jagħmlu l-ġenituri ta' kuljum.

# KIEKU KONT NEMLU/A










## ĠURNATA FIL-ĦAJJA TA' ______________________

*Lill-ġenituri: It-tfal jippretendu li taparsi huma l-ġenitur u jirrakkontaw affarijiet li jridu jagħmlu ta' kuljum bħala ġenitur. Imbagħad jistgħu jpenġu erbgħa minnhom fuq din il-folja.*

| | |
|---|---|
| 1 | 2 |
| 3  | 4  |

# TOPIK 3 L-imġiba etika, responsabbli u morali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Iġibu ruħhom b'mod pożittiv mal-annimali

Iġibu ruħhom b'mod responsabbli u ta' benefiċċju għal ħaddieħor

Iġibu ruħhom b'mod responsabbli ma' sħabhom żvantaġġjati jew li għandhom diżabilità.

## Attività 1: Nittrattaw l-annimali b'rispett

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Iġibu ruħhom b'mod pożittiv mal-annimali.

### *Ir-Riżultat tat-Taghlim. Fi tmiem l-attività, inkun kapaċi:*

Nittratta lill-annimali b'mod tajjeb.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', *posters*, krejons, folji vojta, folja t'attività 'Aħna nieħdu ħsieb...'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

**Ċika u Żigu jsalvaw ġeru**

**Darba waħda Ċika u Żigu kienu mixjin fil-ġnien meta semgħu ħoss mhux tas-soltu – kien qisu xi ħadd qed jingħi.Imxew mal-ħoss u waslu ħdejn siġra zgħira. Indunaw li kien hemm xi ħaġa tiċċaqlaq taħt il-frieghi.**

**"X'hemm?" staqsiet Ċika.**

**"Donnu xi ġeru …. ! Iva! Ara kelb żgħir, ara fejn hu!" wieġeb Żigu.**

**"Iva ara!" qalet Ċika. "Donnu ġralu xi ħaġa f'waħda minn għajnejh. Dik l-għajn magħluqa, donnu ma jistax jiftaħha."**

**"U donnu qed iħoss il-bard u mbeżża'. Ara x'jirtogħod miskin!" qal Żigu.**

**Ċika u Żigu raw li dan il-ġeru ma tantx seta' jimxi, u lanqas ma seta' jara sewwa b'għajn waħda magħluqha. "Għandu bżonn min jieħu ħsiebu għax hawn barra fil-ġnien mhux post tajjeb għal ġeru mweġġa' u mterter. Ejja neħduh magħna, intuh jiekol u nsibulu post tajjeb għas-sħana."**

**Ħaduh magħhom fid-dar ta' Ċika. Ċika mill-ewwel qalet lill-ġenituri tagħha biex jgħinuhom u malajr sabulu ftit frawli. Imma l-ġeru ma kienx iħobbhom il-frawli. Allura tawh ftit ħalib u tgħidx kemm beda jilagħqu malajr. Imbagħad bdew idewwulu għajnejh. Il-ġeru deher kuntent u ma baqax jingħi. U wara ftit beda jaqbeż u jogħla ma' Ċika u Żigu. Għad li kien għadu ma jistax jara sew minn għajn waħda, il-ġeru ħassu ferħan u kuntent f'dik il-familja tassew qalbha tajba!**

3. Għid lill-istudenti jpenġu l-istorja. Imbagħad jistgħu jaqsmuha u jispjegaw it-tpenġijiet tagħhom lil sħabhom.

4. Għid lill-istudenti jaħsbu f'modi differenti kif jistgħu jieħdu ħsieb l-annimali u jimlew il-folja t'attività "Aħna nieħdu ħsieb...". Biex jimlewha jridu jaħsbu f'xi annimal li għandhom id-dar jew xi annimali ieħor, u mbagħad ipenġu modi ta' kif jistgħu jieħdu ħsiebu (jitimgħuh, jagħtuh jixrob, jaħsluh, inaddfulu l-post fejn jorqod, jilagħbu miegħu eċċ.).

5. L-għalliema tiġbor l-ideat kollha li jitqajmu fuq *poster* komuni.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri jew qraba jew ġirien (jekk m'għandhomx xi pet tagħhom stess) x'iridu jagħmlu biex jieħdu ħsieb sew tal-pet, u anke dwar kif iħossu l-pet meta jkollu min jieħu ħsiebu. Imbagħad jistgħu ipenġu wieħed mill-pets.

## AĦNA NIEĦDU ĦSIEB ...

________________________________________________

(IKTEB L-ISEM TAL-PET U X’TIP TA’ ANNIMAL HU FUQ DIN IL-LINJA)

*Lill-ġenituri: Iddiskuti mat-tfal x’iridu jagħmlu biex jieħdu ħsieb sew tal-pet b’eżempji minn dak li tagħmlu mal-pet li għandkom id-dar jew li għandu xi ħadd ieħor li tafuh, u anke dwar kif iħossu l-pet meta jkollu min jieħu ħsiebu. Agħti ċans lit-tfal jagħmlu xi ħaġa huma (fejn forsi s-soltu tieħu ħsieb inti) biex jieħdu ħsieb il-pet. Imbagħad jistgħu jpenġi l-pet hawn taħt.*





# Attività 2: Ċika u Żigu jridu jgħinu lil ġeru

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Iġibu ruħhom b'mod responsabbli u ta' benefiċċju għal ħaddieħor.

## *Ir-Riżulat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:*

Inġib ruħi b'mod responsabbli mal-oħrjan

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', folji vojta, noti, krejons jew *markers*, *posters*, folja t'attività 'Inħossni responsabbli meta …'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'sabu Ċika u Żigu fil-ġnien?
- Xi problema kellu l-ġeru?
- Għaliex iddeċidew li jgħinuh Ċika u Żigu?
- Kif għenuh?

4. Kompli d-diskussjoni dwar l-istorja b'dawn il-mistoqsijiet (li jistgħu wkoll jiġu diskussi fi gruppi żgħar):

- Kif ħassewhom Ċika u Żigu meta sabu l-ġeru?
- Kif ħassu l-ġeru wara li għenuh Ċika u Żigu?
- Kif ħassewhom Ċika u Żigu fl-aħħar tal-istorja?
- Kieku kont minflok Ċika u Żigu kif kont iġġib ruħek?

5. Agħti ħin biżżejjed biex l-istudenti jkunu jistgħu jiddiskutu l-ideat tagħhom fil-gruppi u għid lil kull grupp jagħmel tpenġija li tirrappreżenta l-ideat tal-grupp. Imbagħad il-gruppi jistgħu jaqsmu it-tpenġjiet mal-bqija tal-klassi.

6. Agħlaq l-attività billi tiddiskuti s-suġġerimenti tal-istudenti waqt li tisħaq fuq l-importanza li nħossuna responsabbli li ngħinu lil min ikun fil-bżonn.



## *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri l-istudenti l-ewwel jiddiskutu sitwazzjonijiet fejn iħossuhom responsabbli u jistgħu jużaw il-folja t'attività "Inħossni responsabbli meta ...". Il-ġenituri jistaqsu lill-istudenti biex jaħsbu dwar xi ġrajja li għaddew minnha meta ħassewhom responsabbli waqt li jirreferu għal-istampi fuq il-folja. L-istudenti mbagħad jistgħu jpenġu sitwazzjoni oħra fejn iħossuhom responsabbli lejn xi ħadd jew xi ħaġa.

## INĦOSSNI RESPONSABBLI META …

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal jaħsbu dwar xi ġrajja li għaddew minnha meta ħassewhom responsabbli waqt li tirreferu għall-istampi ta' hawn taħt. It-tfal mbagħad jistgħu jpenġu sitwazzjoni oħra fejn iħossuhom responsabbli lejn xi ħadd jew xi ħaġa.*

| | |
|---|---|
|  | JIEN INFARRAĠ LIL XI ĦADD MINN SĦABI |
|  | NAQSAM LOGĦBA MA' ĦABIB/A |
|  | NILQA' ĦABIB/A |
|  | NIEĦU ĦSIEB ANNIMAL |

| | |
|---|---|
|  | NAQSAM XI ĦAĠA TAL-IKEL MA' XI ĦADD |
|  | NGĦIN LILL-PERSUNA OĦRA |
|  | NAGĦMEL MILL-AĦJAR F'BIĊĊA XOGĦOL |
|  | NIEĦU ĦSIEB L-AFFARIJIET FL-ISKOLA |
|  | NIEĦU ĦSIEB L-AFFARIJIET TIEGĦI |
|  |  |

# Attività 3: Dak il-ġeru qiegħed fl-inkwiet!

## L-Għan tat-Tagħlim

Iġibu ruħhom b'mod responsabbli ma' sħabhom żvantaġġjati jew li għandhom diżabilità.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, inkun kapaċi:

Inġib ruħi b'mod responsabbli ma' sħabi li għaddejnin minn xi diffikultajiet jew li għandhom xi diżabilità.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-id jew tas-swaba', noti, folji vojta, krejons, *posters*, folja t'attività 'Meta l-ġenituri tiegħi jħossuhom responsabbli'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-id jew tas-swaba'.

3. L-ewwel għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsihom:

- X'sabu Ċika u Żigu fil-ġnien?
- Kif kien qed iħossu l-ġeru?
- Kif ħassewhom Ċika u Żigu meta sabu lill-ġeru mweġġa'?
- Għaliex iddeċidew li jgħinuh?

Agħti ċans li jiddiskutu l-ħsibijiet tagħhom mal-klassi kollha.

4. Aqsam l-istudenti fi gruppi ta' tnejn. F'kull par, student b'għajnejh mgħottijin irid jimxi madwar il-klassi bl-għajnuna tal-istudent l-ieħor/ra. Permezz ta' din l-attività l-istudenti jistgħu iktar jibdew jifhmu l-esperjenza ta'kif kien qed iħossu l-ġeru fl-istorja b'għajnu imweġġa'. Fl-aħħar iġbor l-istudenti f'ċirku, u għidilhom jaqsmu kif ħassewhom meta ma setgħux jaraw.

5. Staqsi lill-istudenti jekk qattx iltaqgħu ma' xi persuni b'xi diffikultà (ngħidu aħna diżabilità fiżika) u stedinhom jaqsmu mal-oħrajn l-esperjenzi personali tagħhom.

8. Fl-aħħar staqsi lill-istudenti:

- X'kellu bżonn il-ġeru?
- Ċika xi ppruvat titimgħu lill-ġeru fil-bidu? Imbagħad għalfejn tagħtu l-ħalib?
- Kif ħassu l-ġeru meta għinuh Ċika u Żigu?
- Kieku kont inti li sibt il-ġeru, x'kont tagħmel?

9. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri sitwazzjonijiet meta l-ġenituri offrew għajnuna lil xi ħadd u l-istudenti jistgħu ipenġu l-istorja.

## META L-ĠENITURI JĦOSSUHOM RESPONSABBLI




*Lill-ġenituri: Iddiskuti mat-tfal sitwazzjonijiet meta inti offrejt għajnuna lil xi ħadd li kien f'xi diffikultà (eżempju tifel mitluf, xi ħadd imweġġa', xi ħadd b'diżabilità). Għid lit-tifel/la jpenġi l-ġrajja.*





**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a:____________________________________<br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*cheklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 2 Nibnu u nżommu relazzjonijiet b'saħħithom***.

| **2. NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM** | |
|---|---|
| **2.1. RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM** | Livell 0, 1, 2 jew 3 |
| **2.1.1. Nagħmlu u nżommu l-ħbieb** | |
| 2.1.1.B. L-istudent kapaċi jaqsam esperjenzi ta' meta jkun mal-ħbieb | |
| 2.1.1.I. L-istudent kapaċi jifhem l-esperjenza ta' meta jitlef ħabib | |
| 2.1.1.A. L-istudent kapaċi jifħem u jegħleb d-diffikultajiet li jinqalgħu meta jagħmel ħbieb ma' xi ħadd differnti minnu | |
| **2.1.2. L-imġiba prosoċjali** | |
| 2.1.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika l-bżonn tiegħu li jħossu protett u kuntent mal-ħbieb | |
| 2.1.2.I. L-istudent kapaċi jsib modi kif jirringrazzja lil ħaddieħor | |
| 2.1.2.A. L-istudent kapaċi jifhem l-importanza li jitlob l-għajnuna mingħand adult | |
| **2.1.3 Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola** | |
| 2.1.3.B. L-istudent kapaċi jħossu kunfidenti li jafda lill-adulti | |
| 2.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika x'jgħinu jħossu mħares u protett | |
| 2.1.3.A. L-istudent kapaċi jifhem li għandu l-ħila jħossu milqugħ u protett | |
| **2.2. IL-KOOPERAZZJONI, L-EMPATIJA U L-ĦSIEB MORALI** | |
| **2.2.1. Naqsmu mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim** | |
| 2.2.1.B. L-istudent kapaċi jistenna t-*turn* tiegħu waqt il-logħob | |
| 2.2.1.I. L-istudent kapaċi jispjega l-importanza li wieħed jaqsam ma' ħaddieħor | |
| 2.2.1.A. L-istudent kapaċi jipparteċipa f'xogħol kollaborattiv fuq biċċa xogħol li tirrekjedi li jilgħab u jaħdem mal-oħrajn | |

| **2.2.2. L-empatija** | |
|---|---|
| 2.2.2.B. L-istudent kapaċi jagħti kas tal-perspettiva ta' ħaddieħor | |
| 2.2.2.I. L-istudent kapaċi jistaqsi kif qed iħossu ħaddieħor | |
| 2.2.2.A. L-istudent kapaċi li jkun lest li jbiddel l-perspettiva tiegħu | |
| **2.2.3. L-imġiba etika, responsabbli u morali** | |
| 2.2.3.B. L-istudent kapaċi jġib ruħu b'mod pożittiv mal-annimali | |
| 2.2.3.I. L-istudent kapaċi jġib ruħu b'mod responsabbli u ta' benefiċċju ghal ħaddieħor | |
| 2.2.3.A. L-istudent kapaċi jġib ruħu b'mod responsabbli ma' sħabu żvantaġġjati jew li għandhom diżabilità | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:

Għanijiet għal titjib:

# TEMA 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva

## Sottotema 1 Ħsieb pożittiv u ottimistiku

**TOPIK 1** – Ħsieb pożittiv u negattiv

**TOPIK 2** – Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar

**TOPIK 3** – Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi

## Sottotema 2 Emozzjonijiet pożittivi

**TOPIK 1** – It-tama

**TOPIK 2** – Il-kuntentizza

**TOPIK 3** – L-umoriżmu

# SOTTO-TEMA 1
# Ħsieb pożittiv u ottimistiku

L-ewwel sottotema tiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħsieb pożittiv u ottimistiku, speċjalment quddiem l-isfidi. Permezz tal-attivitajiet, l-istudenti għandhom l-opportunità jaħsbu b'mod ottimist, jirriflettu fuq xi ħsibijiet negattivi tagħhom u mbagħad jiġġieldu kontra dawn il-ħsibijiet negattivi. Dawn huma ħiliet li t-tfal għandhom bżonn sabiex jegħlbu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom b'attitudni pożittiva (Seligman, 2011; Noble & McGrath, 2008). L-ewwel topik 'Ħsieb pożittiv u negattiv' jintroduċi lit-tfal għall-ħsibijiet pożittivi u negattivi b'modi differenti. It-tfal iżgħar jitgħallmu jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja bl-għajnuna tal-karattri Sinjura Xemx u Sinjur Dlam. Tfal ikbar imbagħad jitgħallmu jiddistingwu bejn, jirriflettu fuq, u jużaw stil ta' ottimist u stil pessimist. Min jaħseb b'mod pessimist għandu tendenza jaħseb li s-sitwazzjoni ħażina ġrat għax tort tiegħu, li ser tibqa' hemm u tibqa' taffettwalhom ħajjithom, u li tinfluwenza partijiet oħra ta' ħajjithom ukoll. Min-naħa l-oħra, min jaħseb b'mod ottimist jifhem li s-sitwazzjoni ħażina jista' jkollha kawża oħra li mhux bil-fors tkun taħt il-kontroll tagħhom, li s-sitwazzjoni hija temporanja, u speċifika iktar milli mifruxa fl-oqsma kollha tal-ħajja tagħhom (Seligman, 1998).

Fit-tieni topik, 'Tajjeb li nkunu pożittivi!', it-tfal jibdew jifhmu kif attitudni pożittiva jista' jkollha effett pożittiv fuq l-emozzjonijiet u l-imġiba tagħhom. Tfal iżgħar jibdew jifhmu li jistgħu jħossuhom aħjar meta jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew jagħmlu xi ħaġa li jieħdu pjaċir jagħmlu. Tfal ikbar jitgħallmu kif il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-imġiba huma marbuta ma' xulxin, u bidla fil-ħsieb tagħhom tista' tikkawża bidla fl-emozzjonijiet u l-imġiba. Fl-aħħar topik 'Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi' t-tfal jiżviluppaw strateġiji differenti ta' kif jistgħu jiġġieldu kontra l-ħsibijiet u t-twemmin negattiv tagħhom. Peress li dan jista' jkun diffiċli għal tfal żgħar ħafna, l-attivitajiet tas-snin bikrin u s-snin bikrin tal-primarja jiffokaw iżjed fuq *positive tracking* fejn it-tfal jiġu mistiedna jsemmu l-affarijiet is-sbieħ u pożittivi (Noble & McGrath, 2008). Tfal ikbar huma mħeġġa jaħsbu fuq *positive self-affirmations*, bħal per eżempju 'Jien qalbi tajba', 'Jien inħobb ngħin', bħala mod ta' kif jiġġieldu ħsibijiet negattivi. It-tfal huma mħeġġa wkoll jaħsbu fuq il-problemi b'mod pożittiv, flessibbli u differenti.

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **ĦSIEB POŻITTIV U NEGATTIV**<br><br>• JAGĦRFU LI JISTGĦU JĦARSU LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA JEW IN-NAĦA L-KERHA TAL-ĦAJJA.<br>• JIDENTIFIKAW X'JGĦID XI ĦADD LI JĦARES LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA.<br>• JAGĦRFU KIF MIN IĦARES LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA U MIN IĦARES LEJN IN-NAĦA L-KERHA JISTA' JIFFAĊĊJA L-ISFIDI. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NAĦSBU B'MOD POŻITTIV, INĦOSSUNA AĦJAR**<br><br>• JAGĦRFU LI META JĦARSU LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA JĦOSSUHOM AĦJAR.<br>• JIDENTIFIKAW L-EMOZZJONIJIET LI JISTGĦU JIĠU WARA LI JĦARSU LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA.<br>• JIDDESKRIVU KIF XI ĦADD IĦOSSU WARA LI JĦARES LEJN L-AFFARIJIET IS-SBIEĦ. |
| **TOPIK 3**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIĠĠIELDU KONTRA L-ĦSIBIJIET NEGATTIVI**<br><br>• JIDENTIFIKAW XI ĦAĠA TAJBA FIHOM INFUSHOM LI TGĦINHOM IĦOSSUHOM AĦJAR FI ŻMIEN ĦAŻIN.<br>• JIDENTIFIKAW XI ĦAĠA LI TOGĦĠOBHOM FIHOM INFUSHOM U F'ĦADDIEĦOR.<br>• JIDENTIFIKAW FRAŻI JEW SENTENZA POŻITTIVA KONTRA L-ĦSIBIJIET NEGATTIVI TAGĦHOM. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. It-tfal jiżviluppaw l-attitudni tagħhom lejn il-ħajja billi josservaw l-attitudni tan-nies ta' madwarhom. Għalhekk għinhom jaħsbu b'mod pożittiv billi inti stess turi attitudni pożittiva lejn il-ħajja.

2. Ipprova inkludi l-ħsieb ottimistiku bħala parti mir-rutina ta' kuljum tal-klassi. Tista' tagħmel dan billi tieħdu brejk ta' ħames minuti u tkantaw u tiżfnu ma' diska ferriħija. Jekk ikollkom ħin fl-aħħar tal-ġurnata, ħeġġeġ lit-tfal jaħsbu fl-isbaħ ħaġa li ġrat f'dik il-ġurnata u jaqsmuha mal-oħrajn. Tista' anke tistaqsihom fuq l-isbaħ ħaġa li kellhom dik il-ġimgħa, x'qed jistennew l-iktar mill-ġurnata li jmiss, eċċ.

3. Meta tiġri xi ħaġa negattiva u l-istudenti jibdew iħossuhom ħażin, għinhom jiffokaw fuq dak li qed jgħidilhom moħħhom biex jaraw jekk il-ħsibijiet tagħhom jistgħux ikunu iktar pożittivi.

4. Meta taqraw xi stejjer jew taraw xi film, għin lill-istudenti jevalwaw il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet, u l-azzjonijiet tal-karattri. Jistgħu anke jagħmlu sekwenza *Ħsieb-> Emozzjoni-> Azzjoni* wara l-istorja jew il-film.

5. Bħala attività fil-klassi, l-istudenti jistgħu jaħsbu fi *slogan* li jistgħu jiftakru meta jkunu għaddejjin minn sfida. Fakkar lill-istudenti bis-*slogan* meta jkunu qed iħarsu lejn in-naħa l-kerha.

## TOPIK 1 Ħsieb pożittiv u negattiv

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jagħrfu li jistgħu jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew in-naħa l-kerha tal-ħajja. |
| Jidentifikaw x'jgħid xi ħadd li jħares lejn in-naħa s-sabiħa. |
| Jagħrfu kif min iħares lejn in-naħa s-sabiħa u min iħares lejn in-naħa l-kerha jista' jiffaċċja l-isfidi. |

# Attività 1: Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li jistgħu jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew in-naħa l-kerha tal-ħajja.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf kif nista' nħares lejn in-naħa s-sabiħa jew in-naħa l-kerha tal-ħajja.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', mużika ferriħija, mużika melankonika, folja t'attività 'L-aħjar ħaġa dwar il-familja tiegħi.'



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**L-Għolja tal-Istilel**

**Fil-ġnien fejn Żigu u Ċika kienu jgħixu, kien hemm għolja speċjali msejħa l-Għolja tal-Istilel. Kull sena xi annimali mill-ġnien kienu magħżula biex jitilgħu fuq l-għolja u jaraw is-sbuħija tal-istilel mill-għoli. Din is-sena kien imiss lil Żigu biex jitla' l-Għolja tal-Istilel. Imma xi annimali fil-ġnien ma kinux jaħsbu li Żigu kapaċi jitla' sa fuq nett tal-Għolja! "U int skwiril żgħir biss!" kienu jgħidu, "inti qatt mhu se tkun kapaċi titla' sa fuq nett!". Żigu ħassu mdejjaq ħafna li kien hemm xi annimali fil-ġnien qegħdin jgħidu dawn l-affarijit fuqu. Imma l-ġurnata kienet waslet biex hu jitla' l-Għolja tal-Istilel. Hu beda tiela', u tiela'. Imma f'nofs triq, beda jħossu għajjien. "Ma nistax inkompli," qal Żigu, "Jien mhux se jirnexxili nitla' din l-għolja sa fuq nett!" U dar lura. L-għada Żigu saqsa lil ħabibtu Ċika biex tmur miegħu. Imma f'nofs it-triq, Żigu reġa' għajja. "Jien mhux se jirnexxeli nitla' din l-għolja!" Żigu kien se jdur lura meta sema' lil Ċika tgħidlu, "Se jirnexxilek Żigu!". Żigu reġa' beda tiela' u tiela'. "Jien se jirnexxili" beda igħid Żigu ma' kull pass li beda jagħmel. Fl-aħħar, Ċika u Żigu telgħu sa fuq nett tal-għolja. Żigu kien vera kuntent! Kien kburi li rnexxielu jitla' sa fuq nett anke meta kien hemm annimali oħrajn li ħasbu li mhux se jirnexxilu. Ċika u Żigu qagħdu jħarsu lejn l-istilel minn fuq l-għolja. U talli Żigu rnexxielu jitla' l-għolja sa fuq nett, Ċika tatu *badge* speċjali!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħsbu fuq din l-istorja?
- X'kienu jaħsbu l-annimali tal-ġnien fuq Żigu?
- Żigu fil-bidu beda jħares lejn in-naħa l-kerha u ħaseb li mhux se jkun kapaċi jitla' l-għolja sa fuq nett! X'beda jaħseb?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'inhuma dawk l-affarijiet li inti ssib diffiċli biex tagħmel?
- Meta jkun hemm xi ħaġa diffiċli, x'tgħid lilek innifsek? Tħares lejn in-naħa t-tajba jew lejn in-naħa l-kerha tal-affarijiet?

5. Għid lill-istudenti jifformaw ċirku. Introduċi l-karattri Sinjura Xemx (jew is-Sinjur Xemx) li tħobb tħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja u Sur Dlam (jew is-Sinjura Dlam) li jħares iktar lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja, bl-użu tal-*puppets*. Spjega li s-Sinjura Xemx jiġrulha kemm affarijiet tajbin u kemm ħżiena, imma dejjem tipprova tħares lejn in-naħa t-tajba tal-ħajja, fil-waqt is-Sur Dlam jiġrulu wkoll affarijiet tajbin u ħżiena imma jħares lejn in-naħa kerha. Ħalli lill-istudenti isiru midħla tal-karattri.

6. Għid lill-istudenti li se jagħmlu reċta. L-ewwel itfa' l-mużika ferriħija u agħmel il-mima ta-Sinjura Xemx. Għin lill-istudenti billi ssaqsi mistoqsijiet bħal: "Qed inħares

’l fuq jew l-isfel? Kif qed nimxi? Kif qed jidher wiċċi?” Wieħed, wieħed l-istudenti jistgħu jagħmlu l-mima. Meta l-istudenti jkunu lesti, hu/hi jistgħu jgħażlu student ieħor biex jagħmel il-mima, sakemm kull student ikollu ċans jirreċta bħas-Sinjura Xemx.

7. Agħmel l-istess attività b’mużika melankonika dwar is-Sur Dlam. Imbagħad staqsi lill-istudenti biex wieħed wieħed, jibdew jagħmlu bħalek. L-istudenti jistgħu jżidu l-ideat tagħom ta’ kif jirreċtaw il-karattri.

8. Staqsi lill-istudenti:

- Kif ħassejtukom tirreċtaw bħas-Sinjura Xemx? Kif ħassejtukom tirreċtaw bħas-Sur Dlam?
- Li kieku kellkom tagħżlu karattru liem wieħed tixtiequ li tkunu? Għaliex?

9. L-istudenti jistgħu jpenġu stampa ta’ wieħed mill-karattri tal-għażla tagħhom.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jgħinu lill-istudenti iħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ. Jistgħu jistaqsu lit-tfal x’inhi l-aħjar ħaġa fil-familja tagħhom. Il-ġenituri jistgħu jagħżlu waħda għalihom ukoll. L-affarijiet il-favoriti tal-familja jistgħu jiġu mpenġija fil-folja t’attività.

## L-AĦJAR ĦAĠA FIL-FAMILJA TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal x'inhi l-aħjar ħaġa fil-familja tagħkom.*

*Tista' tagħżel waħda għalik ukoll. L-affarijiet il-favoriti tal-familja jistgħu jiġu mpenġija mit-tfal hawn taħt.*

---





# Attività 2: X'tista' tgħid Is-Sinjura Xemx?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw x'jgħid xi ħadd li jħares lejn in-naħa s-sabiħa.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi x'jgħid xi ħadd li jħares lejn in-naħa s-sabiħa.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', mużika ferriħija, mużika melankonika, folja t'attività "X'tara is-Sinjura Xemx?"



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħsbu fuq din l-istorja?
   - X'kienu jaħsbu l-annimali tal-ġnien fuq Żigu?
   - Żigu fil-bidu beda jħares lejn in-naħa l-kerha u ħaseb li mhux se jkun kapaċi jitla' l-għolja sa fuq nett! X'beda jaħseb?
   - X'beda jaħseb Żigu meta beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - X'inhuma dawk l-affarijiet li inti ssibha diffiċli biex tagħmel?
   - Meta jkun hemm xi ħaġa diffiċli, x'tgħid lilek innifsek? Tħares lejn in-naħa t-tajba jew lejn in-naħa l-kerha tal-affarijiet?
   - Meta jkun hemm xi ħaġa diffiċli x'tagħmel, kultant inħarsu lejn l-affarijiet it-tajbin kif għamel Żigu fl-aħħar. Nistgħu ngħidu "Jien nista' nagħmilha!" X'nistgħu ngħidu iktar?

5. Għid lill-istudenti jifformaw ċirku. Introduċi l-karattri Sinjura Xemx (jew is-Sinjur Xemx) u Sur Dlam (jew is-Sinjura Dlam) bl-użu tal-puppets. Spjega li s-Sinjura Xemx jiġrulha kemm affarijiet tajbin u kemm ħżiena, imma dejjem tipprova tħares lejn in-naħa t-tajba, filwaqt li s-Sur Dlam jiġrulu wkoll affarijiet tajbin u ħżiena imma jħares lejn in-naħa kerha. Ħalli lill-istudenti isiru midħla tal-karattri.

6. Għid lill-istudenti li ser tagħmlu *role play*. L-ewwel itfa' l-mużika ferriħija u rreċta bħas-Sinjura Xemx. Waqt li qed tirreċta, għid affarijiet li s-Sinjura Xemx tgħid bħal, "Ġurnata sabiħa llum!" jew "Għandi burdata tajba llum!" Wieħed, wieħed l-istudenti jistgħu jirreċtaw. Meta student ikun lest, hu/hi jistgħu jgħażlu student ieħor biex jagħmel reċta, sakemm kull student ikollu ċans jireċta bħas-Sinjura Xemx, u jsemmu xi ħaġa pożittiva bħal ma tgħid hi.

7. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassejtukom tirreċtaw bħas-Sinjura Xemx? Kif ħassejtukom tirreċtaw bħas-Sur Dlam?
- Li kieku kellkom tagħżlu karattru liema wieħed tixtiequ li tkunu? Għaliex?
- Jekk tiltaqgħu mas-Sur Dlam, x'tgħidulu biex tgħinuh iħares lejn il-parti s-sabiħa?

8. L-istudenti jistgħu jpenġu stampa tas-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam fl-aħħar tal-attività.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jkomplu jirreċtaw mal-istudenti. Jistgħu jħarsu madwarhom u flimkien mat-tfal isemmu l-affarijiet it-tajbin li hemm fid-dinja. It-tfal ipenġu xi affarijiet tajbin li ssemmew fil-folja t'attività 'X'tara is-Sinjura Xemx?'.

## X'TARA S-SINJURA XEMX?

*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal, ħarsu madwarkom u semmu l-affarijiet it-tajbin li hemm fid-dinja. Staqsi t-tfal biex ipenġu xi ftit minn dawn l-affarijiet it-tajbin fil-qlub li hawn taħt.*







# Attività 3: Inti x'tagħmel?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu d-differenza bejn min iħares lejn in-naħa s-sabiħa u min iħares lejn in-naħa l-kerha quddiem l-isfidi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nara d-differnza bejn min iħares lejn in-naħa s-sabiħa u min iħares lejn in-naħa l-kerha meta jkun problema.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', mużika ferriħija, mużika melankonika, folja t'attività 'Kieku x'tagħmel is-Sinjura Xemx ?'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħsbu fuq din l-istorja?
   - X'kienu jaħsbu l-annimali tal-ġnien fuq Żigu?
   - Żigu fil-bidu beda jħares lejn in-naħa l-kerha u ħaseb li mhux se jkun kapaċi jitla' l-għolja sa fuq nett! X'beda jaħseb?
   - X'beda jaħseb Żigu meta beda jħares lejn in-naħa s-sabiħa?
   - X'ġara fl-aħħar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tpoġġilhom dawn il-mistoqsijiet:
   - X'inhuma dawk l-affarijiet li inti ssib diffiċli biex tagħmel?

- Meta jkun hemm xi ħaġa diffiċli, x'tgħid lilek innifsek? Tħares lejn in-naħa t-tajba jew lejn in-naħa l-kerha tal-affarijiet?
- Meta jkun hemm xi ħaġa diffiċli, x'tagħmel? Kultant inħarsu lejn l-affarijiet it-tajbin kif għamel Żigu fl-aħħar. Nistgħu ngħidu "Jien nista' nagħmilha!" X'nistgħu ngħidu iktar?
- Jekk nindunaw b'ħabib/a li qed iħares lejn in-naħa l-kerha tal-problema, x'nistgħu nagħmlu biex ngħinuh/ha?

5. Doqq il-mużika ferriħija. Għid lill-istudenti li se jibdew jirreċtaw bħas-Sinjura Xemx, li hija persuna li tħares lejn l-affarijiet is-sbieħ fil-ħajja. Ibda spjega l-ġurnata li kellha s-Sinjura Xemx u l-istudenti jridu jirreċtaw dak li qed tgħid inti bħala l-**karattru tas-Sinjura Xemx**. Tista' tgħid "Inti qum u mur l-iskola". Imbagħad inkludi l-isfidi li tiltaqa' magħhom kuljum is-Sinjura Xemx. L-istudenti jirreċtaw dawn l-isfidi fil-**karattru tas-Sinjura Xemx:**

- Is-Sinjura Xemx twaqqa' ċ-ċereali mal-art
- Huwa ħin l-iskola imma s-Sinjura Xemx m'għandhiex aptit tmur l-iskola
- Il-ħbieb tas-Sinjura Xemx ma jridux joqogħdu bil-qiegħda ħdejha fil-klassi
- Is-Sinjura Xemx m'għandha l-ħadd ma min tilgħab waqt ir-rikreazzjoni
- Is-Sinjura Xemx bdiet tilgħab ma' sħabha wara l-iskola imma ma setgħetx tifhem il-logħba

6. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassejtek tirreċta bħas-Sinjura Xemx?
- X'għamlet is-Sinjura Xemx għal dawn il-problemi?
- Inti tippreferi tkun bħas-Sinjura Xemx jew is-Sur Dlam? Għaliex?

7. Fl-aħħar tal-attività, l-istudenti jistgħu jpenġu stampa tas-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jkomplu r-reċta mat-tfal tagħhom. Jistgħu isaqsu "Jekk is-Sinjura Xemx tibda tħossha mdejqa u tibda tibki? X'taħseb li tagħmel is-Sinjura x-Xemx?" L-istudenti jpenġu x'tagħmel is-Sinjura Xemx fuq il-folja t'attività.

## KIEKU X'TAGĦMEL IS-SINJURA XEMX?

*Lill-ġenituri: Saqsi lit-tfal jimmaġinaw li s-Sinjura Xemx qed tħossha mdejqa u qed tibki. Staqsi "X'tagħmel is-Sinjura Xemx?" Għid lit-tfal ipenġu x'tagħmel is-Sinjura Xemx hawn taħt.*

RIZORSI





## TOPIK 2 Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jagħrfu li meta jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa, iħossuhom aħjar. |
| Jidentifikaw l-emozzjonijiet li jistgħu jiġu wara li jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa. |
| Jiddeskrivu kif xi ħadd iħossu wara li jħares lejn l-affarijiet is-sbieħ. |
| |

# Attività 1: Ferħan ser ntir!

### L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li meta jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jħossuhom aħjar.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf li meta nħares lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja nħossni aħjar.

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', Il-kanzunetta 'Walking on sunshine' ta' Katrina and the Waves, *chart* bajda, *finger paint* isfar, folja t'attività 'Kif inħossni wara li nkanta'.



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-kompetizzjoni fil-ġnien**

**L-annimali fil-ġnien kienu jħobbu jilagħbu logħba speċjali. Kull annimal kellu jiġbor il-ġewż mill-ġnien. L-annimal li jiġbor l-iktar ġewż kien jirbaħ! Wara l-logħba, kienu jagħmlu festin speċjali. L-iskwirils kienu tajbin biex jiġbru l-ġewż. Żigu ħa semm fil-logħba imma ma rebaħx. "Jien tellief kbir! Jiena qatt ma nirbaħ xejn! Dan il-logħob mhux sabiħ! Jien mhux se mmur il-festin!" Żigu ħassu tant imdejjaq li mar bilqiegħda jibki fuq ġebla żgħira. Ċika għenet lil Żigu jħares lejn in-naħa s-sabiħa. Hi għenitu jħares lejn l-affarijiet l-oħra li huwa tajjeb fijhom. "Jien issa sirt tajjeb ħafna nitla' l-għoljiet! U naħseb li jien ħabib tajjeb. U jien għadni skwiril żgħir, Ċika. Forsi meta nikber inkun naf niġbor il-lewż aħjar". Żigu xorta waħda ħassu mdejjaq li ma rebaħx. Imma meta ħares lejn l-affarijiet it-tajbin, ħassu aħjar. Iddeċieda li jmur il-festin u jieħu gost ma sħabu wara l-logħba. Żigu kien jaf li kulħadd differenti u speċjali. Għalkemm hu ma kienx tajjeb biex jiġbor il-ġewż, hu kien tajjeb għal ħafna affarijiet oħra.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
- X'taħsbu fuq din l-istorja?
- Meta Żigu tilef, hu beda jħares lejn il-parti l-kerha tal-problema. X'beda jgħid?
- Kif ħassu meta għamel hekk?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta Żigu ma rebaħx, beda jħares lejn il-parti l-kerha tal-problema. Fuq xiex nistgħu naħsbu meta nitilfu logħba?
- Meta Żigu ħares lejn il-parti s-sabiħa tal-problema? Kif nistgħu nħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ meta nitilfu logħba?

5. Kantaw u iżfnu l-kanzunetta 'Walking on sunshine':

*<u>Chorus</u>*
*I'm walking on sunshine (whoa oh)*
*I'm walking on sunshine (whoa oh)*
*I'm walking on sunshine (whoa oh)*
*And don't it feel good (HEY!) Alright now*
*And don't it feel good (HEY!) Alright now*
*All right now yeah! (HEY!)*

6. Fuq iċ-*chart* il-bajda, pinġi ċirku isfar kbir. Għid lill-istudenti jagħmlu *handprints* barra iċ-ċirku biex jagħmlu r-raġġi tax-xemx. Għid lill-istudenti li meta nħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ bħax-xemx u l-fjuri, nħossuna aħjar.



## Attività għad-Dar

Il-ġenituri ikantaw u jiżfnu diska li jagħżlu t-tfal. Jitkellmu fuq kif it-tfal qed iħossuhom waqt li tkantaw u tiżfnu din id-diska. Imbgħad it-tfal ipenġu l-uċuh fil-folja t'attività biex tqabbel ma dak li ikunu qed tħossu.

## KIF INĦOSSNI WARA LI NKANTA

*Lill-ġenituri: Kantaw u* iżfnu *diska li għażlu it-tfal. Wara, għidu lit-tfal biex jagħtu kulur lill-uċuh t'hawn taħt biex iqabblu ma' kif qed iħossuhom wara li kantajtu l-kanzunetta.*













# Attività 2: X'dinja meraviljuża!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw l-emozzjonijiet li jiġu meta jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħraf l-emozzjonijiet li jiġu meta nħares lejn in-naħa s-sabiħa ta' xi ħaġa.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ballun bi *smiley face* impenġija fuqu, *chart*, żebgħa, stampi ta' uċuh juru emozzjonijiet differenti, *markers*, id-diska 'What a Marvellous World' ta' Louis Armstrong, folja t'attività 'Inħares lejn in-naħa s-sabiħa u nħossni aħjar'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja tal-Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħsbu fuq din l-istorja?
   - Meta Żigu tilef, hu beda jħares lejn il-parti l-kerha tal-problema. X'beda jgħid?
   - Kif ħassu b'dan l-aġir?
   - X'għamel Żigu wara?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

   - Meta Żigu ma rebaħx, beda jħares lejn il-parti l-kerha tal-problema. Fuq xiex nistgħu naħsbu meta nitilfu logħba?

- Meta Żigu ħares lejn il-parti s-sabiħa tal-problema? Kif nistgħu inħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ meta nitilfu logħba?
- X'nistgħu nħossu meta nħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ?

5. Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu forma ta' ċirku. Waddab il-ballun lil student/a u saqsih/a 'X'inhi l-iktar ħaġa favorita għalik fid-dinja ta' madwarek?' (eż. L-fjuri, il-baħar, is-sema ix-xemx, il-familja, il-ħbieb...) Kompli l-logħba sakemm kull student/a iwieġbu din il-mistoqsija.

6. Wara, għamel l-uċuh bis-sentimenti different fiċ-ċentru u wieħed wieħed, staqsi lill-istudenti biex jagħżlu sentiment li jħossu wara li jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa.

7. Wara li kull student ikun għażel sentiment, għamlu *chart* flimkien bis-sentimenti li nħossu wara li nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa. Ikteb it-titlu 'Ħsibijiet wara li nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa' jew 'Inħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ' fuq, u waħħal l-istampi bis-sentimenti sbieħ li għażlu l-istudenti taħtha. Iċ-*chart* tista' tiġi msebbħa bl-istampi u tpenġijiet tal-affarijiet favoriti tal-istudenti.

8. Ikkonkludi billi tkantaw u *tiżfnu* ma 'What a *Marvellous* World' ta' Louis Armstrong.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jsaqsu lit-tfal xi ħaġa li ġiethom tajba dakinhar. Il-ġenituri jistgħu jsemmu xi ġralhom tajjeb huma wkoll. Il-ġenituri u t-tfal imbgħad ipenġu kif qed iħossuhom wara li jħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ fil-folja t'*attività.*

# INĦARES LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA U NĦOSSNI AĦJAR

*Lill-ġenituri: Semmi xi ħaġa li ġratlek tajba llum u penġi kif qed tħossok wara li ħarist lejn in-naħa s-sabiħa:*

*Lill-ġenituri: Issa staqsi lit-tfal isemmu xi ħaġa tajba li ġrat illum u wara jpenġu kif qed iħossuhom wara li jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa tagħha.*





# Attività 3: X'inħobb mill-iskola

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu kif xi ħadd iħossu wara li jħares lejn l-affarijiet is-sbieħ.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi kif inħossni wara li nħares lejn l-affarijiet is-sbieħ.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Wara li nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja tal-Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħsbu fuq din l-istorja?
   - Meta Żigu tilef, hu beda jħares lejn il-parti l-kerha tal-problema. X'beda jgħid?
   - Kif ħassu b'dan l-aġir?
   - X'għamel Żigu wara?
   - Min għen lil Żigu jħares lejn in-naħa s-sabiħa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Meta Żigu ma rebaħx, beda jħares lejn il-parti l-kerha tal-problema. Fuq xiex nistgħu naħsbu meta nitilfu logħba?
   - Meta Żigu ħares lejn il-parti s-sabiħa tal-problema? Kif nistgħu nħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ meta nitilfu logħba?

- X'nistgħu nħossu meta nħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ?

5. Saqsi lill-istudenti biex jiftakru l-ewwel ġurnata tagħhom tal-iskola. Kienu qed jibżgħu? Kienu eċitati? Kienu qed jaħsbu li se jagħmlu ħbieb? Bkew? X'ġara fl-aħħar?

6. Wieħed wieħed staqsi lill-istudenti biex jgħidulek ħaġa waħda li togħġobhom mill-iskola.

7. Staqsi lill-istudenti biex jgħidulek kif qed iħossuhom wara li ħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ.

8. Għid lill-istudenti biex ipenġu stampa ta' kif qed iħossuhom wara din l-attività.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jsaqsu lit-tfal isemmu x'ġara l-iskola dakinhar, speċjalment affarijiet sbieħ. Il-ġenituri jistgħu jsemmu xi ħaġa sabiħa li ġrat lilhom ukoll dak il-jum. L-istudenti jfitxxu xi stampi minn *magazines* jew l-in*tern*et li juru sentimenti sbieħ u ferriħija, u jwaħħluhom fuq il-folja t'*attività.*

## WARA LI NĦARSU LEJN IN-NAĦA S-SABIĦA




*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal issemmu xi ħaġa sabiħa li ġratilhom illum l-iskola. Tista' ssemmi xi ħaġa sabiħa li ġratlek ukoll dakinhar. Flimkien mat-tfal, fittxu xi stampi ta' kif tħossukom wara li ħaristu lejn in-naħa s-sabiħa tal-ġurnata u waħħluhom hawn isfel.*





# TOPIK 3 Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw xi ħaġa tajba fihom infushom li tgħinhom iħossuhom aħjar fi żmien ħażin.

Jidentifikaw xi ħaġa li togħġobhom fihom infushom u f'ħaddieħor.

Jidentifikaw frażi jew sentenza pożittiva li tiġġieled kontra l-ħsibijiet negattivi tagħhom.

## Attività 1: Jiena speċjali!

### L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw xi ħaġa tajba fihom infushom li tgħinhom iħossuhom aħjar fi żmien ħażin.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insib xi ħaġa tajba fija nnifsi li tgħinni nħossni aħjar fi żmien ħażin.

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ballun żgħir bi *smiley face* impenġija fuqu, folja t'attività 'Jiena speċjali', folja t'attività 'L-affarijiet is-sbieħ ta' persuna li naf'.



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Tuffieħ u lariġ**

**Żigu u Ċika kienu jħobbu jilagħbu ma' sħabhom fil-ġnien. Darba minnhom kienu qed jilagħbu 'Tuffieħ u Lariġ'. L-annimali tqassmu f'żewġt timijiet: tim wieħed ried jiġbor it-tuffieħ u t-tim l-ieħor kellu jiġbor il-lariġ. It-timijiet kellhom jiġbru ħafna tuffieħ u lariġ biex jirbħu! Mika l-fenka u Freddie ż-żring kienu l-kaptani tat-timijiet. Meta Mika u Freddie bdew jagħżlu t-timijiet, Żigu spiċċa wieħed mill-aħħar annimali li kien magħżul! Minħabba li m'għażluhx mill-bidu, Żigu ħaseb li Mika u Freddie kienu jobogħduh. "Kulħadd jobgħodni!" ħaseb Żigu. Żigu ħassu mdejjaq u beda jibki. Hu qad bilqiegħda f'rokna, rabat idejh u ma riedx jilgħab. Meta Żigu kien iħossu mdejjaq, kien iħobb jiftaħ qalbu ma' Ċika. Ċika kienet tgħin lil Żigu billi turih xi ritratti tiegħu ma' sħabu. Żigu beda jara r-ritratti. Dawn kienu kollha ritratti tiegħu jilgħab ma' sħabu. Kienu ritratti tiegħu jilgħab noli ma' Mika u Freddie. Kien hemm ritratt ta' meta Mika u Freddie stednuh għal piknik magħhom għal għeluq snin Freddie. Kien hemm wkoll ritratti ta' meta Żigu rebaħ kompetizzjoni ta' min jitla' l-ewwel ma' siġra u kulħadd beda jifraħ miegħu. Żigu beda ftit ftit ibiddel fehemtu li mhux kulħadd ma' kienx iħobbu. Hu kien jaf li Mika u Freddie kienu jagħżluh għal affarijiet oħra. Billi m'għażluhx għal-logħba Tuffieħ u Lariġ, ma kienx ifisser li kulħadd kien jobgħod lil Żigu. Żigu ħassu ftit aħjar meta nduna li mhux kulħadd kien jobogħdu u li Mika u Freddie xorta kienu jħobbu lil Żigu bħala ħabib. Wara Żigu qam u mar jiġri jilgħab il-logħba Tuffieħ u Lariġ ma Ċika u sħabu l-oħrajn.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħsbu fuq din l-istorja?
   - X'kienet il-problema ta' Żigu?
   - X'ħaseb Żigu fuq il-fatt li Mika u Freddie m'għażluhx għal-logħba?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Meta nibdew naħsbu li aħna maħniex tajbin jew li aħna ħżiena, kif inħossuna?
   - X'nistgħu nagħmlu meta l-ħsibijiet tagħna jġegħluna nħossuna mdejqin? (nitkellem ma' xi ħadd kbir, nagħmel xi ħaġa biex inħossni aħjar...)
   - X'affarijiet sbieħ nistgħu ngħidu lilna nfusna? (Kollok OK, jien tifel tajjeb jew bravu, jiena tifla maħbuba, jiena ġentili...)

5. Oqgħod bilqiegħda mal-istudenti f'ċirku. Itfa' l-ballun lil student u għidlu jsemmi xi ħaġa li togħġbu fih nnifsu. Kompli sakemm kull student ikun qal xi ħaġa li togħġbu fih nnifsu.

6. Agħti l-folja t'attività lill-istudenti. Spjega li kollha kemm aħna speċjali: aħna lkoll għandna karratteristiċi sbieħ. Għidilhom biex isebbħu l-istilla tagħhom kif jixtiequ huma.

7. Meta jlestu, dendel l-istilel tal-istudenti fil-klassi u fakkarhom li meta xi ħadd iħossu mdejjaq, jistgħu jħarsu mal-ħajt u jiftakru bl-affarijiet is-sbieħ li għandhom.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jsaqsu l-istudenti biex jagħżlu persuna li jafu (tista' tkun l-omm jew il-missier, ħuthom, l-għalliem, ħabib/a, kuġin/a...), u jagħżlu xi ħaġa li hija sabiħa dwarhom. L-istudenti jpenġu l-persuna fil-kaxxa ż-żgħira. Imbagħad jistgħu jwaħħlu stampi tal-affarijiet it-tajbin li għandu/ha l-persuna li għażlu, fil-kaxxa il-kbira.

# JIENA SPEĊJALI










## L-AFFARIJIET SBIEĦ TA' PERSUNA LI NAF

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal biex jagħażlu persuna li tagħmel parti minn ħajjithom u jniżżlu l-affarijiet it-tajbin tagħha. Imbgħad ipenġu l-persuna magħżula fil-kaxxa ż-żgħira. Fil-kaxxa l-kbira waħħlu l-istampi tal-affarijiet sbieħ tal-persuna.*





# Attività 2: Kollha għandna kwalitajiet sbieħ

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw xi ħaġa li togħġobhom fihom infushom u f'ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insib xi ħaġa li togħġobni fija nnifsi u f'ħaddieħor.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ballun bl-i*smiley*, folja t'attività 'L-affarijiet it-tajbin fl-iskola'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħsbu fuq din l-istorja?
   - X'kienet il-problema ta' Żigu?
   - X'ħaseb Żigu fuq il-fatt li Mika u Freddie m'għażluhx għal-logħba?
   - Kif taħseb li Mika u Freddie ħassewhom fuq Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Meta nibdew naħsbu li aħna m'aħniex tajbin jew li aħna ħżiena, kif inħossuna?
   - X'nistgħu nagħmlu meta l-ħsibijiet tagħna jġegħluna nħossuna mdejqin? (nitkellem ma' xi ħadd kbir, nagħmel xi ħaġa biex inħossni aħjar...)
   - X'affarijiet sbieħ nistgħu ngħidu lilna nfusna? (Kollok OK, jien tifel tajjeb jew bravu, jiena tifla maħbuba, jiena ġentili...)

5. Oqgħod bilqiegħda mal-istudenti f'ċirku. Itfa' l-ballun lil student u għidlu jsemmi xi ħaġa li togħġbu fih nnifsu. Kompli sakemm kull student ikun qal xi ħaġa li togħġbu fih nnifsu. Ilagħbu l-logħba għal darb' oħra imma din id-darba staqsi lill-istudenti biex isemmu xi ħaġa sabiħa fuq student ieħor.

6. L-istudenti jistgħu jagħmlu tpenġija tal-affarijiet li jogħġbuhom fihom infushom u f'ħaddieħor.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jaħsbu fuq l-affarijiet sbieħ kollha li hemm l-iskola u jpenġuhom fuq il-folja t'*attività.*

## L-AFFARIJIET SBIEĦ FL-ISKOLA




*Lill-ġenituri: Fakkar lit-tfal li nistgħu nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa tal-ħajja billi niftakru fl-affarijiet is-sbieħ li għandna f'ħajjitna. Staqsihom biex isemmu l-affarijiet sbieħ kollha li hemm l-iskola u tpenġihom hawn taħt*





# Attività 3: Tinkwetax, kun kuntent!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw frażi jew sentenza pożittiva li tiġġieled kontra l-ħsibijiet negattivi tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insib frażi jew sentenza pożittiva li tiġġieled kontra l-ħsibijiet negattivi tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', Il-kanzunetta 'Don't Worry, Be Happy' ta' Bobby McFerrin, *chart*, żebgħa, *markers*, folja t'attività 'L-affarijiet is-sbieħ f'dan l-istaġun'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja tal-Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
- X'taħsbu fuq din l-istorja?
- X'kienet il-problema ta' Żigu?
- X'ħaseb Żigu fuq il-fatt li Mika u Freddie m'għażluhx għal-logħba?
- Kif taħseb li Mika u Freddie ħassewhom fuq Żigu?
- Żigu kif irnexxielu jiftakar li Mika u Freddie kienu fil-fatt ħbieb ta' vera?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- Moħħ Żigu beda jgħidlu li hu kien stupidu u li ħadd ma jridu. X'inhuma dawk l-affarijiet li kultant jgħidilna moħħna imma jistgħu ma jkunux vera?

- X'nistgħu nagħmlu meta moħħna jgħidilna biex naħsbu fuq l-affarijiet il-ħżiena? (Nistgħu nitkellmu ma' adult, inkantaw diska, nagħmlu xi ħaġa oħra biex ninsew, naħsbu fuq memorji sbieħ, naħsbu fuq l-affarijiet is-sbieħ...)
- X'affarijiet tajbin nistgħu ngħidu lilna nfusna? (Kollox OK, jiena tifel brav, jiena maħbuba, jiena ġentili...)

5. Għid lill-istudenti li meta s-Sinjura Xemx tibda tħares ħafna lejn in-naħa l-kerha, hi tibda tkanta diska biex tfakkarha tħares lejn in-naħa s-sabiħa.

6. Kanta u iżfen mal-istudenti mal-kanzunetta 'Don't Worry, Be Happy!'

7. Wara d-diska, saqsi lill-istudenti biex joqogħdu bilqiegħda f'ċirku u saqsihom jekk għandhomx ideat ta' x'jistgħu jgħidu lilhom infushom biex iħarsu lejn in-naħa s-sabiħa.

8. Uża' wħud mil-ideat tal-istudenti biex tagħmel *poster*. Waħħal il-*poster* fil-klassi biex tfakkar l-istudenti jgħidu dawn il-frażijiet meta jkunu qed iħarsu lejn in-naħa l-kerha tas-sitwazzjoni.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal- ġenituri, l-istudenti jaħsbu fuq dawk l-affarijiet sbieħ kollha ta' dan l-istaġun u jpenġuhom fuq il-folja t'*attività.*

## L-AFFARIJIET SBIEĦ F'DAN L-ISTAĠUN

*Lill-ġenituri: Fakkar it-tfal li mod ta' kif inħarsu lejn in-naħa s-sabiħa hija li jiftakru fl-affarijiet is-sbieħ ta' ħajjithom. Staqsihom isemmi l-affarijiet is-sbieħ kollha tal-istaġun li qegħdin fih u jpenġuhom hawn taħt*





# SOTTO-TEMA 2
# Emozzjonijiet pożittivi

**Din is-sottotema tagħti lill-istudenti l-opportunità li jagħrfu, jidentifikaw u jirregolaw l-emozzjonijiet pożittivi. Emozzjonijiet pożittivi bħat-tama, il-kuntentizza u l-umoriżmu jgħinu lit-tfal ikomplu jiżviluppaw ir-riżorsi personali tagħhom u jevitaw problemi psikoloġiċi (Fredrickson, 2001). Fl-ewwel topik, it-tfal jipparteċipaw f'attivitajiet dwar it-tama. L-attivitajiet huma mibnijin fuq l-idea li t-tama hija proċess li permezz tiegħu l-individwu jaħseb b'żewġ modi differenti: l-ewwel hemm dak li jissejjaħ *pathways thinking* i.e. l-abilità li tagħmel għanijiet u toħloq modi kif tilħaqhom, u mbagħad hemm *agency thinking*, li hija l-motivazzjoni u t-twemmin li tista' tilħaq l-għanijiet li tkun għamilt. Fl-attivitajiet dwar il-kuntentizza l-istudenti jesploraw din l-emozzjoni iktar fil-fond inkluż x'inhu dak li jagħmilhom kuntenti, x'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba, u x'jistgħu jagħmlu biex jikkontribwixxu għall-kuntentizza u l-ferħ ta' ħaddieħor. Fl-aħħar topik dwar l-umoriżmu, l-istudenti ikollhom l-opportunità jħarsu lejn il-problemi b'lenti iktar umoristika u jużaw l-umoriżmu b'mod pożittiv.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **IT-TAMA**<br><br>• JAGĦRFU LI ŻMIEN ĦAŻIN MHUWIEX GĦAL DEJJEM.<br>• JAGĦRFU LI WARA ŻMIEN ĦAŻIN ĦAFNA DRABI JIĠI ŻMIEN SABIĦ.<br>• JAGĦMLU GĦANIJIET ĠODDA BIEX JGĦINU ŻMIEN ĦAŻIN JAQLEB GĦALL-AĦJAR. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **IL-KUNTENTIZZA**<br><br>• JIDDESKRIVU ŻMIEN META ĦASSEWHOM KUNTENTI.<br>• JIDDESKRIVU MUMENTI TA' FERĦ.<br>• JIDDESKRIVU ATTIVITÀ JEW PERSUNA LI TAGĦMILHOM KUNTENTI. |

**TOPIK 3** **L-UMORIŻMU**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU LI META JAĦSBU FUQ XI ĦAĠA TAD-DAĦQ IĦOSSUHOM AĦJAR.
- JIDENTIFIKAW XI ĦAĠA LI JISTGĦU JAGĦMLU BIEX JIDĦQU.
- JIDDESKRIVU X'IDAĦĦAQHOM.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Għamel kamera fil-klassi biex tirrekordja mumenti speċjali u turi l-istudenti meta jkunu ferħana. Il-mumenti jistaw ikunu xi għeluq ta' snin ta' xi ħadt, jew xi ħadt waqt li qed jirbaħ kompetizzjoni. L-istudenti jistgħu jagħmlu pitazz għall-klassi biex fih jiktbu dawk id-drabi li jħossuwhom kuntenti l-iskola.

2. Organizza ġurnata "Agħti tbissima lil xi ħadt". Ħeġġeġ lill-istudenti jaqsmu l-kuntentizza tagħhom ma xi ħadt ieħor billi jagħmu, jgħidu jew jiktbu xi ħaġa sabiħa ma' xi ħadt minn sħabhom. Per eżempju, juru interess f'ħaddieħor billi jisimgħu l-problemi tiegħu/tagħha, jgħidu xi ħaġa pozittiva lil xi ħadt, jagħtu rigal, jilagħbu ma xi ħadt, jew jiktbulhom nota speċjali.

3. Meta l-istudenti jħossuwhom mdejqin jew ikollhom ġurnata ħażina, organizza mixja jew attività fejn joqgħodu jfittxu xi ħaġa li tgħinhom iħossuhom aħjar. Dan jista' jkun ġugarell, ktieb jew ħabib/a li jkunu jistgħu jitkellmu miegħu/magħha.

4. Meta l-istudenti jibdew jaqtgħu qalbhom li ser jilħqu l-għanijiet tagħhom, għinhom biex jaqsmhuwom f' għanijiet iżgħar.

5. Minflokk ngħidu 'Thank God it's Friday' (TGIF), ipprattikaw 'Be Glad it's Monday' (BGIM) bħala parti mir-rutina tal-klassi. Ibda' it-Tnejn b'diska jew storja umoristika biex tgħin l-istudenti jkunu ħerqana u entużjasti għall-ġimgħa li ġejja (Cornett, 1986).

# TOPIK 1 It-tama

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jagħrfu li żmien ħażin mhuwiex għal dejjem. |
| Jagħrfu li wara żmien ħażin ħafna drabi jiġi żmien sabiħ. |
| Jagħmlu għanijiet ġodda biex jgħinu żmien ħażin jaqleb għall-aħjar. |

## Attività 1: Il-mumenti ħżiena jgħaddu

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li żmien ħażin mhuwiex għal dejjem.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li żmien ħażin igħaddi u ma jibaqx għal dejjem.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-kanzunetta 'Somewhere Over The Rainbow' ta' Israel "IZ" Kamakawiwoʻole, kartonċina bajda, *finger paint*, folja t'attività 'Wara x-xita toħroġ qawsalla'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-Qawsalla**

**Darba fost l-oħrajn kien hemm nirien kbar fil-ġnien. Ħadd ma' weġġa' u l-annimali kollha rnexxielhom jaħarbu minn-nar. Imma b'xorti ħażina , id-dar ta' Ċika nħarqet kollha, u Ċika u l-familja tagħha kellhom imorru jgħixu fin-naħa l-oħra tal-ġnien. Kollox kien differenti f'din il-parti tal-ġnien. Dejjem kienet tagħmel ix-xita. Ma kienx hemm qniefed oħra u Ċika bdiet tħossha waħidha. Hi bdiet tħossha mbeżżgħa wkoll għaliex ma kinetx taf x'se jiġri. Ċika bdiet tħoss li kollox kien se jintemm. Darba minnhom Ċika kient bilqiegħda fuq il-faqqiegħ u bdiet tħossha mimlija bid-dwejjaq. Waqt li kienet qed tibki, għadda min ħdejha Żigu. "Naf li dan huwa post differenti," qal Żigu, "imma nittama li l-affarijiet jitjiebu għalik minkejja li ma tafx kif," qal Żigu. Ċika qatt ma semgħet bil-kelma *tama* qabel. Imma hi fehmet lil Żigu. Hi wkoll kienet temmen li l-affarijiet jistgħu jiġu aħjar. It-tama li l-affarijiet se jaqilbu għall-aħjar, għenitha tħossha aħjar. Bdiet taħseb fuq l-affarijiet is-sbieħ li jistgħu jiġru, flok l-affarijiet koroh. "Naf!" qalet Ċika, "Jiena nista' nibni dar ġdida lill-familja tiegħi biex dan il-post il-ġdid ikun iktar jixbaħ id-dar li kellna qabel."**

**Żigu għen lil Ċika tibni d-dar il-ġdida. Bdew jibnu d-dar bil-weraq, imbagħad wara ġurnata sħiħa jaħdmu, "Wwwuuuuuxxxxxx!!" ir-riħ tajjar il-weraq kollha! Ċika ħassitha mdejqa u rrabjata, imma ma qatgħetx qalbha. Tibni dar iktar b'saħħitha. Ċika u Żigu bnew dar ġdida bil-ġebel. Imma wara ġurnata jaħdmu, "Buuuummmmm!!", ippopotamu kbir laqat il-ġebel u dawn triegħdu u waqgħu u mal-art! Ċika reġgħet ħassitha mdejqa u rrabjata, imma ma qatgħetx qalbha. Issa Ċika bniet id-dar tagħha biz-zkuk, tittama li din id-darba d-dar ma taqgħax. Stenniet ir-riħ. Stenniet li jgħaddi ippopotamu kbir ieħor. Imma d-dar baqgħet fejn kienet. "Iva!" Ċika qalet lilha nnifisha. "Iz-zkuk ħadmu! Għamilna sew ma qtajniex qalbna. Irnexxielna Żigu!" Wara tlett ijiem ta' xita, Ċika fetħet it-tieqa mid-dar il-ġdida tagħha u ħarset 'l fuq lejn is-sema. Is-sema kienet mimlija kuluri differenti. Hi qatt ma kienet rat xi ħaġa daqshekk sabiħa qabel. "Żigu, tista' tgħidli dik x'inhi li hemm fis-sema?" "Dik qawsalla!", qal Żigu, "Dik tidher wara li tagħmel ix-xita!" "Wow", qalet Ċika, "dan il-post vera sabiħ, inħossni għal qalbi hawn issa".**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet::

- X'taħseb mill-istorja?
- Kif ħassitha Ċika fil-post il-ġdid?
- X'rat Ċika fis-sema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hawn xi ħadd li ġieli ra qawsalla?

- Kif inħossu meta naraw il-qawsalla? Għaliex? (Kuntenti, eċitati,... għaliex ix-xita waqfet u ħarġet ix-xemx)
- Ċika ħassitha mbeżżgħa ħafna għaliex ma kinetx taf x'se jiġri fil-post il-ġdid. Hawn xi ħadd li qatt ħassu bħal Ċika? Kontu tittamaw li l-affarijiet jitjiebu wara ftit?

5. Kantaw u iżfnu mal-kanzunetta 'Somewhere Over The Rainbow'. Staqsi l-istudenti:

- Kif qed tħossukom issa li kantajtu u żfintu mal-kanzunetta?

6. Għid l-istudenti li l-qawsalla tista' tgħina niftakru li l-affarijiet il-koroh mhumiex għal dejjem. Il-qawsalla tfisser li l-maltemp spiċċa u li x-xemx issa ħarġet. Penġu qawsalla fuq iċ-*chart* il-bajda bil-*finger paint* u permezz tal-idejn tal-istudenti. Għid lill-istudenti li jekk ngħinu lil xulxin dan jgħinna biex iż-żmien il-ħażin jgħaddi malajr. Waħħal il-qawsalla fil-klassi u użaha bħala simbolu ta' tama għall-istudenti.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jfakkru l-istudenti li wara x-xita, tista' tidher il-qawsalla. Fil-folja t'attività, L-istudenti jistgħu jpenġu s-sħab u x-xita fl-ewwel kaxxa, imbagħad ipenġu l-qawsalla fit-tieni kaxxa. Meta l-istudenti iħossuhom li għaddejjin minn perjodu ħażin u jibdew jaqtgħu qalbhom, il-ġenituri jfakkruhom fit-tpenġija, u li bħal meta l-qawsalla tiġi wara l-maltemp, hekk ukoll iż-żmien is-sabiħ jiġi wara żmien ikrah.

# WARA X-XITA TOĦROĠ IL-QAWSALLA




*Lill-ġenituri: Fakkar lit-tfal li wara x-xita, tista' tiġi l-qawsalla. Għidilhom ipenġu s-sħab u x-xita fl-ewwel kaxxa u wara l-qawsalla fit-tieni kaxxa.*





# Attività 2: Qabel u wara

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li wara żmien ħażin ħafna drabi jiġi żmien sabiħ.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li wara żmien ħażin ħafna drabi jiġi żmien sabiħ.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti A3, żebgħa, krejons, folja t'attività 'Żerriegħa tinbidel fi fjura sabiħa'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet::
   - X'taħseb mill-istorja?
   - Kif taħseb li Ċika ħassitha meta marret fin-naħa l-oħra tal-ġnien? Għaliex?
   - X'qal Żigu lil Ċika?
   - X'għamlet Ċika meta d-dar li bniet waqgħet?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Ċika ħassitha beżgħana għaliex ma kinetx taf x'se jiġri fil-post il-ġdid. Hawn min xi darba ħassu bħal Ċika? L-affarijiet tjiebu wara xi ftit żmien?
   - Id-djar li bdiet tibni Ċika bdew jaqgħu imma hi ma qatgħetx qalbha. X'jista' jiġri jekk naqtghu qalbna?
   - X'tgħallimtu mill-istorja?

5. Għid lill-istudenti jpenġu stampa 'qabel u wara' tal-istorja ta' Ċika. L-ewwel parti tal-istampa tkun ta' Ċika waqt żmien ikrah (tkun ġewwa post ġdid, mingħajr ħbieb, ħafna maltemp, mingħajr dar) u wara l-mumenti sbieħ (id-dar il-ġdida, Żigu bħala ħabib, il-qawsalla). L-istudenti jippreżentaw l-istampi lill-bqija tal-klassi.

Wara l-attività, dendel l-istampi fil-klassi biex l-istudenti jiftakru li wara l-mumenti diffiċli jiġu mumenti sbieħ.



## Attività għad-Dar

Fil-folja t'attività, l-istudenti flimkien mal-ġenituri, ipenġu stampa ta' 'qabel' u 'wara' ta' żerriegħa tikber fi fjura sabiħa. L-istampa tgħin l-istudenti jiftakru li ħafna drabi wara ż-żminijiet diffiċli jiġu mumenti sbieħ.

# ŻERRIEGĦA TINBIDEL FI FJURA SABIĦA

*Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal ipenġu stampa ta' qabel u wara ta' meta żerriegħa tikber fi fjura sabiħa.*




**QABEL**

**WARA**





# Attività 3: Għanijiet ġodda għal Ċika

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħmlu għanijiet ġodda biex jgħinu żmien ħażin jaqleb għall-aħjar.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Nagħmel għanijiet ġodda biex inħossni aħjar.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Simboli ta' tama'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħseb mill-istorja?
   - Żigu jgħid lil Ċika biex ikollha t-tama. Xi jfisser li jkollok it-tama?
   - X'għamlet Ċika meta d-dar waqgħet?
   - Tistgħu timmaġinaw x'kien jiġri kieku Ċika qatgħet qalbha?
   - X'għen lil Ċika biex tkompli tibni d-dar il-ġdida?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Ċika ħassitha beżgħana għaliex ma kinetx taf x'se jiġri fil-post il-ġdid. Hawn min xi darba ħassu bħal Ċika? L-affarijiet tjiebu wara xi ftit żmien?
   - Id-djar ta' Ċika bdew jaqgħu imma hi ma qatgħetx qalbha. Li jkollok it-tama u ma taqtax qalbek huwa importanti? Għaliex?
   - Immaġina li dak li ġara lil Ċika jiġri lilek. Kont terġa' tibni d-dar jew kont taqta' qalbek? Hemm xi mumenti li aħjar taqta' qalbek?

5. Staqsi l-istudenti biex joqogħdu bilqiegħda ġewwa ċirku u saqsihom biex jaħsbu f'għanijiet oħra li Ċika setgħet għamlet biex l-affarijiet ikunu aħjar fil-post il-ġdid (eżempju: tagħmel ħbieb ġodda, tippjana festin, tkellem lil sħabha meta timmissja l-parti l-oħra tal-ġnien eċċ.).

6. Wara l-istudenti jpenġu x'tista' tagħmel Ċika biex ittejjeb l-affarijiet fil-post il-ġdid. L-istudenti mbagħad jippreżentaw l-ideat u l-istampi tagħhom il-bqija tal-klassi.



## Attività għad-Dar

Il-ġenituri jqasqsu l-istampi u l-istudenti mbagħad iqabblu s-simboli ta' tama li jistgħu jmorru flimkien. Is-simboli ta' tama li hemm fil-folja t'attività jinstabu fin-natura u juruna li wara l-mumenti diffiċli jiġu mumenti sbieħ.

# SIMBOLI TA' TAMA

*Lill-ġenituri: Qasqsu l-istampi u staqsu lit-tfal ipoġġuhom wara xulxin biex juru li wara l-mumenti diffiċli jiġu mumenti sbieħ.*










# TOPIK 2 Il-kuntentizza

| |
|---|
| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
| Jiddeskrivu żmien meta ħassewhom kuntenti. |
| Jiddeskrivu mumenti ta' ferħ. |
| Jiddeskrivu attività jew persuna li tagħmilhom kuntenti. |

## Attività 1: Ċika tħossha kuntenta

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu żmien meta ħassewhom kuntenti.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi żmien meta ħassejtni kuntent/a.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-kanzunetta- 'If You're Happy and You Know it', ballun żgħir, folja t'attività 'Kif tidher il-kuntentizza?'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tmur tesplora**

**Darba fost l-oħrajn meta Ċika kienet l-iskola, waqgħet u ġiet fuq darha. Ċika weġġgħet ħafna u kellha bżonn tmur għand il-veterinarju. Biex tfieq, Ċika kellha bżonn tistrieħ. Għal xi ftit żmien ma setgħetx tiżżerżaq mill-għolja ma' sħabha. Kellha tibqa' ħdejn id-dar tagħha. Ċika bdiet tgerger. "Dan mhux sew! Għaliex jien irrid nibqa' hawn, waqt li qniefed l-oħra qed jilagħbu fil-ġnien?! Kemm jien irrabjata!" qalet Ċika lil Żigu. Żigu nduna li Ċika kienet irrabjata ħafna. Meta kienet tirrabja, il-ponot ta' wara daharha kienu jqumu xewk xewk u setgħet tweġġa' lill-annimali l-oħra. Żigu kien jaf li Ċika kellha bżonn tmur ġo rokna għall-kwiet biex tikkalma. "Jiddispjaċini li ma tistax tmur tilgħab mal-oħrajn Ċika," qal Żigu. "Imma x'taħseb jekk tmur f'rokna għall-kwiet biex taħseb fuq ftit fuq ir-rabja li għandek?" Ċika ma riedet tweġġa' lil ħadt u għalhekk marret f'rokna għall-kwiet.**

**Fir-rokna għall-kwiet, Ċika setgħet tikkalma u taħseb b'mod iktar ċar. "Vera nixtieq immur barra nilgħab ma' sħabi", ħasbet Ċika, "imma nista' nsib xi ħaġa oħra x'nagħmel hawnhekk minflok". Ċika kienet tħobb tesplora. "Hhhmm," ħasbet Ċika, "forsi meta nesplora nħossni aħjar." "Żigu, trid tiġi tesplora miegħi?", saqsitu Ċika. "Mela! Din idea veru tajba!" qal Żigu. Għalhekk, Ċika u Żigu marru jesploraw fil-inħawi fil-qrib. Daħħlu rashom fil-ħamrija. Bdew iffitxu taħt is-siġar u l-ħaxix. Ċika sabet ħafna affarijiet sbieħ: żewġ rixiet ta' għasfur kollha kuluri, weraq differenti li qatt ma' kienet rat bħalhom qabel, passi ta' annimali oħra, u għanqbuta ta' brimba! Sal-aħħar tal-ġurnata, il-burdata ta' Ċika nbidlet għal waħda tajba. "Ara, Żigu!" qalet Ċika eċitata, 'il-ponot ta' wara darhi m'għadhomx ippuntati l-fuq! Qed inħossni kuntenta issa!" Billi weġġgħet daharha ma kienx ifisser li Ċika ma setgħetx tilgħab ma' sħaba. Kellhom bżonn biss jilagħbu logħba differenti. Minn dakinhar 'il quddiem, Ċika indunat li hi setgħet tbiddel burdata ħażina f'waħda tajba u li kellha ħabib tajjeb li seta' jgħinha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet::
- X' taħsbu minn din l-istorja?
- Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx tilgħab ma' sħaba?
- X'għamlet biex tbiddel il-burdata ħażina tagħħa?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- X'jiġri meta nħossuna kuntenti? (nitbissmu iktar, għandna iktar enerġija, nidħqu, ikollna aptit nilagħbu ma' sħabna)
- Fejn tħossu l-kuntentizza f'ġisimkom?
- X'kulur tagħtuhom is-sentimenti ferriħija?

5. Saqsi lill-istudenti biex joqogħdu bilqiegħda f'ċirku. Itfa' l-ballun lil student u saqsih/a mument meta ħassu/ħassitha kuntent/a (per eżempju waqt għeluq sninhom, meta rċievu rigal, meta lagħbu ma' sħabhom eċċ.) Kompli sakemm kull student semma mument meta kien/kienet kuntent/a.

6. Għid lill-istudenti li se jitgħallmu xi ħaġa li se tagħmilhom kuntenti – ikantaw. Kantaw u iżfnu ma' 'If You're Happy and You Know It'. L-istudenti jistgħu jżidu mal-lirika tal-kanzunetta fl-aħħar (per eżempju., If you're *happy and you know it jump with joy (hey hey)/ turn around (ol-eh)/ nod your head (nod nod)/ slap your knees (slap slap)*...)

**<u>If You're Happy and You Know It</u>**

**If you're happy and you know it, clap your hands (clap clap)**
**If you're happy and you know it, clap your hands (clap clap)**
**If you're happy and you know it, then your face will surely show it**
**If you're happy and you know it, clap your hands. (clap clap)**

**If you're happy and you know it, stomp your feet (stomp stomp)**
**If you're happy and you know it, stomp your feet (stomp stomp)**
**If you're happy and you know it, then your face will surely show it**
**If you're happy and you know it, stomp your feet. (stomp stomp)**

**If you're happy and you know it, shout "Hurray!" (hoo-ray!)**
**If you're happy and you know it, shout "Hurray!" (hoo-ray!)**
**If you're happy and you know it, then your face will surely show it**
**If you're happy and you know it, shout "Hurray!" (hoo-ray!)**

**If you're happy and you know it, do all three (clap-clap, stomp-stomp, hoo-ray!)**
**If you're happy and you know it, do all three (clap-clap, stomp-stomp, hoo-ray!)**

**If you're happy and you know it, then your face will surely show it**
**If you're happy and you know it, do all three. (clap-clap, stomp-stomp, hoo-ray!)**



### *Attività għad-Dar*

Fil-folja t'attività, l-istudenti, flimkien mal-ġenituri, jagħmlu ċirku ma' dawk il-persuni li jidhru kuntenti.

## KIF TIDHER IL-KUNTENTIZZA?

*Lill-ġenituri: It-tfal iridu jagħmlu ċirku madwar dawk il-persuni li jidhru kuntenti.*















# Attività 2: Mumenti ta' kuntentizza

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu mumenti ta' ferħ.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi mumenti ta' ferħ.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ritratti tal-istudenti meta kienu kuntenti, folja t'attività 'X'jagħmilni kuntent/a?'



## Passi tal-Attività

1. Qabel il-ġurnata tal-attività, staqsi lill-ġenituri biex iġibu xi ritratti ta' mumenti meta t-tfal kienu kuntenti u jġibuhom l-iskola (per eżempju., meta tfal qegħdin il-bandli, jilagħbu ma' sħabhom, waqt xi festin eċċ…).

2. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

3. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

4. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X' taħsbu minn din l-istorja?
   - Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx tilgħab ma' sħaba?
   - X'kien qed jiġri ġewwa fijha?
   - X'għamlet biex tbiddel il-burdata ħażina?

5. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Meta Ċika ma setgħetx tilgħab ma' sħaba, ħassitha rrabjata. X'sentimenti oħra nistgħu nħossu?

- Meta jkollok sentimenti negattivi, x'tagħmel? Tgħid lil xi ħadd fuqhom? Tmur f'post għall-kwiet bħal Ċika?
- Ċika marret tesplora ma' Żigu biex tħossha aħjar. X'iġiegħlek tħossok aħjar meta tkun f'burdata ħażina?
- Kulħadd jesprimi l-ferħ b'modi differenti. Meta Ċika tkun kuntenta, il-ponot ta' wara darha ma jibqgħux dritti. Xi studenti jidħqu, oħrajn jilagħbu jew jaqbżu u jċapċpu. Inti x'tagħmel biex turi li int kuntent/a?

6. L-istudenti jistgħu jitkellmu fuq ir-ritratti li ġabu magħhom: x'qed jagħmlu fir-ritratt, għaliex jogħġobhom ir-ritratt u affarijiet oħra li jagħmluhom kuntenti.

7. Staqsi lill-istudenti:
   - X'nistgħu nagħmlu biex nagħmlu lil ħaddieħor kuntent?

8. Kanta u iżfen ma' diska ferriħija mal-istudenti.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jpenġu dawk l-affarijiet li jagħmluhom kuntenti fil-folja t'attività.

## X'JAGĦMILNI KUNTENT/A?

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal biex isemmu dawk l-affarijiet li jagħmluhom u jpenġuhom hawn taħt.*





# Attività 3: Ċika tmur tesplora

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu attività jew persuna li tagħmilhom kuntenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi attività jew persuna li tagħmilni kuntent/a.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', A3 *charts* jew karti, żebgħa, *magazine* cuttings, krejons, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Kif nista' nagħmel lil ħaddieħor kuntent?'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2 Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
- X' taħsbu minn din l-istorja?
- Kif ħassitha Ċika meta ma setgħetx tilgħab ma' sħaba?
- Għaliex Ċika ħassitha rrabjata meta ma' setgħetx tilgħab ma' sħaba?
- X'għamlet biex tbiddel il-burdata ħażina?
- Min għenha biex tbiddel il-burdata?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- Meta Ċika ma setgħetx tilgħab ma' sħaba, kif ħassitha?
- Meta jkollok sentimenti negattivi, x'tagħmel? Tgħid lil xi ħadd fuqhom? Tmur f'post għal kwiet bħal Ċika?
- Ċika saret kuntenta billi tagħmel xi ħaġa li togħġobha. U hi staqsiet lill-ħabib tagħha biex jgħinha tbiddel il-burdata. Tista' taħseb f'xi ħaġa li tgħinek

tħossok kuntent/a bħal ma' għamlet Ċika? Tista' taħseb fuq xi ħadd speċjali li jgħinek tbiddel burdata ħażina f'waħda tajba?

5. L-istudenti jpenġu stampa jew jagħmlu *collage* ta' attività jew persuna li tgħinhom ikunu ferħana.

6. Staqsi lill-istudenti: x'nistgħu nagħmlu biex nagħmlu lil xi ħadd kuntent?



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri fuq x'jistgħu jagħmlu biex jagħmlu lill-oħrajn kuntenti. L-istudenti jpenġu xi affarijiet li jistgħu jagħmlu fil-folja t'*attività.*

**KIF NISTA' NAGĦMEL LIL ĦADDIEĦOR KUNTENT?**




*Lill-ġenituri: Iddiskuti mat-tfal x'jistgħu jagħmlu biex jaqsmu l-kuntentizza tagħhom mal-oħrajn. It-tfal itpenġi dawn l-azzjonijet hawn taħt.*





# TOPIK 3 L-umoriżmu

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jagħrfu li meta jaħsbu fuq xi ħaġa tad-daħq iħossuhom aħjar. |
| Jidentifikaw xi ħaġa li jistgħu jagħmlu biex jidħqu. |
| Jiddeskrivu x'idaħħaqhom. |

## Attività 1: Agħmel wiċċ tad-daħq

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li meta jaħsbu fuq xi ħaġa tad-daħq iħossuhom aħjar.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li meta naħseb fuq xi ħaġa tad-daħq inħossni aħjar.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kamera, folja t'attività 'Għamel wiċċ tad-daħq'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ftit jiem qabel l-attività, ħu ritrat ta' kull student jagħmel wiċċ tad-daħq.

2. F'jum l-attività, ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

3. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika kellha ġurnata ħażina**

**Le! Ċika l-qanfud kien qed ikollha ġurnata mhux daqshekk tajba! Kollox kien sejjer ħażin! Ċika qamet tard. Minflok qabdet it-*toothpaste* biex taħsel snienha, qabdet ix-*shampoo*! U le! Imbagħad libset il-qalżiet fuq rasha flokk f'riġlejha! U le! Minflok ħadet in-nuċċali tal-vista l-iskola, ħadet magħha n-nuċċali tax-xemx! U le! Minflok ħadet il-*lunch* tagħha l-iskola, ħadet l-ikel tal-kelb tagħha! U le! Ċika kien tassew qed ikollha ġurnata ħażina. Ċika qalet lil Żigu bil-ġurnata ħażina li kellha. "Mela qomt tard, ħsilt snieni bix-*shampoo*, ilbist il-qalżiet fuq rasi, ilbist in-nuċċali tax-xemx fil-klassi u ħadt l-ikel tal-kelb l-iskola! X'jista' jiġri iktar ħażin illum? X'ġurnata ħażina! Ċika bdiet tara lilha nnifisha bil-qalżiet fuq rasha, liebsa n-nuċċali tax-xemx u tiekol l-ikel tal-kelb! U bdiet titbissem. Żigu u Ċika issa ħasbu li fil-verità ma kinetx ġurnata ħażina. Kienet ġurnata tad-daħq! Kull ħaġa li ġara beda jdaħħaqhom. X'ħin bdew jaraw il-parti umoristika tal-ġurnata, l-ġurnata nbidlet minn waħda mħawda għal waħda tad-daħq!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
- X'taħseb mill-istorja?
- X'kienu l-partijiet tad-daħq tal-istorja?
- Kif irnexxiela tħossa aħjar Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- Tiftakar b'xi ħaġa tad-daħq li ġralek?
- Ġieli ħarist lejn il-parti tad--daħq ta' xi problema?

5. Staqsi l-istudenti biex jagħmlu wiċċ tad-daħq u ħu ritratt ta' kull studenti waqt li qed jagħmlu dan il-wiċċ. Itfa' r-ritratti fuq il-ħajt ta' 'L-Uċuħ tad-Daħq'. Staqsi l-istudenti kif iħossuhom issa li għamlu xi ħaġa tad-daħq.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistgħu jgħinu l-istudenti biex jagħmlu tip ta' wiċċ tad-daħq ieħor minn stampi tal-partijiet tal-wiċċ li jistgħu jsibu minn xi rivisti qodma. Biex jiġi tad-daħq, l-istudenti jistgħu jwaħħlu partijiet tal-wiċċ f'post differenti fil-wiċċ, per eżempju, iwaħħlu mnieħer fejn hemm l-għajnejn, jew il-ħalq fejn hemm il-geddum, eċċ.

## AGĦMEL WIĊĊ TAD-DAĦQ

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal jagħmlu wiċċ tad-daħq billi jużaw partijiet tal-wiċċ minn cut-outs tal-magazines. Biex jiġi iktar tad-daħq, għamlu l-partijiet f'postijiet mhux tas-soltu per eżempju mnieħer minflok ħalq eċċ.*







# Attività 2: Nista' nagħmel xi ħaġa tad-daħq

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw xi ħaġa li jistgħu jagħmlu biex jidħqu.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Insib xi ħaġa li tista' tgħinni nidħaq.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *magazine cut-outs* ta' partijiet tal-wiċċ (ħluq, għajnejn, mnieħer eċċ.), karti A4, krejons, *markers*, folja t'attività 'Annimal tad-daħq'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħseb mill-istorja?
   - Għaliex Ċika kienet imdejqa?
   - X'kienet il-parti tad-daħq tal-istorja ta' Ċika?
   - X'għen lil Ċika tħossha aħjar?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Tiftakar f'xi ħaġa tad-daħq li ġralek?
   - Tiftakar f'xi problema li kellek inti (jew xi ħadd li taf) fejn ħarist lejn il-parti tad-daħq?

- X'jiġri meta nħarsu lejn il-partijiet il-koroh tal-problema? X'jiġri meta nħarsu lejn il-partijiet tad-daħq tal-problema?

5. Għamel il-partijiet tal-uċuħ f'nofs il-mejda. Għid lill-istudenti biex jagħmlu *collage* 'Wiċċ tad-daħq' magħmul minn partijiet differenti tal-wiċċ (għajnejn, ħalq u mnieħer differenti). Staqsi lill-istudenti jekk hux qed iħossuhom aħjar issa li qed iħarsu lejn il-parti umoristika tas-sitwazzjoni.

6. Staqsi l-istudenti biex jidentifikaw xi ħaġa li jistgħu jagħmlu biex jidħqu jekk għaddejin minn perjodu ħażin. L-istudenti jistgħu juru din il-ħaġa tad-daħq lil sħabhom tal-klassi (per eżempju, jagħmlu żifna tad-daħq, jagħmlu wiċċ tad-daħq eċċ).



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jagħmlu stampa ta' annimal tad-daħq minn *cut-outs* tal-*magazine*s. L-istampa jrid ikolla ġisem ta' annimal partikolari u wiċċ ta' annimal ieħor per eżempju raġel b'wiċċ ta' ħuta, kelb b'ras ta' tiġieġa, eċċ.

## ANNIMAL TAD-DAĦQ




*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal jagħmlu stampa tad-daħq b'ġisem ta' annimal li jkollu wiċċ ta' annimal ieħor differenti minn cut-outs ta'* magazine. *It-tfal iwaħħlu l-istampa hawn taħt.*





# Attività 3: X'insib tad-daħq

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu x'idaħħaqhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi l-affarijiet li jdaħħquni.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti A4, krejons, *markers*, folja t'attività 'X'tilbes?'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħseb mill-istorja?
   - Għaliex Ċika kienet imdejqa?
   - X'kienet il-parti tad-daħq tal-istorja ta' Ċika?
   - X'għen lil Ċika tħossha aħjar? Għaliex?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Tiftakar b'xi ħaġa tad-daħq li ġralek?
   - Tiftakar b'xi problema li kellek inti (jew xi ħadd li taf) fejn ħarist lejn il-parti tad-daħq?
   - X'jiġri meta nħarsu lejn il-partijiet il-koroh tal-problema? X'jiġri meta nħarsu lejn il-partijiet tad-daħq tal-problema?

- Kif nistgħu nbiddlu ġurnata ħażina f'ġurnata tad-daħq? (ngħidu ċ-ċajt, naraw *cartoons* tad-daħq, nidħqu ma' sħabna…)

5. Staqsi lill-istudenti biex jaqsmu bejniethom dawk l-affarijiet li jdaħquhom.

6. L-istudenti jpenġu stampa ta' dawk l-affarijiet li jdaħquhom u juruha l-bqija tal-klassi.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jilagħbu l-logħba tal-annimal tad-daħq mal-ġenituri. Il-ġenituri jqasqsu l-stampi mill-folja t'attività u jitfgħu l-istampi tal-annimali f'borża waħda, u l-aċċessorji f'borża oħra. It-tfal iridu jaqbdu stampa mill-ewwel borża u stampa mit-tieni borża. It-tfal ipenġi ukoll stampa tal-annimal liebes l-aċċessorju li tellgħtu mill-borża, per eżempju, ħanżir bil-mustaċċi, qattus bil-*pigtails* eċċ. Il-ġenituri jtellgħu l-istampi u jagħmlu tpenġija huma wkoll. L-għada, it-tfal jieħdu l-istampi l-iskola biex juruhom lill-bqija tal-klassi.

## X'TILBES?




*Lill-ġenituri: Ilagħbu din il-logħba tal-annimal tad-daħq mat-tfal. Qasqas l-istampi mil-folja t'attività u itfa' l-istampi tal-annimali f'borża waħda u l-aċċessorji f'borża oħra. It-tfal jaqbdu stampa mill-ewwel borża, u wara oħra mit-tieni borża u mbagħad ipenġu stampa ta' annimal liebes l-aċċessorju li tellgħu, per eżempju ħanżir bil-mustaċċi, qattus bil-*pigtails *eċċ. Il-ġenituri jistgħu jtellgħu l-istampi u jagħmlu tpenġija huma wkoll.*

| **Annimali** | **Aċċessorji** |
|---|---|
|  |  |
|  |  |








**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ________________________________________<br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva*** | |

| **3. NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA** | |
|---|---|
| **3.1 ĦSIEB POŻITTIV U OTTIMISTIKU** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **3.1.1. Ħsieb pożittiv u negattiv** | |
| 3.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jagħraf li nistgħu nħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew in-naħa l-kerha tal-ħajja | |
| 3.1.1.I. L-istudent kapaċi jidentifika x'jgħid xi ħadd li jħares lejn in-naħa s-sabiħa | |
| 3.1.1.A. L-istudent kapaċi jagħraf kif min iħares lejn in-naħa s-sabiħa u min iħares lejn in-naħa l-kerha jiffaċċja l-isfidi | |
| **3.1.2. Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar** | |
| 3.1.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf li meta jħares lejn in-naħa s-sabiħa jħossu aħjar | |
| 3.1.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika l-emozzjonijiet li jiġu wara li jħares lejn in-naħa s-sabiħa | |
| 3.1.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika kif xi ħadd iħossu wara li jħares lejn l-affarijiet is-sbieħ | |
| **3.1.3. Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi** | |
| 3.1.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika xi ħaġa tajba fih innifsu li tgħinu jħossu aħjar fi żmien ħażin | |
| 3.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika xi ħaġa li togħġbu fih innifsu u f'ħaddieħor | |
| 3.1.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika frażi jew sentenza li tgħinu jiġġieled ħsibijiet negattivi | |
| **3.2. EMOZZJONIJIET POŻITTIVI** | |
| **3.2.1. It-tama** | |
| 3.2.1.B. L-istudent kapaċi jagħraf li żmien ħażin igħaddi u mhuwiex għal dejjem | |
| 3.2.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf li wara żmien ħażin, ħafna drabi jiġi żmien sabiħ | |
| 3.2.1.A. L-istudent kapaċi jagħmel għanijiet ġodda biex jibdel żmien ħażin għall-wieħed aħjar | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| | |
|---|---|
| **3.2.2. Il-kuntentizza** | |
| 3.2.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi żmien meta ħassu kuntent | |
| 3.2.2.I. L-istudent kapaċi jiddeskrivi mument ta' ferħ | |
| 3.2.2.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi attività jew persuna li tagħmlu kuntent | |
| **3.2.3. L-umoriżmu** | |
| 3.2.3.B. L-istudent kapaċi jagħraf li meta jaħseb fuq xi ħaġa tad-daħq iħossu aħjar | |
| 3.2.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika xi ħaġa li jista' jagħmel biex jidħaq | |
| 3.2.3.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi x'idaħħqu | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-bżonnijiet tal-istudent:

Għanijiet għal titjib:

# TEMA 4 Niżviluppaw Sens ta’ Determinazzjoni Soda

## Sottotema 1 Insolvu l-problemi

| TOPIK 1 | TOPIK 2 | TOPIK 3 |
|---|---|---|
| Niddefinixxu l-problema u naħsbu f’soluzzjonijiet kreattivi | Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni | Nappliwaw soluzzjoni u nevalwawha |

## Sottotema 2 L-*empowerment* u l-awtonomija

| TOPIK 1 | TOPIK 2 | TOPIK 3 |
|---|---|---|
| Niżviluppaw skop għall-ħajja u għaliex qed ngħixu | Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna | Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna |

# SOTTOTEMA 1
# Insolvu l-problemi

**L-istudji li saru dwar ir-reżiljenza juru li tfal reżiljenti għandhom l-kapaċità li jsolvu l-problemi (Benard, 2004; Munist et al., 1998). Din il-kapaċità tgħin lit-tfal jegħlbu l-isfidi u tipproteġihom mill-effettivi negattivi li jħallu l-problemi. Din il-kapaċita` tgħinhom iqisu u jaraw r-riżorsi li għandhom, jagħmlu pjanijiet realistiċi, u ifittxu l-għajnuna meta hemm bżonn. Din is-sottotema, li hija ffokata fuq il-problemi u fuq il-ħiliet biex it-tfal ikunu kapaċi jsolvuhom, hija maqsuma fi tliet topiks li jkopru l-passi ġenerali ta' kif nistgħu nsolvu l-problemi. Fl-ewwel topik, l-istudenti se jiġu mistiedna biex jagħtu definizzjoni tal-problema (jiġbru l-informazzjoni dwarha, jiddefinixxu l-oġġettivi, u janalizzaw dak li jista' jgħinhom u dak li jista' jtellifhom milli jsolvu l-problema) u jsibu soluzzjonijiet kreattivi għall-problema. Fit-tieni topik, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet biex iqisu s-soluzzjonijiet, inkluż il-ħin u l-isforz li hemm bżonn, u jevalwaw ir-riżultati tas-soluzzjonijiet. It-tielet topik jenfasizza l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet, u joffri l-opportunità lill-istudenti biex isolvu l-problemi billi jippruvaw soluzzjonijiet differenti, jevalwaw ir-riżultati tas-soluzzjonijiet, u jerġgħu jipprovaw xi soluzzjonijiet oħra jekk hemm bżonn. F'dan l-aħħar topik, l-istudenti jkunu kapaċi wkoll isemmu l-proċess u l-passi ta' kif isolvu l-problemi.**

**TOPIK 1**

## NIDDEFINIXXU L-PROBLEMA U NAĦSBU F'SOLUZZJONIJIET KREATTIVI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU SITWAZZJONI PROBLEMATIKA.
- JAGĦRFU LI JISTGĦU JSIBU SOLUZZJONIJIET GĦAL PROBLEMA.
- ISIBU SOLUZZJONIJIET KREATTIVI GĦAL PROBLEMA.

**TOPIK 2**

## NQISU S-SOLUZZJONIJIET U NIEĦDU DEĊIŻJONI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDDESKRIVU JEKK IS-SOLUZZJONIJIET JAĦDMUX JEW LE.
- JIDDISTINGWU BEJN SOLUZZJONIJIET TQAL JEW ĦFIEF BIEX JIĠU MĦADDMA FIL-PRATTIKA.
- IQISU JEKK JOGĦĠBUHOMX IR-RIŻULTATI TA' AZZJONI QABEL JIEĦDU DEĊIŻJONI.

**TOPIK 3**

## NAPPLIKAW U NEVALWAW IS-SOLUZZJONI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAPPLIKAW SOLUZZJONI BIEX ISOLVU PROBLEMA.
- IQISU R-RIŻULTATI TA' SOLUZZJONI LI ĠIET UŻATA U JEKK HEMM BŻONN JERĠGĦU JIPPRUVAW.
- JIDENTIFIKAW U JAPPLIKAW T-TLIET STADJI TAL-PROĊESS TA' KIF ISOLVU L-PROBLEMI.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Għin lit-tfal jifhmu li xi kultant ser ikollna problemi, kunflitti, u diżgwid iżda nistgħu nitgħallmu l-aħjar mod ta' kif insolvuhom.

2. Għin lit-tfal jaħsbu u jiġbru informazzjoni biex jidentifikaw u jsolvu l-problemi b'mod effettiv.

3. Uża l-problemi li jinqalgħu ta' kuljum fil-klassi biex tgħin lit-tfal jaħsbu b'mod kreattiv meta jkunu jridu jsolvu xi problema.

4. Inkludi dawn il-proċessi ta' kif wieħed isolvi problema f'sitwazzjonijiet diffiċli fil-klassi biex tgħin lit-tfal jaħsbu fuq is-soluzzjoni qabel ma jaġixxu.

5. Involvi lit-tfal fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-klassi inkluż fit-tagħlim akkademiku (eż: attivitajiet, riżorsi, *homework*), fl-aspett soċjali, u fl-imġiba.

## TOPIK 1 Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi** |
|---|
| Jagħrfu sitwazzjoni problematika. |
| Jagħrfu li jistgħu jsibu soluzzjonijiet għal problema. |
| Isibu soluzzjonijiet kreattivi biex isolvu problema. |

# Attività 1: Ċika tieqaf taħseb

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu sitwazzjoni problematika.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi problema li niltaqa' magħha

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ħin li niżbgħu idejna', folji tal-karta vojta, *finger paint* kannella, krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika trid tilgħab**

**Kienet verament kesħa barra u Ċika riedet tilgħab fuq l-għolja fejn l-għadira. Kienet tagħmel hekk il-ħin kollu, peress li kien l-isbaħ u l-aħjar post fil-ġnien. Iżda dakinhar missierha ma riedx iħalliha tmur minħabba t-temp. Kienet kesħa kbira u Ċika ma riditx tilbes l-inċirata tagħha, għax imbagħad ma tkunx tista' tuża l-ponot tagħha biex tirrombla għall-isfel mill-għolja, kif kienet tħobb tagħmel. Lanqas ma kellha permess li tmur fejn l-għadira weħidha għax kien perikoluż.**

**"Pa, imma jien irrid imur, irrid imur u rrid imur fejn l-għadira!" qalet Ċika lil missierha. Iżda missierha tenna: "Illum ma tistax tmur. Barra verament kesħa u huwa perikoluż biex tmur waħdek! U ma nistax niġi miegħek għax għandi x-xogħol x'nagħmel." Ċika marret fil-kamra tagħha u ħasbet tgħajjat: "Jien vera imdejqa. X'nista' nagħmel?"**

**Kien jidher diffiċli li ssib soluzzjoni li tagħmilha kuntenta, għax Ċika kienet qed taħseb biss fuq kemm xtaqet tmur. Sadattant, daqqet il-qanpiena tal-bieb. Kien Żigu li ġie iżurha. Żigu mar fil-kamra tagħhha u qal "Oj Ċika! Kif int? Trid tiġi tilgħab barra?" Ċika wieġbet: "Għandi problema kbira ħafna!" u spjegat x'kien qed jiġri. Żigu fehem u qal: "Kollox sew, għandna problema. Iżda hija verament daqshekk kbira? L-ewwel ejja nieqfu u naħsbu ftit! Il-problema hija li llum int trid tilgħab waħdek barra f'temp kiesaħ u missierek ma jridx għax hu perikoluż u tista' timrad. Din hija l-problema Ċika?" Ċika ħarset f'għajnejn Żigu u qalet: "Iva, hekk hu." "Ċika, jekk naħsbu flimkien u nipprovaw insibu modi kif insolvuha, nistgħu nsibu soluzzjoni!" qal Żigu. Ċika fetħet għajnejha, attenta għal dak li kien qiegħed jgħid il-ħabib tagħha. "Hmm... Ejja naħsbu fuqha flimkien. X'nistgħu nagħmlu?"**

**Żigu u Ċika bdew jaħsbu f'xi soluzzjonijiet. "Nistgħu nagħmlu affarijiet oħra! Nistgħu nilagħbu logħob sabiħ, hawn id-dar!" qal Żigu. "Imma jien irrid imur barra..." wieġbet Ċika. "Nistgħu imorru nilagħbu barra darb'oħra," qal Żigu. "Imma jien irrid nilgħab barra llum!" qalet Ċika. Komplew jaħsbu ftit ieħor. Ċika qalet: "Jekk tiġi miegħi ma nkunx waħdi u jekk nilbes l-iktar kowt li jsaħħan, ix-xalpa u l-ingwanti, ma nixxarabx u ma niksaħx, u nahseb li l-pa jħallini nilgħab barra." Ċika u Żigu ħasbu li din kienet idea tajba, l-aħjar li setgħu jaħsbu fiha! Ċika marret fuq missierha u qaltlu: "Pa, jekk jien u Żigu noħorġu nilgħabu barra flimkien u nilbes l-iktar ħwejjeġ li jsaħħnu, tħallini nilgħab barra? "Iva nħallik Ċika!" qalilha missierha. Meta libset sew, Ċika ħarġet tilgħab barra ma' Żigu, jiżżerżqu għal isfel mill-għolja. Meta kienu ġejjin lura d-dar, Ċika qalet "Wara kollox, mhux daqshekk diffiċli li ssib soluzzjoni tajba għal problema meta tieqaf taħseb fuqha!"**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn l-mistoqsijiet:

- X'għoġbok/x'ma għoġbokx dwar l-istorja? X'ġaralha Ċika?

- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- Żigu kif għenha tifhem il-problema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kellek problema? X'kienet il-problema?
- Kemm kien faċli jew diffiċli biex tifhem li kellek problema?
- Waqaft taħseb fuq il-problema?

5. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu l-qanfud tagħhom stess, bl-użu tal-eżempju fil-folja t'attività. Agħti folja karta vojta lil kull student u staqsihom biex ipinġu idejhom billi jużaw il-*finger paint*. Kull saba' jirrappreżenta mistoqsija jew aspett li l-aħjar jiddeskrivi l-problema. Imbagħad staqsi lill-istudenti biex ipinġu l-kumplament tal-qanfund kif jixtiequ huma. Tista' twaħħal l-qniefed tal-istudenti fuq bord jew fir-Rokna ta' Reżiljenza, ladarba dawn ikunu irritornawhom mill-attività għad-dar.

6. Fl-aħħar tal-attività, enfasizza l-idea li aħna lkoll inħabbtu wiċċna ma' problemi fil-ħajja, iżda l-ewwel pass biex insolvu l-problemi hija li nirrikonoxxu li hemm problema, imbagħad nieqfu, naħsbu u niġbru l-informazzjoni fuqha.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu l-qanfud id-dar tagħhom biex jitkellmu mal-ġenituri fuq l-istorja ta' Ċika, jiddeskrivu l-problema u kif sabu soluzzjoni. Flimkien, jistgħu wkoll jidentifikaw problemi oħra u soluzzjonijiet possibbli għalihom.

## ĦIN LI NIŻBGĦU IDEJNA

Meta jkolli problema, l-ewwel nieqaf, naħseb u niġbor l-informazzjoni fuqha: Eżempju:



Agħmel il-qanfud tiegħek stess – Uża t-timbru ta’ idek biex tagħmel il-ġisem ta’ Ċika l-qanfuda. Kull saba’ se jfakkrek li int tista’ taħseb fuq il-problema tiegħek – din ser tgħinek tgħid x’inhi l-problema tiegħek.





*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu qanfud biex juruhulkom. Tkellmu magħhom fuq l-istorja ta' Ċika (Ċika l-Qanfuda trid tilgħab). F'din l-istorja Ċika kellha problema u kellha bżonn issib soluzzjoni. Intom tistgħu tistaqsu lit-tfal x'kienet is-soluzzjoni. Iddiskutu mat-tfal fuq problemi oħra u s-soluzzjonijiet tagħhom.*

____________________________________________________________



# Attività 2: Ċika għandha soluzzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li huma jistgħu jsibu soluzzjonijiet għal problema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf li l-problemi għandhom soluzzjonijiet.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ħin li naqtgħu u npinġu', *tissue paper* jew karti fil-forma ta' flokk, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, kolla.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok/x'ma għoġbokx dwar l-istorja? X'ġaralha Ċika?
- X'għamlet Ċika biex issolvi l-problema tagħha?
- Żigu kif għenha taħseb fuq il-problema?
- X'informazzjoni ġabru biex tgħinhom isolvu il-problema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tiftakar fi żmien meta kellek problema? X'kienet il-problema?
- Kien faċli jew diffiċli biex issib soluzzjoni għaliha?

- Waqaft taħseb fuq il-problema?
- Ġbart informazzjoni biex tifli sewwa l-problema?

5. Għid lill-istudenti li huwa normali li jkollhom il-problemi u li biex insolvu l-problemi b'mod aħjar, huwa tajjeb li naħsbu kif insolvi l-problema milli inwaħħlu fina nfusna jew f'ta' madwarna, jew li nibdew naqtgħu qalbna li nsolvuha. Jista' jkollna xi problemi serji, iżda xorta nistgħu naħsbu b'mod pożittiv u hekk ikun iktar faċli li nsibu soluzzjonijiet Aħna kollha nistgħu nitgħallmu kif naħsbu b'mod pożittiv dwar il-problemi.

6. Staqsi lill-istudenti biex ipinġu flokk sabiħ għal Ċika. L-istudenti jirċievu stampa ta' Ċika l-qanfuda, li jistgħu jpinġu u imbgħad iwaħħlu bil-kolla l-flokkijiet fuqha. Tista' tpoġġi t-tpinġijiet kollha tal-istudenti fuq il-bord tal-klassi.

7. Fl-aħħar tal-attività, enfasizza li rridu jemmnu li l-problemi għandhom soluzzjoni u biex insolvuhom huwa meħtieġ li nieqfu, naħsbu u niġbru l-informazzjoni fuqhom.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri dwar il-problemi ta' Ċika u problemi kommuni oħra li n-nies jista' jkollhom, u li għal kull problema hemm soluzzjoni. Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jpinġu soluzzjoni għal problema.

## ĦIN LI NAQTGĦU U NPENĠU




Jekk għandi problema, Jien nemmen li hemm soluzzjoni! Fl-istorja Ċika sabet soluzzjoni.

Pinġi u aqta' l-flokk ta' Ċika u libbisulha.









## INSIBU SOLUZZJONI GĦAL PROBLEMA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal il-problema ta' Ċika u problemi oħra li n-nies jista' jkollhom. Flimkien, iddiskutu soluzzjoni għal waħda mill-problemi u wara t-tfal ipinġu s-soluzzjoni hawn taħt.*





# Attività 3: Ċika hija kreattiva

## L-Għan tat-Tagħlim

Isibu soluzzjonijiet kreattivi biex isolvu problema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insib soluzzjonijiet differenti għal problema.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ħin li nipprattikaw il-*brainstorming*', stampi (eż. kowt, żarbun, xalpa, ingwanti, umbrella, kompjuter, dar, mejda tal-logħob) li jirrappreżentaw is-soluzzjonijiet differenti għall-problema deskritta fl-istorja, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, kolla, materjali differenti (eż. suf, *tissue*, stikkadenti, spagetti), imqass.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'soluzzjoni sabet Ċika għall-problema? Min għen lil Ċika taħseb biex issib soluzzjoni?
- Kemm il-soluzzjoni ħasbet Ċika għall-problema?
- Tista' taħseb f'soluzzjonijiet oħra għall-problema ta' Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tiftakar fi żmien meta kellek problema?
- Tista' taħseb f'aktar minn soluzzjoni waħda għal dik il-problema?
- Dejjem issib l-istess soluzzjoni? Jew uħud differenti?
- Taħseb li l-problemi jista' jkollhom aktar minn soluzzjoni waħda?

5. Għid lill-istudenti li ħafna drabi jkun hemm aktar minn soluzzjoni waħda għal problema. Mhux dejjem faċli li taħseb f'soluzzjonijiet oħra. Għalhekk jistgħu jitgħallmu jużaw il-*brainstorming* (jgħidu dak kollu li jiġihom f'moħħhom fuq xi ħaġa mingħajr ma jiġġudikaw l-idea) li ser jgħinhom joħolqu ħafna ideat differenti.

6. Agħti eżempju ta' *brainstorming* b'ċirku, u staqsi lill-istudenti biex jaħsbu f'modi differenti kif jistgħu jużaw din l-istampa biex joħolqu kwalunkwe oġġett jew karattru li jafu. Stieden lill-istudenti biex igħoddu kemm ideat il-grupp jista' jaħseb.

7. Staqsi l-istudenti biex jagħmlu *collage* fuq l-istorja u l-karattri, u jaħsbu fuq soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika. Imbagħad, stieden lil kull student/a biex juri/turi l-*collages* tiegħu/tagħha u j/tispjegaha lill-grupp.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu magħhom id-dar il-*collages* tagħhom u jiddiskutu mal-ġenituri soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika. L-istudenti jġibu eżempju wieħed ta' problema li l-ġenituri jiftakru u aktar minn soluzzjoni waħda.

## ĦIN LI NIPPRATTIKAW IL-*BRAINSTORMING*

Il-problemi għandhom aktar minn soluzzjoni waħda. Uża dawn iċ-ċrieki biex tpinġi kemm tiflaħ affarijiet li jiġuk f'rasek








Ċika tixtieq tmur tilgħab fil-ġnien imma ommha ma ħallithiex. X'tista' tagħmel? Uża l-istampi hawn isfel biex tagħmel *collage* fuq l-istorja ta' Ċika biex turi soluzzjonijiet differenti għall-problema tagħha.

| **Soluzzjoni A** | **Soluzzjoni B** | **Soluzzjoni C** |
|---|---|---|
| | | |






## IL-PASSI TA' KIF INSOLVU L-PROBLEMI

*Lill-ġenituri:* *It-tfal ġabu il-collage tagħhom biex jitkellmu magħkom fuq soluzzjonijiet differenti għall-problema ta' Ċika. Flimkien aħsbu fuq problema u fuq aktar minn soluzzjoni waħda biex issolvuha.*



**IEQAF U AĦSEB**



**SIB SOLUZZJONI**



**ĦADDIMHA FIL-PRATTIKA**





# TOPIK 2 Nevalwaw is-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiddeskrivu jekk is-soluzzjonijiet jaħdmux jew le.

Jiddistingwu bejn soluzzjonijiet ħfief jew diffiċli fil-prattika.

Iqisu humiex sodisfatti bir-riżultat ta' azzjoni qabel jieħdu deċiżjoni.

## Attività 1: Ċika, Żigu u Yosef jiddeċiedu li jilagħbu

### *L-Għan tat-Tagħliml*

Jiddeskrivu jekk is-soluzzjonijiet jaħdmux jew le.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf id-differenza bejn soluzzjonijiet li jaħdmu u oħrajn li ma jaħdmux.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Ħin biex inpiġu', krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-Familja l-Ġdida**

**Ċika u Żigu kienu ħerqana biex jiltaqgħu mal-familja l-ġdida tal-gremxul li kienu ġew joqogħdu fil-ġnien. Huma semgħu li wieħed minnhom kien tal-età tagħhom, għalhekk setgħu jilagħbu flimkien. Darba waranofsinhar kienu qed jilagħbu ħdejn l-għadira u raw lill-gremxulu jilgħab waħdu fejn l-ilma. Iddeċidew li jistidnuh jilgħab magħhom. "Hello, jien jisimni Żigu u l-ħabiba tiegħi jisimha Ċika. Int x'jismek?" staqsa Żigu. "Jien Yosef. Għadni kemm ġejt nogħqod hawn għax il-papa` għandu xogħol ġdid hawnhekk!" qal il-gremxulu. "Aħna kuntenti ħafna li ltqajna miegħek. Trid tiġi tilgħab magħna? Aħna sejrin in-naħa l-oħra tal-għadira. Hemmhekk dejjem insibu affarijiet sbieħ x'nagħmlu," qalu Ċika u Żigu. "Ok, ħa ngħid lil ommi li ġej magħkom," wieġeb il-gremxulu.**

**Irħewla flimkien lejn i-għadira, jimxu u jparlaw fuq l-affarijiet li jħobbu u li ma jħobbux. Lagħbu flimkien in-nofs ta' nhar kollu: iħaffru l-ħofor, jixxabtu mas-siġar, u jirrumblaw għal isfel mill-għolja. Ċika u Żigu kienu ferħanin ħafna bil-ħabib il-ġdid tagħhom – deher minn tagħna ħafna!**

**Meta waslu lura d-dar ta' Yosef, Yosef staqsa, "Żigu, trid tiġi miegħi għada, biex infittxu għall-friegħi u l-ġewż fil-ġnien?" Mingħajr ma rrifletta, Żigu wieġeb "bil-qalb kollha!" Ċika fil-pront waqqfet lil Żigu biex tfakkru li kienu ftehmu li ser igħinu liz-ziju ta' Ċika fix-xogħol tad-dar. "Nistgħu nagħmluh darb' oħra, Ċika!" wieġeb Żigu. Ċika ddejqet meta semgħet hekk, imma ħasbet li ma għandhiex terġa' tfakkar lil Żigu dwar dak li kienu ftehmu.**

**L-għada, Ċika kellha tgħin lil zijuha iżda kienet imdejqa ħafna għax Żigu ma kienx magħha. Żigu kien ukoll imdejjaq u ma ħax gost għax baqa' jaħseb fuq Ċika u li kien ħallieha weħida. Waranofsinhar, mar ikellem lil Ċika u staqsieha biex taħfirlu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xgħoġbok/ x'ma għoġbokx mill-istorja?
- Min kien il-ħabib il-ġdid ta' Ċika u Żigu?
- Żigu għamel għażla. Ħadmet jew le?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta jkollok problema, tieqaf taħseb fuq kif ser issolviha?
- Tista' tagħti eżempju wieħed ta' deċiżjoni tajba li int kont tieħu?

5. Fakkar lill-istudenti li meta jkollhom problema għandhom jevalwaw is-soluzzjonijiet, u jaħsbu dwar il-konsegwenzi tas-soluzzjonijiet (eż. Jista' jweġġa' xi ħadd? Kull min hu involut togħġbu s-soluzzjoni?), imbagħad iridu jieħdu deċiżjoni billi jagħżlu soluzzjoni. Tista' tagħtihom eżempju prattiku.

6. L-istudenti jagħmlu tpinġija dwar l-istorja, billi jużaw il-folja t'attività 'Ħin li Npinġu'. L-istudenti jaħsbu dwar x'kienu jagħmlu li kieku kienu Żigu. Meta jlestu t-tpinġija, jiddeskrivu t-tpinġja tagħhom u jitkellmu dwar is-soluzzjonijiet tajba li ħasbu fuqhom. Wara li jiġu evalwati s-soluzzjonijiet l-istudenti jistgħu jagħżlu l-aħjar soluzzjoni tal-grupp.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jieħdu t-tpinġijiet tagħhom dwar l-istorja biex jitkellmu dwarhom mal-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri jgħinu biex jevalwaw l-għażla ta' Żigu u l-għażliet ħżiena/tajba li t-tfal infushom għamlu qabel. L-għada, staqsi lill-istudenti biex jaqsmu t-tpinġijiet tagħhom u stedinhom jaqsmu dak li tkellmu dwaru mal-ġenituri tagħhom.

## ĦIN LI NPINĠU




Qabel tagħmel xi ħaġa aħseb fuq x’jista’ jiġri. Għażliet tajba jistgħu jgħinuk issolvi l-problemi! Pinġi stampa dwar l-istorja li smajt



Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipinġu dwar l-istorja “Il-familja l-ġdida”. F’din l-istorja Żigu nesa li kien qal lil Ċika li se jgħinha u minflok iddeċieda li jmur jilgħab mal-ħabib il-ġdid tiegħu. Irriflettu mat-tfal fuq l-għażla ta’ Żigu u tkellmu magħhom dwar l-għażliet ħżiena jew tajbin li jistgħu jagħmlu t-tfal tagħkom.





# Attività 2: Żigu u s-soluzzjoni tiegħu

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddistingwu bejn soluzzjonijiet ħfief jew diffiċli biex ipoġġuhom fil-prattika.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeċiedi jekk soluzzjoni hix diffiċli jew le biex inkun nista' npoġġiha fil-prattika

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Materials needed

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; folja t'attività 'Soluzzjoni tajba'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xgħoġbok/ x'ma għoġbokx dwar l-istorja? Min kien il-ħabib il-ġdid ta' Ċika u Żigu?
- X'taħseb fuq id-deċiżjoni ta' Żigu li jmur ma' Yosef? Kien diffċli għalih biex jiddeċiedi?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta jkollok problema, tieħu ħin biex taħseb dwar is-soluzzjonijiet?
- Tipprova tifhem jekk hix soluzzjoni diffiċli biex tpoġġiha fil-prattika? Tista' tagħti xi eżempju?

5. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu dwar soluzzjonijiet oħra li Żigu seta' sab. Agħti l-

pupazzi lil żewġ studenti u stedinhom jirreċtaw l-istorja li għadhom kemm semgħu. Issuġerixxi li Żigu issa għandu jaħseb u jiddeċiedi b’mod differenti, skont dik li setgħet kienet soluzzjoni aħjar. Is-soluzzjonijiet kollha għandhom jiġu diskussi fil-grupp. Staqsihom jekk is-soluzzjonijiet il-ġodda kinux eħfef jew itqal biex jitpoġġew fil-prattika. U għala kull soluzzjoni kienet eħfef jew itqal?



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar l-istorja u soluzzjonijiet oħra possibbli li setgħu jaħsbu fihom għall-problema ta’ Żigu. Flimkien jirriflettu dwar l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet għal problema (kemm se jkun diffiċli biex jimplimentaw fil-prattika s-soluzzjoni għal din il-problema) u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni.

## SOLUZZJONI TAJBA

Meta niddeċiedu fuq soluzzjoni, irridu naħsbu wkoll dwar kemm hu faċli jew diffiċli biex inpoġġuha fil-prattika. Pinġi s-soluzzjoni li għażel il-grupp tiegħek bħala l-aħjar waħda hawn isfel.

_______________________________________________

_______________________________________________

*Lill-ġenituri: Fakkru lit-tfal dwar l-istorja "Il-Familja l-Ġdida". Fl-istorja Żigu jinsa li kien qal lil Ċika li kien ser jgħinha u minflok jiddeċiedi li jmur jilgħab mal-ħabib il-ġdid tiegħu. Iddiskutu mat-tfal soluzzjonijiet oħra għall-problema ta' Żigu. Flimkien, irriflettu kemm ikun diffiċli/faċli biex tpoġġu s-soluzzjonijiet fil-prattika.*





# Attività 3: Żigu jieħu deċiżjoni

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeċiedu jekk jogħġbuhomx ir-riżultati ta' azzjoni qabel jieħdu deċiżjoni.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeċiedi jekk jogħġbunix ir-riżultati tal-azzjoni qabel niddeċiedi x'se nagħmel

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; folji tal-karti vojta; folja t'attività 'Ħin li Nilagħbu', folja t'attività 'Karti tas-sitwazzjoni problematika', imqass, krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, kolla.



## *Passi tal-Attività*

1. Qabel tibda l-attività, aqta' l-karti tas-sitwazzjoni problematika tal-folja t'attività, kif ukoll dada skont il-mudell fil-folja t'attività.

2. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

3. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stedinhom jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

4. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok/ x'ma għoġbokx dwar l-istorja? Min kien il-ħabib il-ġdid ta' Ċika u Żigu?
- Żigu għamel għażla. Għoġbu r-riżultat?

5. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Meta jkollok problema, x'tagħmel?

- Normalment x'tagħmel l-ewwel?
- Qabel tagħżel is-soluzzjoni tagħmel xi ħaġa? Tista' tagħti eżempju tad-deċiżjoni li għamilt? Għoġbok ir-riżultat? Issolviet il-problema?

6. Staqsi xi ħadd mill-istudenti biex jtieħu karta mill-'Karti tas-sitwazzjoni problematika" u jitfa' d-dada. Jekk din tiġi fuq in-naħa "tajba", l-istudenti għandhom jaħsbu f'soluzzjoni li twassal għal riżultat tajjeb. Jekk din tiġi fuq "ħażina", għandhom jaħsbu f'soluzzjoni li ma taħdimx għalihom. L-istudenti kollha għandhom jitfgħu d-dada minn tal-inqas darba, jipprattikaw li jieħdu deċiżjoni, jevalwaw is-soluzzjonijiet u r-riżultati tagħhom. Il-logħba tista' titkompla billi tistaqsi lill-istudenti jekk is-soluzzjonijiet li għoġbuhom l-aktar hux ser isolvu il-problema jew le.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu d-dar il-folja t'attività "Ħin li Nilagħbu" biex joħolqu d-dada tagħhom. Flimkien mal-ġenituri jilagħbu din il-logħba, billi jaħsbu fuq problemi oħra li jistgħu jinqalgħu.

# ĦIN LI NILAGĦBU

Biex tieħu deċiżjoni, huwa importanti li tqis ir-riżultati, u tifhem jekk is-soluzzjoni hix ser issolvi l-problema jew le, u jekk hux se jogħġbok ir-riżultat jew le.




***Istruzzjonijiet tal-logħba:*** *Staqsi membru tal-familja biex jieħu karta u jitfa' id-dada. Jekk tiġi fuq in-naħa "tajba", il-persuna trid taħseb f'soluzzjoni li togħġobha. Jekk tiġi fuq in-naħa "ħażina", għandha taħseb f'soluzzjoni li ma togħġobhiex. Il-logħba tista' tkompli, billi tistaqsi membri tal-familja biex jgħidu jekk is-soluzzjonijiet li l-aktar li għoġbuhom hux se jsolvu l-problema jew le.*

*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal oħolqu dada billi tużaw il-folja ta' attività. Ilagħbu din il-logħba u aħsbu dwar problemi oħra li jistgħu jinqalgħu. Din il-logħba tgħin lit-tfal jipprattikaw t-teħid tad-deċiżjonijiet, l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet, u r-riżultati tagħhom.*





| KARTI TAS-SITWAZZJONI PROBLEMATIKA | |
|---|---|
| **TIFEL GĦAJJAR LIL SIEĦEB/SIEĦBA TAL-KLASSI "OĦXON U IKRAH"** | **MA RĊIVEJTX STEDINA GĦALL-FESTIN TA' GĦELUQ SNIN L-AKBAR ĦABIB/A TIEGĦEK** |
| **MORT FI SKOLA ĠDIDA U MA TAFX KIF SE TAGĦMEL ĦBIEB ĠODDA** | **XI ĦBIEB TAL-ISKOLA QED IWAQQGĦU GĦAĊ-ĊAJT LIL WIEĦED/WAĦDA MILL-ĦBIEB TIEGĦEK MINN PAJJIŻ DIFFERENTI** |
| **TRID TISTIEDEN ĦABIB/A MINN PAJJIŻ BARRANI BIEX JILGĦAB/TILGĦAB IŻDA MA J/TITKELLIMX TAJJEB BIL-LINGWA TIEGĦEK** | **IL-ĦABIB/A TAL-QALB TIEGĦEK MA J/TRIDX TILGĦAB MA' ĦABIB/A IEĦOR/OĦRA TIGĦEK GĦALIEX GĦANDU/HA L-KULUR TAL-ĠILDA DIFFERENTI** |
| **STEDINT ĦABIB LI GĦANDU NUQQAS TA' SMIEGĦ BIEX JILGĦAB MIEGĦEK IŻDA MA TAFX KIF SER TIKKOMUNIKA MIEGĦU** | **TIBŻA' TORQOD WAĦDEK FIL-KAMRA TAS-SODDA TIEGĦEK** |

| | |
|---|---|
| MA JOGĦĠBOKX L-IKEL FIL-*LUNCHBOX* | TRID ĠUGARELL ĠDID IŻDA OMMOK MA TRIDX TIXTRIHULEK |
| TRID TAQRA STORJA MA' ĦABIB/A TAL-KLASSI TIEGĦEK LI HU AGĦMA U MA TAFX KIF SE TAGĦMEL | IL-ĦABIB/A KBIRA TIEGĦEK J/TGĦID AFFARIJIET ĦŻIENA KONTRA ĦABIB/A TAL-KLASSI GĦAX QIEGĦED ĠO SIĠĠU TAR-ROTI |
| PROBLEMA | PROBLEMA |
| PROBLEMA | PROBLEMA |
| PROBLEMA | PROBLEMA |





# TOPIK 3 Nimplimentaw u nqisu s-soluzzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Ipoġġu s-soluzzjoni fil-prattika biex isolvu problema.

Iqisu r-riżultati ta’ soluzzjoni li ġiet applikata u jekk hemm bżonn jerġgħu jipprovaw darb’ oħra.

Jidentifikaw u jpoġġu fil-prattika t-tliet stadji tal-proċess biex isolvu problema.

## Attività 1: Żigu u Ċika jsolvu problema

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Ipoġġu fil-prattika soluzzjoni biex isolvu problema.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Insolvi problema billi nipprova soluzzjoni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’, ballun, folja ta’ attività ‘Jien nista’ nsolvi problema’.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b’attività ta’ Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta’ pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’:

**Il-Bejta hija tiegħi**

**Darba f’ġurnata sabiħa u xemxija, Ċika u Żigu kienu qed jilagħbu fil-ġnien. Ċika**

**kienet qed tfittex l-insetti filwaqt li Żigu kien qed iħaffer il-ħofor, jipprova jfittex il-ġewż midfun. L-omm għasfura u l-missier għasfur kienu qed itiru mal-familja tagħhom u kienu qed jagħmlu ħafna storbju. Kienu iddeċidew li ser jitilqu biex imorru jgħixu fi ġnien aktar sħun. L-għasafar ġew jgħidulhom ċaw: "Ċika u Żigu qed tarawha dik il-bejta hemm fuq f'dik s-siġra? Jekk triduha, hija tagħhkom. It-tfal tagħna m'għandhomx bżonnha aktar għax issa kibru. Barra minn hekk, iddeċidejna li ma nibqgħux noqogħdu f'dan il-ġnien. Aħna għandna bżonn u nħobbu t-temp sħun, għalhekk sejrin noqogħdu fi ġnien aktar sħun fl-Afrika. Saħħiet!" Ċika u Żigu wieġbu "Nixtiqulkom l-aħjar. Se nimmissjawkom." "Nafu, iżda issa rridu morru lura fil-pajjiż tagħna. Fil-vaganzi li ġejjin tistgħu tiġu u toqogħdu d-dar tagħna!" wieġbu l-għasafar. "Iva, ħudu gost!!" għajjtu Ċika u Żigu f'għalenija.**

**Żigu u Ċika ġrew għall-bejta tal-għasafar għax ħasbu li l-bejta ma kinitx kbira biżżejjed għat-tnejn li huma. Jimbuttaw u jiġbdu lil xulxin, bdew jitlewmu. "Il-bejta tiegħi. Jien rajta l-ewwel, Ċika!" qal Żigu. "Le, le Żigu, sejjer żball! Wasalna fl-istess ħin!" qalet Ċika. Wara diskussjoni twila, it-tnejn kienu qed iħossuhom irrabjati għax ma ridux jaqsmu l-bejta.**

**"Ok, Żigu, ieqaf. M'hemmx għalfejn inkomplu din il-ġlieda. Għandna problema hawnhekk. X'nistgħu nagħmlu?" staqsiet Ċika. Żigu li issa kien qed iħossu ftit iktar kalm qal, "Int tista' tkompli tfittex għall-insetti filwaqt li jien noqgħod hawn nilgħab fil-bejta tiegħi!" "Jew int tista' tmur tfittex iktar ġewż u jien noqgħod hawn!" qalet Ċika. Kien jidher diffiċli li jsibu soluzzjoni għall-problema tagħhom. Żigu beda jaħseb u ppropona, "Tajjeb, nistgħu naqblu li nilagħbu fil-bejta fi ġranet differenti. Pereżempju, illum il-bejta hija għalija, iżda għada tkun tiegħek, u hekk." Ċika bdiet tħossha aktar ferħana iżda mbagħad bdiet taħseb, "Imma imbagħad ma nistgħux nilagħbu u nieħdu gost flimkien ġol-bejta!" wieġbet. Żigu wieġeb, "Nistgħu nilagħbu flimkien barra l-bejta..." Ċika qalet, "Forsi nistgħu naħsbu f'mod kif nistgħu naqsmu u nilagħbu hawn fl-istess ħin!" "Din idea tajba, Ċika! Il-bejta mhux kbira ħafna imma jekk nitkebbu jaf noqogħdu t-tnejn ġol-bejta. Ejja nipprovaw !" qal ħerqan l-iskwiril.**

**Infatti qagħdu t-tnejn li huma flimkien fil-bejta. Ċika u Żigu lagħbu l-kumplament ta' waranofsinhar kollu u tgħidx kemm ħadu gost flimkien. X'ħin kienu mexjin ferħanin lura d-dar, indunaw li kienu sabu soluzzjoni tajba ħafna għall-problema tagħhhom. "Żigu taf xiex, mhux daqshekk diffiċli li nsibu soluzzjonijiet għall-problemi tagħna. Irridu naħsbu fuqhom, infittxu soluzzjonijiet differenti, nagħżlu l-aħjar waħda u nipprovawha. U anki jekk ma taħdimx, dejjem nistgħu nerġgħu nipprovaw soluzzjoni oħra!" qalet Ċika. Żigu tbissem u qabel. "Int dejjem ikollok affarijiet sbieħ xi tgħid! Għalhekk int l-ikbar ħabiba tiegħi, Ċika!"**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-

mistoqsijiet:

- X'għoġbok/ x'ma għoġbokx dwar l-istorja?
- Kif solvew il-problema tagħhom Żigu u Ċika?
- X'taħseb dwar is-soluzzjoni?
- Kif ħasewhom dwar is-soluzzjoni?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kellek problema bħal din?
- X'għamilt?
- Sibt soluzzjoni tajba? X'kienet?
- Kif ħassejtek dwarha?

5. Staqsi lill-istudenti ipoġġu f'ċirku u agħti l-ballun lil xi ħadd minnhom. L-istudent li jkollu l-ballun igħid tliet kelmiet waħda wara l-oħra ("Bip", "Boing", "Pim"). L-ewwel l-istudenti jridu jgħidu "Bip", it-tieni "Boing", u t-tielet "Pim", ikomplu sakemm xi ħadd iġib l-ordni tal-kliem ħażina. Meta jiġri hekk iridu jerġgħu jibdew. Imbagħad jistgħu jipprovaw it-tliet passi li tgħallmu qabel biex isolvu problema – "Ieqaf u Aħseb", "Sib soluzzjoni", "Mur u agħmilha" (żid il-ġesti għal kull wieħed mit-tliet passi). Kull student għandu jqassam il-ballun minn tal-inqas darba.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhhom dwar l-istorja u flimkien jistgħu jaħsbu f'soluzzjoni oħra għall-problema ta' Ċika u Żigu. Jistgħu jgħallmu lill-ġenituri tagħhom il-ġesti li tgħallmu fit-tliet passi ta' kif insolvu problema.

# NISTA' NSOLVI PROBLEMA

Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar l-istorja "Il-bejta hija tiegħi", u għinuhom jaħsbu dwar soluzzjonijiet oħra għall-problema ta' Ċika u Żigu. Fl-istorja, huma sabu bejta żgħira u għall-ewwel qattgħu xi ħin jargumentaw fuq min se joħodha, sakemm fehmu li hemm spazju għat-tnejn li huma. Ipprattikaw mat-tfal tagħkom it-tliet passi ta' kif insolvu problema (ara isfel).



**IEQAF U AĦSEB**



**SIB SOLUZZJONI**



**ĦADDIMHA FIL-PRATTIKA**





# Attività 2: Ċika u Żigu jilħqu kompromess

## L-Għan tat-Tagħlim

Iqisu r-riżultat ta' soluzzjoni applikata u jekk hemm bżonn jerġgħu jipprovaw.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inqis jekk soluzzjoni li pprovajt taħdimx, u jekk le nerġa' nipprova

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folji tal-karti vojta, krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t'attività 'Ħin li naqtgħu u nwaħħlu', magazin qadim bl-istampi.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti biex jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok/ x'ma għoġbokx dwar l-istorja?
- Żigu u Ċika kellhom problema. X'kienu ż-żewġ soluzzjonijiet li ħasbu fihom? Għaliex għażlu waħda u mhux oħra?
- Kienu kuntenti bis-soluzzjoni? X'kienu l-konsegwenzi tas-soluzzjoni li għażlu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli kellek problema bħal din?
- X'għamilt?

- Sibt soluzzjoni tajba? Għidilna dwar dik is-soluzzjoni.
- Kif tħossok dwar ir-riżultati?
- Kellek tipprova soluzzjoni oħra?

5. L-istudenti jagħmlu *collage* dwar il-problemi ta' Ċika u Żigu, billi jaqtgħu u jwaħħlu stampi minn *magazin* qadim (siġar, arbuxelli, sħab, għasafar, bejtiet, fjuri, eċċ.) jew bl-użu tal-istampi fil-folja t'attività "Ħin li naqtgħu u nwaħħlu" biex isebbħuha. Fl-aħħar, il-grupp jista' jiddiskuti d-deċiżjoni ta' Żigu u Ċika u r-riżultati tagħha.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jieħdu magħhom il-*collage* tagħhom biex jaqsmu l-istorja mal-ġenituri. Flimkien, jistgħu wkoll jaħsbu dwar problema li kellhom u jirrflettu fuq id-deċiżjoni li ħadu.




# ĦIN LI NAQTGĦU U NWAĦĦLU

Agħmel *collage* dwar il-problema u s-soluzzjoni ta' Ċika u Żigu.



## ĦIN LI NAQTGĦU U NWAĦĦLU

Għall-ġenituri: It-tfal ġabu l-collage tagħhom dwar l-istorja "Il-Bejta hija tiegħi". Flimkien aħsbu dwar problema li kellkom u s-soluzzjonijiet li sibtu. It-tfal jistgħu dwar il-problema u s-soluzzjoni hawn taħt.





# Attività 3: Żigu u Ċika jieħdu gost flimkien

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw u jpoġġu fil-prattika t-tliet passi ta' kif insolvu problema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inpoġġi fil-prattika t-tliet passi ta' kif insolvu problema (ieqaf, aħseb u solvi).

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; folja t'attività 'Pinġi soluzzjoni', strixxi tal-karti bi tliet passi ta' kif insolvu problema, krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, 'problemi tal-klassi' ktieb magħmula bl-idejn.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti biex jirrekkaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok/ x'ma għoġbokx dwar l-istorja?
- X'kienet il-problema ta' Ċika u Żigu?
- X'soluzzjonijiet differenti ħasbu fihom?
- Taħseb li ħadu d-deċiżjoni t-tajba? Għala?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-

mistoqsijiet:

- Ġieli kellek problema bħal din?
- X'għamilt?
- Ħsibt f'soluzzjonijiet differenti?
- Sibt soluzzjoni tajba? Għidilna dwarha.
- X'kellek tagħmel sakemm sibt l-aħjar soluzzjoni?

5. Uri l-istampi tat-tliet passi biex insolvu problema u fakkarhom fit-tliet sentenzi. Staqsi lill-istudenti jaħsbu f'ġesti differenti li jirrappreżentaw it-tliet passi tal-proċess

6. Aqsam l-istudenti f'pari u staqsihom biex fi problema u jirreċtawha lill-grupp, billi jużaw it-tliet passi ta' kif issolvi problema. Il-klassi tgħaddi kummenti fuq dak li raw (e.ż. jekk għoġbithomx jew jekk kinitx soluzzjoni tajba). Fakkarhom li l-ebda wieħed mill-passi ma jista' jinqabeż.

7. L-istudenti jagħmlu *poster* bl-isem tal-passi ta' kif insolvu problema. Staqsihom biex jidentifikaw it-tliet passi u jiktbuhom fuq il-*board*. Aqsam l-istudenti fi tliet gruppi. Kull grupp jkollu strixxa waħda tal-karti b'wieħed mill-passi, jistgħu jżejnuha kif jixtiequ. Fl-aħħar, ipoġġu l-passi fl-ordni korrett u jdendluhom fil-klassi. Tista' toħloq ktieb b'eżempji tajba ta' problemi solvuta. Dan il-ktieb "Nista' nsolvi l-problemi" jkollu paġni daqs kemm hemm studenti fil-klassi.



## Attività għad-Dar

Il-ktieb "Nista' nsolvi l-problemi" se jmur id-dar ta' kull student biex kull wieħed minnhom ikun jista', mal-familja tiegħu, jagħmel it-tpinġija ta' problema li ġiet solvuta b'suċċess (soluzzjoni tajba għal problema).

# PENĠI SOLUZZJONI

**Ktieb "Nista' nsolvi l-problemi"**

Agħmel tpenġija ta' soluzzjoni tajba għal problema li turi l-passi kollha ta' kif insolvu l-problemi!

*Lill-ġenituri: Agħtu ħarsa mat-tfal tagħkom lejn il-ktieb "Nista' nsolvi l-problemi" u flimkien pinġu problema li għandha soluzzjoni tajba.*





# SOTTOTEMA 2
# L-*empowerment* u l-awtonomija

**L-*empowerment* huwa l-perċezzjoni tal-individwu tal-kompetenza personali tiegħu u kemm jemmen li l-għanijiet jistgħu jintlaħqu. Min-naħa l-oħra l-awtonomija tirreferi għas-sens ta' identità tal-persuna u l-kapaċità li l-persuna taġixxi b'mod independenti u jkolla xi tip ta' kontroll fuq l-ambjent ta' madwarha (Benard, 2004). L-ewwel topik jiffoka fuq l-iżvilupp ta' skop u tifsira tal-ħajja. L-istudenti jaħsbu dwar is-sens li għandhom l-affarijiet ta' madwarhom, kif ukoll jirriflettu fuq l-iskop tagħhom stess u jimmaġinaw x'se jiġri meta jikbru. It-tfittxija għall-iskop tal-ħajja hija kawża ta' ansjetà fil-ħajja ta' ħafna nies. Meta l-persuna ssib skop għal ħajjitha tħossha iktar kuntenta u tkun iktar b'saħħitha. It-tieni topik għandu l-għan li jiżviluppa sens ta' kontrol u fiduċja biex jgħin lill-istudenti jagħrfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet, jgħinu lill-oħrajn iwettqu l-affarijiet, jilħqu l-għanijiet tagħhom u jegħlbu l-isfidi. Sakemm l-individwu ma jemminx fih innifsu, li huwa kapaċi u li jista' jipproduċi l-effetti mixtieqa bl-azzjonijiet tiegħu, ftit għandu nċentiv li jaġixxi jew li jżomm sod quddiem id-diffikultajiet (Bandura, 1997). It-tielet topik jiffoka fuq l-għarfien tat-tfal tagħhom infushom u ta' ħaddieħor, u kif jistgħu jaqbzu għalihom infushom (self-*advocacy*). Permezz ta' dawn l-attivitajiet, it-tfal jkollhom ukoll l-opportunità jesploraw id-drittijiet tal-bniedem, u jżidu l-kapaċità li jirriflettu b'mod iktar profond u ħerqan f'livell ogħla minn dak li hu mistenni minn tfal ta' din l-età.**

---

**TOPIK 1**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

## NIŻVILUPPAW SKOP FIL-ĦAJJA U GĦALIEX QED NGĦIXU

- JIDENTIFIKAW U JIDDESKRIVU X'INHU IMPORTANTI GĦALIHOM.
- JITKELLMU DWAR GĦALIEX XI AFFARIJIET LI JIĠRU MADWARHOM
- JIMMAĠINAW U JIDDESKRIVU X'SE JIĠRI META JIKBRU.

---

| | |
|---|---|
| **TOPIK 2**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIŻVILUPPAW SENS TA' KONTROLL U KUNFIDENZA FINA NNFUSNA**<br>• JAGĦRFU LI JISTGĦU JWETTQU L-AFFARIJIET.<br>• JAGĦRFU LI ĦADDIEĦOR JISTA' JGĦINHOM IWETTQU L-AFFARIJIET.<br>• JEMMNU LI HUMA KAPAĊI JWETTQU L-AFFARIJIET . |
| **TOPIK 3**<br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NITGĦALLMU NAQBŻU GĦALINA NNFUSNA**<br>• JIDENTIFIKAW TIXBIH U DIFFERENZI BEJNHOM U BEJN ĦADDIEĦOR.<br>• JITKELLMU U JAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦHOM.<br>• JIDDESKRIVU D-DRITTIJIET U R-RESPONSABBILTAJIET TAGĦHOM |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Emmen fl-istudenti u urihom li inti temmen fihom u tisstenna li huma kapaċi u ser jagħmlu suċċess.

2. Iċċelebra is-suċċessi tal-istudenti u enfasizza l-isforz li jagħmlu.

3. Ara li l-istudenti jkunu esposti għall-varjetà wiesgħa ta' attivitajiet biex iżżid l-għarfien dwar l-interessi u t-talenti tagħhom.

4. Kun pożittiv u ottimistiku dwar il-futur tat-tfal u ħeġġiġhom jesprimu l-ideat tagħhom fuq il-futur.

5. Uża esperjenzi ta' kuljum biex titkellem fuq id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tat-tfal.

# TOPIK 1 Niżviluppaw skop fil-ħajja u għaliex qed ngħixu

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jidentifikaw u jiddeskrivu x'inhu importanti għalihom.

Jifhmu għaliex ċerti affarijiet jiġru madwarhom.

Jimmaġinaw u jiddeskrivu x'se jiġri meta jikbru.

## Attività 1: Ċika taħseb dwar x'inhu importanti

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidenitifikaw u jiddeskrivu x'inhu importanti għalihom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi*

Niddeskrivi x'inhu importanti għalja.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t'attività 'Pinġi dak li hu importanti għalik'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-Kejk tal-Frawli u t-Torta tad-Dulliegħ**

**Ċika u Żigu ġew lura mill-iskola eċitati. Il-jum tal-ħarġa skolastika kienet waslet u ma setgħux ikunu aktar kuntenti. Din is-sena, l-iskola ddeċidiet li tieħu l-istudenti kollha l-baħar. Ċika tgħidx kemm kienet tħobbu l-baħar u l-affarijiet kollha li setgħet tagħmel li ma kinux possibbli fil-ġnien bħal ixxarrab saqajha fl-ilma mielaħ, tixxemmex, tiekol il-ġelati u tirrombla fir-ramel sħun...! "Ma nistax nistenna biex inkun hemm, Żigu! Inħossni vera ferħana!" qalet Ċika.**

**Omm Ċika kienet dejjem tagħmel ikel speċjali għall-ħarġa tal-iskola u din is-sena ma kenitx se tkun differenti. Il-ġurnata ta' qabel omm Ċika ppreparat torta tal-faqqiegħ, insalata tal-ġewż u l-patata. Kien jonqos biss id-deżerta favorita ta' Ċika: il-kejk tal-frawli.**

**Dakinhar tal-ħarġa, Ċika qamet kmieni iktar mis-soltu. Ommha kienet qed iddaħħal l-kejk tal-frawli ġol-forn meta ħarqet idha mal-forn jaħraq. "Ajma...Le le m'għandi xejn gravi", qalet, tipprova tikkalma lil Ċika. Iżda omm Ċika qalet "X'xorti ħażina biex dan kellu jiġri illum! B'idi maħruqa mhux se nkun nista' naħmi t-torta tad-dulliegħ għall-kompetizzjoni tat-torti tal-ġnien!"**

**Ċika ħasset ħafna affarijiet fl-istess ħin. Xtaqet tmur il-ħarġa tal-iskola iżda kienet taf li ommha kienet ser tkun imdejqa għax ma tkunx tista' tipprepara t-torta tagħha tad-dulliegħ. F'dawn l-aħħar tliet snin, dejjem rebħet premju f'din il-kompetizzjoni. Ċika ħasbet li setgħet toqgħod id-dar tgħin lill ommha, peress li waħda mill-affarijiet favoriti tagħha kienet li toqgħod isajjar it-torti m'ommha. Iżda xtaqet ħafna tmur il-ħarġa tal-iskola ma' sħaba. Wara li ħasbet ftit, ġieta idea kif setgħet issolvi din is-sitwazzjoni... "Ma?" staqsiet Ċika. "Għandi idea! Noqgħod ngħinek sakemm immur l-iskola u se nċempel lill-ġara biex tiġi tgħinek tagħmel it-torta. Hekk tkun tista' tieħu sehem fil-kompetizzjoni u jien inkun nista' mmur il-ħarġa tal-iskola"**

**"Oh, Ċika, għannaqni waħda kbira!" qalet ommha. Il-qanfuda ż-żgħira staqsiet lill-ġara tagħha għall-għajnuna li bil-ferħ aċċetat, u qattgħet dik l-għodwa tgħin lil omm Ċika taħmi t-torta tad-dulliegħ. Ċika ħassitha kuntenta ħafna dwar id-deċiżjoni tagħha.**

L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- Xi ġralha omm Ċika?
- X'għamlet imbgħad Ċika ?

- Kif ħassitha Ċika wara?

3. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tagħti eżempju tal-affarijiet li tħobb tagħmel u li jagħmluk kuntent/a?
- Ġieli mmaġinajt xi ħaġa w imbagħad wettaqtha?
- Tista' tagħti eżempju tal-affarijiet li huma importanti għalik?

4. Staqsi lill-istudenti ipinġu xi ħaġa li ħolmu dwarha u li imbagħad wettquha fil-prattika. Pereżempju jistgħu jagħżlu xi ħaġa li jħobbu (eż. ikantaw, jilagħbu logħba...) u li hija importanti għalihom. Fl-aħħar, jistgħu jiddiskutu dwar it-tpinġija, l-ewwel f'pari imbagħad bħala grupp sħiħ.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu magħhom d-dar il-folja t'attività "Pinġi dak li hu importanti għalik" u juruha u jiddikutuha mal-ġenituri tagħhom.

## PENĠI DAK LI HU IMPORTANTI GĦALIK

Penġi xi ħaġa li hija importanti għalik. Pereżempju xi ħaġa li tħobb tagħmel, jew xi ħaġa li tagħmlek kuntent.





*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu tpinġija dwar xi ħaġa li hija importanti għalihom. Tkellmu magħhom dwarha, staqsu, pereżempju, għaliex dak li pinġew huwa importanti għalihom.*





# Attività 2: Ċika tifhem għaliex jiġru ċerti affarijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu għala jiġru ċerti affarijiet madwarhom

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi għaliex ċerti affarijiet jiġru madwari.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', krejons, lapsijiet bil-kulur jew *markers*, folja t'attività 'Pinġi dak li tista' tagħmel waħdek'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- X'ġaralha omm Ċika?
- Kif weġgħet idha omm Ċika?
- Ċika kif iddeċidiet li tgħin lil ommha?
- X'taħseb dwar id-deċiżjoni ta' Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-

mistoqsijiet:

- Ġratlek xi ħaġa simili?
- Kif ġrat u għala?
- X'għamilt imbgħad?

5. Staqsihom dwar xi ħaġa li jemmnu li jistgħu jagħmlu weħidom, pereżempju *Jien nista' naħsel snieni, nista' niekol waħdi, nista' nuża l-maktur, nista' ngħid l-indirizz u n-numru tat-telefon tad-dar, l-iskola nista' nieħu ħsieb l-affarijiet tiegħi, nista' ngħin fix-xogħol tad-dar*, nista' nagħmel il-*homework waħdi*.

6. Stasqi lill-istudenti jaħsbu f'eżempju li juri kif jistgħu jinfluwenzaw dak li jiġrilom. Pereżempju: jekk nagħżel li nilgħab logħba li nħobb u nilgħabha ħafna drabi, insir tajjeb; jekk nittratta l-ħabib tajjeb, insiru iktar ħbieb; jekk noqgħod attent nitgħallem iktar u mmur aħjar fl-iskola.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jieħdu magħhom id-dar il-foljat'attività "Pinġi dak li tista' tagħmel waħdek" u jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwarha. Jitsgħu wkoll ikomplu l-folja billi jpinġu xi ħaġa li jistgħu jagħmlu waħedom id-dar.

## PENĠI DAK LI TISTA' TAGĦMEL WAĦDEK




Meta nemmnu fina nfusna u nippruvaw l-affarijiet iktar minn darba, nitgħallmu nagħmlu l-affarijiet waħedna!

| |
|---|
| **Affarijiet li naf nagħmel waħdi l-iskola:** |
| **Affarijiet li naf nagħmel waħdi d-dar:** |

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu din l-folja t'attività fejn huma pinġew dwar dak li jistgħu jagħmlu waħedom l-iskola. Flimkien, komplu din il-folja, billi tgħinu lit-tfal ipinġu xi ħaġa li jistgħu jagħmlu waħedom id-dar.*





# Attività 3: Ċika ssib skop

## L-Għan tat-Tagħlim

Jimmaġinaw u jiddeskrivu x'se jiġri meta jikbru.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nimmaġina u nitkellem dwar dak li se jiġri meta nikber.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t'attività 'La Nikber'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti biex jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- X'ġaralha omm Ċika?
- X'għamlet Ċika biex issolvi l-problema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli waqaft taħseb dwar l-affarijiet li tixtieq tagħmel fil-ġejjini meta tikber? X'inhuma dawn l-affarijiet?

5. Qabel tibda l-attività, staqsi lill-istudenti jimmaġinaw lilhom infushom jikbru. X'se jiġri? X'tistgħu tkunu qed tagħmlu? Staqsihom biex ipinġu affarijiet li jħobbu jagħmlu, affarijiet li huma tajba fihom, u affarijiet li jixtiequ jagħmlu la jikbru. It-tpinġijiet imbagħad jaqsmuhom mal-bqija tal-grupp.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu t-tpinġijiet id-dar u jitkellmu mal-ġenituri dwarhom. Il-ġenituri jistgħu jaqsmu dak li jaħsbu huma wkoll dwar il-ġejjieni tat-tfal.

# LA NIKBER




*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu t-tpinġijiet tagħhom dwarhom u l-ġejjieni tagħhom. Iddikutuhom magħhom u għidu wkoll x'taħsbu intkom dwar il- ġejjieni tagħhom (kunu pożittivi).*




# TOPIK 2 Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi |
|---|
| Jagħfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet. |
| Jagħfu li ħaddieħor jista' jgħinhom jwettqu l-affarijiet. |
| Jemmnu li huma kapaċi jagħmlu l-affarijiet b'mod indipendenti. |

## Attività 1: Żigu jemmen li jista'

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li jien nista' nagħmel ċertu l-affarijiet

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t'attività 'Nagħmel l-affarijiet'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**L-Għasfur Isfar**

**Żigu kien fil-ġnien jiġbor l-injam għall-fuklar. Meta lesta, induna li l-ġewlaq kien tqil wisq. Ġibed u ġibed, u pprova iżda ma setax imexxih. Iddeċieda li jħallih fil-ġnien, iżda imbagħad ħaseb: "Nista' nsib lil xi ħadd biex jgħinni".**

**Għalhekk, Żigu beda miexi u fil-viċin ra ċerv bil-qarn imsaġġar twil. "Bonġu! Tista' tgħinni, jekk jogħġbok? Għandi bżonn nieħu ġewlaq injam id-dar iżda tant huwa tqil li ma nistax inġorru waħdi!" talab l-iskwiril. Iċ-ċerv ħares lejn Żigu u qallu li ma setax għax kien mgħaġġel. Żigu ddejjaq, iżda kompla jimxi sakemm ra volpi. Dan deher b'saħħtu u jiġri ħafna. Żigu ħaseb "Dan il-volpi jista' jgħinni". Hu ġera u staqsieh: "Aw volpi! Tista' tgħinni, jekk jogħġbok? Għandi bżonn nieħu basket injam id-dar iżda tant huwa tqil li ma nistax inġorru waħdi!" Il-volpi wieġeb: "Skużani ħafna, imma għadni kemm ġejt lura vjaġġ twil u nħossni għajjien mejjet. Tista' ssib lil xi ħaddieħor?" "Nipprova", qal Żigu u kompla jimxi. Wara ftit ra għasfur żgħir isfar u ħaseb: "Forsi dan l-għasfur ċkejken jista' jgħinni. Iżda huwa żgħir wisq u ma tantx jidher b'saħħtu..." Imsomma ħa ċans u staqsih. L-għasfur iż-żgħir wieġeb, "Iva, dażgur! Pjaċir tiegħi li nista' li ngħinek!"**

**L Żigu irringrazzja bil-qalb lill-għasfur iċ-ċkejken u sellimlu. F'dak il-ħin, Żigu tgħallem li ma tridx taqta' qalbek u li fl-aħħar u temmen jirnexxielek.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'taħseb dwar l-istorja?
   - X'ġaralu Żigu?
   - Kif ipprova jsolvi l-problema?
   - Meta ma sabx għajnuna mic-ċerv u mill-volpi, x'għamel?
4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
   - Ġieli kellek problema fejn kellek bżonn l-għajnuna?
   - Tista' tiddeskriviha?
   - Kif ipprovajt issolviha?

5. L-istudenti jagħmlu tpinġija dwar l-istorja u kif Żigu solva l-problema. Imbagħad jaqsmu t-tpinġija mal-klassi u jitkellmu dwarha.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu t-tpinġija magħhom id-dar u jiddiskutuha mal-ġenituri tagħhom. Flimkien, jistgħu jispiċċaw it-tpinġija.

## NAGĦMEL L-AFFARIJIET

Aħna nkunu aktar b'saħħitna jekk naħsbu li nistgħu nagħmlu l-affarijiet! Agħmel tpinġija dwar l-istorja.



________________________________________________

*Lill-ġenituri: It-tfal ġabu t-tpinġija tagħhom dwar l-istorja "L-għasfur isfar", iddiskutuha u spiċċawha flimkien.*





# Attività 2: Żigu jitlob l--għajnuna

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li ħaddieħor jista’ jgħinhom iwettqu l-affarijiet.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nifhem u napprezza li ħaddieħor jista’ jgħinni nagħmel l-affarijiet.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’, krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t’attività ‘Affarijiet li inti tagħmel’.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b’attività ta’ Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f’Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta’ pupazzi tal-idejn jew tas-swaba’. Stieden lill-istudenti jirrecċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X’taħseb dwar l-istorja?
- X’ġaralu Żigu?
- Seta’ jagħmilha waħdu? X’għamel imbagħad?
- Lil min staqsa għall-għajnuna?
- Fl-aħħar kif solva l-problema?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-

mistoqsijiet:

- Ġieli kellek problema bħal ta' Żigu meta kellek tistaqsi għall-għajnuna biex issolviha?
- Min għenek? X'ġara fl-aħħar?

5. Staqsi lill-istudenti biex iħarsu lejn l-istampi fil-folja t'attività "Affarijiet li tista' tagħmel" u jimmarkaw b'X dawk li jistgħu jagħmlu b'xi ftit għajnuna. Imbagħad jagħmlu tpinġija ta' xi ħaġa li biex jagħmluha għandhom bżonn l-għajnuna (eż. Jien nista' nieħu banju bl-għajnuna ta' ommi/missieri, nista' ngħum f'partijiet fondi tal-pixxina b'xi għajnuna mill-għalliem/a tiegħi). Fl-aħħar, stieden lill-istudenti biex jiddiskutu t-tpinġijiet flimkien. Fl-aħħar għamel *poster* bit-tpinġijiet kollha tal-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu d-dar il-folja t'attività, jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar x'għamlu l-iskola u flimkien jagħmlu tpinġija oħra dwar xi ħaġa li jagħmlu d-dar bl-għajnuna ta' ħaddieħor.

## AFFARIJIET LI INTI TAGĦMEL

Meta ma nkunux nistgħu nagħmlu xi ħaġa weħidna, nistgħu nitolbu l-għajnuna! Ara l-istampa t'hawn taħt u mmarka b'X dawk li tagħmel waħdek.



Naħsel snieni ☐



Niekol ☐



Naqra ktieb ☐



Innaddaf il-ġnien ☐



Nilgħab ma' ħabib/a ☐

Issa pinġi xi ħaġa i li tista' tagħmel bi ftit għajnuna ta' ħaddieħor:

---

Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar affarijiet li jistgħu jagħmlu weħidom u affarijiet fejn għandhom bżonn l-għajnuna. Flimkien tpinġija oħra ta' xi ħaġa li jagħmlu d-dar bl-għajnuna.





# Attività 3: Żigu jwettaq l-affarijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jemmnu li huma kapaċi jagħmlu l-affarijiet b'mod indipendenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nemmen li jien kapaċi nagħmel l-affarijiet waħdi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, magazin qadim, kolla, imqass, folja t'attività 'Jien kapaċi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti biex jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

   - X'taħseb dwar l-istorja?
   - X'kienet l-isfida/problema ta' Żigu?
   - X'għamel biex isolviha?
   - X'ħaseb Żigu matul l-istorja (eż. kien dejjem ottimist/pessimist; kunfidenti/mhux kunfidenti li jsib għajnuna mingħand ħaddieħor)?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

   - Tista' taħseb f'sitwazzjonijiet oħra fejn kellek problema tixbah lil dik ta' Żigu?

- X'għamilt biex solvejtha?
- X'kienu l-ħsibijiet tiegħek dwar il-problema u s-soluzzjoni tagħha? (Eż. Int minn dejjem kont ottimist/pessimist, kunfidenti/mhux kunfidenti li se jgħinek ħaddieħor)?

5. Għid lill-istudenti li kulħadd jiltaqa' mal-isfidi u li kullħadd jista' li jegħlibhom. Huwa importanti żda li aħna nemmnu li nistgħu nagħmlu l-affarijiet u li aħna kapaċi nagħmluhom.

6. Agħti lil kull student il-folja t'attività "Jien kapaċi" u staqsihom jaħsbu dwar l-affarijiet li jemmnu li huma jistgħu jagħmlu, jew b'mod indipendenti jew bl-għajnuna ta' ħaddieħor. L-istudenti ipinġu dawn is-sitwazzjonijiet ġol-isħab tal-folja. Fl-aħħar l-istudenti jaqsmu x-xogħol tagħhom fil-klassi, u int tista' tpoġġi fi kliem is-sentenzi li l-aħjar jiddeskrivu t-tpinġijiet. Jista' jsir poster kbir mit- tpinġijiet.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar l-affarijiet li jistgħu jagħmlu d-dar u Jagħmlu lista tagħhom d-dar.

# JIEN KAPAĊI…

Meta nemmnu fina nfusna huwa eħfef li negħlbu l-isfidi! Penġi affarijiet li int temmen li kapaċi tagħmel, waħdek jew bl-għajnuna ta' ħaddieħor.



# JIEN KAPAĊI...

Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar dawk l-affarijiet li jemmnu li huma kapaċi jagħmlu d-dar. Per eżempju, tistgħu tagħmlu lista ta' dawk l-affarijiet li jagħmlu d-dar fir-rutina ta' kuljum. Jistgħu jagħmlu tpinġijiet tagħhom hawn taħt.





# TOPIK 3 Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jidentifikaw xebh u differenza bejnhom u bejn ħaddieħor.

Jitkellmu u jaqbżu għad-drittijiet tagħhom.

Jiddeskrivu d-drittijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom.

## Attività 1: Ċika titkellem

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw xebh u differenzi bejnhom u bejn ħaddieħor.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi kif jien bħal jew differenti min ħaddieħor.

### *Livell*

Bażiku

### *Rżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', imqass, *finger paints*, folja t'attività 'Min hu min?', folja t'attività 'Stampi biex inqasqsu', folja t'attività 'Il-marki tas-swaba tiegħi', folja t'attività 'Min hu simili jew differenti?'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Aħna lkoll l-istess**

**Ċika u Żigu kienu l-iskola, jilagħbu fil-bitħa. Kienu qed igawdu s-sħana tax-xemx u jieklu l-ikla ta' filgħodu. F'daqqa waħda, raw grupp ta' annimali jidħqu jgħajtu flimkien. Marru jaraw x'kien għaddej u f'nofs il-grupp kien hemm qanfuda żgħira.**

**"Tafha Żigu?", staqsiet Ċika. "Naħseb li hi Lina, l-istudenta l-ġdida tal-iskola tagħna. Qed jidħqu bil-ponot tagħha għax għandha żewġ ponot biss", wieġeb l-iskwiril.**

**"Hemm bżonn ngħamlu xi ħaġa Żigu! Li qed jagħmlu mhux xi sewwa!" ipprotestat Ċika. Żigu ma kienx ċert… li jaqbżu għall-qanfuda ż-żgħira seta' jwassal biex l-animali l-oħra iwarrbuhom. "U x'jiġri jekk ma jilagħbux iktar magħna? Forsi taparsi ma rajna xejn…"qal Żigu. "Ma nistax nemmen li qed tgħid hekk Żigu! Għandna nagħmlu dak li nħossu li hu sewwa!" qalet Ċika li kienet diġà miexja lejn Luke il-kelb. "Luke, għala qed tiżżufjetta b'Lina l-qanfuda ż-żgħira? Dik għadha ġdida l-iskola. Int suppost kellek tilqagħha u tgħinha mhux tidħaq biha!"**

**"U ejja Ċika! Għandha biss żewġ ponot!!! Bilforst tidħaq biha!" wieġeb Luke . "Luke, ma nistennihiex minn għandek! Tiftakar x'qalulek it-tfal l-ewwel darba li ġejt l-iskola?" staqsiet Ċika.**

**Luke baxxa rasu u telaq 'l hemm. Dak il-ħin ftakar kemm ħassu mdejjaq meta, l-ewwel ġurnata tal-iskola, xi annimali għajruh bir-riħa kellu. Ċika kellha raġun, ma kienx qed jimxi sew ma' Lina.**

**L-għada, meta Żigu u Ċika waslu l-iskola, raw lil Luke u l-annimali l-oħra jilagħbu ma' Lina. "Ċika, ma tistax timmaġina x'tista' tagħmel b'żewġ ponot biss! Vera fiha gost" qal Luke jitbissem. Minn dakinhar 'l hemm, l-annimali kollha marru tajjeb flimkien u ma qagħdux jaqbdu ma' xi min kien differenti.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- Għala l-animali kienu qed jidħqu b'Lina?
- X'taħseb dwar l-imġiba tagħhom?

4. Imbagħad irrelata l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt rajt lil xi ħadd jaqbad ma' ħaddieħor għax kien jidher differenti?
- Jekk iva, x'għamilt?

- X'affarijiet jagħmluna bħal jew differenti minn xulxin?

5. Staqsi lill-istudenti jpoġġu f'ċirku biex jilagħbu logħba "Min hu Min". L-għan huwa li jsibu stampi ta' studenti li huma simili. Uri l-karti mill-folja t'attività li jirrappreżentaw tfal differenti. Għin lil kull student jaqta' l-karti. Imbagħad kull student jagħżel karta u jqabbilha mal-istess stampa fuq il-kartonċina. Din l-attività tista' tintlagħab bħala logħba li wieħed jaqta' fejn kull student jiddeskrivi l-istampa tal-karta u l-oħrajn jipprovaw jaqtgħu liema stampa fuq il-kartonċina hija simili.

6. Il-marki tas-swaba' tagħna għandhon l-istess forma iżda fl-istess ħin huma kollha differenti u uniċi. Bl-użu tal-*finger paint*, kull student jagħmel il-marki tas-swaba' tiegħu/tagħha. Fl-aħħar, l-istudenti jitkellmu dwar dan ix-xogħol u jipprovaw jaraw ix-xebh u d-differenzi fil-marki tas-swaba'. Enfasizza li aħna kollha jista' jkollna xebh u differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi tagħna u wkoll f'affarijiet oħra dwarna, bħal postijiet, bliet jew pajjiżi li twelidna fihom, il-lingwa li nitkellmu, u dak li nieklu.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu magħhom id-dar il-folja t'attività "Min hu simili jew differenti?" biex mal-ġenituri tagħhom ipinġu stampa u jiddiskutu jekk jistgħux isibu xi ħadd fil-familja b'karatteristiċi simili jew differenti minn tal-istampa. Flimkien jagħmlu tpinġija ta' xi ħadd mill-familja li magħhom għandhom xi ħaġa l-istess (eż. l-istess kulur tax-xagħar).

# MIN HU MIN?

Aħna lkoll għandna karatteristiċi simili jew differenti! Sib dak li huwa simili u dak huwa l-istess fit-tfal fl-istampi t'hawn taħt.



| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
|  |  |  |





# STAMPI BIEX INQASQSU

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |





# IL-MARKI TAS-SWABA TIEGĦI







# MIN HU SIMILI JEW DIFFERENTI?

**Sib il-persuni fl-istampa li jidhru simili ta' xi membri tal-familja tiegħek**



**Penġi xi ħadd mill-familja tiegħek li hu simili għalik fil-kaxxa:**

Lill-ġenituri: It-tfal ġabu folja t'attività dwar id-differenzi u s-similaritajiet. Iddiskutu magħhom u sibu l-karattri fl-istampa li huma simili minn tal-inqas għal membru wieħed tal-familja tagħkom. Barra minn hekk, it-tfal ipinġu xi ħadd mill-familja li huwa simili għalihom.





# Attività 2: Ċika tiddefendi d-drittijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jitkellmu għad-drittijiet tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nitkellem u naqbeż għalija nnifsi u għad-drittijiet tiegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t'attività 'Naqbeż għad-drittijiet tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti biex jirreċtaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- X'kienu qegħdin jagħmlu lil Lina l-animali l-oħra?
- X'qalet Ċika meta rat lill-annimali jaqbdu ma' Lina? Kif irrisponda Żigu?
- Kif għenet lil Lina Ċika?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar xi sitwazzjoni personali bħal din tal-istorja?

- X'ġara?
- X'għamilt?
- X'għidt?
- Xi stajt għamilt aħjar?

5. Spjega s-sens ta' *self-advocacy*, billi tgħid lill-istudenti li huwa importanti ħafna li jesprimu l-bżonnijiet tagħhom u jaqbżu għalihom infushom u għad-drittijiet tagħhom, waqt li jirrispettaw, fl-istess ħin, id-drittijiet ta' ħaddieħor. Spjega li bħal kwalunkwe persuna oħra, għandhom drittijiet bażiċi bħal ngħidu aħna d-dritt li ngħidu "le"; id-dritt li ngħidu "Ma nafx"; id-dritt li jpoġġu s-sentimenti, il-ħsibijiet u l-bżonnijiet tagħhom l-ewwel; id-dritt li jagħmlu l-iżbalji; id-dritt li jibdlu fehmithom; id-dritt li jkollhom opinjoni; id-dritt li kultant ikunu weħidhom; id-dritt li kultant jinterrompu lil ħaddieħor; id-dritt li jitolbu bidla, għajnuna jew appoġġ

Staqsi lill-istudenti biex jipprovaw jiftakru stwazzjoni ta' sfida u kif jistgħu jaqbżu għalihom infushom f'dik is-sitwazzjoni (kienu imbutatti mil-linja; kienu esklużi minn logħba, kienu *bullied*). Staqsihom biex jitkellmu dwarha. Għinhom jipprovaw jifhmu x'setgħu jagħmlu u x'setgħu jgħidu. Fl-aħħar, għidilhom jagħmlu tpinġija dwar dik is-sitwazzjoni.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri dwar sitwazzjonijiet li fihom ma ħassewhomx komdi jesprimu l-bżonnijiet tagħhom. Jistgħu jirreċtaw modi kif l-istudenti jistgħu jitkellmu u jkunu *self-advocate* tagħhom infushom.

# NAQBEŻ GĦAD-DRITTIJIET TIEGĦI




Huwa importanti ħafna li tesprimi l-bżonnijiet tiegħek u taqbeż għalik innifsek u għad-drittijiet tiegħek, waqt li tirrispetta d-drittijiet ta' ħaddieħor. Pinġi sitwazzjoni fejn inti trid taqbeż għal wieħed mid-drittijiet tiegħek.



Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar sitwazzjonijiet fejn huma ma ħassewhomx komdi jesprimu l-bżonnijiet tagħhom. Flimkien irreċtaw modi kif it-tfal tagħkom jistgħu jitkellmu u jaqbżu għalihom infushom.





# Attività 3: Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' Ċika and Żigu

## L-għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu d-drittijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insemmi d-drittijiet u r-responsabbilitajiet tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', imqass, krejons, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, folja t'attività 'Id-Drittijiet u r-Responsabbilitajiet tat-Tfal'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'. Stieden lill-istudenti biex jirrectaw l-istorja bl-użu tal-pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-istorja?
- X'ġaralha Lina?
- Kif kienu qed iġibu ruħhom l-annimali l-oħra ma' Lina? X'kienet ir-raġuni?
- X'taħseb dwar ir-reazzjoni ta' Ċika meta qabżet għal Lina?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tiftakar sitwazzjoni personali simili għall-istorja ta' Lina?

- Kif ħassejtek?
- X'għamilt?
- X'taħseb li huma d-drittijiet u r-responsabbilitajiet tiegħek?

5. Qabel tibda l-attività, aqta' l-karti tal-folja t'attività. Tista' tagħmel kopji addizzjoniali għal kull student biex tal-inqas kull student ikollu waħda.

Uri l-istampi marbutin mad-drittijiet u r-responsabbilitajiet tat-tfal u staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu dak li qed jaraw fl-istampa. Agħti lil kull student stampa waħda u stedinhom biex ipinġuha. Agħmel reċta tat-tfal qed jaqbżu għal x'uħud minn dawn id-drittijiet.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu d-dar il-karta li pinġew l-iskola u jiddiskutu fuqa mal-ġenituri tagħhom. L-għada, staqsi dwar il-kummenti tal-ġenituri tagħhom fuq it-tpinġija. Waħħal il-karti tad-drittijiet u r-responsabbilitajiet mal-ħajt.

# ID-DRITTIJIET U D-DMIRIJIET TAT-TFAL

Huwa importanti li tkun taf id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tat-tfal!

























It-tfal għandhom id-dritt...
li jiġu edukati


...u r-responsabbiltà...
li jitgħallmu kemm jistgħu u jgħinu lill-ħaddieħor jitgħallem


It-tfal għandhom id-dritt...
li ħaddieħor jismagħhom


...u r-responsabbiltà...
li jisimgħu lil ħaddieħor


It-tfal għandhom id-dritt...
li jirrilassaw, jilagħbu, u jieħdu sehem f'bosta attivitajiet


...u r-responsabbiltà...
li jinkludu lil kulħadd fil-logħob u fl-attivitajiet tagħhom


It-tfal għandhom id-dritt...
għal ambjent nadif id-dar, l-iskola, u kull fejn ikunu


...u r-responsabbiltà...
li jagħmlu li jistgħu biex jieħdu ħsieb l-ambjent

## Penġi waħda minn dawn l-istampi kif tixtieq





**Checklist għall-Valutazzjoni tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ______________________________________<br><br>Data: ______________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 4 Niżviluppaw Sens ta' Determinazzjoni Soda*** | |

| **4. NIŻVILUPPAW SENS TA' DETERMINAZZJONI SODA** | |
|---|---|
| **4.1. INSOLVU L-PROBLEMI** | Livell 0, 1, 2 jew 3 |
| **4.1.1. Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi** | |
| 4.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jagħraf sitwazzjoni problematika | |
| 4.1.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf li jista' jsib soluzzjonijiet għal problema | |
| 4.1.1.A. L-istudent kapaċi jsib soluzzjonijiet kreattivi biex isolvi problema | |
| **4.1.2. Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni** | |
| 4.1.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi jekk is-soluzzjonijiet jaħdmux jew le | |
| 4.1.2.I. L-istudent kapaċi jiddistingwi bejn soluzzjonijiet tqal jew ħfief biex jitpoġġew fil-prattika | |
| 4.1.2.A. L-istudent kapaċi iqis jekk jogħġbuhx ir-riżultati ta' azzjoni qabel jieħu deċiżjoni | |
| **4.1.3. Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni** | |
| 4.1.3.B. L-istudent kapaċi japplika soluzzjoni biex isolvi problema | |
| 4.1.3.I. L-istudent kapaċi jqis r-riżultati ta' soluzzjoni li ġiet użata u jekk hemm bżonn jerġa' jipprova | |
| 4.1.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika u jimplimenta fil-prattika t-tliet passi tal-proċess ta' kif insolvu l-problemi | |
| **4.2.1. L-*EMPOWERMENT* U L-AWTONOMIJA** | |
| **4.2.1. Niżviluppaw skop għall-ħajja u għaliex qed ngħixu** | |
| 4.2.1.B. L-istudent kapaċi jidentifika u jiddeskrivi x'inhu importanti għalih | |
| 4.2.1.I. L-istudent kapaċi jispjega għaliex ċerti affarijiet jiġru madwaru | |

[1] B = Livell Bażiku, I = livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 4.2.1.A. L-istudent kapaċi jimmaġina u jiddeskrivi x’se jiġri meta jikber | |
| **4.2.2. Niżviluppaw sens ta’ kontroll u kunfidenza fina nnfusna** | |
| 4.2.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf li jista’ jwettaq l-affarijiet | |
| 4.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf li ħaddieħor jista’ jgħinu jwettaq l-affarijiet | |
| 4.2.2.A. L-istudent jemmen li kapaċi jagħmel l-affarijiet waħdu | |
| **4.2.3. Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna** | |
| 4.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika xebh u differenza bejnu u bejn ħaddieħor | |
| 4.2.3.I. L-istudent kapaċi jitkellem u jaqbeż għad-drittijiet tiegħu | |
| 4.2.3.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:

Għanijiet għal titjib:

# TEMA 5: Nibnu fuq il-ħiliet

## Sottotema 1 *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi

**TOPIK 1**

Inkunu nafu fuqna nfusna biex ikollna *self-concept* pożittiv

**TOPIK 2**

Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna biex insaħħu l-istima tagħna nfusna

**TOPIK 3**

Nagħfru li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna, u li nistgħu nkunu

## Sottotema 2 Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

**TOPIK 1**

Nużaw il-ħiliet meta nħossuna skomdi jew f'diffikulta

**TOPIK 2**

Nipparteċipaw soċjalment

**TOPIK 3**

Napprezzaw lilna nfusna u lill-oħrajn

# SOTTOTEMA 1
## *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi

***Self-concept*** **jirreferi għal "kollezzjoni ta' twemmin fuq in-natura, il-kwalitajiet u l-imġiba tipika tiegħek stess... stampa mentali tiegħek innifsek... tista' tinkludi wkoll twemmin bħal 'Jien qalbi tajba' jew 'Jien sabiħ/a' jew 'Jien nagħmel l-almu tiegħi'" (Weiten, Dunn, & Hammer, 2012) . Tirreferi għal aspetti varji tagħna nfusna inkluż il-parti soċjali, il-kompetenza, l-emozzjonijiet, il-parti fiżika, il-parti akkademika u l-familja fost oħrajn. Is-*self-concept* ma hu biss dak li l-persuna hi bħalissa imma wkoll dak li kienet qabel u x'tista' ssir fil-futur. Is-*self-esteem* (kemm wieħed jivvaluta lilu nnifsu) huwa meqjus bħala wieħed mit-tliet partijiet tas-*self-concept*. L-oħrajn huma *self-image* (kif tara lilek innifsek) u l-*ideal self* (kif tixtieq tkun). Iktar ma l-persuna tkun qrib *is-self* ideali tagħha, iktar aħjar, għax is-*self-concept* huwa realistiku. Fl-ewwel żewġ topiks, it-tfal jkollhom l-opportunità li jiskopru xi affarijiet fuqhom infushom li bihom jistgħu jiżviluppaw is-*self-concept* u l-istima pożittiva tagħhom infushom. It-tielet topik jgħin lit-tfal jagħfu li l-ħiliet tagħhom huma parti minn dak li kienu, li huma u li se jkunu fil-futur.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **INKUNU NAFU FUQNA NFUSNA BIEX IKOLLNA *SELF-CONCEPT* POŻITTIV**<br><br>• JAPPREZZAW LI ISIMHOM HUWA PARTI IMPORTANTI MINNHOM.<br>• JIDENTIFIKAW L-AFFARIJIET POŻITTIVI LI SĦABHOM IĦOBBU DWARHOM.<br>• JISPJEGAW GĦALIEX ĠEW MOGĦTIJA ISEM PARTIKOLARI. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NISKOPRU AFFARIJIET POŻITTIVI FUQNA NFUSNA SABIEX INSAĦĦU L-ISTIMA TAGĦNA NFUSNA**<br><br>• JIŻVILUPPAW TWEMMIN POŻITTIV FUQHOM INFUSHOM.<br>• IKUNU KBURIN B'XI KWALITAJIET JEW ĦILIET LI GĦANDHOM.<br>• JIDDEĊIEDU X'TITJIB JISTGĦU JAGĦMLU. |

**TOPIK 3**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

## NIRREALIZZAW LI L-ĦILIET TAGĦNA JAGĦMLU PARTI MINN DAK LI KONNA, LI AĦNA, U LI NISTGĦU NKUNU

- JIFHMU LI L-PREFERENZI JINBIDLU MAŻ-ŻMIEN.
- JIFHMU LI L-GOST LI JIEĦDU META JILAGĦBU JISTA' JINBIDEL MAŻ-ŻMIEN.
- JIDDESKRIVU KIF TFAL ŻGĦAR JESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U KIF DAN JINBIDEL MAŻ-ŻMIEN.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Ikkummenta fuq il-ħiliet tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet. Kun speċifiku/a kemm tista', u pprova kkummenta fuq l-affarijiet li jagħmlu. Dak li jagħmlu jista' jkun żviluppat u jista' jitjieb, imma l-karatteristiċi tagħhom huma iktar diffiċli biex jinbidlu; meta tikkumenta fuq il-karatteristiċi tagħhom, l-istudenti jistgħu jħossuhom inċerti u anzjużi. Minflok tgħid "kemm inti bravu/a", tista' tgħid "Togħġobni kif taħdem bir-reqqa; dan se jgħinek 'l quddiem". Minflok tgħid, "inti ħabib/a tajjeb/tajba", tista' tgħid "Napprezza kemm tgħin lil sħabek".

2. Ikkummenta fuq affarijiet li tosserva, speċjalment fuq titjib f'kull qasam (akkademiku, soċjali, imġiba, eċċ).

3. Kun mudell inti stess billi tikkummenta fuq l-affarijiet li inti kburi/kburija bihom u li jogħġbuk fik innifsek.

4. Ħeġġeġ lill-istudenti josservaw u jikkummentaw fuq l-affarijiet li jogħġbuhom fi sħabhom.

5. Għin lill-istudenti jagħrfu kif l-affarijiet jinbidlu maż-żmien billi turi kif il-passat huwa parti minn dak li aħna issa u anke minn dak li nistgħu nkunu, per eżempju, billi tirriflettu fuq l-istejjer li taqralhom fil-klassi.

# TOPIK 1 Inkunu nafu fuqna nfusna biex ikollna *self-concept* pożittiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Japprezzaw li isimhom huwa parti importanti minnhom.

Jidentifikaw affarijiet pożittivi li sħabhom iħobbu dwarhom.

Jispjegaw għaliex ġew mogħtija dak l-isem partikolari.

## Attività 1: Jisimni Ċika!

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Japprezzaw li isimhom huwa parti importanti minnhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Nagħraf li ismi huwa parti importanti minni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tas-swaba' jew tal-idejn, folja t'attività 'Ismi'



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi forma ta' id jew swaba':

**Ċika tkanta isimha**

**Ċika kuljum timxi fil-foresta u ssib tuffieħ u affarijiet oħra x'tiekol. Illum sabet ħafna affarijiet sbieħ x'tiekol u tgħidx kemm hi kuntenta biha nnifisha. Hi taħseb dwar isimha "Ċi-ka!". Isimha jogħġobha ħafna u taħseb li jixirqilha u juri li hi**

**qanfud speċjali. Imxiet u ġriet, u qabżet tgħajjat isimha, u ċċapċap idejha: Ċi-ka, Ċi-ka, Ċi-ka** *(ċapċipa għal kull sillaba)*. **Illum tinsab f'burdata tajba ħafna.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif tħossha dwar isimha Ċika?
- Għaliex tħobb isimha Ċika?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja ma' esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Inti jogħġbok ismek?
- Hemm ismijiet oħra li tixtieq li jgħajtulek bihom?
- Li kieku kont tifel (il-bniet) jew tifla (is-subien) x'isem kien jogħġbok?

5. Tkellem mal-istudenti dwar kif tkun persuna speċjali. Għidilhom li kull wieħed u waħda minnhom huwa persuna unika. Huwa tajjeb li tkun taf nies oħra uniċi u li tkun taf lilek innifsek. Isimna huwa parti ta' min aħna u jagħmilna wkoll persuna speċjali.

6. Kull student jgħidl ismu jew isimha lill-klassi kollha.

7. Issa agħmel ritmu bl-ismijiet. Pereżempju: ċapċap ir-ritmu tas-sillabi għal kull isem. Lisa tiġi Li-sa, Anthony jiġi An-tho-ny (ċapċipa għal kull sillaba). Ċapċap kull isem. Tista' wkoll tħalli lill-istudenti jimxu madwar il-kamra u jsabbtu saqajhom għal kull sillaba ta' isimhom.

8. Kanta kanzunetta bl-ismijiet (tista' tuża waħda lesta jew tagħmel waħda int).



## *Attività għad-Dar*

Staqsi lill-istudenti biex iċapċpu isimhom meta jkunu d-dar flimkien mal-ġenituri tagħhom. Staqsihom biex iċapċpu isem ieħor ta' xi ħadd mill-membri tal-familja. Fuq il-folja t'attività, il-ġenituri jiktbu l-isem tat-tifel jew tifla u jistaqsuhom biex iżejnu l-istampa permezz ta' kuluri, żebgħa u *glitter*.

## ISMI

Lill-Ġenituri: L-iskola, it-tfal tkellmu dwar isimhom. Huma kantaw kanzunetta billi użaw l-ismijiet u ċapċpu f'ritmu l-ismijiet tagħhom. Għidu lit-tfal iċapċpu isimhom magħkom. Staqsuhom biex iċapċpu isem ta' membru ieħor fil-familja wkoll. Iktbu isimhom taħt u staqsuhom biex ipenġuh billi jużaw kuluri, żebgħa u xi *glitter*.

__________________________________________________________________





# Attività 2: Żigu u sħabu jgħidu affarijiet sbieħ

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw l-affarijiet pożittivi li sħabhom iħobbu dwarhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nsir naf xi jħobbu sħabi dwari.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ritratti tat-tfal kollha meħuda b'kamera diġitali, kolla, karti, karta kbira, folja t'attività 'Żigu u sħabu jgħidu affarijiet sbieħ'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu u sħabu jgħidu affarijiet sbieħ**

**Żigu iħobb jiġri fis-siġar. Hu kburi ħafna b'ismu għax il-ġenituri tiegħu qalulu li hu ġie msemmi għal skwirril magħruf li kien jaf jaqbeż ħafna. Hu jħossu speċjali u kburi b'ismu. Darba waħda, waqt li kien qed jilgħab ma' sħabu, skoprew logħba fejn riedu jgħidu xi ħaġa sabiħa lil xulxin. Huma lagħbuha hekk: Xħin Żigu ipoġġi fuq werqa speċjali, kull skwiril irid jgħid xi ħaġa sabiħa dwaru. Huma qalulu li hu ħabib qalbu tajba, kapaċi jaqbeż 'il bogħod u jaf ikanta ħafna kanzunetti. Wara Żigu, kien imiss li jisimgħu affarijiet sbieħ dwar xi ħaddieħor, u l-bqija. Żigu u sħabu ħadu gost jilagħbu dik il-logħba. Żigu ħa ħafna gost jisma' daqshekk affarijiet sbieħ dwaru.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb mil-logħba li lagħbu Żigu u sħabu?

- Għaliex Żigu kien kburi b'ismu?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Int imsemmi għal xi ħadd?
- Hemm xi affarijiet li int kburi bihom dwar ismek?

5. Uża ritratt meħud b'kamera diġitali ta' kull student. Waħħal ir-ritratti mal-ħajt u meta turi kull ritratt, staqsi lill-istudenti biex jgħidu xi ħaġa sabiħa dwar l-istudent fuq ir-ritratt. Tista' wkoll tagħti eżempji ta' xi affarijiet li jistgħu jgħidu. Pereżempju: "Maria tħobb taqsam ma' ħaddieħor", " Toni jaf jisma' lil ħaddieħor". Ħu noti tal-kummenti tal-istudenti.

6. Poġġi lill-istudenti f'ċirku. Wieħed wieħed stedinhom biex joqogħdu fin-nofs taċ-ċirku waqt li inti taqra min-noti tiegħek x'affarijiet sbieħ l-istudenti l-oħra kitbu dwaru/dwarha. Kun ċert li kollha jkollhom tal-inqas tliet affarijiet pożittivi.

*7.* Waħħal ir-ritratt fuq il-folja u ikteb tliet affarijiet pożittivi dwar kull student taħt ir-ritratt. (*Dan biex tagħmel ċert li l-istudenti kollha jkollhom numru ndaqs ta' affarijiet pożittivi dwarhom).*

8. Fuq karta kbira ikteb fil-qosor dan li ġej: F'dan il-grupp aħna jisimna (l-ismijiet) u aħna (3 affarijiet pożittivi dwar kull student). Aqra mill-karta l-kbira biex l-istudenti jisimgħu.



## *Attività għad-Dar*

Staqsi lill-istudenti biex juru lill-ġenituri l-karti ż-żgħar b'isimhom u bir-ritratti. Il-ġenituri jżidu ħaġa waħda pożittiva dwar it-tfal tagħhom.




**ŻIGU U SĦABU JGĦIDU AFFARIJIET SBIEĦ**



Lill-ġenituri: Żidu xi ħaġa pożittiva dwar it-tfal tagħkom hawn taħt:





# Attività 3: Ċika tistaqsi fuq isimha

## L-Għan tat-Tagħlim

Jispjegaw għaliex ġew mogħtija dak l-isem partikolari.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nsir naf għaliex ismi hu speċjali.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, kuluri jew lapsijiet tal-kuluri, folja t'attività 'Minn fejn ġie ismi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika u Żigu jiltaqgħu**

**Darba waħda Ċika kienet bi kwietha tilgħab fil-foresta, u Żigu kien qed jilgħab ħdejha. F'daqqa waħda Ċika staqsiet lil Żigu: "Żigu, taf għaliex il-ġenituri tiegħek semmewk Żigu?"**

**"Iva, il-ġenituri tiegħi qaluli li jien imsemmi għal skwirril magħruf li kien jaf jaqbeż ħafna. Jien bħalu għax tgħidx kemm inħobb nixxabbat, naqbeż u intir minn sigra għall-oħra!" qal Żigu.**

**Ċika ħasbet dwar it-tweġiba ta' Żigu, u ddeċidiet li tistaqsi lill-ġenituri tagħha għaliex semmewha Ċika. "Qalbi, jien semmejtek għall-bużnanna Ċikita. Hi kienet qanfud speċjali li ġabet lill-familja kollha tgħix ġo din il-foresta sabiħa. Kienet qanfud kuraġġjuża u ma kinitx tieħu gost tipprova affarijiet ġodda. U meta twelidt int, jien mill-ewwel kont naf li int se tkun qanfuda speċjali bħall-bużnanna Ċikita." Ċika ħassitha kuntenta li kienet ġiet mogħtija dak l-isem speċjali!.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitek l-istorja?
- Xi staqsiet Ċika lil Żigu?
- Għal min kienet imsemmija Ċika?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt staqsejt lill-ġenituri tiegħek dwar ismek?
- B'liema mod ismek huwa sabiħ jew interessanti?

5. Għid lill-istudenti ipinġu isimhom fuq karta, iżejnu isimhom b'tali mod li juri xi ħaġa dwar isimhom jew dwarhom, pereżempju: b'xi fjuri jew b'kuluri jew b'xi annimal li jħobbu.

6. Iġbor lill-istudenti flimkien, u ħalli lil dawk li jixtiequ jaqsmu mal-oħrajn it-tpinġijiet ta' isimhom.

7. Fuq wara tal-karta, l-istudenti jistgħu jaħsbu fuq dan li ġej: Ismi jogħġobni għax...



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu l-ġenituri tagħhom kif u għaliex iddeċidew li jagħtuhom isimhom speċjali. Wara, ħalli xi studenti li jixtiequ jgħidu lilek u lil sħabek għaliex ġew imsemmija hekk.




## MINN FEJN ĠIE ISMI




**Ismi:**

Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal għaliex tajtuhom dak l-isem. Staqsuhom biex iżżejnu l-ismijiet fuq il-folja t'attività





# TOPIK 2 Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu s-*self-esteem*

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi |
|---|
| Jiżviluppaw twemmin pożittiv fuqhom infushom. |
| Ikunu kburin b'xi kwalitajiet li għandhom. |
| Jiddeċiedu fuq titjib li għandhom jagħmlu. |

## Attività 1: Affarijiet pożittivi dwari

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiżviluppaw twemmin pożittiv fuqhom infushom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Niddeskrivi affarijiet li jien tajjeb/tajba fihom.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew swaba', pupu tas-swaba' f'għamla ta' qanfud jew ġugarell, folja t'attività 'Affarijiet pożittivi dwari'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew swaba':

**Ċika kburija għal dak li hi tajba fih**

**Ċika spiss tiġri ferħana fil-foresta, u xi kultant donnha tkun qed tiżfen. Darba**

**filgħaxija xħin Ċika kienet qed tfittex x'tiekol, rat tifel żgħir bilqiegħda fuq bandla. It-tifel kien qed ikanta kanzunetta, u Ċika ħadet gost tisimgħu. Hi ħasbet li t-tifel kien tajjeb ħafna fil-kant u qalet, "Jekk jien inkun tajba fil-kant daqs dan it-tifel, inkun kuntenta." Imbagħad ħasbet dwar x'jogħġobha fiha nfisha. "Mela, jien tajba biex infittex l-insetti. Jien ħabiba qalbi tajba għax naqsam ma' ħaddieħor dak li għandi. Oħrajn jgħiduli li jien qalbi tajba għax nieħu ħsieb ħaddieħor, u jien tajba biex nagħti t-tgħanniq. Oh, inħossni tajba li ħsibt fuq affarijiet li jien tajba fihom!" Ċika qalet lilha nfisha. Ħasset dehxa tul ġisimha kollu minn widnejha sa saqajha ċkejknin. Hi daret dawra u saret ballun bix-xewk ħiereġ 'il barra. Tkun qisha ballun meta tagħmel hekk.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif tħossha Ċika?
- X'inhu li jagħmilha tħossha hekk?

Għid lill-istudenti biex jistaqsu mistoqsijiet fuq Ċika.

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

a. Biex inti kburi?

b. X'affarijiet sbieħ jgħidu fuqek ħaddieħor?

5. Qassam karta lil kull student, u għinhom billi jimlewha b'dawk l-affarijiet li jħossuhom kburin bihom. L-istudenti jistgħu jagħtu wkoll suġġerimenti għal kull student, u inti tista' tiktibhom fuq karta kbira.

6. Agħmel *poster* tal-affarijiet li l-istudenti huma kburin bihom. It-titlu jista' jkun: F'dan il-grupp, aħna tajbin/kburin... (agħmel lista)



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja tal-attivita`, il-ġenituri jimlew ħaġa waħda jew aktar li l-istudenti huma tajbin fihom u jkunu kburin bihom.

## AFFARIJIET POŻITTIVI DWARI



Affarijiet tajbin/sbieħ fija:

Lill-ġenituri: Niżżlu ħaġa waħda li t-tfal huma tajbin fiha u jistgħu jkunu kburin biha.





# Attività 2: Affarijiet li jien kburi/kburija bihom

## L-Għan tat-Tagħlim

Ikunu kburin b'xi kwalitajiet jew ħiliet li għandhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Niddeskrivi l-affarijiet li jien kburi/kburija bihom.

## Livell

Intermedju

## Materjal bżonjuż

Pupazzi tal-idejn jew swaba', folja t'attività 'Affarijiet li jien kburi/kburija bihom'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja ta' Attività 1 lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew swaba'.
3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
    - X'kienet qed taħseb Ċika fil-foresta?
    - X'tip ta' affarijiet hija kburija bihom Ċika?
4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:
    - Taf kif tħossha Ċika?
    - Kif tħossok hekk?
    - Kif tkun tidher meta tħossok hekk? (mima)
5. Stieden lil kull student biex jgħid lilek u lil sħabu biex inhu kburi.
6. Ikteb poeżija flimkien mal-istudenti dwar biex inhuma kburin. Il-poeżija trid tibda hekk:

Aħna grupp ta' tfal li aħna kburin bina nfusna.

Anna hija kburija b' …

Stephen huwa kburi b'…, u l-bqija.

7.Jekk tara li baqagħlek ħin, aqra l-poeżija u għid lill-istudenti biex jagħmlu movimenti b'ġisimhom u ġesti biex juru l-istudenti differenti għaliex huma kburin. Pereżempju, jekk Anna hija kburija bit-tbissima tagħha, xħin taqra dwar Anna, l-istudenti kollha jistgħu jitbissmu.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri tagħhom biex inhuma kburin fihom infushom jew fil-familja tagħhom (ara l-folja t'attività). Il-ġenituri jiktbu dan.




**AFFARIJIET LI JIEN KBURI/KBURIJA BIHOM**

*Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal dwar biex intkom kburin jew affarijiet li l-familja hija kburija bihom. Iktbuhom hawn taħt.*



**Affarijiet li jien kburi/kburija bihom**





# Attività 3: Ċika ssir taf dwar xi affarijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeċiedu fuq titjib li jixtiequ jagħmlu.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nsemmi xi ħaġa li nixtieq inkun aħjar fiha.

## Riżorsi meħtieġa:

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', riżorsi biex tagħmel beġġ (karta, kuluri, kolla, eċċ), *badge* lesta b'ismek u xi ħaġa li tixtieq ittejjeb f'ħajtek miktubin fuqha, folja t'attività 'Kif nista' nitjieb'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika taħseb fuq kif tista' tkun aħjar**

**Ċika qed taqbeż fil-foresta. Hi qed taħseb dwar affarijiet li hi tajba fihom; "Jien tajba fil-ġiri," qalet. "Jien ħabiba qalbi tajba wkoll, u spiss ngħid kliem sabiħ lil ħaddieħor. Kemm hu sabiħ li taħseb dwar dak li int tajjeb fih," ħasbet Ċika. "Jien nixtieq inkun tajba f'aktar affarijiet," qalet lilha nnifisha. "Kif nista' nkun aħjar fl-affarijiet?" bdiet tistaqsi lilha nnifisha. "Naf!" qalet, "Nista' nkun aħjar billi ngħaddi l-kumplimenti!" tgħid. "Oh kemm huwa sabiħ li nkun naf iktar kif tgħaddi l-kumplimenti," Ċika qalet lilha nnifisha. Daret dawra u saret ballun bix-xewk ħiereġ 'il barra.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Fuq xiex qed taħseb Ċika?
- Xi trid ittejjeb?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi affarijiet li int kburi bihom?
- Hemm xi affarijiet li tixtieq tkun aħjar fihom? X'inhuma?

5. Uri *badge* li għamilt lill-istudenti. Il-*badge* għandu jkollha ismek u "Nixtieq intejjeb.....", fuqha.

6. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu *badge* fejn isimhom jinkiteb fin-nofs. Fuqha, jiktbu ħaġa waħda li jixtiequ jtejbu. Imbgħad iżejnu l-*badge*.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru l-*badges* lill-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri jistgħu jissuġġerixxu xi affarijiet li l-istudenti jistgħu jtejbu. Il-ġenituri jistgħu jiktbu mod wieħed kif l-istudenti jistgħu jitjiebu filwqat li l-istudenti ipinġu xi ħaġa dwar dan.




## KIF NISTA' NITJIEB

*Lill-ġenituri: It-tfal għamlu* badge *l-iskola dwar xi ħaġa li jixtiequ jitjiebu fiha. Iddiskuti mat-tfal tagħkom kif jistgħu jitjiebu. Fuq din il-folja t'attività, iktbu mod wieħed kif it-tfal tagħkom jistgħu jitjiebu, u staqsihom biex jagħmlu tpenġija dwar dan.*

___________________________________________________________





# TOPIK 3 Nagħrfu li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna, u li nistgħu nkunu

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi |
|---|
| Jifhmu li l-preferenzi jinbidlu maż-żmien. |
| Jifhmu li l-gost li jieħdu meta jilagħbu jista' jinbidel maż-żmien. |
| Jiddeskrivu kif tfal żgħar jesprimu l-emozzjonijiet u kif dan jinbidel maż-żmien. |

## Attività 1: Ikel li kont inħobb meta kont żgħir

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifhmu li l-preferenzi jinbidlu maż-żmien.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Niddeskrivi x'kont nieħu gost niekol meta kont iżgħar u kif dan inbidel.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn u s-swaba', folja t'attività 'Ikel li kont inħobb meta kont żgħir.'



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn u s-swaba':

**X'kienet tħobb Ċika meta kienet żgħira u xi tħobb illum**

**Ċika qed tiġri f'għalqa; hi għadha kif tgħallmet kif issib xi ikel. L-aktar li tħobb it-tuffieħ. Xħin waslet id-dar u qalet lil missierha x'kienet ġabret. "Għidli," qalilha mbissem. "Tiftakar meta kont għadek żgħira?" "Le ma tantx," wieġbet Ċika. "Meta kont żgħira, ix-xewk tiegħek kien kollu abjad u taħt il-ġilda. Issa x-xewk huwa kannella u iebes. Int kont ferħa gustuża ħafna," qalilha missierha. "Għidli aktar dwar meta kont żgħira" riedet taf Ċika. "Int kont torqod ħafna u kont tħobb il-ħalib li konna nagħtuk," kompla l-missier. "Kont nixrob il-ħalib?" staqsiet Ċika. "Iva," qal missierha. "Kont tħobbu ħafna". "Imma issa nħobb it-tuffieħ," qalet Ċika. "Naf," wieġeb il-missier. "X'taħseb li se jkun l-ikel favorit tiegħek meta tikber?" "Oh, ma nafx," lissnet Ċika. "X'inhu l-ikel favorit tiegħek?" "Jien togħġobni ħafna l-kaboċċa", qal missierha. "Mela naħseb li jien nkun inħobbha ukoll," qalet Ċika hi u ħierġa timxi biex issib aktar tuffieħ.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Illum Ċika għadha tħobb l-istess ikel li kienet tħobb meta kienet żgħira?

4. Xi tħobb illum u x'kienet tħobb meta kienet żgħira?

5. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi tħobb tiekol illum? X'inhu l-ikel favorit tiegħek?
- Kont tħobb l-istess ikel meta kont iżgħar?
- X'taħseb li se tkun tħobb tiekol meta tikber?

6. Agħmel rima tal-ikel li jħobbu jieklu, flimkien mal-istudenti. Pereżempju: Martin iħobb il-bajd u Lisa tħobb il-frott...

7. Aqra r-rima u għid lill-istudenti biex jimxu mar-ritmu u jċapċpu jdejhom. Xħin l-ikel favorit tagħhom jissemma, jistgħu jgħollu jdejhom 'il fuq.



*Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jiktbu x'ikel kienu jħobbu jieklu t-tfal meta kienu iżgħar, u t-tfal jagħmlu tpinġija dwar dan.

# IKEL LI KONT INĦOBB META KONT ŻGĦIR/A

*Lill-ġenituri: Iktbu x'ikel kienu jħobbu jieklu t-tfal meta kienu iżgħar. Forsi huma stess jiftakru. Jekk le, għinuhom. Imbagħad, staqsuhom biex ipinġuh hawn taħt.*

RIŻORSI

___________________________________________



**Meta kont żgħir/a**





# Attività 2: Affarijiet li nħobbu

## L-Għan tat-Tagħlim

Jifhmu li l-gost li jieħdu meta jilagħbu jista' jinbidel maż-żmien.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Niddeskrivi dak li ħadt gost nilgħab bih meta kont iżgħar u kif dan inbidel maż-żmien.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Xi ħaġa li nħobb', ġewża kbira jew xi ħaġa simili li tista' tinħeba.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-logħba favorita ta' Żigu**

**Żigu jinsab barra jilgħab ma' sħabu. Huma qed jilagħbu noli. Żigu qed jieħu ħafna gost għax togħġbu din il-logħba. Logħba oħra li jħobb jilgħab hija "aħbi l-ġewża". Aħbi l-ġewża hija logħba fejn xi ħadd jaħbi ġewża, u xi ħaddieħor ifittixha. Issa jmiss lil Żigu biex ifittex. Jibda billi jistaqsi: "Għasfur, ħuta, jew tan-nofs?" Sħabu jgħidu "Ħuta" jekk ikun ħeba l-ġewża 'l isfel, "Għasfur" jekk qiegħda 'l fuq, jew "tan-nofs" jekk xi mkien fin-nofs. Xħin Żigu joqrob lejn il-ġewża, sħabu jgħidu "fietel" jew "jaħraq" jekk ikun kważi wasal qrib il-ġewża. Żigu jiftakar meta kien iżgħar, li l-aktar logħba favorita tiegħu kienet peekaboo; kien jidħak ħafna meta l-ġenituri kienu jilagħbu miegħu. Żigu għandu ħuh akbar li wkoll iħobb jilgħab, imma jippreferi logħob ieħor. Żigu jaħseb dwar x'se jkun iħobb jilgħab meta jikber.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'logħba qed jilagħbu Żigu u sħabu?
- X'inhi l-aktar logħba li jħobb jilgħab Żigu?
- X'logħba kien iħobb meta kien żgħir?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'logħob tieħu gost tilgħab?
- Tiftakar x'kont tieħu gost tilgħab meta kont iżgħar?
- Liema hu l-aktar ġugarell favorit tiegħek?
- Taħseb li nbdilt minn meta kont iżgħar?

5. Ilgħab "aħbi l-ġewża" mal-istudenti.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jitkellmu ma' wliedhom x'kienu jħobbu t-tfal meta kienu iżgħar (pereżempju: ikel, ġugarelli, logħob, eċċ). It-tfal ipinġu waħda minn dawn l-affarijiet fuq il-folja t'attività.




## XI ĦAĠA LI NĦOBB

Lill-ġenituri: Kellmu lit-tfal dwar x'affarijiet kienu jħobbu meta kienu żgħar (per eżempju ikel, ġugarelli u logħob). Iktbuhom hawn isfel. It-tfal jistgħu jpinġu xi ħaġa minnhom fuq il-folja t'attività.







# Attività 3: Nesprimu dak li nħossu

## L-Għan tat-Tagħlim

L-istudenti jiddeskrivu kif tfal żgħar jesprimu l-emozzjonijiet u kif dan jinbidel maż-żmien.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Niddeskrivi kif kont ngħid dak li kont inħoss meta kont iżgħr, u kif ngħidu llum.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, kuluri, pinen, materjal biex tagħmel *poster*, folja t'attività 'Nesprimi dak li nħoss'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Azra, il-qanfud minn foresta 'l bogħod**

**Żigu qiegħed fil-foresta jilgħab ma' sħabu. Huma qed jilagħbu "Agħmel dak li jgħidlek il-kap." Żigu huwa l-kap, u hu jaqbeż fuq il-friegħi, jaqbeż bejn il-friegħi, u jiġri fl-art. L-iskwirils l-oħra jimxu warajh u jagħmlu bħalu. F'daqqa waħda sema' ħafna ħsejjes, u ra skwiril żgħir jgħajjat. Kien qed jgħajjat u jgħajjat u jgħajjat. Żigu waqqaf il-logħba u mar lejn l-iskwiril. "X'ġara?" staqsih. L-iskwiril iż-żgħir, li jismu Maxim, qallu: "Azra rifsitli denbi u qed juġagħni!" "Oh," Żigu qallu, "imma int irrabjat jew imdejjaq?" "Jien irrabjat," qal Maxim, "Jien irrabjat ma' Azra għax rifsitli denbi." "Taħseb li għamlitlek hekk apposta?" staqsih Żigu. "Le, ma naħsibx, imma xorta rrabjat," qallu Maxim. Żigu mar ikellem lil Azra. Azra kienet qalbha sewda għax Maxim kien rrabjat għaliha, u l-ħin kollu tibki. Hi ma kinitix titkellem**

**sew bil-lingwa tagħhom għax għadha kif ġiet minn foresta 'l bogħod.**

**"X'nista' nagħmel?" qal Żigu lilu nnifsu. Mar ħdejn ommu u staqsiha x'jista' jagħmel. Ommu qaltlu li kemm Azra u kemm Maxim għadhom żgħar, u t-tnejn iridu min ifarraġhom. "Meta jikbru se jkunu jafu kif igħidu dak li jkunu qed iħossu b'mod aħjar...Ukoll, mhux faċli għal Azra li ġiet minn pajjiż differenti fejn ma tifhimx dak kollu li ngħidu aħna u lanqas taf kif isiru l-affarijiet hawnhekk" kompliet tgħid omm Żigu. Żigu mar lura ħdejn l-iskwirils iż-żgħar, beda jżiegħel bihom it-tnejn. Wara ftit kemm Azra u kemm Maxim ikkalmaw u reġgħu bdew jilagħbu.**

L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex Maxim kien imdejjaq?
- Xi ġralha Azra?
- Min għen lil Żigu jaħseb fuq din is-sitwazzjoni?
- X'qalet omm Żigu dwar Azra?

3. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Tiftakar kif kont tesprimi dak li kont tħoss meta kont iżgħar (pereżempju: tgħajjat meta tkun bil-ġuħ jew imdejjaq, torqod meta tkun kuntent )? (Jekk l-istudenti ma jiftakrux, staqsihom kif jesprimu lilhom infushom it-trabi).
- Illum kif tesprimi dak li tħoss? Pereżempju: meta tkun irrabjat, imdejjaq jew ferħan eċċ? (Għidilhom juruk kif juru dak li jħossu t-trabi).
- Il-kbar kif jesprimu lilhom infushom?
- Taħseb li Azra tħossha differenti minn Maxim?
- Xi sfidi speċjali għandha Azra?
- Għandkom ħbieb li għandhom xi sfidi speċjali f'ħajjithom? X'jistgħu jagħmlu f'każ ta' dawn l-isfidi?

4. Għid lill-istudenti jpinġu stampa kif kienu jirrabjaw meta kienu trabi u kif jirrabjaw illum.

5. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jagħmlu *poster* ta' sfida speċjali bħal ta' Azra u kif tista' tiġi solvuta.



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jistaqsu lill-tfal kif kienu jesprimu dak li kienu jħossu meta kienu iżgħar, u wkoll jaħsbux jekk l-istudenti jħossuhomx l-istess meta jikbru. Il-ġenituri jiktbu dak li jkunu tkellmu dwaru fuq il-folja t'attività.

## NESPRIMI DAK LI NĦOSS

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq kif kienu jesprimu ruħhom meta kienu iżgħar u kif ukoll kif jaħsbu li se jesprimu ruħhom meta jikbru. Iktbuhom hawn isfel.*

________________________________________________________







# SOTTOTEMA 2
# Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

***Self-concept*** **pożittiv fit-tfal għandu impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni akkademika u soċjali tagħhom. Kważi ħamsin sena ilu, Purkey (1970) enfasizza l-importanza tas-*self-concept* bħala fattur fis-suċċess fl-iskola u tar-rwoli tal-għalliema u l-iskejjel fit-tisħiħ ta' *self-concept* pożittiv, filwaqt li jkun ukoll realistiku, fl-istudenti. L-ewwel topik f'din is-sottotema jiffoka fuq l-użu tal-ħiliet tal-istudenti biex lilhom nfushom u lill-oħrajn meta jkunu f'diffikultà jew f'sitwazzjonijiet diffiċli. It-tieni topik mibni fuq attivitajiet biex jiżviluppaw l-parteċipazzjoni soċjali tal-istudent, pedament ewlieni fil-bini tar-reżiljenza fost it-tfal (Berkman, Glass, Brissette, & Seeman, 2000). L-aħħar topik jemfasizza l-importanza li l-istudenti japprezzaw u jemmnu fihom infushom u fl-oħrajn bħala mod biex isaħħu l-parteċipazzjoni akkademika.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NUŻAW IL-ĦILIET META NĦOSSUNA SKOMDI JEW F'DIFFIKULTA**<br><br>• JIŻVILUPPAW ĦILIET BIEX IFARRĠU LILHOM INFUSHOM META JKUNU MDEJQIN.<br>• JIŻVILUPPAW ĦILIET BIEX IFARRĠU LILHOM INFUSHOM META JĦOSSU EMOZZJONIJIET NEGATTIVI<br>• JIŻVILUPPAW ĦILIET BIEX IFARRĠU LILHOM INFUSHOM U LIL ĦADDIEĦOR META jĦOSSUHOM WAĦEDHOM. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIPPARTEĊIPAW SOĊJALMENT**<br><br>• JIDENTIFIKAW XI AFFARIJIET LI JĦOBBU DWAR IL-FAMILJA TAGĦHOM.<br>• JIDENTIFIKAW ĦILIET FIHOM INFUSHOM PERMEZZ TA' *FEEDBACK* MINN SĦABHOM.<br>• JIŻVILUPPAW ĦILIET SABIEX JAGĦTU U JIRĊIEVU *FEEDBACK* POŻITTIV. |

**TOPIK 3**

## NAPPREZZAW LILNA NFUSNA U LILL-OĦRAJN

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIŻVILUPPAW ĦILIET SABIEX JIRĊIEVU U JAPPREZZAW IL-KUMPLIMENTI.
- JIDENTIFIKAW AFFARIJIET LI JĦOBBU FI SĦABHOM.
- JIDENTIFIKAW L-AFFARIJIET LI JAPPREZZAW FIHOM U F'ĦADDIEĦOR ID-DAR U L-ISKOLA.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uri lill-istudenti dak li tammira fihom. Għidilhom fuq dawn il-karatteristiċi u tkellem magħhom fuq l-affarijiet li jħobbu jagħmlu.

2. Ikkummenta  w agħti eżempji dwar kif l-istudenti jistgħu jiffaċċjaw id-dwejjaq u emozzjonijiet negattivi oħra b'mod kostruttiv

3. Kun mudell inti stess, agħti *feedback* pożittiv, u nnota pubblikament meta l-istudenti jagħtu *feedback* pożittiv lil xulxin.

4. Ikkummenta fuq ħbiberiji tajbin meta tosservahom fil-klassi. Iffoka fuq dak li l-istudenti jagħmlu iktar milli min huma.

5. Iġbed l-attenzjoni tal-istudenti meta huma jew oħrajn (per eżempju, karattri fi stejjer) ifarrġu lilhom infushom.

# TOPIK 1 Nużaw il-ħiliet meta nħossuna skomdi jew f'diffikulta

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiżviluppaw ħiliet biex ifarrġu lilhom infushom meta jkunu mdejqin.

Jiżviluppaw ħiliet biex ifarrġu lilhom infushom meta jħossu emozzjonijiet negattivi.

Jiżviluppaw ħiliet biex ifarrġu lilhom infushom u lil ħaddieħor meta jħossuhom waħedhom.

## Attività 1: Ċika taqa'

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiżviluppaw ħiliet biex ifarrġu lilhom infushom meta jkunu mdejqin.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Infarraġ lili nnifsi meta nħossni mdejjaq.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', kamera diġitali, folja t'attività 'Meta nkun imdejjaq nista' nfarraġ lili nnifsi.'



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b-attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika hija mfarrġa minn ħabiba**

**Ċika għadha kif ħarġet tilgħab ma' qniefed oħra. Marret tiġri biex tara x'inhuma jagħmlu. Huma kienu qed jilagħbu logħba fejn iridu jsegwu lil xulxin. Ċika ingħaqdet magħhom u bdiet tiġri madwar l-għalqa. Saqajha żgħar kienu qed**

**jgħaġġlu ħafna tgħidx kemm kienet tħobb tiġri. F'daqqa waħda waqgħet u weġġgħet mneħirha. Ċika ħassitha mdejqa, daret dawra u saret ballun bix-xewk ħiereġ 'il barra biex ħadd ma jersaq lejha. Xi ħadd minn sħabha resaq lejha u staqsiha x'ġara. Ċika reġgħet saret qanfud u qalet "Weġġajt imnieħri." "Ħa nara," qaltilha l-ħabiba tagħha. Il-ħabiba għannqet lil Ċika u nefħet ħafif fuq imneħirha. Ċika ħasset is-sħana ta' ħabibtha fuq l-uġigħ, u ħassitha aħjar. Wara ftit, l-uġigħ ta' mneħirha telaq u Ċika kompliet tilgħab ma' sħabha. Ċika ħassitha xortija tajba li għandha ħabiba li tista' tfarraġha, u qalet lilha nnifsa "Irrid inkun kapaċi nfarraġ lili nnifsi b'dak il-mod."**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għamlet Ċika xħin weġġgħet imneħirha?
- Min għenha u kif?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'jagħmlek imdejjaq?
- X'jgħinek meta tkun imdejjaq?
- Kif tista' titfarraġ u tħossok aħjar?

5. Ħu ritratti tal-istudenti juru d-dwejjaq tagħhom b'kamera diġitali.

Kompli tkellem dwar kif meta jkunu mdejqin ikunu jistgħu jiġu mfarrġa minn ħaddieħor jew minnhom infushom. Għidilhom ukoll x'ħila jrid ikollok biex tfarraġ lil xi ħadd, u li din hi ħila li jistgħu jakkwistaw. Hemm modi differenti kif wieħed ifarraġ lil xi ħadd (pereżempju: tikkalma, tirrilassa, tidħaq, tgħannaq, tisma' l-mużika, tgħannaq xi annimal, tkellem lil xi ħadd jew xi annimal, tilgħab, massaġġ). Ħallihom jagħtuk eżempji u juruk kif jistgħu jfarrġu lilhom infushom meta jkunu mdejqin. Ħu r-ritratti.

6. Ikteb poeżija mal-istudenti dwar il-faraġ, pereżempju "Meta Lisa tkun imdejqa tista'.....Meta Maxim ikun imdejjaq jista'...... "...

7. Waħħal ir-ritratti u l-poeżija mal-ħajt.



### *Attività għad-Dar*

Id-dar, il-ġenituri jiddiskutu mat-tfal kif jistgħu jfarrġu lilhom infushom meta jkunu mdejqin. L-istudenti jagħmlu tpinġija fuq kif jistgħu jitfarrġu meta jkunu mdejqin u jipprattikaw dan meta jkunu mdejqin.




## META NKUN IMDEJJAQ NISTA' NFARRAĠ LILI NNIFSI

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal kif jistgħu jfarrġu lilhom infushom meta jkunu mdejqin. Staqsuhom jagħmlu tpinġija ta' kif jistgħu jagħmlu dan u ħeġġuhom jipprattikaw dan meta jkunu mdejqin*

_____________________________________________________





# Attività 2: Nibdlu d-dar

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiżviluppaw ħiliet biex ifarrġu lilhom infushom meta jħossu emozzjonijiet negattivi

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nfarraġ lili nnifsi meta ngħaddi minn esperjenzi koroh.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Infarraġ lili nnifsi u lill-oħrajn.'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jibdel id-dar**

**Żigu għadu kif sar jaf li hu u l-familja tiegħu se jibdlu d-dar. Huma se jibdlu d-dar għax is-siġra fejn qed joqogħdu ħa tinqata'. Xħin Żigu sema' hekk, bdiet tuġgħu rasu u qabdu wġigħ fl-istonku. Hu ma kienx jafx x'qed iħoss, imma ma ħassux sew. Xħin kellem lil missieru dwar dan, missieru qallu: "Żigu, jien naħseb li int tinsab xi ftit inkwetat għax aħna se nitilfu d-dar. Ħafna nies jinkwetaw bħalek meta jiġu f'din is-sitwazzjoni. Tista' tgħidli x'qed jinkwetak?. Żigu poġġa bilqiegħda u beda jaħseb dwar dak li qed jinkwetah.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Biex taħseb li Żigu huwa inkwetat? (pereżempju: il-bdil fid-dar, ħbieb ġodda, kamra ġdida, skola ġdida, eċċ).

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt ħassejtek bħal Żigu? X'kien ġara?
- X'għamilt?

5. Staqsihom biex jgħidulek u juruk kif Żigu jista' jfarraġ lilu nnifsu. Semmi kemm hu importanti li tkun tista' tfarraġ lilek innifsek, kemm hi ħila importanti iżda li nistgħu wkoll niżviluppawha.

6. Agħtihom eżempju ta' problemi komuni (pereżempju: ħabib huwa marid u ma ġiex l-iskola), u staqsihom jagħtuk suġġerimenti kif student f'din is-sitwazzjoni jista' jfarraġ lil xi ħadd jew jitfarraġ hu stess (pereżempju: tgħanniq, kliem ta' konsolazzjoni, rilassament, tisma' l-mużika, titkellem waħdek, *pep-talk* u l-bqija).

7. Huma jistgħu wkoll juru modi differenti kif ifarrġu studenti oħra u lilhom infushom u ħu ritratti diġitali ta' dawn. Agħmel wirja żgħira tar-ritratti bit-titlu: "Aħna tajbin biex infarrġu lilna nfusna u lill-oħrajn"



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jiddiskutu ma' wliedhom modi kif it-tfal jistgħu jfarrġu lilhom infushom u lill-oħrajn meta jkunu mdejqin. Fl-ewwel nofs tal-folja t'attività, l-istudenti jpinġu lilhom infushom jagħmlu xi ħaġa biex jitfarrġu meta jkunu mdejqin, u fuq it-tieni nofs jpinġu lilhom infushom ifarrġu lil xi ħadd.

## INFARRAĠ LILI NNIFSI U LILL-OĦRAJN

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal modi kif jistgħu jfarrġu lilhom infushom jew lill-oħrajn meta jħossuhom imdejqin. Staqsuhom jagħmlu tpinġija ta' kif jistgħu jfarrġu lilhom infushom fl-ewwel nofs tal-folja t'attività, u biex jagħmlu tpinġija ta' kif jistgħu jfarrġu lil xi ħadd ieħor fit-tieni nofs. Ħeġġuhom biex jipprattikaw dan meta huma jew oħrajn ikunu mdejqin.*





# Attività 3: In-nuqqas tal-omm

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiżviluppaw ħiliet biex ifarrġu lilhom infushom u lil ħaddieħor meta jħossuhom waħedhom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Infarraġ lili nnifsi u lill-oħrajn meta nħossuna waħedna.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew swaba', kamera diġitali, folja t'attività 'In-Nuqqas tal-Omm'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew swaba':

**Ċika tħossha waħedha**

**Meta Ċika qamet dalgħodu, ħassitha xi ftit stramba. Ma kinitx ferħana daqs is-soltu. Kienet waħedha u ħadd ma kien ħdejha. "Fejn qiegħed kulħadd?" staqsiet Ċika. Hi ġriet ma' kullimkien imma ma sabet lil ħadd. Poġġiet bilqiegħda u ppruvat tiftakar x'kien qed jiġri. Ftakret li dakinhar ommha u missierha kienu sejrin jaraw lin-nanna, u li l-ġara tagħhom kienet se tieħu ħsiebha. Hi xtaqet tmur ma' ommha u missierha, imma huma qalulha le; in-nanna kienet wisq marida biex tara ħafna nies. Imbgħad Ċika marret għand il-ġara biex tieħu l-kolazzjon, kielet tuffieħ u għeneb. Hi tħobbu ħafna l-frott. Għalkemm il-ġara dehret kuntenta u ppruvat titkellem ma' Ċika, Ċika xorta ħassitha waħedha. Poġġiet bilqiegħda fejn setgħet tara jekk kienx ġej xi ħadd, imma ma setgħet tara lil ħadd, u ħassitha l-aktar**

**qanfud waħdu fid-dinja. Id-dmugħ beda nieżel ma' mneħirha, u issa ħassitha waħedha u mdejqa. Hi għalqet għajnejha u ħasbet fuq nannitha xħin semgħet il-vuċi t'ommha. Ċika qabżet u ġriet biex tiltaqa' ma' ommha. Ommha ma ħassithiex ferħana ħafna. "X'hemm ħażin?" staqsiet Ċika. "Inħossni waħdi," wieġbet l-omm. "Qed nimmissja lil ommi". "Bħali meal," qalet Ċika u għannqet lil ommha. Xħin kienu jgħannqu lil xulxin, bdew jitbissmu. "Issa nħossni aħjar," qalet l-omm. "Anke jien," ħasbet Ċika.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kien mhux tas-soltu xħin qamet Ċika?
- Kif ħassitha?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tkellimhom dwar meta jħossuhom waħedhom. Qatt ħassewhom hekk? Meta iħossuhom hekk? Kif ikunu jidhru meta jħossuhom waħedhom? Kif jistgħu ifarrġu lilhom infushom? (pereżempju: ikantaw xi kanzunetta, jisimgħu l-mużika, iċemplu lill-ħabib, ikellmu lil xi ħadd kbir). Jekk xi ħadd iħossu waħdu x'jistgħu jagħmlu? (tgħanniq, massaġġi, jilagħbu,...).

5. Agħmel mima, fejn l-istudenti juru kif iħossuhom waħedhom b'ġisimhom u l-movimenti li jagħmlu. Imbgħad juru x'jistgħu jagħmlu biex ifarrġu lilhom infushom u lil sħabhom. Ħu r-ritratti b'kamera diġitali, u agħmilhom f'*PowerPoint*.

6. Staqsi lill-istudenti jispiċċaw b'sentenza li tibda hekk: Meta nħossni waħdi jien... (x'jagħmlu biex ifarrġu lilhom infushom). Waħħal is-sentenzi f'*poster* mal-ħajt.



## *Attività għad-Dar*

Staqsi lill-istudenti biex juru lill-ġenituri kif jistgħu jfarrġu lilhom infushom meta jħossuhom waħedhom; il-ġenituri u xi membri oħra tal-familja jistgħu wkoll jiddeskrivu kif ifarrġu lilhom infushom meta jħossuhom waħedhom. Il-ġenituri jimlew il-folja t'attività: "Meta nkun waħdi jien irrid......"

## IN-NUQQAS TAL-OMM

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal jurukom kif ifarrġu lilhom infushom meta jħossuhom waħedhom. Għidulhom ukoll kif intom tfarrġu lilkom infuskom meta tħossukom waħedkom. Imbagħad staqsuhom biex ikomplu s-sentenza: "Meta nkun waħdi jien irrid…"*



Meta nkun waħdi jien irrid……………………………………………………….





# TOPIK 2 Nipparteċipaw soċjalment

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jidentifikaw xi affarijiet li jħobbu dwar il-familja tagħhom.

Jidentifikaw ħiliet fihom infushom permezz ta' *feedback* minn sħabhom.

Jiżviluppaw ħiliet biex jagħtu u jirċievu *feedback* pożittiv.

## Attività 1: Il-familja tiegħi, ħiliet li għandna

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw xi affarijiet li jħobbu dwar il-familja tagħhom.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Niddeskrivi xi affarijiet li nħobb fil-familja tiegħi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'X' jogħġobni fll-familja tiegħi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika u l-familja tagħha**

**Ċika għadha kif marret ħarġa ma' tal-iskola. L-istudenti marru fil-foresta biex jaraw is-siġar u l-fjuri u l-annimali li jgħixu fil-foresta. Matul il- ħarġa Ċika qagħadet ma' ħabiba tagħha li ttkellmet ħafna dwar il-familja tagħha. Din il-ħabiba qaltilha dawk l-affarijiet kollha li jogħġbuha fil-familja tagħha. Xħin Ċika marret lura d-dar, hi ħasbet ħafna fuq il-familja tagħha u l-affarijiet sbieħ li jogħġbuha fiha. Ċika qalet lil ommha: "Ma, jien inħobbha l-familja tiegħi, u nieħu gost li aħna familja li nieħdu pjaċir flimkien." "Tagħmilni kuntenta nisimgħek tgħid hekk, qalbi" wieġbet ommha. "X'jogħġbok fil-familja tagħna?" staqsiet Ċika. "Oh," qalet ommha. "Jogħġobni l-mod kif kulħadd jgħin lil xulxin." Xħin semgħet hekk, Ċika ħassita kemm ferħana kif ukoll kburija.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi tħobb Ċika dwar il-familja tagħha?
- Omm Ċika xi tħobb?
- Kif ħassita fl-aħħar Ċika?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom biex jaħsbu u jaqsmu bejniethom l-affarijiet li jħobbu dwar il-familja tagħhom. (Ftakar li l-familji tat-tfal ivarjaw – irreferi għall-familja bħala n-nies li ngħixu magħhom). Tista' tikteb dak li jgħidu fuq il-karta tagħhom.

5. Wara agħmel *poster* li juri l-istudent x'iħobbu fil-familji tagħhom.



***Attività għad-Dar***

Id-dar, il-ġenituri jiddiskutu ma' wliedhom xi ħaġa li togħġobhom dwar il-familja. Huma jiktbu dan fuq il-folja t'attività. Jekk hu possibbli l-istudenti wkoll iġibu ritratt tal-familja tagħhom l-iskola li jur li qed jieħdu gost waqt xi ħarġa jew attitivita mal-familja.

## X'JOGĦĠOBNI IL-FAMILJA TIEGĦI




*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar xi ħaġa li togħġobkom fil-familja tagħkom, u iktbuha fuq din il-folja t'attività. Jekk possibbli, waħħlu xi ritratt tal-familja qed tieħu gost tagħmel xi ħaġa, per eżempju xi ħarġa, biex it-tfal jeħduh magħhom l-iskola.*

**Hawn waħħal ritratt tal-familja tiegħek – jiġifieri n-nies li tgħix magħhom**

**X'jogħġobna fil-familja tagħna:**





# Attività 2: Aħna napprezzaw lill-oħrajn

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw ħiliet fihom infushom permezz ta' *feedback* minn sħabhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nagħraf ħaddieħor x'japprezza dwari.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Karta kbira, kamera diġitali, pinen, kuluri, pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Niżviluppa u Nipprattika'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Susie u denbha li jgħaġġel**

**Żigu kien qed jilgħab mal-ħabiba tiegħu Susie, skwiril bħalu. Susie għandha diżabilità. Għandha sieq iqsar mill-oħra. Spiss jinbxuha għall-mod kif timxi, u xi kultant oħrajn ma jħalluhiex toqgħod magħhom waqt il-logħob. Hi u Żigu qed jaqbżu minn fergħa għal oħra. Susie kienet tinqala' ħafna biex iddawwar denbha malajr, u Żigu baqa' impressjonat. Huma komplew l-logħba jaqbżu minn fergħa fuq siġra għal aktar friegħi f'siġar oħra. Tgħidx kemm għajtu waqt li kienu qed jaqbżu. Wara ftit, riedu jistrieħu, u poġġew flimkien fuq fergħa, b'nifishom maqtugħ. "Inti tajba ħafna biex iddawwar denbek malajr," Żigu qal lil Susie. "Grazzi," twieġeb Susie. Wara ftit hi qaltlu, "U int l-aqwa wieħed biex taqbeż u taqbeż 'il fuq." "Grazzi," qalilha Żigu.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għal Susie hi problema li għandha sieq iqsar minn oħra?

- Kif ħassitha Susie meta l-oħrajn ħallewha barra?
- Żigu kif wera rispett lejn Susie?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom:

- Inti qatt għaddejt minn xi esperjenza fejn sħabek ħallewk waħdek waqt il-logħob?
- Kif nistgħu niffukaw fuq il-ħiliet ta' ħaddieħor bħalma għamel Żigu ma' Susie?

5. Staqsi lill-istudenti biex jitkellmu u jaqsmu flimkien il-ħiliet li għandhom u kif dawn jistgħu jintużaw biex jgħinuhom isolvu l-problemi u jegħelbu d-diffikultajiet.

6. Agħmel rima tal-affarijiet li l-istudenti jgħidu fuqhom; pereżempju: Maria hija tajba fil-ġiri, Paul huwa tajjeb fil-kant …, u l-bqija. Agħmel dan fuq *poster* li jgħid: "F'din il-klassi napprezzaw l-affarijiet fina nfusna". Ħalli lill-istudenti biex ipinġu l-*poster*. Sakemm jagħmlu dan, ħu ritratti li tista' twaħħal ħdejn il-*poster*.



### Attività għad-Dar

Staqsi lill-istudenti biex jipprattikaw flimkien mal-ġenituri tagħhom, xi ħaġa jew ħila li jistgħu jiżviluppaw u biex iniżżlu d-drabi li jipprattikaw fuq il-folja t'attività.

## NIŻVILUPPA U NIPPRATTIKA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal il-ħiliet li tkellmu fuqhom l-iskola. X'ħiliet għandhom? Hemm xi ħiliet oħra li jixtiequ jiżviluppaw jew itejbu? Għinuhom jipprattikaw dawn il-ħiliet u jniżżlu kemm-il darba jipprattikawhom fuq din il-folja t'attività.*





# Attività 3: Il-fjura

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiżviluppaw ħiliet sabiex jagħtu u jirċievu *feedback* pożittiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nagħti u nirċievi kummenti pożittivi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Il-Fjura'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu jgħid lil Ċika li togħġbu t-tbissima tagħha**

**Darba kien hemm maltempata kbira fil-foresta. L-annimali kollha marru jistaħbew mix-xita qawwija. Kemm Ċika u kif ukoll Żigu, staħbew taħt siġra. Żigu kien ilu ma jiltaqa' ma' Ċika għal żmien twil u qalilha: "Immissjajtek, u l-aktar it-tbissima sabiħa li għandek u kemm hu nieħu gost nitkellem miegħek." Ċika ħassitha tistħi u lanqas kienet taf x'taqbad tgħid. Hi qamet bilwieqfa u tat lil Żigu waħda mit-tbissimiet tagħha "Grazzi Żigu!".**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - Għaliex Ċika u Żigu staħbew taħt siġra?
   - X'qal Żigu lil Ċika u kif ħassitha Ċika?
4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom:
   - Qatt għaddewlek xi kumpliment sabiħ?

- Kif ħassejtek?
- Kif tħossok meta tgħaddi xi kumpliment lil xi ħadd?

5. Fi gruppi żgħar l-istudenti jiddiskutu x'tip ta' kumplimenti wieħed jista' jgħaddi lil ħaddieħor. Huma jiktbu dawn fuq *poster* u jaqsmuhom ma' sħabhom tal-klassi. Fakkarhom li huwa importanti li jkunu ċari dwar affarijiet li jħobbu f'ħaddieħor, u li l-kumplimenti jinkludu kemm affarijiet li xi ħadd ikun tajjeb fihom, u wkoll affarijiet bħal: toqgħod attent, tgħid affarijiet sbieħ, eċċ.

6. Aqsam l-istudenti fi gruppi ta' ħamsa. Kull student ipinġi fjura b'erba' petali fuq karta. L-istudenti jiktbu isimhom fin-nofs tal-fjura. Fil-petali tal-fjura, kull wieħed u waħda jimlew xi ħaġa li togħġobhom ta' dak li jkollu ismu fin-nofs.

7. Għid lill-istudenti biex iżejnu l-fjura tagħhom, u jispiċċaw billi jpoġġu l-fjuri kollha ġo "vażun" mal-ħajt.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru l-fjuri tagħhom lill-ġenituri u membri oħra fil-familja; dawn jistgħu jżidu aktar kumplimenti wkoll.

## IL-FJURA




*Lill-ġenituri: It-tfal se jurukom fjura bil-kumplimenti li rċevew fuq erba' petali; arawhom flimkien u żidu aktar kumplimenti intom ukoll*







# TOPIK 3 Napprezzaw lilna nfusna u lill-oħrajn

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiżviluppaw ħiliet biex jirċievu u japprezzaw il-kumplimenti.

Jidentifikaw affarijiet li jħobbu fi sħabhom.

Jidentifikaw l-affarijiet li japprezzaw fihom u f'ħaddieħor id-dar u l-iskola.

## Attività 1: Napprezzaw lil xulxin

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiżviluppaw il-ħila li jirċievu u japprezzaw kumplimenti.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:*

Nirċievi napprezza kumplimenti mingħand sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attività 'Fiex jien tajjeb/tajba'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu u Susie jgħaddu l-kumplimenti lil xulxin**

**Żigu qed jilgħab mal-ħabiba tiegħu Susie. Huma qed jaqbżu minn fuq fergħa għal oħra. Susie hija tajba ħafna biex iddawwar denbha, u Żigu huwa impressjonat. Huma komplew il-logħba tagħhom jaqbżu minn fergħa ta' siġra għal fuq oħra, jgħajtu waqt li qed jaqbżu. Wara ftit, riedu jistrieħu u poġġew bilqiegħda ħdejn xulxin fuq fergħa bla nifs. "Inti tajba ħafna biex iddawwar denbek," Żigu qal lil Susie. "Grazzi!" qaltlu Susie. Wara ftit żiedet "Int l-aqwa wieħed biex taqbeż, m'hawnx bħalek." "Grazzi!" qalilha Żigu.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu qed jagħmlu Żigu u Susie?
- X'kumplimenti għaddew lil xulxin?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom kif jaħsbu li Żigu u Susie ħassewhom wara li rċevew dawk il-kumplimenti. Huma jafu għal f'hiex huma tajbin? Staqsihom biex jgħidulek affarijiet li huma tajbin fihom.

5. Għid lill-istudenti biex jiffurmaw ċirku. Student wieħed ipoġġi fin-nofs, u l-oħrajn jgħidu f'hiex huma tajbin. Imbagħad jibdlu *r-rwol* tagħhom sakemm kull student ikollu l-opportunità li jirċievi l-kumplimenti. Niżżel in-noti u agħmel *poster*, li juri tliet affarijiet li kull student hu tajjeb fihom (Huma jistgħu jagħżlu liema tpoġġi fuq il-*poster*).



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaqsmu mal-ġenituri tagħhom xi ħaġa jew żewġ affarijiet li semgħu u kienu kuntenti bihom waqt l-attività; il-ġenituri jistgħu jżidu xi kumplimenti oħra.

## FIEX JIEN TAJJEB/TAJBA




*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal biex jgħidulkom affarijiet tajbin li qalu fuqhom sħabhom. Żidu ftit oħra intom ukoll, imbagħad staqsuhom biex ipinġu waħda minnhom hawn taħt.*

____________________________________________________________




# Attività 2: Affarijiet li jogħġbuni fi sħabi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw affarijiet li jħobbu fi sħabhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Niddeskrivi xi nħobb dwar sħabi

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, kuluri, pinen, folja t'attività 'Ittra lil ħabiba.'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ittra lil Ċika**

**Darba waħda xħin Ċika waslet id-dar mill-iskola, ommha qaltilha li kienet irċeviet ittra mingħand ħabiba. Ċika qabżet bil-ferħ u ma setgħetx tistenna lil ommha sakemm tiftaħ l-ittra. Omm Ċika qrat l-ittra. L-ittra ddeskriviet il-ħabiba tagħha x'kienet qed tagħmel f'parti oħra tal-foresta imma kellha wkoll kliem ta' sabiħ għal Ċika. Il-ħabiba tagħha ddeskriviet lil Ċika bħala ħabiba tal-qalb u li hi tħobb tilgħab magħha. Ċika kienet ferħana ħafna għax il-ħabiba tagħha qaltilha affarijiet li kienu jogħġbuha bħala ħabiba. "Oh," ħasbet Ċika; "Jien għandi bżonn inkun aktar minn ħabiba. Irrid nara x'affarijiet sbieħ oħra nista' niżviluppa fija ...."**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Min kien bagħat l-ittra lil Ċika?
- Fuq xiex kienet l-ittra ta' Ċika?
- Kif ħassitha Ċika wara li qrat l-ittra?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dwar affarijiet li wieħed iħobb f'ħabib: xi jħobbu fi sħabhom u sħabhom xi jħobbu fihom.

5. Għid lill-istudenti biex jaħdmu f'pari, u għin lil kull par biex jidentifika ħaġa waħda li japprezza f'ħaddieħor. Għidilhom jiktbuhom fuq karta, u mbagħad iżejnu l-karta. (Għal dawk li ma jistgħux jiktbu, għinhom fil-kitba, u mbagħad ħallihom iżejnu l-karta). Jistgħu jaqsmu dak li kitbu ma' sħabhom.

7. Ikteb ittra tal-klassi lil klassi oħra, fejn tiddeskrivi l-affarijiet sbieħ li l-istess grupp jixtieq jaqsam mal-klassi l-oħra u l-kwalitajiet sbieħ li japprezzaw fil-klassi l-oħra.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jgħinu lit-tfal tagħhom jiktbu ittra lill-ħabiba tal-qalb fejn jesprimu l-affarijiet sbieħ li japprezzaw fi sħabhom.

## ITTRA LIL ĦABIB/A

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal biex jiktbu ittra lil ħabib/a tal-qalb fejn jiddeskrivu l-kwalitajiet li japprezzaw fih/a. Imbgħad jistgħu jpinġu xi ħaġa li tiddeskrievi dawn il-kwalitajiet.*

---

Għażiż/a *ħabib/a........,*

Nixtieq ng*ħidlek dawn l-affarijet sbieħ li jogħġbuni fik*

*..........................................................................................*

*..........................................................................................*

*..........................................................................................*

*..........................................................................................*

Pinġi hawn:





# Attività 3: L-apprezzament

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw l-affarijiet li japprezzaw fihom u fl-oħrajn id-dar u l-iskola.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien se nkun kapaċi:

Nagħraf l-affarijiet li napprezza fija nnifsi u f'ħaddieħor (ħbieb, familja).

## Età

Snin bikrin

**Livell** Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti, pinen u kuluri, jekk possibbli ritratti tal-affarijiet li tapprezza, folja t'attività 'L-Apprezzament'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żigu għandu x'jagħmel**

**Żigu kellu x'jagħmel għax kien qed jiġbor il-ġewż u affarijiet oħra x'jieklu, meta ħabat f'Ċika. "Hi" qal hu. "Kif int?" staqsa Żigu. "Jien tajba," wieġbet Ċika. "X'qed tagħmel?" staqsiet. "Qed niġbor il-ġewż," qal Żigu. "Oh, il-familja tiegħek għandha tapprezza l-għajnuna tiegħek," qalet Ċika. "Naf li japprezzaw, u jien napprezz l-għajnuna li jagħtuni," qal Żigu. Ċika kienet qed taħseb fuq affarijiet li kienet tapprezza fil-familja tagħha imma wkoll x'tapprezza fi sħabha. Ħassitha tajba taħseb dwar dawn l-affarijiet. Żigu kellu x'jagħmel, allura telaq u Ċika telqet lejn darha.**

3. L-ewwel għin lill-istudenti jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Fuq xiex tkellmu Ċika u Żigu?

- X' ħasset imbgħad Ċika?

4. Imbagħad, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom din il-mistoqsija:

- X'affarijiet japprezzaw fi sħabhom, fil-familja, fihom infushom? Huma jaħdmu fi gruppi żgħar; għinhom ifittxu aktar kwalitajiet jekk hemm bżonn. Wara, ppreżenta dak li jgħidulek fuq *poster* għall-klassi kollha.

5. Agħti lill-istudenti l-karti, u staqsihom biex ipinġu dak li japprezzaw fil-familja, f'ħabib, fihom infushom, u l-iskola.



**Attività għad-Dar**

L-istudenti jistgħu jgħidu lill-membri tal-familja biex iżidu dawk l-affarijiet li japprezzaw mal-lista fuq il-folja t'attività.

## L-APPREZZAMENT

*Lill-ġenituri: Tistgħu żżidu affarijiet oħra fil-lista tat-tfal hawn isfel.*



AFFARIJIET LI NAPPREZZA:

DWARI......................................................................................

IL-FAMILJA TIEGĦI.....................................................................

L-ISKOLA TIEGĦI.........................................................................

IL-ĦABIB/A TIEGĦI.....................................................................





***Checklist* għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 5 Nibnu fuq il-Ħiliet*** | |

| **5. NIBNU FUQ IL-ĦILIET** | |
|---|---|
| **5.1 *SELF-CONCEPT* U *SELF-ESTEEM* POŻITTIVI** | Livell 0, 1, 2 jew 3 |
| **5.1.1. Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv** | |
| 5.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi japprezza li ismu huwa parti importanti minnu | |
| 5.1.1.I. L-istudent kapaċi jidentifika l-affarijiet pożittivi li sħabu jħobbu dwaru | |
| 5.1.1.A. L-istudent kapaċi jispjega għaliex ġie mogħti isem partikolari | |
| **5.1.2. Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu l-istima tagħna nfusna** | |
| 5.1.2.B. L-istudent kapaċi jiżviluppa twemmin pożittiv fuqu nnifsu | |
| 5.1.2.I. L-istudent huwa kburi b'xi kwalitajiet jew ħiliet li għandu | |
| 5.1.2.A. L-istudent kapaċi jiddeċiedi dwar titjib li jista' jagħmel | |
| **5.1.3. Nagħrfu li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna, u li nistgħu nkunu** | |
| 5.1.3.B. L-istudent kapaċi jifhem li l-preferenzi jinbidlu maż-żmien | |
| 5.1.3.I. L-istudent jifhem li l-gost li jieħu meta jilgħab jista' jinbidel maż-żmien | |
| 5.1.3.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi kif tfal żgħar jesprimu l-emozzjonijiet u kif dan jinbidel maż-żmien | |
| **5.2. NUŻAW IL-ĦILIET TAGĦNA GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI** | |
| **5.2.1. Nużaw il-ħiliet meta nħossuna skomdi u f'diffikulta** | |
| 5.2.1.B. L-istudent kapaċi jiżviluppa ħiliet biex ifarraġ lilu nnifsu meta jkun imdejjaq | |
| 5.2.1.I. L-istudent kapaċi jiżviluppa ħiliet biex ifarraġ lilu nnifsu meta jkollu emozzjonijiet negattivi | |

[1] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 5.2.1.A. L-istudent kapaċi jiżviluppa ħiliet biex ifarraġ lilu nnifsu u lil ħaddieħor meta iħossuhom waħedhom | |
| **5.2.2.Nipparteċipaw soċjalment** | |
| 5.2.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika xi affarijiet li jħobb dwar il-familja tiegħu | |
| 5.2.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika ħiliet fih innifsu permezz ta' *feedback* minn sħabu | |
| 5.2.2.A. L-istudent kapaċi jiżviluppa ħiliet sabiex jagħti u jirċievi *feedback* pożittiv | |
| **5.2.3. Napprezzaw lilna nfusna u lill-oħrajn** | |
| 5.2.3.B. L-istudent kapaċi jiżviluppa ħiliet biex jirċievi u japprezza l-kumplimenti | |
| 5.2.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika affarijiet li jħobb fi sħabu | |
| 5.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika l-affarijiet li japprezza fih u f'ħaddieħor id-dar u l-iskola. | |

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:

Għanijiet għal titjib:

# TEMA 6 Nibdlu l-Isfidi f'Opportunitajiet

**Din it-tema hija differenti mit-temi ta' qabel għax tikkonsisti fi tliet sotto-temi prinċipali, bi tliet topiks f'kull waħda. Dawn it-topiks huma bbażati fuq kif għandna nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi, meta niġu mwarrba, u meta jkollna kunflitt fil-familja. Barra minn hekk, din it-tema għandha tliet sottotemi iżgħar oħra li huma bbażati fuq kif nirrispondu meta nġarrbu telfa, meta ngħaddu minn *bullying* u meta ngħaddu minn bidla.**

## Sottotema 1 Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**TOPIK 1**

Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**TOPIK 2**

Kif nirrispondu għad-diżabilità u l-mard

**TOPIK 3**

Kif nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni

## Sottotema 2 Kif nirrispondu meta niġu mwarrba

**TOPIK 1**

Kif nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna

**TOPIK 2**

Kif nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema

**TOPIK 3**

Kif nirrispondu meta niġu mwarrba minn membri tal-familja

## Sottotema 3 Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja

| TOPIK 1 | TOPIK 2 | TOPIK 3 |
| --- | --- | --- |
| Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa | Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri | Kif nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri |

## Sottotema 4 Kif nirrispondu meta nġarrbu telfa

## Sottotema 5 Kif nirrispondu għall-kunflitt u l-*bullying*

## Sottotema 6 Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

# SOTTOTEMA 1
# Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**Din is-sottotema hija bbażata fuq l-ideat li l-kuraġġ u l-persistenza huma karatteristiċi ta' ħsieb reżiljenti u li huma ta' għajnuna kbrira beix negħlbu l-ostakli u nistennew riżultati pożittivi (Scheier & Carver, 1992; Seligman, 2011). Il-kuraġġ u l-peristenza quddiem id-diffikultajiet u l-isfidi, kemm jekk huma temporarji (eż: diffikultajiet fit-tagħlim, falliment fl-iskola, diskriminazzjoni) u kemm jekk huma permanenti (eż: diżabilità, mard), huma kwalitjiet siewja biex igħinu lit-tfal, speċjalment dawk vulnerbabbli, jgħelbu d-diffikultajiet u jiksbu suċċess kemm fit-tagħlim kif ukoll fil-ħajja soċjali tagħhom. Jekk it-tfal jitgħallmu jħarsu lejn il-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-isfidi u jiżviluppaw karatteristiċi pożittivi bħall-kuraġġ u l-persistenza, iktar milli jiffokaw biss fuq l-effetti negattivi, dan jista' jkollu impatt qawwi fuq l-kapaċità tagħhom li jkunu reżiljenti, jaddottaw mentalita` pożittiva meta jiltaqgħu mal-isfidi u lejn il-ħajja b'mod ġenerali. Fl-ewwel topik, l-istudenti jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet, bħal diffikultajiet fit-tagħlim, falliment l-iskola, jew sfidi oħrajn fil-ħajja. Imbagħad jitgħallmu jħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti b'mod iktar pożittiv u fl-aħħar iħejju pjanijiet ta' azzjoni biex jirrispondu għall-isfidi. Fit-tieni u fit-tielet topiks, l-istudenti jsegwu l-istess tliet passi biex jirrispondu għal diżabilità jew mard, u għal diskriminazzjoni u inġustizzja.**

---

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIDDESKRIVU U JAQSMU L-EMOZZJONJIET U L-ĦSIBIJIET META JILTQAGĦU MAD-DIFFIKULTAJIET<br>• JAĦSBU B'MOD POŻITTIV META JILTQAGĦU MAD-DIFFIKULTAJIET<br>• IFASSLU PJAN TA' AZZJONI BIEX JEGĦLBU D-DIFFIKULTAJIET |

| | | |
|---|---|---|
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIRRISPONDU GĦAD-DIŻABILITA' U L-MARD**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET DWAR ID-DIŻABILITÀ JEW IL-MARD<br>• JADOTTAW MENTALITA` TA' DETERMINAZZJONI F'SITWAZZJONIJIET TA' DIŻABILITÀ JEW IL-MARD<br>• IFASSLU PJAN TA' AZZJONI F'SITWAZZJONIJIET TA' DIŻABILITÀ JEW MARD |
| **TOPIK 3**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIRRISPONDU GĦALL-INĠUSTIZZJA U D-DISKRIMINAZZJONI**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET DWAR DISKRIMINAZZJONI U INĠUSTIZZJA<br>• JESPLORAW SITWAZZJONIJIET TA' DISKRIMINAZZJONI U INĠUSTIZZJA BILLI JUŻAW ĦSIEB POŻITTIV<br>• IFASSLU PJAN TA' AZZJONI KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI U L-INĠUSTIZZJA |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Meta l-istudenti jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, fakkarhom li din l-esperjenza mhux ser tibqa' għal dejjem u biex ifasslu pjan ta' azzjoni biex jiżviluppaw relazzjonijiet ma' studenti oħrajn.

2. Meta jkun hemm xi studenti li qed jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, għin lill-klassi kollha tara s-sitwazzjoni mill-pożizzjoni tal-istudent mwarrab. Għinhom jifhmu kif jista' jħossu hu u kif jistgħu jgħinuh biex iħossu aħjar. Tista' tfassal pjan ta' azzjoni magħhom jew tuża *role play*.

3. Enfasizza li meta l-istudenti jwarrbu lill-oħrajn, ma jfissirx li huma tfal ħżiena imma li l-imġiba tagħhom hija ħażina.

4. Fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, għin lill-istudenti biex iħarsu lejn esperjenzi fejn jiġu mwarrba minn lenti differenti, joħolqu distanza bejniethom u l-problema, jaħsbu b'mod pożittiv, u jistaqsu għall-għajnuna biex isolvu l-problema.

## TOPIK 1 Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
| --- |
| Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonjiet u l-ħsibijiet meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet. |
| Jaħsbu b'mod pożittiv meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet. |
| Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jegħlbu d-diffikultajiet. |

# Attività 1: Ċika ttellaq mal-kangarù

### *L-għan tat-tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonjiet u l-ħsibijiet meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrievi kif inħossni meta jkolli diffikulta.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa:*

Pupazz, kartonċin, kuluri, lapsijiet tal-kulur jew *markers*, stampa kbira li turi lil Ċika, folja t'attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'hawn taħt lill-istudenti u uża l-pupazz:

**Ċika tikkompeti ma' Kenny l-kangaru`**

**Darba waħda, l-għalliema ħabbret li tellieqa bl-ostakli kienet se ssir il-ġimgħa ta' wara u li kull min xtaq seta' jieħu sehem. Meta Kenny l-kangaru` sema' dan, beda jiftaħar mal-annimali l-oħra dwar kemm kien kapaċi jiġri u li kien ser jirbaħ it-tellieqa. Beda jidħak ukoll b'Ċika u jgħidilha "Jiena aħjar minnek fil-ġiri u nista' naqbeż l-ostakli kollha qisu xejn". Ċika ħassitha mdejqa għax kienet taf li hija timxi bil-mod u li ma tistax taqbeż l-ostakli. Fil-fatt, kienet ħadet sehem f'tellieqa s-sena ta' qabel u ma rnexxilhiex tispiċċa. Ċika kienet għadha tiftakar kemm kienet ħassitha mdejqa wara t-tellieqa.**

**Meta Ċika marret id-dar, kelmet lill-ġenituri tagħha fuq it-tellieqa. Ommha u missierha ftakru kemm Ċika kienet imdejqa wara li hija ma rnexxilhiex tispiċċa t-tellieqa s-sena ta'qabel. Hija bdiet tibki. "Mhux sewwa li xi annimali jistgħu jiġru ħafna u jaqbżu malajr u jiena le! Jiena veru rrabjata li ma nistax naqbeż u niġri ħafna. Qatt mhu se jirnexxili nirbaħ tellieqa!" Ommha għannqitha u qaltilha: "Ċika, qiegħda nifhem kemm hi diffiċli għalik li tħossok hekk. Naf li l-ġiri mhux faċli għalik, imma ftakar kemm jien u missierek inħobbuk u kemm nemmnu fik." Imbagħad, missier Ċika qalilha, "Ċika, żomm f'moħħok dan is-sigriet: Ibqa' pprova kemm tista' u taqtax qalbek. Tinsiex li l-isforz tiegħek se juri ħafna kuraġġ!"**

**Il-ġurnata ta' wara, l-għalliema staqsiet min kien ser jieħu sehem fit-tellieqa. Kenny l-kangaru` għolla idu l-ewwel. L-għalliema stenniet ftit u fl-aħħar waqt rat lil Ċikka tgħolli idha wkoll. Kulħadd kien sorpriż bill-kuraġġ li uriet Ċika biex tikkompeti kontra Kenny li kien jiġri ħafna. It-tellieqa bdiet u Kenny kien ħafna iktar 'l quddiem minn Ċika u beda jaqbeż kull ostaklu mingħajr l-ebda' diffikultà. Kenny wasal f'nofs it-tellieqa u ma seta' jara lil Ċika mkien. Kien il-ħin tal-ikel u kien bil-ġuħ. Għalhekk iddeċieda li jieqaf ftit u jiekol xi ħaġa żgħira tal-ikel. Wara li lesta mill-ikel, Kenny qal "Qed inħoss l-istonku mimli u ma nistax naqbad nerġa' nitlaq niġri. Jiena naħseb li aħjar nieħu nagħsa ħafifa. Ċika għadha ' l bogħod u żgur nasal ħafna qabilha".**

**Sadanittant, Ċika kompliet miexja bil-mod il-mod. Meta kienet issib xi ostaklu quddiemha, bħal xi ġebla żgħira, kienet issir bħal ballun żgħir u tirrombla minn fuqu. Kienet taf li diffiċli ttellaq ma' Kenny għax ħafif u jiġri u jaqbeż ħafna. Iżda Ċika ma waqfitx allavolja kienet qed tgħejja, u baqgħet sejra filwaqt li taħseb f'dak li qalulha ommha u missierha. F'ħin minnhom, it-triq ġiet għan-niżla, Ċika saret ballun u tgerbet 'l isfel sal-aħħar tat-tellieqa. Kenny baqa' rieqed u malli qam ma seta' jara lil Ċika mkien! Ġera kemm felaħ sal-aħħar, iżda sab lil Ċika tistennieh! It-tellieqa rebħitha Ċika, il-qanfud!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet id-diffikultà ta' Ċika?
- Kif ħassitha Ċika meta ma' rnexxilhiex tispiċċa t-tellieqa s-sena ta' qabel?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tat-tfal billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi ħaġa dwarek innifsek li ġġegħlek tħossok skomdu/skomda?
- Kif tħossok dwar din is-sitwazzjoni?
- Kellimt lil xi ħadd dwar din is-sitwazzjoni?
- Għenek xi ħadd biex tiffaċċja din id-diffikulta/sfida personali?
- X'taħseb li jista' jgħinek biex tittratta din id-diffikulta/sfida?

5. Fakkar lill-istudenti (tista' tagħmel użu mill-pupazz) li meta jaqsmu l-emozzjonijiet tagħhom ma' xi ħadd li jħobbu u jafdaw ikunu qegħdin jagħmlu xi ħaġa tajba ħafna biex jibdew jiffaċċjaw is-sitwazzjoni diffiċli li jkun sabu ruħhom fiha.

6. Wara, agħti l-opportunità lill-istudenti biex ipinġu x-xena favorita tagħhom mill-istorja. Tista' tpoġġi t-tpinġijiet tal-istudenti fuq bord jew fir-rokna ta' reżiljenza fil-klassi.

7. Spjega lit-tfal li Ċika staqsiethom biex jiktbu is-sigriet li kienu qalulha ommha u missierha biex jiftakruh. Fakkar lill-istudenti x'inhu s-sigriet ta' Ċika u spjegalhom li inti se tagħmel tabella fejn se tikteb is-sigriet ta' Ċika: "Ibqa' pprova b'ħiltek kollha. L-isforz huwa l-iktar ħaġa importanti." Wara, staqsi lill-istudenti biex iżejnu din it-tabella. Fl-aħħarnett, agħmel ritratt kbir ta' Ċika fir-rokna ta' reżiljenza fil-klassi u poġġi t-tabella f'id Ċika.

Nota: Irreferi għas-sigriet ta' Ċika meta tinqala' xi okkażjoni matul xi lezzjoni oħra jew avvenimenti tal-iskola.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jsibu stejjer ta' annimali kuraġġużi, li ttrattaw id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom/mumenti diffiċli b'suċċess – huma jistgħu jkunu rawhom fuq it-televiżjoni (per eżempju, *cartoons*, films tat-tfal etċ.) jew ikunu qraw dwarhom fil-kotba tat-tfal. L-għada, staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu x'inkunu tgħallmu waqt li kienu qed jaħdmu flimkien mal-ġenituri tagħhom.

## STEJJER TA' KURAĠĠ U DETERMINAZZJONI

*Għall-ġenituri: Għinu lit-tfal jsibu stejjer mill-kotba tat-tfal jew films, cartoons dwar annimali kuraġġużi li ttrattaw mumenti diffiċli b'suċċess. Iddiskutu flimkien il-kwalitajiet ta' dawn l-annimali li rnexxielhom għelbu l-ostakli. Użaw din l-folja t'attività biex tiktbu t-titli tal-istejjer li sibtu, filwaqt li t-tfal ipinġu l-annimal mill-istorja.*
_______________________________________________________________

**Titli ta' films jew kotba:**

**Pinġi annimal kuraġġuż minn film jew ktieb:**





# Attività 2: Ċika taħseb b'mod pożittiv

## L-għan tat-tagħlim

Jużaw ħsieb pożittiv meta jiltaqgħu mad-diffikultajiet.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv meta niltaqa' mad-diffikultajiet

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, folja t'attività, stampa kbira ta' Ċika l-maskot.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn
2. Aqra l-istorja mill-ewwel attività
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet id-diffikultà ta' Ċika?
- X'kien is-sigriet ta' Ċika?
- X'kienu wħud mill-kliem ta' kuraġġ li Ċika qalet lilha nnifisha?
- Kif għenuha dawn il-kliem lil Ċika?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi ħaġa dwarek innifsek li ġġegħlek tħossok skomdu/skomda?
- Kif tħossok dwar din is-sitwazzjoni?
- Kellimt lil xi ħadd dwar din is-sitwazzjoni?
- Għenek xi ħadd biex tiffaċċja din id-diffikulta/sfida personali?
- X'taħseb li jista' jgħinek biex tittratta din id-diffikulta/sfida?

5. Spjega lill-istudenti kif aħna nistgħu ngħidu ħafna affarijiet pożittivi lilna nfusna biex nimtlew b'iktar kuraġġ u kunfidenza, anke f'sitwazzjonijiet ta' biżgħa.

6. Reċta. Fakkar lit-tfal dwar il-kliem kuraġġjuż ta' Ċika. Wara, staqsi lill-istudenti biex jimmaġinaw li huma Ċika u pparteċipaw fit-tellieqa u li hija qed tkellem lilha nnifisha. Kull student irid jiftakar u jgħid kelma jew frażi ta' kuraġġ, taparsi huma Ċika: "Jiena se nirsisti kemm nista'", Jiena se nagħmel ħilti kollha", "L-għan tiegħi huwa li nkompli t-tellieqa sal-aħħar", "Jiena mhux se naqta' qalbi, anke jekk il-kangaru` jkun wasal biex ilesti t-tellieqa", "Jiena se nieħu gost fit-tellieqa, ikun x'ikun ir-riżultat", "Jiena se nkun kuntenta jekk jirnexxili ngħaġġel ftit iktar mill-aħħar darba li ġrejt".

7. Ipprintja l-istampa ta' Ċika, bi kliem kbir u ċar, jekk inhu possibbli, u poġġiha fir-rokna ta' reżiljenza jew fuq il-bord. Wara, ikteb ftit mill-kliem kuraġġuż ta' Ċika fi ċrieki u poġġihom fuq ir-ritratt ta' Ċika.



## Attività għad-Dar

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jfittxu stejjer ta' annimali li emmnu fihom infushom, kemm minn kotba kif ukoll minn *cartoons*. Il-ġurnata ta' wara, staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu x'tgħallmu filwaqt li kienu qegħdin jaħdmu mal-ġenituri tagħhom.




## ANNIMALI LI JEGĦLBU L-OSTAKLI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal isibu stejjer mill-kotba tat-tfal, films jew cartoons dwar annimali li emmnu fihom infushom u li ffaċjaw mumenti diffiiċli b'suċċess. Iddiskutu flimkien il-kwalitajiet ta' dawn l-annimali.*
*Użaw din l-folja t'attività biex tiktbu t-titli tal-istejjer li sibtu, filwaqt li t-tfal ipinġu l-annimal mill-istorja.*

**Titli ta' films jew kotba:**

**Pinġi annimal minn film jew ktieb li emmen fih innifsu u li għeleb diffikultà**





# Attività 3: Ċika ssib mod kif tegħleb id-diffikultajiet

## L-għan tat-tagħlim.

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jegħlbu d-diffikultajiet.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħmel plan ta' azzjoni biex negħleb d-diffikultajiet

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, folja t'attività, stampa kbira ta' Ċika l-maskot.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja mill-ewwel attività u uża l-pupazz.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet id-diffikultà ta' Ċika?
- X'kien is-sigriet ta' Ċika?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Ċika?
- X'kienu ftit mill-kliem ta' kuraġġ li għenu lil Ċika?
- Min għen lil Ċika biex rebħet it-tellieqa?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi ħaġa dwarek innifsek li ġġegħlek tħossok skomdu/skomda?
- Kif tħossok dwar din is-sitwazzjoni?
- Għamilt xi ħaġa biex tipprova issolvi din id-diffikultà?
- Hemm xi ħadd li jgħinek f’din id-diffikulta/sfida personali?
- X’jista’ jgħinek biex tegħeb id-diffikultajiet/l-isfidi?

5. Introduċi l-idea ta’ pjan ta’ azzjoni u spjega li meta jkun hemm diffikultà f’ħajjithom, dejjem hemm xi ħaġa li jistgħu jagħmlu. Huma jistgħu jagħmlu dan permezz ta’ pjan ta’ azzjoni.

6. Aqra l-kliem ta’ kanzunetta qasira u staqsi lill-istudenti biex ifittxu melodija għaliha. Tista’ tuża xi strument mużikali biex toħloq iktar gost. Hawn taħt hawn il-kliem ta’ din il-kanzunetta:

Jekk teżisti xi diffikultà f’ħajti.

Hemm soluzzjoni xi mkien f’moħħi

Irrid infittixha,

U wara ċert li se nħossni tajjeb/tajba ħafna!

7. Aqsam it-tfal fi gruppi u agħti kull grupp problema komuni li studenti tal-eta’ tagħhom jistgħu jiltaqgħu magħhom (per eżempju, ma jkollhomx ħbieb ma’ min jilagħbu, meta ma jkunux fehmu xi topik fil-klassi) u bl-għajnuna tal-għalliema, ipinġu pjan ta’ azzjoni sempliċi biex isolvu l-problema, b’minn tal-inqas, strateġija waħda. Ikteb x’inhi l-problema u l-istrateġija minn kull grupp u wara staqsi lill-istudenti jekk jixtiqux iżidu strateġiji oħra mal-pjan ta’ azzjoni.



## Attività għad-Dar

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jfittxu kotba tat-tfal, *cartoons* jew films tat-tfal u jsibu xi annimali li sabu ruħhom f’diffikultà, u rnexxielhom isibu soluzzjoni għaliha. Il-ġurnata ta’ wara, staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu x’tgħallmu mill-attività li għamlu mal-ġenituri tagħhom.

# NEGĦLBU D-DIFFIKULTAJIET




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal isibu stejjer mill-kotba tat-tfal jew films u cartoons jew letteratura dwar annimali kuraġġużi li rnexxielhom jegħlbu diffikultà/sitwazzjoni diffiċli b'suċċess. Iddiskutu flimkien il-kwalitajiet ta' dawn l-annimali. Użaw din l-folja t'attività biex tiktbu t-titli tal-istejjer li sibtu, filwaqt li t-tfal ipinġu l-annimal mill-istorja.*

---

**Titli tal-films jew kotba:**

**Pinġi annimal minn film jew minn ktieb li kellu diffikultà, u li fl-aħħar sab mod kif jegħlibha.**





# TOPIK 2: Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard

| |
|---|
| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
| Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet dwar id-diżabilità jew l-mard. |
| Jadottaw mentalita` ta' determinazzjoni f'sitawazzjonijet ta' diżabilità jew mard. |
| Ifasslu pjan ta' azzjoni għal sitwazzjonijiet ta' diżabilità jew mard. |

## Attività 1: Jiena persuna speċjali

### *L-għan tat-tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet dwar id-diżabilità jew mard.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi dak li nħoss u naħseb meta niltaqa' ma diżabilita' jew mard.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi, folja t'attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn

2. Aqra l-istorja t'hawn taħt bl-użu tal-pupazzi.

**L-ewwel ġurnata tal-iskola ta' Ċika**

**Ftit ġranet wara li Ċika kienet waqgħet u qasmet ftit mix-xewk tagħha, ommha qaltilha li kien wasal iż-żmien li hija tmur l-iskola. Ċika ħassitha kuntenta li kienet se titgħallem affarijiet ġodda, imma fl-istess ħin bdiet tibża' ma' x'hiex tista' tiltaqa' u x' kienu se jgħidu sħabha dwarha. Lejliet l-ewwel ġurnata tal-iskola, Ċika ma' setgħetx torqod. Hija kellha ħafna ħsibijiet. Bdiet taħseb li kulħadd kien se joqgħod iħares lejn ix-xewk mkisser tagħha. Sħabha kienu se joqogħdu jidħqu biha. Ċika ħasbet li l-għalliema tagħha kienet se tħobb iktar lill-qniefed l-oħra li kellhom ix-xewk sħiħ.**

**Il-ġurnata ta' wara, Ċika waslet l-iskola u bdiet tħossha anzjuża ħafna. Bdiet tħoss li kulħadd kien qiegħed iħares lejha. Meta waslu l-qniefed l-oħra, Ċika marret fuq wara tal-klassi u staħbiet taħt mejda. Hija bdiet taħseb u tgħid "Kemm nixtieq li jien ma nidhirx u li ma jħares ħadd!". Meta l-għalliema staqsiet lil kulħadd biex jintroduċi ruħu, Ċika qalet isimha minn taħt l-ilsien imma ħadd ma fehem xejn. Wara, l-għalliema marret tkellem lil Ċika u qaltilha "Bonġu. Merħba fil-klassi l-ġdida tiegħek. Aħna kollha ferħana li inti qiegħda hawn. Tixtieq tgħidilna x'jismek?" Ċika bdiet tħossha aħjar. "Jisimni Ċika" qalet u għolliet ftit rasha. Imbagħad, rat lil oħrajn iħarsu lejha bi tbissima ħelwa. Wara ftit, qalulha "Bonġu Ċika. Merħba fil-klassi l-ġdida tagħna. Aħna kollha kuntenti li inti tinsab hawn!"**

**Ċika marret lura d-dar u kienet ferħana ħafna. Il-ħsibijiet li kellha dwar sħabha tal-klassi kienet neħħiethom minn moħħha, u issa kienet kuntenta li bdiet tmur l-iskola.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet id-diffikultà ta' Ċika?
- Kif kienet qed tħossha Ċika dwarha nnifisha?
- X'kienu ftit mill-ħsibijiet negattivi ta' Ċika?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi ħaġa li ġġegħlek tħossok skomdu/skomda?
- Kif tħossok dwar din is-sitwazzjoni/diffikulta?
- Qatt iltqajt ma' tifel/tifla li kellu/ha xi ħaġa simili?
- Kif taħseb li għandna nġibu ruħna ma' tfal b'diżabilita' biex ngħinuhom iħossuhom tajjeb?

5. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fi ftit kliem ta' kraġġ li jistgħu jgħidu lil Ċika biex tħossha aħjar. Ħeġġeġ lil kull studenti biex jiġi viċin ta' Ċika (pupazz) u jgħidu kliem ta' bħal:

"Toqgħodx tinkwieta Ċika, aħna nirrispettawk kif int."

"Tinkwetax Ċika, kulħadd jista' jiltaqa' xi diffikultà."

"Jiena jgħoġbuni x-xewk tiegħek għax differenti minn ta' kull qanfud ieħor."

"Jiena ċert/ċerta li taf b'xi logħob li nistgħu nilagħbu kollha flimkien."

"Mhux importanti kif tidher fuq barra għax inti għandek qalbek tajba ħafna."



## *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jfittxu kotba tat-tfal, *cartoons* jew films tat-tfal, stejjer ta' annimali li ltaqgħu ma' diżabilita' jew mard u x'għamlu biex iħossuhom tajjeb. Il-ġurnata ta' wara, staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu x'tgħallmu mill-attività li għamlu mal-ġenituri tagħhom.

## INKUNU POŻITTIVI




*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal biex ifittxu stejjer mill-kotba tat-tfal, films jew cartoons dwar annimali b'diżabilita' jew mard u li rnexxielhom jegħlbu l-problemi li ltaqgħu magħhom. Iddiksutu l-kwalitajiet tal-annimali li għenu biex jilqgħu u jegħlbu l-isfidi marbuta mad- diżabilita' jew mard. Uża l-folja t'attività biex tikteb it-titli tal-istejjer li sibtu filwqat li t-tfal ipinġ l-annimal mill-istorja.*

**Titli ta' films jew kotba:**

**Pinġi annimal minn film jew ktieb li kellu diżabilita', imma sab mezz kif jegħleb l-isfidi li ltaqa' magħhom.**





# Attività 2: Ċika kapaċi tagħmel ħafna affarijiet sbieħ

## *L-għan tat-tagħlim*

Jadottaw mentalita' ta' determinazzjoni f'sitwazzjoniet ta' diżabilità jew mard.

## *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niffoka fuq l-affarijiet t-tajbin li għandi biex negħleb l-isfidi"

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazz, folja t'attività "Jiena ma nistax, imma nista' "



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja t'hawn taħt bl-użu tal-pupazzi.

### Ċika kapaċi tagħmel ħafna affarijiet tajbin

**Ftit ġranet wara li Ċika kienet waqgħet u qasmet xi ftit mix-xewk tagħha, ommha ħaditha sal-foresta. Omm Ċika bdiet tispjegalha: "Kif taf inti, il-qniefed għandhom ix-xewk biex il-volpi ma jkunux jistgħu jweġġgħom." Meta Ċika semgħet dan, bdiet tibki u qalet "Jiena ma kontx naf li għandna l-għedewwa! U kif nista' niddefendi ruħi issa jekk ix-xewk qed jinqasamli?" Ċika kompliet b'għajnejha mimlija dmugħ.**

**Omm Ċika għannqitha magħha u qaltilha: "Nista' nifhem kif qed tħossok, imma għandek bżonn taħseb ftit kif tista' ssalva lilek nnifsek b'li għandek." "Imma ma, jien m'għandi l-ebda armi biex niġġieled bihom!" Ċika qalet. "U żgur li għandek! Imma jista' jkun li għandek bżonn ftit għajnuna biex tfittixhom," omm Ċika wieġbet. "Ċika,**

**bħala qniefed, aħna kapaċi nisimgħu tajjeb ħafna u nxommu wkoll biex nfittxu l-ikel. Aħna nistgħu ukoll nużaw dawn l-affarijiet tajbin li għandna biex nipproteġu lilna nfusna". Ċika ma kinitx taf x'ser taqbad tgħid. Bdiet tifhem li ommha kellha raġun, iżda riedet ftit taż-żmien biex temmen li hija kienet kapaċi tipproteġi lilha nnifisha.**

**Meta Ċika marret l-ewwel darba waħedha fil-foresta kienet xi ftit imbeżża'. Wara ftit, bdiet taħseb fil-kliem li kienet qaltilha ommha. Hija bdiet tgħid bejna u bejn ruħha. "Ommi għandha raġun. Jiena kapaċi nisma' tajjeb ħafna u nxomm ukoll. Għalhekk, nista' nużahom biex ninduna bl-għedewwa li jistgħu jkunu madwari. Iva, jien nista' nipproteġi lili nnifsi"**

**Filgħaxija, Ċika marret lura d-dar kuntenta. Qalet lill-ġenituri u lil ħutha subien u bniet kif irnexxielha tisma', mill-bogħod, volpi li kien riesaq lejha. Peress li l-volpi kien għadu l-bogħod, Ċika staħbiet taħt werqa kbira tat-tin u l-volpi baqa' sejjer. Wara li Ċika spiċċat l-istorja, kulħadd ċapċpilha. Ommha qalet "Aħna veru kburin bik, Ċika . Aħna ċerti li inti kapaċi tagħmel ħafna affarijiet! Inti qanfud kapaċi!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet il-problema ta' Ċika?
- Kif kienet qed tħossha Ċika dwarha nnifisha?
- X'kienu wħud mill-ħsibijiet li ma kinux qed jgħinu lil Ċika?
- Kif kienet ta' għajnuna omm Ċika biex Ċika bdiet tħares lejha nfisha b/mod pożittiv?
- Kif kompliet l-istorja?
- Qatt iltqajt ma' persuna b'diżabilità? Tista' taħseb dwar xi kapaċijiet/kwalitajiet tajbin li din il-persuna jista' jkollha?

4. Agħti l-opportunità lit-tfal biex jaħsbu f'żewġ/tliet affarijiet li huma tajbin fihom u f'żewġ/tliet affarijiet li mhux daqshekk tajbin fihom. Wara, għin lil kull student biex joħloq sentenza, per eżempju: "Jiena ma nistax ngħum, imma naf insuq ir-rota u nista' nimxi b'pass mgħaġġel". Staqsi lill-istudenti biex jikkumbinaw kull sentenza mall-lingwaġġ tal-ġisem u l-espressjonijiet tal-wiċċ, per eżempju:

"Jien ma nistax ..." (inħossni mdejjaq) imma "Jiena nista' ..." (inħossni ferħan). Apparti minn hekk, staqsi lit-tfal biex iduru mija u tmenin grad billi jaqbżu, kull darba li jgħidu "imma".

5. Fl-aħħar, agħti l-folja t'attività lill-istudenti: "Jiena ma nistax … imma nista' " u staqsihom biex ipinġu x'ma jistgħux jagħmlu fuq naħa waħda tal-karta u x'jistgħu jagħmlu fuq in-naħa l-oħra tal-karta.



## Attività għad-Dar

L-istudenti se jilagħbu l-logħba "Jien ma nistax, imma nista' " mal-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri huma mħeġġa biex jieħdu sehem fil-logħba billi jsemmu xi affarijiet li ma jistgħux jagħmlu u oħrajn li jistgħu jagħmlu.

**JIEN MA NISTAX … IMMA NISTA'**




"JIEN MA NISTAX ...

IMMA NISTA' "

*Lill-ġenituri: Ilgħabu mat-tfal il-logħba "JIENA MA NISTAX, IMMA NISTA' " li jkunu tgħallmu l-iskola. Għidulhom jaħsbu f'żewġ/tliet affarijiet li huma tajbin fihom u wara, għinuhom jifformaw sentenza, bħal: "Jiena ma nistax ngħum, imma naf insuq ir-rota u nista' nimxi b'pass mgħaġġel". Staqsu lit-tfal biex iqabblu kull sentenza mall-ingwaġġ tal-ġisem u l-espressjonijiet tal-wiċċ (per eżempju: "Jien ma nistax …" (inħossni mdejjaq) imma "Jiena nista' …" (inħossni ferħan). Staqsi ukoll lit-tfal biex iduru mija u tmenin grad billi jaqbżu kull darba li jgħidu "imma". Ħudu sehem fil-logħba billi ssemmu xi affarijiet li ma tistgħjux tagħmlu u oħrajn li tistgħu.*





# Attività 3: Ċika speċjali

## L-għan tat-tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal sitwazzjonijiet ta' diżabilità jew mard.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħmel plan ta' azzjoni biex negħleb diffikultajiet li jista' jkolli.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, folja t'attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn
2. Aqra l-istorja li tinsab fit-tieni attività lill-istudenti u agħmel użu tal-pupazz:
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex Ċika kienet tħoss li kellha diżabilità?
- Kif ħassitha Ċika dwarha nnifisha?
- Kif għenitha omm Ċika biex tiffaċċja d-diżabilità li kellha?
- X'kienu wħud mill-ħsibijiet li ma kinux qed jgħinu lil Ċika?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Ċika biex għenha tiffaċċja d-diżabilità tagħha?
- Kif kienu ta' għajnuna l-ġenituri ta' Ċika biex għenuha tħossha kunfidenti u tegħleb d-diffikultajiet?

4. Wara, qabbel l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Hemm xi ħaġa li ġġegħlek tħossok skomdu/skomda?
- Kif tħossok dwar din is-sitwazzjoni/diffikultà?
- Qatt iltqajt ma' tifel/tifla b'diżabilità?
- Qatt innutajt il-kapaċitajiet li dan it-tifel/din it-tifla kellu/kellha?
- Hemm xi ħaġa li tagħtik il-kuraġġ u tgħinek f' mumenti diffiċli?

5. Aqsam it-tfal f'erba' gruppi u agħti wieħed minn dawn il-*mottos* li kull grupp:

1. "Jiena naċċetta lili nnifsi kif jien."
2. "Jiena nħobb lili nnifsi anke jekk m'hiniex perfett/a."
3. "Hemm affarijiet li ma nistax nibdel imma hemm oħrajn li nista' nibdel."
4. "Jiena rrid naħseb fuq l-affarijiet li naf nagħmel sewwa."

Wara, staqsi lil kull grupp biex jiftakar il-*motto* u jirrepetih b'leħen għoli, żewġ/tliet darbiet, quddiem il-klassi kollha. Fl-aħħar, staqsi lil kull grupp biex jirrepeti l-*motto* għal darb'oħra, b'entużjażmu.



## Attività għad-Dar

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jidentifikaw xi ħaġa li huma tajbin fiha u jpinġu lilhom infushom jagħmluha fil-folja t'attività. L-istudenti jesprimu ukoll l-emozzjonijet u l-ħsibijiet tagħhom marbuta ma' dan. Il-ġurnata ta' wara, staqsi lill-istudenti biex jiddeskrivu x'ghamlu u x'iddiskutu mal-ġenituri tagħhom.

## JIENA TAJJEB/TAJBA FI …

*Lill-ġenituri: Uża l-folja t'attività u staqsi lit-tfal biex ipinġu lilhom infushom qed jagħmlu attività li huma tajbin fiha. Kompli d-diskussjoni billi tistaqsi dwar l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tat-tfal matul l-attività.*

__________________________________________________________

**Pinġi lilek innifsek tagħmel xi ħaġa li inti tajjeb/tajba fiha**





# TOPIK 3 Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
| --- |
| Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet dwar diskriminazzjoni u inġustizzja. |
| Jużaw ħsieb pożittiv f'sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni u inġustizzja |
| Ifasslu pjan ta' azzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-inġustizzja. |

## Attività 1: Skwiril differenti fil-klassi ta' Żigu

### *L-għan tat-tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet dwar id-diskriminazzjoni u l-inġustizzja.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naqsam l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħi dwar id-diskriminazzjoni.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi, folja t'attività, kuluri, lapsijiet tal-kulur jew *markers*.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta Moħħnihawn

2. Aqra l-istorja t'hawn taħt lill-istudenti u uża l-pupazz:

**Skwiril abjad fl-iskola**

**Kien it-Tnejn filgħodu u l-annimali kollha waslu kuntenti fil-klassi ta' Żigu. Dan il-jum kien speċjali għax kien hemm sorpriża fil-klassi ta' Żigu. L-għalliema sellmet lill-membru l-ġdid tal-klassi, Fahim. Fahim kien skwiril abjad li kien ġej minn post 'il bogħod ħafna. L-annimali kollha kienu sorpriżi meta raw lil Fahim, għax huma qatt ma kienu raw skwiril abjad qabel.**

**Meta ċemplet il-qanpiena, l-annimali kollha marru jilagħbu. Fahim staqsa lill-annimali l-oħra jekk jistax jilgħab magħhom, iżda kulħadd beda jevitah u jgħidlu li huwa ma kienx jaf kif jilgħb miegħu. Il-ġurnata ta' wara, Fahim staqsa lill-annimali l-oħra jekk jistax jilgħab noli magħhom iżda huma qalulu li l-logħba mhix ta' gost għalih, għaliex peress li kien abjad kien jidher minn kullimkien. L-għada, l-għalliema staqsiet lil Fahim biex imur jilgħab ma' annimali oħra, imma Fahim qal li huwa ma jridx jilgħab. Fahim ħassu waħdu u mdejjaq ħafna fl-iskola l-ġdida. Huwa qatt ma kien ħassu hekk fl-iskola fejn kien imur qabel.**



**Fahim għamel ġimgħa sħiħa jħossu waħdu u fl-aħħar ddeċieda li jkellem lill-għalliema tiegħu. Qalilha dwar kemm kien qiegħed iħossu waħdu għaliex li l-annimali l-oħra ma ridux jilagħbu miegħu. L-għalliema qaltlu: "Fahim, nista' nifhem kif qed tħossok! Għandek raġun tħossok hekk. Xi annimali jsibuha diffiċli jaċċettaw lil min hu differenti minnhom, imma taqtax qalbek, l-affarijiet dalwqat jinbidlu. Jiena se ngħinek kemm nista'." Fahim ħassu aħjar u beda jemmen li l-affarijiet se jiġu għall-aħjar.**



**L-għalliema organiżżat ħafna logħob biex tgħin lill-annimali jifmhu li hija ħaġa sabiħa li nkunu differenti minn xulxin. Issa, Fahim għandu ħafna ħbieb fl-iskola ġdida. Hu spjega xi logħob li kien jilgħab l-iskola li kien imur fiha qabel lill-ħbieb il-ġodda tiegħu. Kemm ħadu gost jilagħbu logħob ġdid li kien għallimhom Fahim!**

L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ġabu ruħhom lejn Fahim it-tfal l-oħra tal-klassi?
- Għaliex l-annimali ma ridux jilagħbu ma' Fahim?
- Kif ħassu Fahim dwar dan?
- Kif inbidlet is-sitwazzjoni wara li Fahim mar ikellem lill-għalliema?
- X'indunaw it-tfal l-oħra fl-aħħar?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt kont f'xi post ġdid fejn ħadd ma ried jilgħab miegħek?
- Kif ħassejtek?
- Għamilt xi ħaġa biex tħossok aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, x'għamilt u kif ħassejtek wara?

5. L-istudenti ipinġu l-ewwel kaxxa tal-folja t'attività b'kulur kannella (agħtihom kuluri jew *markers* kannella biss). Wara, agħtihom il-kuluri kollha biex ipinġu t-tieni kaxxa tal-

folja t'attività. Waħħal ix-xogħol tat-tfal fir-rokna tar-reżiljenza jew fuq il-bord u staqsihom biex jagħżlu liema tpinġijiet jippreferu (waħda b'kulur kannella jew l-oħra b'ħafna kuluri differenti).

6. Fl-aħħar tal-attività, fakkarhom li kuluri differenti jagħtu varjeta' lit-tpinġija. L-istess meta niġu biex nitkellmu dwar in-nies. Li tkun differenti hija xi ħaġa sabiħa għax toffri varjeta' ta' ħsibijiet, drawwiet, eċċ, li jagħmlu l-ħajja ferm iktar interessanti.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti, bl-għajnuna tal-ġenituri, ifittxu stejjer mill-kotba tat-tfal , *cartoons* jew films tat-tfal fejn l-annimali jew karattri oħra huma differenti minn oħrajn. Huma jistgħu jpinġu xena mill-istorja fejn l-annimal iħossu mdejjaq għax qed jiġi mwarrab (eskluż).

# META NIĠI MWARRAB MILL-OĦRAJN




*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal ifittxu stejjer fil-kotba tat-tfal, cartoons jew films ta' annimali li huma differenti minn oħrajn. Staqsi lit-tfal ipinġu xena mill-istorja fejn l-annimal iħossu mdejjaq minħabba li kien imwarrab jew esklużu u ddiskuti dawn l-emozzjonijiet mat-tfal. Uża din l-folja t'attività.*

---

**Pinġi xena mill-istorja fejn l-annimal ħassu mdejjaq għax ġie mwarrab mill-oħrajn.**









# Attività 2: Fahim iħares lejn in-naħa s-sabiħa

## L-għan tat-tagħlim

Jużaw ħsieb pożittiv f'sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni u inġustizzja

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv meta ngħaddi minn xi inġustizzja

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, biċċiet tad-drapp kannella u bojod, folja t'attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja t'hawn taħt lill-istudenti u uża l-pupazz:

**Fahim, l-iskwiril l-abjad**

**Kien it-Tnejn filgħodu u l-annimali kollha waslu kuntenti fil-klassi ta' Żigu. Dan il-jum kien speċjali għax kien hemm sorpriża fil-klassi ta' Żigu. L-għalliema sellmet lill-membru l-ġdid tal-klassi, Fahim. Fahim kien skwiril abjad li kien ġej minn post 'il bogħod ħafna. L-annimali kollha kienu sorpriżi meta raw lil Fahim, għax huma qatt ma kienu raw skwiril abjad qabel.**

**Meta ċemplet il-qanpiena, l-annimali kollha marru jilagħbu. Fahim staqsa lill-annimali l-oħra jekk jistax jilgħab magħhom, iżda kulħadd beda jevitah u jgħidlu li huwa ma kienx jaf kif jilgħb miegħu. Il-ġurnata ta' wara, Fahim staqsa lill-annimali l-oħra jekk jistax jilgħab noli magħhom iżda huma qalulu li l-logħba mhix ta' gost**

**għalih, għaliex peress li kien abjad kien jidher minn kullimkien. L-għada, l-għalliema staqsiet lil Fahim biex imur jilgħab ma' annimali oħra, imma Fahim qal li huwa ma jridx jilgħab. Fahim ħassu waħdu u mdejjaq ħafna fl-iskola l-ġdida. Huwa qatt ma kien ħassu hekk fl-iskola fejn kien imur qabel. Ħass li ma kienx sew li l-ġenituri tiegħu bidlulu l-iskola u poġġewh f'oħra fejn l-iskwirils huma kollha kannella.**



**Fahim kien jidher imdejjaq il-ġurnata kollha u ma kellu aptit jagħmel xejn. Il-ġenituri staqsewh għaliex kien imdejjaq u huwa wieġeb: "Ħadd ma jridni l-iskola, għax jiena abjad. Jiena mhux se jkolli iktar ħbieb, għax l-annimali mhux se jkunu jridu jilagħbu ma' skwiril abjad!" Il-ġenituri qalulu: "Għandek raġun tkun irrabjat. Mhux it-tort tiegħek, trid ftit taż-żmien biex tagħmel ħbieb ġodda fil-bidu, speċjalment fi skola ġdida. L-annimali qatt ma raw skwiril abjad qabel u għalhekk qegħdin iġibu ruħhom hekk. Aħna ċerti li wara ftit żmien, l-annimali se jifhmu li inti m'għandek xejn inqas minnhom u li ssiru ħbieb u tieħdu gost kollha flimkien." Fl-istess ħin, ħu Fahim kien fil-kamra u qal: "Fahim, din ġrat lili wkoll imma wara ftit żmien, l-affarijiet inbidlu, u issa għandi ħafna ħbieb."**



**Il-ġurnata ta' wara, Fahim ipprova jagħmel kuraġġ lilu nnifsu u qal "Din se tieħu ftit żmien, imma fl-aħħar kollox ser ikun sew. L-annimali għadhom ma jafunix. Nerġa nibqa' nistaqsihom biex nilgħab magħhom biex huma jsiru jafuni aħjar." Fahim ħareġ**

**b'logħob interessanti ħafna. Wara ftit kulħadd ried jilgħab ma' Fahim. L-annimali ma baqgħux jaraw lil Fahim bħala skwiril abjad differenti, imma bħala wieħed minnhom.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex taħseb li l-annimali ma ridux jilagħbu ma' Fahim?
- Kif ħassu Fahim dwar dan?
- X'qalulu l-ġenituri ta' Fahim u kif għenitu d-diskussjoni li kellu magħhom?
- X'qallu ħuh biex hu jħossu aħjar?
- X'ġara fl-aħħar?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt kont f'xi pot ġdid fejn ħadd ma ried jilgħab miegħek?
- Kif ħassejtek?
- Għamilt xi ħaġa biex tħossok aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni? Jekk iva, x'għamilt u kif ħassejtek wara?

5. Ippjana biex tagħmel 'role play' mal-istudenti.

<u>L-ewwel xenarju</u>: Agħti biċċa drapp kannella lil kull student, minbarra wieħed u lil student wieħed biċċa drapp bajda. Huma jirreċtaw is-sitwazzjoni ta' meta l-annimali kannella kienu l-iskola (fil-bitħa), u ġie Fahim, skwiril abjad, bħala student ġdid fil-klassi.
<u>It-tieni xenarju</u>: Agħti erba' biċċiet tad-drapp bojod lil erba' studenti biex jimitaw lil Fahim, lill-ġenituri tiegħu, u lil ħuħ. Staqsi lill-istudenti jirreċtaw is-sitwazzjoni ta' meta omm u missier Fahim kellmuh biex iħossu aħjar, biex ma jaqtax qalbu u biex jaħseb b'mod pożittiv.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti, bl-għajnuna tal-ġenituri tagħhom, ifittxu stejjer mill-kotba tat-tfal, *cartoons* jew films tat-tfal fejn l-annimali jew karattri oħra huma differenti minn oħrajn. Huma jistgħu jpinġu dan l-annimal fuq il-folja t'attività fejn l-annimal/il-karattru jaħseb dwar xi ħaġa pożittiva dwaru jew f'għeluq sabiħ għall-istorja.

## GĦELUQ SABIĦ

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jfittxu stejjer fil-kotba tat-tfal, cartoons jew films ta' annimali li huma differenti minn oħrajn. Staqsihom biex jpinġu l-annimal li hu differenti fuq il-folja t'attività, jaħsbu f'xi ħaġa pożittiva dwaru jew inkella jibdlu t-tmiem tal-istorja kif jixtiequ huma.*

**Pinġi xena mill-istorja fejn l-annimal/il-karattru jaħseb f'xi ħaġa pożittiva dwaru jew pinġi tmiem sabiħ għall-istorja.**





# Attività 3: Fahim ifassal pjan ta' azzjoni

## *L-għan tat-tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjoni kontra d diskriminazzjoni u l- inġustizzja.

## *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nippjana x'nista' nagħmel meta nġarrab xi inġustizzja.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazz, biċċiet tad-drapp bojod u kannella, folja t'attività.



## *Passi tal-Attività*

**1.** Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

**2.** Aqra l-istorja t'hawn taħt lill-istudenti u uża l-pupazz:

**Fahim jagħmel ħbieb ma' annimali kannella**

**Kien it-Tnejn filgħodu u l-annimali kollha waslu kuntenti fil-klassi ta' Żigu. Dan il-jum kien speċjali għax kien hemm sorpriża fil-klassi ta' Żigu. L-għalliema sellmet lill-membru l-ġdid tal-klassi, Fahim. Fahim kien skwiril abjad li kien ġej minn post 'il bogħod ħafna. L-annimali kollha kienu sorpriżi meta raw lil Fahim, għax huma qatt ma kienu raw skwiril abjad qabel.**

**Meta ċemplet il-qanpiena, l-annimali kollha marru jilagħbu. Fahim staqsa lill-annimali l-oħra jekk jistax jilgħab magħhom, iżda kulħadd beda jevitah u jgħidlu li huwa ma kienx jaf kif jilgħb miegħu. Il-ġurnata ta' wara, Fahim staqsa lill-annimali l-oħra jekk jistax jilgħab noli magħhom iżda huma qalulu li l-logħba mhix ta' gost**

**għalih, għaliex peress li kien abjad kien jidher minn kullimkien. L-għada, l-għalliema staqsiet lil Fahim biex imur jilgħab ma' annimali oħra, imma Fahim qal li huwa ma jridx jilgħab. Fahim ħassu waħdu u mdejjaq ħafna fl-iskola l-ġdida. Huwa qatt ma kien ħassu hekk fl-iskola fejn kien imur qabel. Ħass li ma kienx sew li l-ġenituri tiegħu bidlulu l-iskola u poġġewh f'oħra fejn l-iskwirils huma kollha kannella.**



**Fahim kien jidher imdejjaq il-ġurnata kollha u ma kellu aptit jagħmel xejn. Il-ġenituri staqsewh għaliex kien imdejjaq u huwa wieġeb: "Ħadd ma jridni l-iskola, għax jiena abjad. Jiena mhux se jkolli iktar ħbieb, għax l-annimali mhux se jkunu jridu jilagħbu ma' skwiril abjad!" Il-ġenituri qalulu: "Għandek raġun tkun irrabjat. Mhux it-tort tiegħek, trid ftit taż-żmien biex tagħmel ħbieb ġodda fil-bidu, speċjalment fi skola ġdida. L-annimali qatt ma raw skwiril abjad qabel u għalhekk qegħdin iġibu ruħhom hekk. Aħna ċerti li wara ftit żmien, l-annimali se jifhmu li inti m'għandek xejn inqas minnhom u li ssiru ħbieb u tieħdu gost kollha flimkien." Fl-istess ħin, ħu Fahim kien fil-kamra u qal: "Fahim, din ġrat lili wkoll imma wara ftit żmien, l-affarijiet inbidlu, u issa għandi ħafna ħbieb."**



**Fahim ħassu ħafna aħjar u wara ftit, staqsa: "Tistgħu tgħinuni nara kif nista' nagħmel ħbieb mal-oħrajn?" Il-ġenituri ta' Fahim flimkien ma' ħutu ddiskutew għal ħafna ħin. Fl-aħħar, huma ħasbu: Fahim jista' jieħu ftit ritratti li kien ħa l-iskola fejn kien imur qabel biex jurihom lill-istudenti l-oħra u jgħidilhom xi stejjer interessanti li ġraw hemmhekk. Fahim ħaseb ukoll biex jilgħab il-logħba favorita tiegħu li kien jilgħab mal-ħbieb l-antiki tiegħu.**

**Il-ġurnata ta' wara kienet l-isbaħ ġurnata għal Fahim. L-annimali l-oħra ħadu ħafna gost bir-ritratti u bl-istejjer li qalilhom Fahim. Meta Fahim qalilhom dwar il-logħba l-ġdida, kollha riedu jilagħbu miegħu! Meta spiċċat il-ġurnata, Fahim kellu ħafna ħbieb ġodda! Minn dik il-ġurnata 'l quddiem, ħadd ma ħaseb f'Fahim bħala skwiril stramb, imma bħala skwiril li kien jaf ħafna stejjer sbieħ u logħob ġdid.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex taħseb li l-annimali ma ridux jilagħbu ma' Fahim?
- Kif taħseb li ħassu Fahim dwar dan?
- X'qalulu l-ġenituri tiegħu u kif għenitu d-diskussjoni li kellhom flimkien?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni ta' Fahim?
- X'ġara fl-aħħar?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt kont f'xi post ġdid fejn ħadd ma ried jilgħab miegħek?
- Kif ħassejtek?
- Ippruvajt tagħmel xi ħaġa biex tbiddel is-sitwazzjoni li kont fiha? Jekk iva x'għamilt? Jekk le, x'tista' tagħmel darb'oħra?
- Qatt ippruvajt tara kif tagħmel biex tilgħab mat-tfal l-oħra? X'għamilt/X'tista' tagħmel?

5. Ippjana biex tagħmel 'role play' mal-istudenti.

<u>L-ewwel xenarju</u>: Agħti biċċa drapp bajda lil ħames studenti (biex jilbsuha bħala pil) u lil student wieħed biċċa drapp bajda. Staqsi lill-istudenti biex jirreċtaw is-sitwazzjoni ta' meta Fahim kien qed jiddiskuti mal-ġenituri tiegħu u ma' ħuh dwar kif x'ser jagħmel.

It-tieni xenarju: Agħti biċċa drapp kannella lil kull student (biex jirrappreżentaw lill-istudenti l-oħra tal-klassi) u lil student wieħed biċċa drapp bajda (biex tieħu r-rwol ta' Fahim). Staqsi lill-istudenti biex jirreċtaw is-sitwazzjoni ta' meta Fahim beda juri r-ritratti

lill-istudenti l-oħra, jilgħab magħhom u jirrakkonta l-istejjer. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jaqsmu il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti, bl-għajnuna tal-ġenituri tagħhom, ifittxu stejjer mill-kotba tat-tfal , *cartoons* jew films tat-tfal fejn l-annimali jew karattri oħra huma differenti minn oħrajn u li fl-aħħar jiġu aċċettati minn ħaddieħor. Huma jistgħu jpinġu xena mill-istorja fuq il-folja t'attività.

## NKUN AĊĊETTAT/AĊĊETTATA

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal ifittxu stejjer fil-kotba tat-tfal, cartoons jew films ta' annimali li huma differenti minn oħrajn, imma li fl-aħħar ġew aċċettati minnhom. Wara, filwaqt li tkun qed tiddiskuti l-istorja mat-tfal, staqsihom biex ipinġu xena li jippreferi mill-istorja.*

**Pinġi xena mill-istorja fejn annimal/karattru ġie aċċettat minn annimali oħra.**




# SOTTOTEMA 2
# Kif nirrispondu meta niġu mwarrba

**Meta t-tfal jiġu mwarrba, mħolliha barra jew imċaħħda mill-affezzjoni minn persuni importanti f'ħajjithom bħall-ġenituri u l-għalliema, isofru ħafna psikoloġikament u jkunu f'qagħda vulnerabbli fl- iżvilupp tagħhom. It-tfal igħaddu wkoll minn esperenza negattiva meta jiġu mwarrba mill-ħbieb minħabba diżabilità, sfond kulturali jew raġunijiet oħrajn. Għaldaqstant huwa importanti ħafna li tfal f'dawn is-sitwazzjonjiet ikunu jaf x'għandhom jagħmlu quddiem dawn l-isfida, kif ukoll li jibnu u jsaħħu r-rabtiet soċjali u r-relazzjonijiet mal-għalliema, ħbieb u membri tal-familja. Dan huwa pedament importanti għall-iżvilupp b'saħħtu u l-maturità psikoloġika tagħhom. Fl-ewwel topik, it-tfal f'din is-sottotema, l-istudenti jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet li għaddew minnhom meta ġew imwarrba mill-ħbieb, iħarsu lejn din l-esperjenza minn lenti differenti, joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u finalment jidentifikaw pjanijiet ta' azzjoni biex jirrispondu għal sitwazzjoniiet bħal dawn. Fit-tieni u t-tielet topiks, it-tfal se jsegwu l-istess passi biex jirrispondu għal meta jiġu mwarrba mill-għalliema u mill-membri tal-familja rispettivament.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MINN SĦABNA**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET TAGĦHOM META JĦOSSUHOM IMWARRBA MINN SĦABHOM.<br>• JAĦSBU B'MOD POŻITTIV META JĦOSSUHOM IMWARRBA MINN SĦABHOM.<br>• JAĦSBU F'NUMRU TA' AZZJONIJIET LI JISTGĦU JIEĦDU META JIĠU MWARRBA MINN SĦABHOM. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET TAGĦHOM META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-GĦALLIEMA. |

| | |
|---|---|
| | • JAĦSBU B'MOD POŻITTIV META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-GĦALLIEMA.<br>• JAĦSBU F'NUMRU TA' AZZJONIJIET LI JISTGĦU JIEĦDU META JIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA. |
| **TOPIK 3**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MILL-MEMBRI TAL-FAMILJA**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-EMOZZJONIJIET U L-ĦSIBIJIET TAGĦHOM META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-ĠENITURI.<br>• JAĦSBU B'MOD POŻITTIV META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-ĠENITURI.<br>• JAĦSBU F'NUMRU TA' AZZJONIJIET LI JISTGĦU JIEĦDU META JIĠU MWARRBA MILL-ĠENITURI. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Meta l-istudenti jiġu mwarrba minn minn adulti importanti fil-ħajja tagħhom, mill-ħbieb, jew minn sħabhom tal-klassi, fakkarhom li din l-esperjenza mhux ser tibqa' għal dejjem, u li huma jistgħu jaħsbu b'mod pożittiv u jfasslu pjan ta' azzjoni biex jiżviluppaw relazzjonijiet tajbin ma' studenti oħrajn.

2. Meta jkun hemm xi studenti li qed jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, għin lill-klassi kollha tara s-sitwazzjoni mill-pożizzjoni tal-istudent imwarrab. Għinhom jifhmu kif jista' jħossu hu u kif jistgħu jgħinuh biex iħossu aħjar. Tista' tfassal pjan ta' azzjoni magħhom jew tuża *role play*.

3. Enfasizza li meta l-istudenti jwarrbu lill-oħrajn, ma jfissirx li huma tfal ħżiena imma li l-imġiba tagħhom hija ħażina. Ipprova identifika imġiba pożittiva biex trawwem *self-esteem* tajjeb fit-tfal biex ikunu kapaċi jilqgħu għal sfidi bħal dawn.

4. Fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, għin lill-istudenti biex iħarsu lejn esperjenzi fejn jiġu mwarrba mill-kbar jew tfal oħra minn lenti differenti, joħolqu distanza bejniethom u l-problema, jaħsbu b'mod pożittiv, u jistaqsu għall-għajnuna biex jiffaċċjaw il-problema.

# TOPIK 1 Kif nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

Jaħsbu b'mod pożittiv meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

Jaħsbu f'numru ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jiġu mwarrba minn sħabhom.

## Attività 1: Ċika qed tfittex ħabib

### *L-għan tat-tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta niġi mwarrab minn sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazz, 'play dough' (jew tafal artab) u 'straws', folja t'attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja t'hawn taħt lill-istudenti u uża l-pupazz:

**Ċika tfittex ħabib/ħabiba**

Meta Ċika bdiet tmur l-iskola, ppruvat tagħmel ħbieb mal-qniefed l-oħra. Iżda ħadd ma ried jagħmel ħbieb magħha. Meta Ċika kienet għadha żgħira xi ftit mix-xewk tagħha inqasam. Ix-xewk ta' fuq rasha huwa iqsar mix-xewk l-ieħor. Ċika kienet ukoll l-iżgħar qanfuda fil-klassi u xi kultant kien ikollha bżonn iktar ħin biex tlesti xogħolha. L-istudenti l-oħra fil-klassi kienu joqogħdu jagħjruha, jimbuttawha u jidħqu biha.

Ċika ħassitha mdejqa ħafna. Kultant kienet tgħid lil ommha, "Jiena ma rridx immur l-iskola! Qed nitolbok! Qiegħda tuġagħni żaqqi u rrid nibqa' fis-sodda." Omm Ċika kienet tgħidilha "Ċika naf li hija diffiċli għalik biex tkun ma' tfal oħra li ma jistgħux jifhmu kemm inti speċjali! Taqtax qalbek, jiena ċerta li se jkollok xi ħbieb dalwaqt li jifmhu kemm taf tagħmel affarijiet!"

L-għada, Ċika ddeċidiet li tibqa' tipprova tagħmel ħabib ġdid ma xi ħadd li kien joqgħod ħdejha. Fil-bidu, hija bdiet tipprova tagħmel ħbieb ma' fenek, imma l-fenek qalilha "Inti qed iddum wisq f'kull ma tagħmel! Ma nistax noqgħod nistenniek il-ħin kollu!" Wara, Ċika ipprovat ssir ħabiba ta' volpi żgħir, imma huwa qalilha "Il-ġilda tiegħi ratba u x-xewk tiegħek qed iweġġgħuni." Wara ftit, Ċika ltaqgħet ma' pagun sabiħ li kien ġie joqgħod ħdejha. Iżda l-pagun qalilha "Lanqas biss nista' nara x-xewk tiegħek li beda jinqasam. Jiddispjaċini għalik li ġralek hekk, iżda jien nixtieq li jkolli ħbieb li huma sbieħ bħali."

Ċika ħassitha rrabjata u mdejqa. Ħasset li ma kienx sewwa li xi wħud mill-annimali kellhom ħafna ħbieb u hi le! Bdiet tibki u tgħid bejnha u bejn ruħha "Kemm jien imdejqa li ħadd ma jrid ikun ħabib tiegħi. Kemm hu diffiċli biex ħaddieħor jaċċettani kif jien! Jiena nixtieq li nsib ħabib li ma jagħtix kas tax-xewk maqsum tiegħi jew li jiena nimxi bil-mod ħafna!

Wara ftit ħasbet fil-kliem li kienet qaltilha ommha, "Taqtax qalbek Ċika! Jiena ċerta li se jkollok xi ħbieb dalwaqt li jifmhu kemm taf tagħmel affarijiet!" Wara ftit, Ċika ħassitha daqsxejn aħjar u marret iżżur postijiet oħra fil-foresta, 'il bogħod minn fejn kienet toqgħod. F'daqqa waħda semgħet leħen jgħid, "Jiena nista' nkun ħabib tiegħek! Ix-xewk tiegħek ma jdejjaqni xejn! Jiena nimxi bil-mod ħafna bħalek u naħseb li huwa tajjeb li tagħmel l-affarijiet bil-mod!" Iżda Ċika ma rat lil ħadd u ma setgħetx tifhem minn fejn kien ġej dak il-leħen. L-unika ħaġa li rat kien ballun żgħir. Imbagħad Ċika staqsiet imbeżża', "Min qed jitkellem? Fejn qiegħed? Għaliex qiegħed tistaħba?"

F'salt wieħed, dak il-ballun kannella beda jinfetaħ u minnu ħarġet ras b'erba' saqajn! Kien armadillo! L-armadillo qal "Jiena jisimni Paco u kull meta rrid, insir ballun żgħir.

**Inkun kuntent kieku nsir il-ħabib tiegħek. Jiena naħseb li inti qanfud gustuż u speċjali! Ħadt pjaċir li ġejt fit-tarf l-ieħor tal-foresta biex issib ħabib." Ċika kienet kuntenta u bdiet tgħajjat bil-ferħ, "Fl-aħħar irnexxieli! Għamilt l-ewwel ħabib tiegħi, li aċċettani kif jien!" Minn dak il-ħin stess, Ċika u l-armadillo saru ħbieb kbar, jilagħbu l-ġurnata kollha u jduru fil-foresta. L-annimali oħra bdew jilagħbu magħhom ukoll u ma baqgħux jagħtu kas kif jidhru. Bdew jaħsbu biss kemm setgħu jieħdu gost flimkien!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok f'din l-istorja?
- Għaliex l-annimali l-oħra ma ridux lil Ċika tkun ħabiba tagħhom?
- Kif ħassitha Ċika meta ġiet imwarrba mill-annimali l-oħra?
- X'qaltilha ommha?
- X'għen lil Ċika biex fl-aħħar irnexxielha ssib ħabib?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika ħasset li l-annimali l-oħra ma ridux ikunu ħbieb tagħha. Tista' taħseb f'xi drabi fejn xi ħadd ma riedx lil xi ħadd ieħor ikun ħabib/a?
- Kif ħassu/ħassitha?
- Għamel/għamlet xi ħaġa biex iħossu/tħossha aħjar jew biex jibdel/tibdel dik is-sitwazzjoni?

5. Wara, iddiskuti (jekk ma ssemmietx qabel) l-emozzjonijiet ta' rabja, frustrazzjoni, dwejjaq jew sens ta' inġustizzja li jħoss xi ħadd meta jiġi mwarrab. Spjega li hija normali li wieħed jgħaddi minn dawn l-emozzjonjiet f'sitwazzjoni bħal din.

6. Fl-aħħar, l-istudenti biex jagħmlu kopja ta' Ċika u Pa�o bl-użu tal-'play dough' (jew tafal artab) u ġewża. Agħti lill-istudenti *straws* ta' qies differenti biex jagħmlu x-xewk ta' Ċika u għinhom biex jagħmlu l-forma tagħha u rasha bit-tafal u x-xewk bl-istraws. L-istudenti jieħdu lil Ċika (l-*mascot*) d-dar u biex jirrakkontaw l-istorja lill-ġenituri tagħhom.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jgħidu lill-ġenituri tagħhom l-istorja ta' Ċika u Pa�o, u jpinġu lil Ċika qabel ma sabet ħabib u wara li sabet ħabib.

## QABEL U WARA LI SABET ĦABIB

*Lill-ġenituri: Għid lit-tfal biex jgħidulek l-istorja ta' Ċika meta ħassitha mwarrba u meta marret tfittex ħabib/ħabiba. Wara, staqsihom biex ipinġu lil Ċika qabel u wara li sabet ħabib u ddiskuti dwar x'inbidel f'Ċika.*

Pinġi lil Ċika qabel ma sabet ħabib

Pinġi lil Ċika wara li sabet ħabib





# Attività 2: Ċika taħseb b'mod pożittiv

## *L-għan tat-tagħlim*

Jaħsbu b'mod pożittiv meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

## *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nuża ħsibijiet pożittivi meta sħabi ma jkunux iriduni/jwarrbuni.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazz, folja t'attività.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

**2.** Aqra l-istorja t'hawn taħt lill-istudenti u uża l-pupazz:

**Ċika taħseb b'mod pożittiv**

**Meta Ċika bdiet tmur l-iskola, ppruvat tagħmel ħbieb mal-qniefed l-oħra. Iżda ħadd ma ried jagħmel ħbieb magħha. Meta Ċika kienet għadha żgħira xi ftit mix-xewk tagħha inqasam. Ix-xewk ta' fuq rasha huwa iqsar mix-xewk l-ieħor. Ċika kienet ukoll l-iżgħar qanfuda fil-klassi u xi kultant kien ikollha bżonn iktar ħin biex tlesti xogħolha. L-istudenti l-oħra fil-klassi kienu joqogħdu jagħjruha, jimbuttawha u jidħqu biha.**

**Ċika ħassitha mdejqa ħafna. Kultant kienet tgħid lil ommha, "Jiena ma rridx immur l-iskola! Qed nitolbok! Qiegħda tuġagħni żaqqi u rrid nibqa' fis-sodda." Omm Ċika kienet tgħidilha "Ċika naf li hija diffiċli għalik biex tkun ma' tfal oħra li ma jistgħux jifhmu**

**kemm inti speċjali! Taqtax qalbek, jiena ċerta li se jkollok xi ħbieb dalwaqt li jifmhu kemm taf tagħmel affarijiet!"**

**L-għada, Ċika ddeċidiet li tibqa' tipprova tagħmel ħabib ġdid ma xi ħadd li kien joqgħod ħdejha. Fil-bidu, hija bdiet tipprova tagħmel ħbieb ma' fenek, imma l-fenek qalilha "Inti qed iddum wisq f'kull ma tagħmel! Ma nistax noqgħod nistenniek il-ħin kollu!" Wara, Ċika ipprovat ssir ħabiba ta' volpi żgħir, imma huwa qalilha "Il-ġilda tiegħi ratba u x-xewk tiegħek qed iweġġgħuni." Wara ftit, Ċika ltaqgħet ma' pagun sabiħ li kien ġie joqgħod ħdejha. Iżda l-pagun qalilha "Lanqas biss nista' nara x-xewk tiegħek li beda jinqasam. Jiddispjaċini għalik li ġralek hekk, iżda jien nixtieq li jkolli ħbieb li huma sbieħ bħali."**

**Ċika ħassitha rrabjata u mdejqa. Ħasset li ma kienx sewwa li xi wħud mill-annimali kellhom ħafna ħbieb u hi le! Bdiet tibki u tgħid bejnha u bejn ruħha "Kemm jien imdejqa li ħadd ma jrid ikun ħabib tiegħi. Kemm hu diffiċli biex ħaddieħor jaċċettani kif jien! Jiena nixtieq li nsib ħabib li ma jagħtix kas tax-xewk maqsum tiegħi jew li jiena nimxi bil-mod ħafna!**

**Meta Ċika marret lura d-dar, hija qalet lill-ġenituri tagħha dwar kif kienet qed tħossha. Imbagħad ommha qaltilha, "Ċika, hija diffiċli għalik biex tkun ma' annimali oħra li ma jistgħux jifhmu kemm inti speċjali! Taqtax qalbek, jiena ċerta li l-affarijiet se jkunu aħjar! Dalqat issib xi ħabib li jifhem kemm taf tagħmel affarijiet!" Imbgħad omm Ċika qalitilha biex tagħmel kanzunetta qasira li tgħinha tħossha aħjar. Ippruvaw isibu kliem u melodija li jaqblu u fl-aħħar ħarġu b'din il-kanzunetta:**
**Hemm ħafna affarijiet**
**li ma nistax nibdel**
**Imma hemm affarijiet oħra**
**li jiena nista' nibdel**
**Mhux possibbli li nibdel lil ħaddieħor**
**Imma li nibdel il-ħsieb tiegħi**
**Huwa possibbli.**
**Meta naħseb fin-negattiv, inweġġa' ħafna.**
**Meta naħseb fil-pożittiv, jgħinni ħafna.**

**Wara l-kant, Ċika ħassitha ftit aħjar. Imbagħad qalet bejnha u bejn ruħha "Hija ħasra li l-fenek, il-volpi u l-pagun ma jridunix inkun il-ħabib tagħhom, imma jiena ċert li nista' nsib lil ħaddieħor! Mhux se naqta' qalbi! Bilfors li hemm xi annimal li ma jagħtix kas li jiena nimxi bil-mod jew dwar kif inhu x-xewk tiegħi. Ħa ndur il-bosk kollu biex infittex ħabib."**

**Wara ħafna mixi, poġġiet taħt siġra biex tistrieħ . F'daqqa waħda semgħet leħen jgħid, "Jiena nista' nkun ħabib tiegħek! Ix-xewk tiegħek ma jdejjaqni xejn! Jiena nimxi bil-mod ħafna bħalek u naħseb li huwa tajjeb li tagħmel l-affarijiet bil-mod!" Iżda Ċika ma rat lil ħadd u ma setgħetx tifhem minn fejn kien ġej dak il-leħen. L-unika ħaġa li rat kien ballun żgħir. Imbagħad Ċika staqsiet imbeżża', "Min qed jitkellem? Fejn qiegħed? Għaliex qiegħed tistaħba?"**

**F'salt wieħed, dak il-ballun kannella beda jinfetaħ u minnu ħarġet ras b'erba' saqajn! Kien armadillo! L-armadillo qal "Jiena jisimni Paco u kull meta rrid, insir ballun żgħir. Inkun kuntent kieku nsir il-ħabib tiegħek. Jiena naħseb li inti qanfud gustuż u speċjali! Ħadt pjaċir li ġejt fit-tarf l-ieħor tal-foresta biex issib ħabib." Ċika kienet kuntenta u bdiet tgħajjat bil-ferħ, "Fl-aħħar irnexxieli! Għamilt l-ewwel ħabib tiegħi, li aċċettani kif jien!" Minn dak il-ħin stess, Ċika u l-armadillo saru ħbieb kbar, jilagħbu l-ġurnata kollha u jduru fil-foresta. L-annimali oħra bdew jilagħbu magħhom ukoll u ma baqgħux jagħtu kas kif jidhru. Bdew jaħsbu biss kemm setgħu jieħdu gost flimkien!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok f'din l-istorja?
- Għaliex l-annimali l-oħra ma ridux lil Ċika tkun ħabiba tagħhom?
- Kif ħassitha Ċika meta ġiet imwarrba mill-annimali l-oħra?
- X'qaltilha ommha?
- Kif inbidel il-ħsieb ta' Ċika wara li hija kelmet lil ommha?
- Tista' tiftakar xi kliem mill-kanzunetta ta' Ċika?
- X'għen lil Ċika biex fl-aħħar irnexxielha ssib ħabib?
- X'ammira f' Ċika l-armadillo?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika ħasset li l-annimali l-oħra ma ridux ikunu ħbieb tagħha. Tista' taħseb f'xi drabi fejn xi ħadd ma riedx lil xi ħadd ieħor ikun ħabib tiegħu?
- Kif ħassu/ħassitha?
- Għamel/għamlet xi ħaġa biex jibdel/tibdel is-sitwazzjoni?
- Kif taħseb li l-użu ta' ħsibijiet pożittivi jista' jgħinna nħossuna aħjar?
- Taħseb li nistgħu nbiddlu l-mod ta' kif naħsbu?

Agħżel attivita minn dawn li ġejjin. Segwi l-attivitajiet l-oħra drabi oħra.

5. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jiftakru il-kanzunetta ta' Ċika. Irrepeti l-kanzunetta u għin lill-istudenti biex jitgħalmuha. Għid lill-istudenti li Ċika tkun kuntenta jekk nagħżlu melodija ferriħija għall-kanzunetta tagħha. Għin lill-istudenti biex isibu rima għall-kanzunetta ta' Ċika (tista' tuża l-pupazz u xi strumenti mużikali biex tagħmel l-attività iktar

interessanti). Flimkien mal-istudenti, irrepeti l-kanzunetta ta' Ċika b'ritmu, sakemm jitgħalmuha:

6. Agħti l-opportunità lill-istudenti biex jidentifikaw xi ħsibijiet pożittivi li kellha Ċika u li għenuha biex issib ħabib. Fakkar lill-istudenti f'dawn il-ħsibijiet:

"Jiena ċert li nista' nsib ħabib xi mkien ieħor!"

"Jiena ma rridx naqta' qalbi!"

"Bilfors li hemm xi annimal li jaċċettani kif jien u li ma jagħtix kas li jien nimxi bil-mod ħafna jew li x-xewk tiegħi mhux kollu ndaqs."

"Hemm xi persuni li jaċċettawni u jħobbuni kif jien, bħall-familja tiegħi, u jiena ċert li nista' nsib ħbieb li jħobbuni."

"Jiena se ndur il-foresta kollha u żgur li se nsib ħabib."

7. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jgħidul kliem ta' kuraġġ lil lil Ċika. Uża l-pupazz u għin lill-istudenti jiftakru il-ħsibijiet pożittivi ta' Ċika (ara pass numru 6). Imbagħad, ll-istudenti jindirizzaw dawn il-ħsibijiet pożittivi fit-tieni persuna:

"Aħna ċerti li inti tista' ssib ħabib xi mkien ieħor!"

"Taqtax qalbek!"

"Bilfors li hemm xi annimal li jaċċettak kif int u li mhux se jagħti kas li inti timxi bil-mod ħafna jew li x-xewk mhux kollu ndaqs."

"Hemm persuni li jaċċettawk u jħobbuk kif int, bħall-familja tiegħek, u aħna ċerti li tista' ssib ħbieb li jħobbuk."

"Mur il-foresta u żgur li se ssib ħabib."



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jkantaw il-kanzunetta ta' Ċika lill-ġenituri u lil membri oħra tal-familja, u jpoġġu l-istampa ta' Ċika bil-kanzunetta miktuba fuqha fil-kamra tagħhom jew xi mkien ieħor fid-dar.

# IL-KANZUNETTA TA' ĊIKA

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal ikantaw il-kanzunetta ta' Ċika li tgħallmu l-iskola. Fittex xi mużika li togħġob lit-tfal biex tikkumplimenta l-kanzunetta u għinhom jitgħallmu l-partijiet kollha tad-diska. It-tfal jistgħu jpoġġu l-istampa ta' Ċika bil-kanzunetta miktuba fuqha fil-kamra tagħhom jew xi mkien ieħor fid-dar.*

---

Hemm ħafna affarijiet

li ma nistax nibdel

Imma hemm affarijiet oħra

li jiena nista' nibdel

Mhuwiex possibbli li nibdel lil ħaddieħor

Imma li nibdel il-ħsieb tiegħi

Huwa possibbli.

Meta naħseb fin-negattiv, inweġġa' ħafna

Meta naħseb fil-pożittiv, jgħinni ħafna.







# Attività 3: Ċika tfassal pjan ta' azzjoni

## L-għan tat-tagħlim

Jaħsbu f'numru ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jiġu mwarrba minn sħabhom.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insib soluzzjoni meta sħabi ma jkunux iriduni jew iwarrbuni.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, folja t'attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja t'hawn taħt u uża l-pupazz:

**Ċika għandha sigriet żgħir**

**L-istudenti l-oħra fil-klassi kienu joqogħdu jagħjruha, jimbuttawha u jidħqu b' Ċika. Ċika ħassitha mdejqa ħafna, imma imbgħad ipprovat tagħmel ħabib ġdid ma xi ħadd li kien joqgħod ħdejha. Fil-bidu, hija bdiet tipprova tagħmel ħbieb ma' fenek, imma l-fenek qalilha "Inti qed iddum wisq f'kull ma tagħmel! Ma nistax noqgħod nistenniek il-ħin kollu!" Wara, Ċika ipprovat ssir ħabiba ta' volpi żgħir, imma huwa qalilha "Il-ġilda tiegħi ratba u x-xewk tiegħek qed iweġġgħuni." Wara ftit, Ċika ltaqgħet ma' pagun sabiħ li kien ġie joqgħod ħdejha. Iżda l-pagun qalilha "Lanqas biss nista' nara x-xewk tiegħek li beda jinqasam. Jiddispjaċini għalik li ġralek hekk, iżda jien nixtieq li jkolli ħbieb li huma sbieħ bħali."**

Ċika ppruvat tagħmel ħbieb ma' annimali u wara li kollha ma ridux ikunu ħbieb tagħha, bdiet bħal taqta' qalbha. Imma Ċika kellha sigriet. Meta kienet tkun imdejqa, kienet tibda tkanta kanzunetta qasira, li għamlet hi stess, biex ittiha l-kuraġġ ħalli tkompli tipprova u ma taqtax qalbha:

Meta jiġrili xi ħaġa bħal din

Irrid insib soluzzjoni tajba għalija!

Jekk ma nsibx soluzzjoni mill-ewwel

Ninsisti kemm niflaħ sakemm insib waħda.

Sakemm Ċika kienet qiegħda tistrieħ, hija ħasbet, "Jekk jirnexxili nsib annimal li m'għandux ġilda sensittiva, forsi jkun irid ikun ħabib tiegħi u nsiru ħbieb. Illejla nistaqsi lill-ġenituri tiegħi fejn nista' nsib annimal b'ġilda iebsa."

Meta l-ġenituri tagħha ġew lura d-dar, Ċika qaltilhom, "Ma, pa, irridkom tgħinuni f'xi ħaġa importanti ħafna." Meta l-ġenituri tagħha semgħu l-pjan ta' azzjoni tagħha, qalulha, "Prosit Ċika! Din hija idea tajba ħafna!"

Imbagħad, missier Ċika qalilha, "Xi darba, fin-naħa l-oħra tal-foresta, iltqajt ma' annimal li jgħidulu armadillo u li l-ġilda tiegħu hija magħmula mill-ħadid. Jiena naħseb li tkun idea tajba ħafna li kieku tmur hemm u tiltaqa' miegħu. Nista' nurik minn fejn trid tgħaddi jekk trid." Ċika kienet ser ittir bil-ferħ!

L-għada Ċika u missierha qasmu lejn in-naħa l-oħra tal-foresta. Hemmhekk, raw ħafna armadilli. Ċika ħassitha ftit skomda fil-bidu, imma missierha għamlilha kuraġġ "Tinsiex kemm aħna kburin bik. Jien u ommok ċerti li ser ikollok il-ħbieb."

Il-kliem li qalilha missierha mlieha bil-kuraġġ u hija bdiet taħseb f'dawk l-affarijiet kollha li setgħet tagħmel li kieku kellha ħabib ġdid. Marret bil-mod ħdejn armadillo li kien waħdu taħt siġra u qaltlu, "Bonġu, jien noqgħod fin-naħa l-oħra u ġejt hawn biex infittex ħabib li jixtieq jilgħab miegħi. Tixtieq li nsiru nafu lil xulxin aħjar u nsiru ħbieb?"

L-armadillo ħa gost bil-kliem ta' Ċika u qalilha, "Jiena jismini Paco u nkun kuntent ħafna jekk insiru ħbieb. Jien naħseb li inti qanfud speċjali! Ġejt mit-tarf l-ieħor biex issib ħabib! Jiena naħseb li inti qanfud kuraġġuż ħafna!" Ċika kienet kuntenta ħafna u għajtet bil-ferħ, "Fl-aħħar irnexxieli. Jien għamilt l-ewwel ħabib tiegħi!" Minn dak il-ħin stess, Ċika u l-armadillo saru ħbieb kbar jilagħbu l-ġurnata kollha u jduru fil-foresta. L-annimali l-oħra bdew jilagħbu magħhom ukoll u ma baqgħux jagħtu kas kif jidhru, imma bdew jaħsbu f'kemm setgħu jieħdu gost flimkien!

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X’ġara lil Ċika?
- Għaliex l-annimali l-oħra ma ridux jilagħbu magħha?
- Kif ħassitha Ċika dwar dan?
- X’għamlet Ċika meta rat li l-annimali l-oħra ma ridux jilagħbu magħha?
- X’kien il-pjan ta’ azzjoni ta’ Ċika?
- Kif għenuha l-ġenituri tagħha?
- X’ammira f’Ċika Pa�o?
- X’għen lil Ċika ssib ħabib?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ċika ħasset li l-annimali l-oħra ma ridux ikunu ħbieb tagħha. Tista’ taħseb f’xi drabi fejn xi ħadd ma riedx lil xi ħadd ieħor ikun ħabib tiegħu?
- Kif ħassu/ħassitha?
- Għamel/għamlet xi ħaġa biex jibdel/tibdel is-sitwazzjoni?

5. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jiftakru il-kanzunetta ta’ Ċika. Irrepeti l-kanzunetta u għin lill-istudenti biex jitgħalmuha. Għid lill-istudenti li Ċika tkun kuntenta jekk nagħżlu melodija ferriħija għall-kanzunetta tagħha. Għin lill-istudenti biex isibu rima għall-kanzunetta ta’ Ċika (tista’ tuża l-pupazz u xi strumenti mużikali biex tagħmel l-attività iktar interessanti). Flimkien mal-istudenti, irrepeti l-kanzunetta ta’ Ċika b’ritmu, sakemm jitgħalmuha:

Naħseb fin-negattiv, inweġġa’ ħafna.
Naħseb fil-pożittiv, jgħini ħafna.
Meta jiġrili xi ħaġa bħal din
Irrid insib soluzzjoni tajba għalija!
Jekk ma nsibx soluzzjoni mill-ewwel
Ninsisti kemm nifħah sakemm insib waħda.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jkantaw il-kanzunetta ta’ Ċika lill-ġenituri u lil membri oħra tal-familja, u jpoġġu l-istampa ta’ Ċika bil-kanzunetta miktuba fuqha fil-kamra tagħhom jew xi mkien ieħor fid-dar.

## IT-TIENI KANZUNETTA TA' ĊIKA

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal ikantaw il-kanzunetta ta' Ċika li tgħallmu l-iskola. Fittex xi mużika li togħġob lit-tfal biex tikkumplimenta l-kanzunetta u għinhom biex jitgħallmu l-partijiet kollha tal-kanzunetta. It-tfal jistgħu jpoġġu l-istampa ta' Ċika bil-kanzunetta miktuba fuqha fil-kamra tagħhom jew xi mkien ieħor fid-dar.*

---

***Meta jiġrili xi ħaġa bħal din***

***Irrid insib soluzzjoni tajba għalija!***

***Jekk ma nsibx soluzzjoni mill-ewwel***

***Ninsisti kemm niflaħ sakemm insib waħda!***







# TOPIK 2 Kif nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema.

Jaħsbu b'mod pożittiv meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema.

Jaħsbu f'numru ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jiġu mwarrba mill-għalliema.

## Attività 1: Ċika tesprimi kif qed tħossha

### *L-għan tat-tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jħossuhom imwarrba mill-għalliema.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta nħossni mwarrab mill-għalliema

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazz, folja t'attività



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn

**2.** Aqra l-istorja t'hawn taħt u uża l-pupazz:

**Ċika taħseb li l-għalliema tagħha ma tħobbhiex**

**Meta Ċika bdiet tmur l-iskola kienet kuntenta ħafna għax din kienet xi ħaġa ġdida. Hija għamlet ħafna ħbieb ġodda, kienet qed titgħallem ħafna affarijiet ġodda u kienet tħobb lill-għalliema l-ġdida tagħha. Matul il-*weekend*, Ċika kienet tgħid lil ommha, "Jiena rrid immur l-iskola kuljum. L-għalliema tiegħi hi l-iktar għalliema ħelwa fid-dinja! Iġri jasal nhar it-Tnejn ħalli *nerġa'* mmur lura l-iskola." L-ewwel *ġimagħtejn* fl-iskola kienu mumenti sbieħ ħafna għal Ċika.**

**Darba minnhom, Ċika qalet, "Ma, ma rridx immur iktar l-iskola. Qed tuġagħni rasi u żaqqi wkoll." Omm Ċika ħaditha għand it-tabib u wara li raha, it-tabib qalilha. "Ċika, m'għandek xejn. Naħseb li qed tiġri xi ħaġa l-iskola u qed tagħmillek żaqqek tuġgħak." Meta Ċika u ommha marru lura d-dar, ommha qaltilha, "Qalbi, irridek tgħidli x'qed jiġri l-iskola li qed jagħmlek imdejqa". Ċika nfaqgħet tibki. "Ma, l-għalliema ma tħobbnix u ma tridnix." Omm Ċika poġġiet idha fuq Ċika u qaltilha, "Trid tkellimni iktar dwar dan biex inkun nista' nifhem aħjar x'inhu jiġri?" Ċika kompliet, "F'dawn l-aħħar jiem, l-għalliema ma qaltlix biex noqgħod ħdejha u nkun l-assistenta tagħha. U kull darba li noffrilha waħda mill-gallettini li nkunu għamilna d-dar, ma tkunx trid għax tgħid li ma tistax tiekol gallettini." Ċika reġgħet bdiet tibki. Omm Ċika qaltilha, "Naf kemm hi diffiċli għalik meta taħseb li l-għalliema tiegħek ma tħobbokx. Imma jien ċerta li nistgħu nagħmlu xi ħaġa biex tħossok aħjar. Ejja naħsbu ftit" Wara din id-diskussjoni, Ċika ħasset li kienet idea tajba li taqsam dak li kien qed jinkwetaha ma' ommha, għax bdiet tħossha ħafna aħjar. Wara din id-diskussjoni, Ċika ħasset li setgħet tagħmel xi ħaġa biex tħossha aħjar u tibdel is-sitwazzjoni.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassitha Ċika l-iskola fl-ewwel *ġimagħtejn*?
- Kif ħassitha Ċika l-iskola wara *ġimagħtejn*?
- Għaliex Ċika kienet qed tħossha mdejqa tmur l-iskola?
- Kif ħassitha Ċika wara li qasmet l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet m'ommha?
- Kif għenitha omm Ċika?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt għaddejt minn sitwazzjoni bħal Ċika?
- Kif ħassejtek u ħsibt dak il-ħin?
- Kellimt lil xi ħadd dwar is-sitwazzjoni?
- Ipruvajt tagħmel xi ħaġa biex tibdel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassejtek wara?

5. F'dan l-istadju, inti trid li l-istudenti jifhmu li tgħinhom meta jaqsmu l-emozzjonijiet ma' xi ħadd li jħobbu, bħal per eżempju, il-ġenituri, l-għalliema, il-ħbieb etċ. L-istudenti jridu jħossuhom assigurati li dawn il-persuni se jgħinuhom iħossuhom aħjar.

6. Uża pupazz ta' qanfud u staqsi lill-istudenti biex jagħtu xi parir lil Ċika biex hija tħossha aħjar u biex tiffaċċja din is-sitwazzjoni diffiċli. Staqsi lill-istudenti biex jitkellmu direttament ma' Ċika. Fl-aħħar, Ċika tgħid grazzi lill-istudenti tal-pariri tagħhom.

7. Fl-aħħar tal-attività, staqsi lill-istudenti biex ipinġu lil Ċika qiegħda tagħmel dawk l-affarijiet li tħobb l-iskola.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri dwar sitwazzjonijiet sbieħ u oħrajn inqas sbieħ li għaddew minnhom l-iskola mal-għalliema tagħhom.

## SITWAZZJONI FL-ISKOLA




*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal jitkellmu miegħek dwar sitwazzjonijiet sħieb u oħrajn inqas sbieħ li għaddew minnhom l-iskola mal-għalliema tagħhom. It-tfal imbgħad ipinġu sitwazzjoni waħda fuq il-folja t'attività. Ismagħhom b'attenzjoni kbira u ħeġġiġhom jaqsmu emozzjonijiet u ħsibijiet ta' sitwazzjonijiet fejn jiġu mwarrba mill-adulti.*

**Pinġi sitwazzjoni sabiħa jew inqas sabiħa fl-iskola, li tinvolvi għalliem/għalliema**





# Attività 2: Ċika tħares lejn in-naħa s-sabiħa

## L-għan tat-tagħlim

Jaħsbu b'mod pożittiv meta jħossuhom imwarrbin mill-għalliema tagħhom.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività jien inku kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv meta nħossni mwarrba mill-għalliema tiegħi

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja fl-ewwel attività lill-istudenti billi tuża l-pupazz.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- Kif ħassitha Ċika l-iskola fl-ewwel *ġimagħtejn*?
- Kif ħassitha Ċika l-iskola wara *ġimagħtejn*?
- Għaliex Ċika kienet qed tħossha mdejqa tmur l-iskola?
- Kif ħassitha Ċika wara li qasmet l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet m'ommha?
- Kif għenitha omm Ċika?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
- Qatt għaddejn minn xi sitwazzjoni bħal Ċika?
- Kif ħassejtek u ħsibt dak il-ħin?
- Kellimt lil xi ħadd dwar is-sitwazzjoni?
- Ipruvajt tagħmel xi ħaġa biex tibdel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassejtek wara?

5. *Role play*

Dawn huma tliet deskrizzjonijiet t'esperjenzi fejn Ċika ħassitha mwarrba mill-għalliema tagħha:

- L-għalliema sikwit tiġbed l-attenzjoni lil Ċika għax ma tkunx lestiet x-xogħol tagħha. Ċika taħseb li l-għalliema ma tħobbhiex: "L-għalliema dejjem tgħajjat miegħi għax ma tħobbni xejn".

- Ċika tħoss li l-għalliema tagħha ma' tagħtihiex biżejjed attenzjoni: "L-għalliema tiegħi dejjem tgħannaq u tbus lill-tfal l-oħra imma lili le."

- Ċika taħseb li l-għalliema tagħha dejjem twaħħal fiha, anke jekk ma jkollhiex tort: "L-għalliema tiegħi dejjem tweħħel fija dwar dak kollu li jiġri fil-"break".

Spjega x-xenarju lill-istudenti. Student/a jieħu/tieħu *r-rwol* ta' Ċika qed tesprimi l-ħsibijiet negattivi mal-oħrajn. Meta jkun/tkun qed jesprimi/tesprimi l-emozzjonijiet negattivi, l-istudent/l-istudenta jpoġġi/tpoġġi biċċa drapp skura fuq wiċċu/wiċċha. Wara, l-istudenti jgħinu lil Ċika taħseb b'mod pożittiv u jżommu d-distanza minn din is-sitwazzjoni. Dawn huma xi eżempji għal kull każ:

- "L-għalliema ma tikkoreġix lili biss, imma wkoll lill-tfal l-oħra li ma jobdux ir-regoli."
- "L-għalliema tiegħi ikkoreġietni għax ksirt ir-regoli tal-klassi u mhux għax ma tħobnix."
- "L-għalliema tħobb lit-tfal kollha ndaqs."
- "L-għalliema tweħħel fija biss meta nagħmel xi ħaġa ħażina."
- "Jekk nipprova nobdi r-regoli, l-għalliema tkun kuntenta bl-imġiba tiegħi."

Wara, staqsi lill-istudenti biex jgħaddu ħsieb pożittiv lil Ċika u wara li jagħmlu dan, l-istudent/l-istudenta jpoġġi/tpoġġi biċċa drapp ċara fuq rasu/rasha.

6. Fl-aħħar ta' din l-attività, ikkonkludi li l-mod ta' kif inħossuna huwa affettwat mill-mod ta' kif naħsbu. Għaldaqstant, nistgħu nbiddlu l-mod ta' kif naħsbu (minn negattiv għall-pożittiv) u b'hekk inħossuna aħjar.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri dwar sitwazzjonijiet sbieħ u oħrajn inqas sbieħ li għaddew minnhom fl-iskola mal-għalliema tagħhom.




## IT-TIENI SITWAZZJONI FIL-KLASSI

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal jitkellmu miegħek dwar sitwazzjonijiet sbieħ u oħrajn inqas sbieħ li għaddew minnhom l-iskola mal-għalliema tagħhom. It-tfal ipinġu sitwazzjoni waħda fuq il-folja t'attività. Ismagħhom b'attenzjoni u ħeġġiġhom jaqsmu emozzjonijiet u ħsibijiet relatati ma' sitwazzjonijiet fejn jiġu mwarrba.*

---

**Pinġi sitwazzjoni sabiħa jew inqas sabiħa fl-iskola, li tinvolvi għalliem/għalliema**

---





# Attività 3: Ċika tfassal pjan ta' azzjoni

## *L-għan tat-tagħlim*

Jaħsbu x'azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jħossuhom imwarrbin mill-għalliema.

## *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħmel pjan ta' azzjoni ta' x'nista' nagħmel meta nħossni mwarrab mill-għalliema.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja fl-ewwel attività lill-istudenti billi tuża l-pupazz. Wara, agħti dan it-tmiem lil istorja:

**Ċika ħasbet ftit u qalet, "Għada nkellem lill-għalliema dwar kif qed inħossni." "Dik idea tajba," qaltilha ommha. "Naħseb ngħidilha wkoll kemm nieħu ġost inpoġġi ħdejha" kompliet Ċika, "u d-darba li jmiss, nipprova nagħti xi ħaġa iktar tajba lill-għalliema, mhux gallettini, għax naħseb qiegħda bid-dieta u għalhekk ma ħadithomx" "Ċika, proset kemm għandek ideat tajbin! Ujekk dan il-pjan ma jaħdimx mill-ewwel, trid taħseb f'ieħor u *terġa'* tipprova! Tajjeb?" Ċika fehmet li meta tipprova tagħmel xi ħaga biex tirranġa s-sitwazzjoni, huwa ħafna aħjar milli tpoġġi bilqiegħda u toqgħod tibki. Hija ddeċidiet li tuża l-plan ta' azzjoni l-ġurnata ta' wara. Ċika kienet ferħana ħafna bil-pjan li għamlet, imma fl-istess ħin kienet lesta biex taħseb f'ieħor jekk ikun hemm bżonn.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassitha Ċika l-iskola fl-ewwel *ġimagħtejn*?
- Kif ħassitha Ċika l-iskola wara *ġimagħtejn*?
- Għaliex Ċika kienet qed tħossha mdejqa tmur l-iskola?
- X'inhu l-pjan ta' Ċika biex tirranġa s-sitwazzjoni?
- X'qaltilha biex tiftakar ommha meta tkun se tagħmel użu mill-pjan ta' azzjoni?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Qatt għaddejt minn xi sitwazzjoni bħal Ċika?
- Kif ħassejtek u ħsibt dak il-ħin?
- Kellimt lil xi ħadd dwar is-sitwazzjoni?
- Ipruvajt tagħmel xi ħaġa biex tibdel is-sitwazzjoni? Jekk iva, kif ħassejtek wara?

5. *Role Play*

Uża l-pupazz u spjega lill-istudenti li Ċika tixtieq l-għajnuna tagħhom biex twettaq l-pjan li għamlet hi. Wara, staqsi lil żewġ studenti kull darba biex jagħmlu r-*role play*. Student/studenta wieħed/waħda se jkun/tkun l-għalliem/għalliema ta' Ċika filwaqt li l-istudent/studenta l-ieħor/oħra jkun/tkun Ċika. Wara, spjega lil min se jinterpreta *r-rwol* ta' Ċika x'ser ikun/tkun qed jgħid/tgħid lill-għalliema tagħha. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jaħsbu kif se tirrispondi l-għalliema meta tkellimha Ċika.

- L-ewwel student/studenta: "Miss, jien irrid inkellmek. Nieħu ħafna gost kieku tagħtini ftit iktar attenzjoni."
- It-tieni student/studenta: "Miss, nixtieq inkellmek. Irrid ngħidlek li jiena nieħu gost inpoġġi ħdejk u nixtieq li titlobni noqgħod ħdejk iktar drabi."
- It-tielet student/studenta: "Miss, jien għamilt din it-tpinġija għalik u nixtieq nagħtihilek."

6. Staqsi lill-istudenti biex jużaw il-folja t'attività u jpinġu lil Ċika kuntenta mal-għalliema tagħha, wara li wettqet il-pjan ta' azzjoni li għamlet hi stess.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jpinġu ħolma fejn ikunu f'mument sabiħ mal-għalliema u jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom mumenti sbieħ li jista' jkollhom mal-għalliema tagħhom.

## MUMENTI SBIEĦ MAL-GĦALLIEMA

*Lill-ġenituri: Iddiskuti mumenti sbieħ li t-tfal kellhhom mal-għalliema tagħhom din is-sena. Ħeġġiġhom ipinġu wieħed minn dawn il-mumenti.*

**Pinġi lil Ċika** **kuntenta mal-għalliema tagħha, wara li implimentat il-pjan ta' azzjoni li għamlet hi stess.**





# TOPIK 3 Kif nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi |
|---|
| Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri. |
| Jaħsbu b'mod pożittiv meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri. |
| Jaħsbu f'numru ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jiġu mwarrba mill-ġenituri. |

## Attività 1: Wild ġdid fil-familja

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri.

### *Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta nħossni mwarrab jew mhux maħbub mill-ġenituri

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi meħtieġa*

Pupazz, folja t'attività



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja fl-ewwel attività lill-istudenti billi tuża l-pupazz. Wara, agħti dan it-tmiem lill-istorja:

**Membru ġdid fil-familja!**

Żigu għandu kuġin jismu Lino. Lino huwa skwiril żgħir dejjem ferħan. Huwa kien iqatta' ħafna ħin ma' ommu u kienu jagħmlu ħafna affarijiet flimkien. Kull filgħodu kien jgħinha ssajjar u tnaddaf id-dar. Wara, kienu jmorru l-foresta u jieħdu gost flimkien. Waranofsinhar, Tom kien jilgħab ma' missieru.

Darba minnhom, il-ġenituri ta' Lino ħabbru li dalwaqt kien se jkollhom membru ġdid fil-familja tagħhom. Meta Lino sar jaf bl-aħbar, huwa ħassu kuntent għax kien se jkollu ma' min jilgħab. Imma minn meta ħu Lino ġie d-dar, ħajjet Lino inbidlet ħafna. Il-ġenituri tiegħu qalulu li huwa kien kbir biżżejjed u li wasal iż-żmien biex jibda jmur l-iskola. Lino beda jmur l-iskola kuljum u ommu kienet toqgħod id-dar tieħu ħsieb lil ħuh iż-żgħir, Chicito.

Lino ma kienx qed jieħu gost b'dan. Kull filgħodu kien iqum jibku u jgħid lil ommu, "Jien ma rridx immur l-iskola. Chicito qiegħed joqgħod id-dar u jilgħab miegħek il-ġurnata kollha. Dan mhuwiex sewwa." Imma omm Lino insistiet li Lino irid jibqa' jmur l-iskola.

Meta Lino kien jiġi lura mill-iskola ommu kienet tippreparalu xi ħaġa żgħira tal-ikel u tistaqsih kienet il-ġurnata tiegħu tal-iskola. Kultant, Chicito kien jaqbad jibki waqt li jkunu qed jitkellmu u għalhekk, ommu kien ikollha bżonn titimgħu u traqqdu. Lino kien jidejjaq ħafna għax kien iħoss li Chicito kien qed jieħu mill-ħin tiegħu ma' ommu. Meta missier Lino kien jiġi lura mix-xogħol, kien jilgħab miegħu iżda mhux daqs qabel għax issa ried jieħu ħsieb lil Chicito ukoll. Lino beda jħossu iktar imdejjaq u beda jgħid bejnu u bejn ruħu, "Qabel ma twieled Chicito, missieri kien jilgħab iktar miegħi."

Xi kultant, Lino kien jipprova jilgħab ma' ħuh iż-żgħir, imma ħafna drabi hu kien jilgħab b'mod goff u l-ġenituri kienu jgħajtu miegħu. Lino kien imur irrabjat lejn il-kamra tiegħu u jitfa' l-affarijiet tiegħu mal-art. Wara ftit, Lino kien jikkalma, imma kien jibqa' jħossu mdejjaq. Huwa ħaseb li l-ġenituri tiegħu ma kinux baqgħu iħobbuh u li kienu jħobbu biss lil Chicito.



3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kienet il-ħajja ta' Lino qabel ma wasal □hi□ito?
- Kif inbidlet ħajjet Lino wara li wasal □hi□ito?
- Kif ħassu Lino b'din il-bidla?
- Għaliex ħassu hekk?
- X'ħaseb Lino dwar il-ġenituri tiegħu?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif jistgħu jħossuhom tfal bħal Lino meta jkollhom membru ġdid fil-familja tagħhom?
- X'jistgħu jagħmlu biex iħossuhom aħjar?

5. Stieden lill-istudenti biex jisimgħu is-sigriet ta' Żigu. Uża l-pupazz biex tispjega lill-istudenti li l-ġenituri kollha jħobbu lit-tfal tagħhom, anke jekk xi kultant ma jurux daqshekk. Fl-aħħar, Żigu (pupazz) jgħid, "Tfal, għandi parir għalikom. Jekk xi kultant taħsbu li l-ġenituri ma jħobbukomx, huwa importanti li tmorru ħdejhom u tgħidulhom kif qed tħossukom. Jiena ċert li l-ġenituri jgħinukom biex tħossukom aħjar u jgħidulkom 'Aħna nħobbuk ħafna, iktar minn kull ħaġa oħra'."

6. Fl-aħħar tal-attività, l-istudenti ipinġu lilhom infushom mal-ġenituri fuq il-folja t'attività.



***Attività għad-Dar***

L-istudenti jpinġu xena fejn Lino qed iħossu mdejjaq minħabba l-imġiba tal-ġenituri tiegħu. Wara, huma juru t-tpinġija tagħhom lill-ġenituri u jispjegaw x'jagħmel lil Lino imdejjaq.

## LINO, CHICITO U L-ĠENITURI TAGĦHOM

*Lill-ġenituri: Għid lit-tfal jigħdulek x'jikftakru mill-istorja li ddiskutew l-iskola. L-istorja kienet dwar skwiril li kien jismu Lino, li ħass li l-ġenituri tiegħu ma baqgħux iħobbuh wara li twieled ħuh Chicito. Ħeġġeġ lit-tfal jitkellmu dwar l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet ta' Lino; kultant it-tfal jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom stess permezz ta' karattru mill-istorja.*

**Pinġi xena fejn Tom qed iħossu mdejjaq minħabba l-ġenituri tiegħu.**

**Pinġi lilek innifsek f'mument sabiħ mal-ġenituri tiegħek**





# Attività 2: Lino jibda jaħseb differenti

## L-għan tat-tagħlim

Jaħsbu b'mod pożittiv meta jħossuhom imwarrba mill-ġenituri.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi

Naħseb b'mod pożittiv meta nħossni mwarrba mill-ġenituri tiegħi

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, biċċiet tad-drapp (ċari u kuluri skuri), folja t'attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja fl-ewwel attività lill-istudenti billi tuża l-pupazz. Wara, agħti dan it-tmiem lil istorja:

**Lino, il-ħabib ta' Żigu għandu ħuh ġdid**

**Il-ġurnata ta' wara, Lino iltaqa' ma' Żigu u ddeċieda li jgħidlu kif kien qed iħossu dwar Cichito. Żigu beda jisma' b'attenzjoni kbira u qallu "Nista' nifhem kif qed tħossok Lino. Veru li ħajtek inbidlet minn meta twieled Cichito. Imma jiena ċert li l-ġenituri jħobbuk daqskemm iħobbu lil Cichito. Jista' jkun li m'għandhomx ċans juruk kemm iħobbuk bħal qabel, imma żgur li jħobbuk. Jiena naħseb li l-ġenituri bagħtuk l-iskola biex titgħallem affarijiet ġodda u biex tqatta' ħin tilgħab ma' sħabek. Barra minn hekk, meta jgħaddu ftit xhur oħra, ħuk se jkollu bżonn inqas minn jieħu ħsiebu u l-ġenituri jibda jkollhom iktar ħin biex jilagħbu miegħek. U Chicito se jibda jkun irid**

**jilgħab miegħek ukoll." Lino beda jħossu aħjar. Huwa qatt ma ħaseb dwar dawn l-affarijiet kollha. Minn dak in-nhar, Tom ipprova jiftakar il-kliem li qallu Żigu. Dawn il-ħsibijiet għenuh iħossu ħafna aħjar.**



3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kienet il-ħajja ta' kuljum ta' Lino qabel ma wasal ħuh il-ġdid?
- Kif kienet il-ħajja ta' kuljum ta' Lino wara li wasal ħuh il-ġdid?
- Kif ħassu Lino dwar din il-bidla?
- Għaliex ħassu hekk?
- Kif kien jaħsibha Lino dwar il-ġenituri tiegħu?
- X'qal Żigu lil Lino u kif għenuh dawn il-kliem?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif jistgħu jħossuhom tfal bħal Lino meta jkun hemm membru ġdid fil-familja?
- X'jistgħu jagħmlu biex iħossuhom aħjar?

5. Spjega lill-istudenti li hemm żewġ modi ta' ħsieb: Mod minnhom huwa pożittiv (jew ta' għajnuna) u l-ieħor huwa negattiv (jew mhux ta' għajnuna). Il-mod ta' kif naħsbuha jaffetwa l-mod ta' kif se nħossuna. "Immaġina li Lino ġie fil-klassi tagħna biex aħna ngħinuh jagħraf il-ħsibijiet negattivi tiegħi u ngħinuh biex jibdilhom ma' oħrajn iktar pożittivi/ta' għajnuna. Nistgħu ngħinuh lil Lino?"

6. Poġġi biċċa drapp ta' kulur ċar f'parti tal-klassi (indika fejn fl-art) u spjega li din il-parti tirrappreżenta ħsibijiet pożittivi/ta' għajnuna. Agħmel l-istess bid-drapp ta' kulur

skur li dan se jirrappreżenta ħsibijiet negattivi/mhux ta' għajnuna. Wara, spjega li inti se tkun qed tgħid wieħed mill-ħsibijiet ta' Lino u li huma jridu jiddeċiedu jekk il-ħsieb hux pożittiv u jimxu għall-parti fejn hemm id-drapp ta' kulur ċar. Jekk il-ħsieb ikun negattiv, jimxu għall-parti fejn hemm id-drapp ta' kulur skur. Dawn huma ftit mill-ħsibijiet pożittivi u negattivi ta' Lino:

- "Il-ġenituri bagħtuni l-iskola biex nitgħalliem affarijiet ġodda u biex inqatta' ħin ma' sħabi."
- "Il-ġenituri jħobbu kemm lili u kemm lil ħija."
- "Ommi tagħti l-attenzjoni lil ħija biss."
- "Mhuwiex sewwa li ommi tgħaddi ħafna ħin ma' ħija."
- "Jiena naħseb li l-ġenituri tiegħi ma jħobbunix iktar u għalhekk jibagħtuni l-iskola kuljum."
- Il-ġenituri dalwaqt ser ikollhom iktar ħin biex jilagħbu miegħi."

Tista' tpoġġi xi stampi ta' Tom u ftit mill-ħsibijiet pożittivi tiegħu fir-rokna ta' reżiljenza.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jilagħbu mal-ġenituri l-logħba fejn jidentifikaw ħsibijiet pożittivi u negattivi u jipprattikaw jesprimu ħsibijiet pożittivi f'każ ta' sitwazzjoni diffiċli li jiltaqgħu magħha.

# ĦSIBIJIET POŻITTIVI FI SĦABA




*Lill-ġenituri: Ilgħab mat-tfal il-logħba fejn tidentifikaw ħsibijiet pożittivi u oħrajn negattivi fil-ħajja ta' kuljum. Tista' tikteb ħsieb pożittiv li għamlu t-tfal fis-sħaba u tistaqsihom ipinġuha b'kuluri skuri. Ipprattika mat-tfal kif jesprimu ħsibijet pożittivi f'każ ta' sitwazzjonijiet diffiċli.*







# Attività 3: Żigu jfassal pjan ta' azzjoni

## L-għan tat-tagħlim

Jaħsbu f'sett ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jħossuhom imwarrbin mill-ġenituri.

## Ir-riżultat tat-tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħmel pjan ta' azzjoni ta' x'nista' nagħmel meta nħossni mwarrab jew mhux maħbub/maħbuba mill-ġenituri tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazz, folja t'attività



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja fl-ewwel attività lill-istudenti billi tuża l-pupazz:

**Żigu jħossu waħdu**

**Meta Żigu kien ħafna iżgħar, ħuh il-kbir li kien jismu Jake kien imur l-iskola. Kuljum, il-familja ta' Żigu kienu jieħdu lil Żigu għand iz-zija Nina biex tieħu ħsiebu u wara kienu jieħdu lil Jake l-iskola. Omm u missier Żigu kienu jmorru fil-foresta jfittxu l-ġewż il-ġurnata kollha imma Żigu beda jaħseb li huma qegħdin iqattgħu l-ħin ma' ħuh Jake. Waranofsinhar, omm Żigu kienet tipprepara l-ikel u missieru kien jieħu lil Jake madwar il-foresta. Żigu kien jilgħab waħdu u jħossu waħdu. Huwa ried jilgħab magħhom, imma missieru qallu biex imur lura għax kien għadu żgħir wisq biex ikun fil-foresta. Żigu kien imur lura ħdejn ommu u jistaqsiha jekk jistax jgħina tlesti l-ikel, imma ma kinitx tħallih għax il-borma kienet taħraq ħafna. Żigu ħaseb li l-ġenituri ma kinux iħobbuħ, għax ma kellhomx ħin biex jilagħbu miegħu jew jagħmlu affarijiet oħra flimkien.**

**Darba minnhom, Żigu kien tant imdejjaq li ma riedx jiekol u jilgħab il-ġurnata kollha. Huwa kien bilqiegħda fil-kamra tiegħu meta f'daqqa waħda ftakar fil-ġurnata li kien iltaqa' mal-kokka. Il-kokka kienet qaltlu, "Meta tħossok imdejjaq, tista' tibki kemm trid! Imma wara, trid tkellem lil xi ħadd li tħobb." Wara li ftakar f'dan il-parir, Żigu waqaf jibki u ddeċieda li jmur u jkellem lil ommu.**

**Wara li semgħet lil Żigu, ommu qaltlu, "Żigu, nixtieq nirringrazzjak talli għidtli dwar x'inti tħoss! Jiena ma kontx naf kif qed tħossok għal dan iż-żmien kollu! Issa nista' nifhem ħafna iktar u nistgħu nagħmlu xi ħaġa biex inti tħossok aħjar u aħna nqattgħu iktar ħin miegħek. Inti prezzjuż għalina u jien u missierek inħobbuk ħafna"**

**Żigu ħassu kburi bih innifsu għax kellu l-kuraġġ li jitkellem dwar id-dwejjaq tiegħu. Huwa qal lil ommu, "Jiena nixtieq li jkolli ftit ħin kuljum fejn nilgħab miegħek u ma' missieri. Nistgħu nagħmluha?" Omm Żigu qaltlu, "Iva, niftiehmu dwar il-ħin li nistgħu nilagħbu fih, wara li nieklu f'nofsinhar u wara l-ikla ta' filgħaxija. X'taħseb? Żigu qal bil-ferħ, "Tajjeb ħafna ma! Lanqas nista' nistenna biex nibdew nilagħbu!"**

**Minn dik il-ġurnata 'l quddiem, Żigu beda jieħu ħafna gost jilgħab m'ommu u missieru.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jifhmu l-istorja billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kienet il-ħajja ta' kuljum ta' Żigu?
- X'kien qed idejjaq lil Żigu u kif kien qed iħossu?
- Għaliex kien qed iħossu hekk?
- X'għamel Żigu biex jipprova isolvi din il-problema?
- X'kien il-pjan ta' ta' Żigu?
- Kien ir-riżultat?

4. Wara, orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tistaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif jistgħu jħossuhom tfal bħal Zigu?
- X'jistgħu jagħmlu biex iħossuhom aħjar?
- Jistgħu jagħmlu xi ħaġa biex jibdlu s-sitwazzjoni?

5. Introduċi t-tifsira tal-parir tal-kokka f'kanzunetta u għid lill-istudenti jitgħalmuha u isibu melodija għaliha:

*Meta nkun imdejjaq, bħal sħaba mċajpra*
*Nibda nibki*
*U wara mmur għand xi ħadd li jħobbni*
*U nitkellem miegħu dwar dak li qed idejjaqni*
*U flimkien nagħmlu pjan*

*Mhux passiv, imma pjan attiv*
*L-azzjoni aħjar milli ma nagħmel xejn*
*U soluzzjoni tajba tista' tinsab kullimkien*

Poġġi l-kliem ta' din il-kanzunetta fir-rokna ta' reżiljenza u pprattika l-kant tagħha mal-istudenti.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jiddiskutu l-istorja ta' Żigu u jkantaw il-kanzunetta flimkien (Il-parir tal-kokka) mal-ġenituri tagħhom.

## ŻIGU U ĦUH JAKE




*Lill-ġenituri: L-istorja li ġiet diskussa l-iskola kienet dwar Żigu li ħassu mdejjaq peress li l-ġenituri tiegħu ma bdewx jagħtuh biżżejjed attenzjoni daqskemm bdew jagħtu lil ħuh il-kbir. Ħeġġeġ lit-tfal biex jgħidulek l-istorja u ddiskuti kif Żigu sab soluzzjoni. Staqsihom jgħidulek jekk jiftakru l-kanzunetta (l-parir tal-kokka) li kantaw fil-klassi. Fl-aħħar, kantawha flimkien u ddiskutu l-kliem tal-kanzunetta.*

*Meta nkun imdejjaq, bħal sħaba mċajpra*
*Nibda nibki*
*U wara mmur għand xi ħadd li jħobbni*
*U nitkellem miegħu dwar dak li qed idejjaqni*
*U flimkien nagħmlu pjan*
*Mhux passiv, imma pjan attiv*
*L-azzjoni aħjar milli ma nagħmel xejn*
*U soluzzjoni tajba tista' tinsab kullimkien*







# SOTTOTEMA 3
# Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja

**Kunflitt serju bejn il-ġenituri jew bejn membri oħra tal-familja kif ukoll separazzjoni jew divorzju jistgħu jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa tat-tfal, speċjalment fl-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom. Din is-sottotema tiffoka kif nistgħu ngħinu lit-tfal jilqgħu għal sfidi bħal dawn, bħal emozzjonijiet negattivi (bħal rabja, konfużjoni, dwejjaq, sens ta' ħtija, nuqqas ta' sabar) marbuta mal-kunflitt bejn il-ġenituri u bejn membri oħra tal-familja. L-attivitajiet jippreparaw lit-tfal għal sitwazzjonijiet li ftit li xejn għandhom kontroll fuqhom, billi jitgħallmu kif jipproteġu lilhom infushom mill-ħsara li jistgħu jħallu dawn l-esperjenzi, kif jistgħu jħarsu lejn dawn l-esperjenzi minn lenti differenti, kif joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u x'jistgħu jagħmlu f'dawn is-sitwazzjonijiet. Fl-ewwel topik, it-tfal jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta iġarrbu kunflitt mal-aħwa, iħarsu lejn din l-esperjenza minn lenti differenti, joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u jidentifikaw il-passi li jistgħu jieħdu biex jegħlbu din l-isfida. It-tieni u t-tielet topiks jgħinu lit-tfal jirrispondu għal kunflitt bejniethom u l-ġenituri, u bejn il-ġenituri stess, rispettivament.**

---

**TOPIK 1**

## KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT MAL-AĦWA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDDESKRIVU U JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET TAGĦHOM META JKOLLHOM KUNFLITT MAL-AĦWA.
- IĦARSU LEJN KUNFLITT MAL-AĦWA MINN LENTI DIFFERENTI.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI BIEX JEVITAW U JIRRISPONDU GĦAL KUNFLITT MAL-AĦWA.

| | |
|---|---|
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT MAL-ĠENITURI**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET TAGĦHOM META JKOLLHOM KUNFLITT MAL-ĠENITURI.<br>• IĦARSU LEJN KUNFLITT MAL-ĠENITURI MINN LENTI DIFFERENTI.<br>• IFASSLU PJAN TA' AZZJONI BIEX JEVITAW U JIRRISPONDU GĦAL KUNFLITT MAL-AĦWA. |
| **TOPIK 3**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU META JKUN HEMM KUNFLITT BEJN IL ĠENITURI**<br><br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET LI JGĦADDU MINNHOM F'KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI.<br>• IĦARSU LEJN KUNFLITTI BEJN IL-ĠENITURI MINN LENTI DIFFERENTI.<br>• IFASSLU PJAN TA' AZZJONI KIR JIRRISPONDU GĦAL KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jesprimu l-emozzjonijet tagħhom dwar kunflitt fil-ħajja ta' kuljum. Dan ifisser li jesprimu ruħhom b'mod kalm mal-ġenituri jew ma' ħuthom jekk hemm nuqqas ta' qbil. Għinhom jifmhu li meta jargumentaw iżżejjed, dan jista' jħalli impatt negattiv kemm fuqhom u kemm fuq ħaddieħor.

2. Fakkar lill-istudenti li biex nirrisolvu kunflitt, għandna bżonn nitgħallmu nisimgħu opinjonijiet differenti u nsibu soluzzjoni mingħajr ma jnużaw vjolenza verbali jew fiżika.

3. Meta jkun hemm kunflitt l-iskola, isma' l-fehma tal-istudenti ħalli inti wkoll timmudella l-empatija u l-ħila li tisma' u tifhem, u mingħajr ma titfa' tort, u għin lill-istudenti jifmhu r-responsabbiltà tagħhom fil-kunflitt.

4. Għin lit-tfal jifmhu li ħafna drabi huwa importanti li nevitaw il-kunflitt fejn nistgħu. Għinhom jaħsbu fi strateġiji li jgħinuhom jevitaw il-kunflitt.

# TOPIK 1 Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom meta jkollhom kunflitt mal-aħwa.

Iħarsu lejn kunflitt mal-aħwa minn lenti differenti.

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jevitaw u jirrispondu għal kunflitt mal-aħwa.

## Attività 1: Żigu għandu xi jgħid ma' ħuh

### *L-Għan tat-tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom meta jkollhom kunflitt mal-aħwa.

### *Ir-riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħi meta jkolli kunflitt ma' ħuti.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'; biċċiet tad-drapp b'kuluri differenti, il-folja t'Attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Luc qed idejjaq lil Żigu**

**Żigu u ħuh Luc huma kważi l-istess età. Żigu jħobbu ħafna lil ħuh u għandhom ħafna affarijiet jixxiebhu. It-tnejn iħobbu jixxabbtu mas-siġar, jilagħbu goff, u jaqraw kotba dwar l-annimali selvaġġi.**

**Meta jkollhom ftit ħin għall-mistrieħ jippruvaw jilagħbu flimkien, iżda ħafna drabi ma jaqblux liema logħba ħa jilagħbu. Żigu jħoss li Luc dejjem iġiegħelu jilgħab il-logħba li jrid hu, u Żigu jħoss li dan mhux sewwa. Aktar minn hekk, Żigu jħoss li Luc dejjem ibiddel ir-regoli tal-logħba kif jaqbillu biex jirbaħ dejjem hu. Kważi l-logħob kollu ta' bejniethom jispiċċa fi ġlieda. Żigu jħossu qalbu sewda bl-imġiba ta' ħuh u joqgħod jibki f'kamartu. Fl-istess ħin Luc bħal donnu ma jagħtix kas u jibqa' jilgħab waħdu. Żigu jħoss li ħuh ma jimpurtahx dwar kif iħossu hu...**

**Jum fost l-oħrajn, Żigu ddeċieda li jitkellem m'ommu. Qalilha kemm iħossu qalbu sewda bl-imġiba ta' ħuh u talabha biex tgħinu. Ommu qagħdet tisimgħu bil-kalma: "Żigu, għamilt sew li ftaħt qalbek miegħi, ninsab kuntenta li kellek il-kuraġġ taqsam miegħi dak li qiegħed tħoss." Żigu u ommu ddiskutew is-sitwazzjoni fit-tul. Żigu beda jħossu aħjar u meta ommu bisitu u xtaqitlu l-lejl it-tajjeb qalilha, "Taf xiex ma, qed inħossni ħafna aħjar wara li tkellimna. Meta naqsam dak li nħoss u naħseb miegħek u ma' missieri inħoss li intom tifhmuni. Issa nħossni aħjar u naħseb li ħa nsibu soluzzjoni flimkien."**

3. L-ewwel għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet, fil-waqt li żżomm f'moħħok li xi tfal m'għandhomx aħwa iżda jista' jkollhom kuġini jew ġirien ma' min jista' jkollhom kunflitti:

- Għaliex Żigu kellu xi jgħid ma ħuh Lu?
- Kif ħassu Żigu dwar dan?
- Kif taħseb li għenitu d-dikussjoni m'ommu lil Żigu?
- Kif ħassu Żigu wara d-diskussjoni m'ommu?

2. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Tista' tiftakar f'xi drabi meta kellek xi **t**għid ma' ħutek? (jew ma' qraba jew ħbieb)
- Kif ħassejtek?
- Tkellimt ma' xi ħadd dwar din is-sitwazzjoni?

3. Aqsam l-istudenti fi gruppi ta' 4. Kull grupp jaħseb f'raġuni waħda fejn Żigu u ħuh jista' jkollhom kunflitt u jirreċta *r-rwoli* differenti f'kull xenarju. (Tista' tuża biċċiet tad-drapp b'kuluri differenti). L-istudenti jaħsbu dwar raġunijiet mill-esperjenzi li jkunu għaddew minnhom f'ħajjithom stess jew inkella mill-istorja. Kull grupp jirreċta l-funzjonijiet f'żewġ xenarji, wieħed ta' kunflitt bejn żewġt aħwa (student/studenta jieħu/tieħu l-parti ta' Żigu, student/studenta jirreċta/tirreċta il-parti ta' Lu), u x-xenarju l-ieħor ikun b'Żigu u ommu jiddiskutu l-problema (student/studenta ikun/tkun Żigu u ieħor/oħra ikun/tkun ommu).

4. Fi tmiem l-attività enfasizza li meta tiġrilhom xi ħaġa simili, huwa importanti li jaqsmu s-sentimenti tagħhom ma' xi ħadd li jħobbu u jafdaw, (ommhom, missierhom) biex flimkien jippruvaw isolvu l-problema.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti ipinġu xena ta' kunflitt bejn l-aħwa (jew ma' oħrajn) u mbagħad jiddiskutu mal-ġenituri, u jaraw x'jistgħu jagħmlu biex iħossuhom aħjar.

## KUNFLITT BEJN L-AĦWA




*Lill-ġenituri: Ħajru lit-tfal ipinġu kunflitt bejn l-aħwa (jew oħrajn bħal qraba) imbagħad saqsuhom jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Wara iddiskutu kif jistgħu iħossuhom aħjar f'sitwazzjonijiet bħal dawn.*

**Pinġi kunflitt bejn l-aħwa (jew ma' oħrajn)**





# Attività 2: Żigu jaħseb b'mod pożittiv dwar Luc

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn kunflitt mal-aħwa minn lenti differenti.

## Ir-riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem din l-attività, jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt ma' ħuti.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi meħtieġa:

pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-folja t'Attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja f' Attività 1 lill-istudenti billi tuża pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet fil-waqt li żżomm f'moħħok li xi tfal m'għandhomx aħwa iżda jista' jkollhom kuġini jew ġirien ma' min jista' jkollhom kunflitti.
   - Għaliex Żigu kellu xi jgħid ma' ħuh Lu□?
   - Kif ħassu Żigu meta kellu dan il-kunflitt?
   - Kif għenitu d-diskussjoni li kellu m'ommu lil Żigu?
   - Kif biddel il-mod ta' kif jaħseb Żigu wara din id-diskussjoni?
4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-

mistoqsijiet:

- Tista' tiftakar f'xi drabi meta kellek xi tgħid ma' ħutek jew qraba?
- Kif ħassejtek?
- Tkellimt ma' xi ħadd dwar din is-sitwazzjoni?
- Għamilt xi ħaġa biex tbiddel dik is-sitwazzjoni? Jekk iva, x'għamilt u kif ħassejtek wara?

5. Aqsam l-istudenti fi gruppi u ħajjar lil kull grupp biex jgħin lil Żigu jaħseb dwar l-imġiba ta' Lu⍰ minn perspettiva differenti (aktar pożittiva). Il-gruppi jaħsbu dwar raġunijiet alternattivi dwar kif jistgħu jispjegaw l-imġiba ta' Lu⍰ lejn Żigu (ħlief li jobgħod lil Żigu). Per eżempju: "Lu⍰ kellu ġurnata tassew kehra llum l-iskola", "Lu⍰ ma jistax jifhem ir-regoli tal-logħba kif suppost", "Lu⍰ ma jistax jifhem kif kliemu qegħdin iweġġgħu lil ħuh". Kull grupp jgħin lil Żigu (uża l-pupazz) jaħseb b'mod aktar pożittiv.

6. Spjega lill-istudenti li xi ftit mil-ħsibijiet ta' Żigu mhumiex utli u jġegħluh iħossu mdejjaq, waqt li x'uħud minnhom huma t'għajnuna u jġegħluh iħossu aħjar.

7. Fi tmiem din l-attività enfasizza li meta tiġrilhom xi ħaġa simili, huwa importanti li jaqsmu s-sentimenti tagħhom ma' xi ħadd li jħobbu u jafdaw biex isolvu l-problema.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jpinġu xena ta' kunflitt bejn l-aħwa jew qraba jew ġirien, u wara l-ġenituri jgħinuhom jesprimu ħsieb pożittiv meta jħabtu wiċċhom ma' sitwazzjoni simili.

## ĦSIBIJIET POŻITTIVI DWAR IL-KUNFLITT

*Lill-ġenituri – Għidu lit-tfal ipinġu kunflitt ma' ħuthom (qarib jew ġar) hawn taħt, u wara għinuhom jaħsbu u kif jistgħu jaraw is-sitwazzjoni minn lenti differenti u jesprimu ħsieb pożittiv meta jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni bħal din.*





# Attività 3: Żigu jfassal pjan ta' azzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jevitaw u jiffaċċjaw kunflitt mal-aħwa.

## Ir-riżultat tat-Tagħlim: Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni biex nirrispondi għall-kunflitti ma' ħuti (jew qraba).

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċiet tad-drapp b'kuluri differenti, il-folja t'Attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b' Attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' *hand* or *finger puppets*:

**Luc qed idejjaq lil Żigu**

**Żigu u ħuh Luc huma kważi l-istess età. Żigu jħobbu ħafna lil ħuh u għandhom ħafna affarijiet jixxiebhu. It-tnejn iħobbu jixxabbtu mas-siġar, jilagħbu goff, u jaqraw kotba dwar l-annimali selvaġġi.**

**Meta jkollhom ftit ħin għall-mistrieħ jippruvaw jilagħbu flimkien, iżda ħafna drabi ma jaqblux liema logħba ħa jilagħbu. Żigu jħoss li Luc dejjem iġiegħelu jilgħab il-logħba li jrid hu, u Żigu jħoss li dan mhux sewwa. Aktar minn hekk, Żigu jħoss li Luc dejjem ibiddel ir-regoli tal-logħba kif jaqbillu biex jirbaħ dejjem hu. Kważi l-logħob kollu ta' bejniethom jispiċċa fi ġlieda. Żigu jħossu qalbu sewda bl-imġiba ta' ħuh u joqgħod jibki f'kamartu. Fl-istess ħin Luc bħal donnu ma jagħtix kas u jibqa' jilgħab waħdu. Żigu jħoss li ħuh ma jimpurtahx dwar kif iħossu hu...**

**Jum fost l-oħrajn, Żigu ddeċieda li jitkellem m'ommu. Qalilha kemm iħossu qalbu sewda bl-imġiba ta' ħuh u talabha biex tgħinu. Ommu qagħdet tisimgħu bil-kalma: "Żigu, għamilt sew li ftaħt qalbek miegħi, ninsab kuntenta li kellek il-kuraġġ taqsam miegħi dak li qiegħed tħoss. Għandek raġun qed imdejjaq bl-imġiba ta' ħuk. Jien ma naħsibx li jkun irid iweġġgħek apposta, imma xi kultant ma jafx kif jikkontrolla lilu nnifsu." Żigu ħassu aħjar meta sema' dan il-kliem. Kien ifisser ħafna għalih li Luc ma riedx iweġġgħu apposta imma kien iġib ruħu hekk għax mhux kapaċi jikkontrolla lilu nnifsu. Imbagħad omm Żigu kompliet, "Tista' taħseb x'tista' tagħmel?" Żigu ħaseb ħafna, imbagħad qal, "Taf xiex mà, l-ewwel ħaġa li nagħmel hija skeda li turi l-ġurnata meta Luc ikun imissu jagħżel il-logħob u l-ġurnata ta' meta jkun imissni jien nagħżel il-logħob. U jekk ma jżommx mall-iskeda, allura ma nilgħabx miegħu." "Din tidher li hija idea veru tajba! Prosit Żigu!" qaltlu ommu. Żigu kompla, "Qabel ma nibdew il-logħba jien nirrepeti r-regoli u nistiednu jaqbel magħhom." "Dik idea oħra tajba biex tevita l-ġlied, qalbi," qaltlu ommu. U fl-aħħar Żigu qal, "Meta naħseb li Luc ma jistax jikkontrolla lilu nnifsu, jien noħroġ mill-kamra biex hekk ma noqgħodx nieħu għalija." Omm Żigu kieent kuntenta tassew bl-ideat ta' Żigu u wegħditu li ħa tgħinu b'kull mod li tista'. Issa Żigu ħassu ħafna aħjar għax fassal pjan ta' azzjoni kif jirrispondi għall-problema.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex Żigu kellu xi jgħid ma' ħuh Lu?
- Kif ħassu Żigu dwar dan?
- Kif għenitu lil Żigu id-diskussjoni li kellu m'ommu?
- X'kienu xi ftit mill-azzjonijiet li ħaseb dwarhom Żigu biex isolvi l-problema?
- X'taħseb dwar il-pjan ta' Żigu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet, fil-waqt li żżomm f'moħħok li xi tfal jista' ma jkollomx aħwa iżda jista' jkollhom kuġini jew ġirien li magħhom jista' jkollhom kunflitti:

- Tista' tiftakar f'xi drabi meta kellek xi tgħid ma' ħutek (jew qraba)?
- Kif ħassejtek?
- Tkellimt ma' xi ħadd dwar din is-sitwazzjoni?
- Għamilt xi ħaġa biex tbiddel dik is-sitwazzjoni? Jekk iva, x'għamilt u kif ħassejtek wara?

5. Meta tasal f'dan il punt, spjega li xi ftit mill-ħsibijiet ta' Żigu ma kinux siewja u ġegħluh iħossu mdejjaq, filwaqt u ħsibijiet oħra ġiegħluh iħossu aħjar. Enfasizza wkoll li meta jgħaddu minn esperjenza simili, jistgħu jiftħu qalbhom ma' persuni li jħobbu u jafdaw.

6. Aqsam l-istudenti fi 3 gruppi biex jirreċtaw il-pjanijiet ta' azzjoni ta' Żigu. Kull grupp jirreċta wieħed mill-pjanijiet li ġejjin hawn taħt (tista' tuża biċċiet tad-drapp ta' kuluri differenti għar-reċti (*role play*)):

a. Żigu jinnegozja ma' ħuh dwar liema logħba ser jilagħbu u jipproponi skeda li tindika liema ġurnata Lu⍰ jagħżel il-logħob u liema ġurnata Żigu jagħżel il-logħob, biex jevitaw il-kunflitt. Jekk Lu⍰ jagħżel li ma jsegwix l-iskeda allura Żigu ma jilgħabx miegħu.

b. Fil-bidu tal-logħba Żigu jirrepeti r-regolamenti u jistaqsi lil Lu⍰ jekk jaqbilx magħhom biex jevitaw il-kunflitt.

ċ. Żigu u Lu⍰ ikollhom xi jgħidu, imma Żigu jifhem li ħuh ma jistax jikkontrolla lilu nnifsu u joħroġ mill-kamra biex ma tikkalma s-sitwazzjoni.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jpinġu xena ta' kunflitt bejn l-aħwa (jew qraba/ġirien) , u wara l-ġenituri jgħinuhom jaħsbu f'xi modi kif isolvu l-kunflitt u jevitaw il-kunflitt fil-ġejjieni.

## KIF NEVITAW KUNFLITT BEJN L-AĦWA




*Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal ipinġu kunflitt mal-aħwa (jew qraba jew ġirien) u jispjegalkom ix-xena tal-kunflitt. Imbagħad saqsuhom biex jiddeskrivu x'ġab dan il-kunflitt u kif ħassewhom. Wara iddiskutu x'jistgħu jagħmlu biex iħossuhom aħjar wara dan l-inċident stressanti u biex kunflitt bħal dan jista' jiġi evitat fil futur.*

**Pinġi kunflitt mal-aħwa (qarib jew ġar) u kif se tipprova tevitah fil-futur.**





# TOPIK 2 Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri:

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom meta jkollhom kunflitt mal-ġenituri.

Iħarsu lejn kunflitt mal-ġenituri minn lenti differenti.

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jevitaw u jirrispondu għal kunflitt mal-ġenituri.

## Attività 1: Żigu għandu x'għid mal-ġenituri

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom meta jkollhom kunflitt mal-ġenituri.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi s-sentimenti u l-ħsibijiet tiegħi meta jkolli kunflitt mal-ġenituri.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċiet tad-drapp ta' kulur skur, il-folja t'Attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'::

**Il-kunflitt ta' Żigu mal-ġenituri tiegħu**

**Jum fost l-oħrajn, il-ġenituri ta' Żigu ħadu lil Żigu u lil ħuh biex jilagħbu fil-ġnien. Il-ġenituri qalulhom li ma setgħux jersqu lejn tarf il-vaska fonda għax jistgħu jweġġaw.**

**Imma Żigu m'obdiex u mar jilgħab qrib it-tarf tal-vaska. Il-ġenituri sejħulu biex jersaq lura iżda Żigu għamel ta' birruħu li ma semagħhomx. Reġgħu għajtulu iżda Żigu baqa' fejn kien. Imbagħad il-ġenituri ġew għalih u qalulu biex imur magħhom f'post ieħor. Żigu ma riedx jiċċalaq minn fejn kien, beda jsabbat saqajh, u nxteħet fl-art jibki. "Jien irrid nilgħab hawn! Irrid nibqa' hawn!" għajjat u beka. Imbagħad il-ġenituri refgħuh u ħaduh f'post ieħor li kien aktar sigur biex jilgħab. Żigu baqa' jibki u ma riedx ikompli jilgħab. Ħaseb li l-ġenituri ma kinux iħobbuh għax ma ħallewhx jilgħab f'tarf il-vaska! Meta Żigu kkalma, il-ġenituri fissrulu r-raġuni għaliex ma tawx permess lilu u lil ħuh jilagħbu f'tarf il-vaska - seta' jiżloq u jaqa' u jweġġa'. Ma riedux li Żigu iweġġa'!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
    - Għaliex Żigu tlewwem mal-ġenituri tiegħu?
    - Kif ħassu Żigu?
    - X'ħaseb Żigu dwar il-ġenituri tiegħu?
4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
    - Kif iħossu/tħossha tifel/tifla meta jkollu/jkollha xi jgħid/tgħid mal-ġenituri?
    - X'jista'/tista' jagħmel/tagħmel biex ibiddel/tbiddel dik is-sitwazzjoni? X'jista' jagħmel/tagħmel biex jevita/tevita l-kunflitt?
5. Għid lil xi voluntiera biex jieħdu l-parti ta' Żigu u jesprimu s-sentimenti u ħsibijiet wara li jitlewmu mal-ġenituri. L-istudenti jilbsu drapp ta' kulur skur u jesprimu emozzjonijiet u ħsibijiet bħal: "Inħossni mdejjaq meta jkolli xi ngħid mal-ġenituri", "Mhux qed nieħu gost f'ħajti, bħal ma kont nieħu qabel, għax għandi ħafna problemi mal-ġenituri", "Inħossni tassew qalbi sewda, meta jkolli xi ngħid mal-ġenituri!", "Naħseb li l-ġenituri tiegħi dejjem jirrabjaw miegħi għal xejn".
6. Wara staqsi lill-istudenti jaħsbu x'jista' jagħmel Żigu biex iħossu aħjar meta jkollu kunflitt mal-ġenituri.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti ipinġu tifel/tifla li kellu/kellha kunflitt mal-ġenituri u wara jaħsbu kif dak it-tifel/dik it-tifla jħossu/tħossha dwar din is-sitwazzjoni diffiċli.

## KUNFLITT MAL-ĠENITURI




*Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal ipinġu tifel/tifla li għaddej/għaddejja minn kunflitt mal-ġenituri u wara staqsuhom jesprimu (fit-tinġija) l-emozzjonijiet u ħsibijiet tagħhom dwar is-sitwazzjoni. Żommu f'moħħkom li t-tfal jistgħu jkunu qed jitkellmu dwar kunflitt li huma stess ikunu ġarrbu.*

**Pinġi tifel/tifla li kellu/kellha kunflitt mal-ġenituri tiegħu/tagħha.**





# Attività 2: Żigu jħares lejn kunflitt b'mod differenti

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn kunflitt mal-ġenituri minn lenti differenti.

## Ir-Riżultat tat Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nħares lejn il-kunflitt mal-ġenituri tiegħi b'mod differenti

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċiet tad-drapp kannella, il-folja t'Attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn
2. Aqra l-istorja f' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
    - Għaliex Żigu tlewwem mal-ġenituri tiegħu?
    - Kif beda jħossu Żigu dak il-ħin?
    - X'ħaseb Żigu dwar il-ġenituri tiegħu?
4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
    - Kif taħseb li jħossu tifel/tħossha tifla meta jkollu/jkollha x' jgħid/tgħid mal-

ġenituri?

- X'jista' jagħmel/tagħmel biex ibiddel/tbiddel is-sitwazzjoni? X'jista' jagħmel/tagħmel biex jevita/tevita l-kunflitt?

5. L-istudenti jippruvaw jiħinu lil Żigu jaħseb dwar il-kunflitt b'mod iktar pożittivi u utli, u jfittex spjegazzjonijiet differenti għall-imġiba tal-ġenituri tiegħu.

Reċta: Voluntier jilbes denb kannella u jieħu l-parti ta' Żigu. Imbagħad jesprimi ħsieb negattiv (eż. Jien noqgħod mal-ġenituri tiegħi li dejjem jirrabjaw miegħi għal xejn) li Żigu esprima dwar l-imġiba tal-ġenituri tiegħu fl-istorja. L-situdenti jdawruh fi ħsieb iktar pożittiv. Tista' tgħinhom billi toffri ħsibijiet iktar pożittivi dwar l-imġiba tal-ġenituri:

- "Il-ġenituri tiegħi jinkwetaw ħafna dwari u għalhekk jirrabjaw miegħi meta ma nismax minnhom."
- "Il-ġenituri tiegħi jridu li nkun iskwiril responsabbli għall-ġid tiegħi nnifsi u għalhekk jirrabbjaw miegħi meta ma nkunx."
- "Il-ġenituri tiegħi iriduni nitgħallem li huwa importanti ħafna li nżomm wegħda u għalhekk tlift id-dritt li noħroġ nilgħab."
- "Jekk noqgħod aktar attent kif inġib ruħi nerġa' nkun ferħan."



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti ipinġu tifel/tifla li għandu/għandha nuqqas ta' qbil mal ġenituri tiegħu/tagħha mbagħad jesprimu kif iħossu/tħossa. Wara l-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri dwar kif jistgħu jgħinu lit-tifel/tifla biex iħossu/tħossha aħjar.

## KUNFLITT MAL-ĠENITURI: EMOZZJONIJIET

*Lill-ġenituri: It-tfal ipinġu dwar tilwima ta'tifel/tilfa mal-ġenituri tagħhom u wara jesprimu l-emozzjonijiet u ħsibijiet tagħhom dwar din is-sitwazzjoni. Imbagħad iddiskutu mat-tfal kif jistgħu jgħinu t-tifel/tifla li għandu/ha kunflitt biex iħossu/tħossha aħjar. Żommu f'moħħkom li t-tfal jistgħu jkunu qed jitkellmu dwar kunflitt li għaddejjin minnu huma stess.*

**Pinġi tifel/tifla li għandu/għandha kunflitt mal-ġenituri tiegħu/tagħha.**





# Attività 3: Żigu jfassal pjan ta' azzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta'azzjoni biex jirrispondu u jevitaw kunflitt mal-ġenituri.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naħseb f'modi differenti dwar x'nista' nagħmel meta jkolli kunflitt mal-ġenituri.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', biċċiet tad-drapp kannella, il-folja t'Attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja f' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
    - Għaliex Żigu kellu xi igħid mal-ġenituri?
    - Kif ħassu Żigu?
    - X'ħaseb Żigu dwar il-ġenituri tiegħu?
4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:
    - Kif iħossu/tħossha tifel/tifla meta jkollu/jkollha xi jgħid/tgħid mal-ġenituri tiegħu/tagħha?
    - X'jista'/tista' tagħmel biex tbiddel is-sitwazzjoni? X'jista'/tista' jagħmel/tagħmel

biex jevita/tevita l-kunflitt?

5. L-istudenti jiffurmaw 2 gruppi, grupp minnhom joqgħod Żigu u l-ieħor il-ġenituri ta' Żigu. Iż-żewġ gruppi (jistgħu jilbsu denb kannella) jaħsbu f'ideat dwar kif jistgħu jagħmlu l-affarijiet b'mod differenti biex jevitaw il-kunflitti bejniethom. Jekk l-istudenti jsibu din il-biċċa xogħol diffiċli għalihom, tista' tipproponilhom xi azzjonijiet u huma jieħdu rwoli differenti li tkun ressaqtilhom waqt ir-reċta.

Xi azzjonijiet min-naħa tal-ġenituri:

- "Nerġgħu nispjegaw lil Żigu għaliex huwa importanti li nżommu l-wegħdiet li nkunu għamilna."
- "Aħna ser ngħinu lil Żigu jsib modi ta' kif iżomm il-wegħdiet li jagħmel."
- "Ser nerġgħu nispjegaw lil Żigu għaliex huwa importanti li jkun responsabbli."
- "Ser ngħinu lil Żigu jsib modi ta' kif ikun responsabbli."
- "Ser nerġgħu nispjegaw lil Żigu għaliex huwa importanti li jimxi mad-direzzjonijiet li jtuh il-ġenituri"
- "Se nispjegaw lil Żigu għaliex ninkwetaw għalih u għaliex ninsistu li jsegwi ċerti regolamenti".
- "Ser ngħidu lil Żigu kemm inħobbuh anke jekk xi kultant nirrabjaw miegħu."

Hawn taħt issib xi azzjonijiet min-naħa ta' Żigu:

- "Ħa nipprova nżomm il-wegħdiet tiegħi."
- "Ħa nipprova nkun responsabbli."
- "Ser nafda aktar fil ġenituri għax huma jafu aktar minni dwar affarijiet li huma ta' periklu għalija."
- "Ser nipprova nimxi mad li jgħiduli l-ġenituri dwar affarijiet li huma ta' periklu għalija."

Wara d-diskussjoni, il-voluntiera jieħdu xi rwol (waqt ir-reċta) u jirreċtaw xi ftit mill-ideat li huma mnizzlin hawn fuq.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jpinġu tifel/tifla li għandu/għandha kunflitt mal-ġenituri tiegħu/tagħha u wara jiddeskrivu kif iħossu/tħossha dak/dik it-tifel/tifla. Wara jagħmlu skambju ta' ideat mal-ġenituri dwar kif jistgħu jgħinu lit-tifel/tifla fl-istampa biex jevita/tevita l-kunflitt.

## NEVITAW IL-KUNFLITT MAL-ĠENITURI




*Lill-ġenituri: It-tfal ipinġu tifel/tifla li għaddej/għaddejja minn kunflitt mal-ġenituri tiegħu/tagħha u wara jesprimu l-emozzjonijiet tiegħu/tagħha dwar din is-sitwazzjoni. Wara ddiskutu mat-tfal kif huma jistgħu jgħinu lit-tifel/tifla li għaddej/għaddejja mill-kunflitt, biex iħossu/tħossha aħja. Iddiskutu ukoll kif jista'/tista' jevita/tevita l-kunflitt. Żommu f'moħħkom li t-tfal jistgħu jkunu qed jitkellmu dwar kunflitt li huma stess għaddejjin minnu.*

**Pinġi tifel/tifla li għandu/għandha kunfllitt mal-ġenituri u x'qiegħed/qiegħda jħoss/tħoss**





# TOPIK 3 Kif nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li jgħaddu minnhom f'kunflitt bejn il-ġenituri.

Iħarsu lejn kunflitti bejn il-ġenituri minn lenti differenti.

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jirrispondu għal kunflitt bejn il-ġenituri.

## Attività 1: Il--ġenituri ta' Ċika għandhom x' jgħidu

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li jgħaddu minnhom f'kunflitt bejn il-ġenituri.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi kif inħossni meta l-ġenituri tiegħi jkollhom xi jgħidu bejniethom

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-folja t'Attività.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tħoss ħafna stress**

**Ħafna drabi Ċika tieħu gost tqatta’ ħin mal-familja tagħha. Is-soltu, huma jieklu flimkien, u jmorru ħarġiet ġol-għoljiet qrib fejn hemm għadira. Xi Ħdud waranofsinhar jilagħbu logħob tal-familja fil-ġnien. Ċika tħobbha ħafna lill-familja tagħha u trid li tkun dejjem ferħana. Iżda xi kultant l-affarijiet ma jmorrux tajjeb u l-ġenituri tagħha jibdew jargumentaw fuq ħafna affarijiet li Ċika ma tifhimx dwarhom. Il-ġenituri ġie li jgħajtu ma’ xulxin ukoll. Meta ommha tinfaqa’ tibki, missierha ta’ spiss imur ġol-foresta. Ċika ma tafx x’taqbad tagħmel meta l-ġenituri tagħha jiġġieldu. Tħossha qalbha sewda ħafna u l-biċċa l-kbira tinfexx tibki b’qalbha maqsuma.**

**Darba minnhom meta ħassitha mnikkta ħafna ħadet deċiżjoni imprtanti. Daħħlet f’moħħha li tiftaħ qalbha ma’ persuna li tħobbha u tieħu ħsiebha. Din kienet oħtha l-kbira. Bdiet billi qaltilha, “Inħoss ħafna dwejjaq meta nara lill-ġenituri tagħna jargumentaw, inħossni stressjata u jkolli aptit nibki.” Oħt Ċika semgħetha b’attenzjoni kbira u għannqitha. Qaltliha kemm tħobbha u tieħu ħsiebha u li tifhimha kif qed tħossha. Ċika ħassitha ħafna aħjar u ndunat kemm tkun t’għajnuna meta tiftaħ qalbek ma’ xi ħadd li jħobbok.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X’ġara fil-familja ta’ Ċika?
- Kif ħassitha Ċika meta l-ġenituri tagħha ġġieldu bejniethom?
- X’ħasbet Ċika li kienet ir-raġuni għaliex il-ġenituri tagħha kellhom xi jgħidu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossu/tħossha tifel/tifla meta l-ġenituri jkollhom ikollhom xi jgħidu?
- X’jista’/tista’ jagħmel/tagħmel f’dik is-sitwazzjoni?

5. Imbagħad inti tista’ tuża l-pupazz tal-qanfud billi tlibbsu xi aċċessorju li jtuh dehra t’anzjan. Ippreżentah lill-istudenti billi tgħidilhom kif Ċika marret għand dan il-qanfud xiħ u għaref, biex tikseb l-għajnuna ħalli tkun tista’ tirrispondi għas-sitwazzjoni. Il-qanfud għaref tal-foresta ġie ġol-klassi biex jispjega lill-istudenti x’jistgħu jagħmlu f’sitwazzjonijiet bħal dawn:

“Jekk il-ġenituri tiegħek ikollhom xi jgħidu bejniethom, huwa naturali li inti ma tħossokx sew u jkollok emozzjonijiet u ħsibijiet negattivi. Ma fiha xejn lanqas jekk inti

tħoss li trid tibki. U ftakar li meta l-ġenituri jiġġieldu ma jkunx tort tiegħek. Imma wara li tibki jkun tajjeb għalik jekk inti tiftaħ qalbek ma' xi ħadd li tħobb (oħtok, ħuk jew ġenituri wara l-kunflitt)."

6. 4 voluntiera (omm, missier, Ċika u oħtha) jirreċtaw sitwazzjoni fejn il-ġenituri ta' Ċika qegħdin jargumentaw fil-preżenza ta' Ċika. Ħeġġeġ lil Ċika tesprimi dak li qed tħoss u tkellem lil oħtha jew lill-ġenituri tagħha (wara li jkun għadda l-kunflitt). Per eżempju Ċika tista' tgħid lill-ġenituri tagħha, "Inħossni nkwetata ħafna u ma nista' nagħmel xejn meta narakom tiġġieldu u ma tużawx kliem sabiħ ma' xulxin".



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jpinġu lil Ċika meta tkun qiegħda ġġarrab kunflitt bejn il-ġenituri. Imbagħad juru t-tpinġija tagħhom lill-ġenituri u jesprimu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet li qajjem fiha dan il-kunflitt.

## ĊIKA TARA L-ĠENITURI JITLEWMU BEJNIETHOM

*Lill-ġenituri: It-tfal ipinġu lil Ċika waqt li tkun qed tara lill-ġenturi tagħha jitlewmu bejniethom. Imbagħad saqsiehom biex jimmaġinaw x'qed taħseb u tħoss t Ċika ,u għinhom isibu modi kif jistgħu jgħinu lil Ċika tirrispondi għall-emozzjonijiet negattivi. Enfasizzaw li l-kunflitt bejn il-ġenituri ma jibdiex minħabba l-imġiba tat-tfal iżda minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri nfushom.*

**Pinġi lil Ċika meta jkollha esperjenza ta' kunflitt bejn il-ġenituri.**





# Attività 2: Ċika tara l-kunflitt b'mod differenti

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn kunflitt bejn il-ġenituri minn lenti differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod iktar pożittiv meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri tiegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-folja t'Attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Ċika tħoss ħafna stress**

**Ħafna drabi Ċika tieħu gost tqatta' ħin mal-familja tagħha. Is-soltu, huma jieklu flimkien, u jmorru ħarġiet ġol-għoljiet qrib fejn hemm għadira. Xi Ħdud waranofsinhar jilagħbu logħob tal-familja fil-ġnien. Ċika tħobbha ħafna lill-familja tagħha u trid li tkun dejjem ferħana. Iżda xi kultant l-affarijiet ma jmorrux tajjeb u l-ġenituri tagħha jibdew jargumentaw fuq ħafna affarijiet li Ċika ma tifhimx dwarhom. Il-ġenituri ġie li jgħajtu ma' xulxin ukoll. Meta ommha tinfaqa' tibki, missierha ta' spiss imur ġol-foresta. Ċika ma tafx x'taqbad tagħmel meta l-ġenituri tagħha jiġġieldu. Tħossha qalbha sewda ħafna u l-biċċa l-kbira tinfexx tibki b'qalbha maqsuma.**

**Darba minnhom meta ħassitha mnikkta ħafna ħadet deċiżjoni imprtanti. Daħħlet f'moħħha li tiftaħ qalbha ma' persuna li tħobbha u tieħu ħsiebha. Din kienet oħtha**

**l-kbira. Bdiet billi qaltilha, "Inħoss ħafna dwejjaq meta nara lill-ġenituri tagħna jargumentaw, inħossni stressjata u jkolli aptit nibki. Nixtieq naqsam x'qed inħoss ma xi ħadd li nista' nafda." Oħt Ċika semgħetha b'attenzjoni kbira, għannqitha u qaltilha, "Għandek raġun tħossok hekk oħt meta tara lill-ġenituri tagħna jgħajtu ma' xulxin iżda dan ma jfissirx li ma jħobbux lil xulxin. Xi kultant l-kbar għandhom mod ta' kif jitkellmu meta ma jablux bejniethom li aħna ma nistgħux nifhmu. Jien tkellimt ukoll ma' sħabi u qaluli li l-ġenituri tagħhom jargumentaw ukoll. Din il-ħaġa tiġri kważi f'kull familja. Meta nara lill-ġenituri jitlewmu nsibha tajjeb li nimmaġina stampa ta' maltempata bix-xita, imma wara l-maltempata, tfiġġ il-qawsalla b'kuluri sbieħ u kollox jerġa' jikkwieta. Forsi inti tista' tagħmel l-istess u taħseb f'din l-istampa biex tgħinek ukoll."**

**Ċika rringrazjat lil oħtha tal-parir u ħassitha li ħelset minn balla fuq l-istonku. Issa kellha xi ftit ideat biex tipprova taħseb dwar il-kunflitt bejn il-ġenturi b'mod differenti. Ħassitha ħafna aħjar u ndunat li meta taqsam dak li tħoss u taħseb ma' xi ħadd jiswa ħafna.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet::

- X'ġara fil-familja ta' Ċika?
- X'ħasbet Ċika li kienet ir-raġuni għaliex il-ġenituri tagħha kellhom xi jgħidu?
- Kif ħassitha Ċika meta l-ġenituri tagħha bdew jargumentaw ma' xulxin?
- X'għamlet Ċika biex tgħin ruħha f'dik is-sitwazzjoni?
- Kieku inti x'parir kont tagħti lil Ċika għal dik is-sitwazzjoni?
- Kif iħossuhom it-tfal meta jaraw l-ġenituri jargumentaw? X'jistgħu jagħmlu?

**4**. Fi gruppi l-istudenti jagħtu idejat kif jistgħu jgħinu lil Ċika f'dik is-sitwazzjoni diffiċli u taħseb b'mod pożittiv. Imbgħad jaqsmu l-ideat mal-klassi kollha; tista' tagħmel poster ta' dawn l-ideat kollha. Jistgħu ukoll jirreċtaw x'uħud minn dawn l-ideat. Enfasizza li l-kunflitt bejn il-ġenituri ma jibdiex minħabba l-imġiba tat-tfal iżda minħabba nuqqas ta'qbil bejn il-ġenituri nfushom. Imbagħad għinhom jifformulaw mill-ġdid is-sitwazzjoni. Per eżempju: "Il-kunfllitt bejn il-ġenituri qisu bħax-xità, u meta tieqaf ix-xità, ix-xemx tiżreġ fis-sema" jew "Il-ġenituri ġieli jiġġieldu xi drabi, iżda jħobbu lil xulxin. Is-soltu jsibu soluzzjoni malajr u l-ġlied jieqaf."

5. L-istudenti jpinġu xi ħaġa li tirrilasshom u li biha jħossuhom tajjeb meta jkunu d-dar. Per eżempju, jisimgħu il-mużika, jilagħbu mal-annimal li jżommu d-dar, jaraw film favorit tagħhom. Meta jlestu mit-tpinġija, għidlhom biex jiftakru jagħmlu din l-attività

rilassanti meta jgħaddu minn esperjenza ta' kunflitt bejn il ġenituri sabiex inaqsu l-istress.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jpinġu lil Ċika meta tkun qed iġġarrab kunflitt bejn il-ġenituri. Huma juru t-tpinġija lill-ġenituri tagħhom u flimkien jaħsbu xi ħsibijiet pożittivi li Ċika tista' taħseb, inżommu dejjem f'moħħna li nenfasizzaw li l-kunflitt bejn il-ġenituri ma jibdiex minħabba l-imġiba tat-tfal iżda minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri nfushom.

**NAĦSBU B'MOD POŻITTIV DWAR IL-KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI**

*Lill-ġenituri: It-tfal ipinġu lil Ċika meta tkun qed tara lill-ġenituri tagħha jitlewmu. Imbagħad għinhom jaħsbu dwar ħsibijiet pożittivi li Ċika tista' taħseb dwar dan il-kunflitt biex tħossha aħjar f'dik is-sitwazzjoni.*

---

**Pinġi lil Ċika meta tara l-ġenituri tagħha jitlewmu bejniethom.**





# Attività 3: Ċika tfassal pjan ta' azzjoni

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal kunflitt bejn il-ġenituri.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni dwar x'nista' nagħmel meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-folja t'Attività.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f' Attività lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet::

- X'ġara fil-familja ta' Ċika'?
- X'ħasbet Ċika dwar ir-raġuni għaliex il-ġenituri tagħha kienu qed jitlewmu?
- Kif ħassitha Ċika meta l-ġenituri tagħha bdew jargumentaw u jiġġieldu?
- X'għamlet Ċika biex tgħin lilha nnifisha?
- X'parir tagħtha oħtha?

- Kif iħossuhom it-tfal f'sitwazzjoni bħal din?
- X'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu s-sitwazzjoni għall-aħjar?

4. Imbagħad tista' tuża l-pupazz tal-qanfud billi tlibbsu xi aċċessorju li jagħtih dehra t'anzjan. Ippreżentah lill-istudenti billi tgħidilhom kif Ċika marret għand dan il-qanfud xiħ u għaref, biex tikseb l-għajnuna ħalli tkun tista' tirrispondi għas-sitwazzjoni. Il-qanfud għaref tal-foresta ġie l-klassi biex jispjega lill-istudenti x'jistgħu jagħmlu f'sitwazzjoniji bħal din:

"Jekk il-ġenituri tiegħek ikollhom xi jgħidu bejniethom, huwa naturali li inti ma tħossokx sew u jkollok emozzjonijiet u ħsibijiet negattivi. Ma fiha xejn lanqas jekk inti tħoss li trid tibki. U ftakar li meta l-ġenituri jiġġieldu ma jkunx tort tiegħek. Imma wara li tibki jkun tajjeb għalik jekk inti tiftaħ qalbek ma' xi ħadd li tħobb (oħtok, ħuk jew ġenituri wara l-kunflitt). Imbagħad l-iktar parir importanti li nista' nagħtikom huwa li tużaw moħħkom biex taħsbu b'mod pożittiv dwar din l-esperjenza."

Tista' taħseb xi ħsibijiet pożittivi li Ċika tista' taħseb biex tħossha aħjar?"

5. L-istudenti jipprovaw jgħinu lil Ċika x'tista' tagħmel f'dik is-sitwazzjoini u kif tista' taħseb b'mod pożittiv. Per eżempju: "Il-kunflitt ta' bejn il-ġenituri tiegħi huwa bħax-xità, u meta tieqaf ix-xità, ix-xemx tiżreġ," jew "Il-ġenituri tiegħi xi kultant jiġġieldu, iżda jħobbu lil xulxin. Nittama li ma jdumux ma jsibu soluzzjoni ħalli l-ġlied jieqaf". Agħmel poster kbir ta' dawn l-ideat. Jistgħu ukoll jirreċtaw x'uħud minn dawn l-ideat.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jpinġu lil Ċika meta tkun qiegħda ġġarrab kunflitt bejn il-ġenituri. Imbagħad juru t-tpinġija tagħhom lill-ġenituri u flimkien jaħsbu f'ideat biex jgħinu lil Ċika tirrispondi għas-sitwazzjoni.

## KIF NIRRISPONDU META JKUN HEMM KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI

*Lill-ġenituri: It-tfal ipinġu lil Ċika meta tkun qed tara l-ġenituri tagħha jitlewmu. Imbagħad għinuhom joħorġu b'ideat dwar kif Ċika tista' tirrispondi għal din is-sitwazzjoni, fil-waqt li tenfasizzaw li kunflitt bejn il-ġenituri ma jibdiex minħabba l-imġiba ta' Ċika (t-tfal), iżda minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri nfushom.*

**Pinġi lil Ċika qed tara l-ġenituri tagħha jitewmu**





# SOTTOTEMA 4
# Kif nirrispondu meta ngħaddu minn telfa

**Ir-reazzjoni tat-tfal meta jgħaddu minn telfa tiddependi fuq il-livell tal-iżvilupp tagħhom, l-isfond kulturali tagħhom, ir-reazzjoni tal-adulti ta' madwarhom, u t-tip ta' telfa li jkunu ġarrbu. Apparti minn dawn il-fatturi, it-tfal jirreaġixxu għal telfa f'modijiet differenti. Tfal żgħar ħafna jistgħu jorbtu t-telf ta' xi ħadd ma' tip ta' ħsieb li jissejjaħ 'magical thinking'. Pereżempju, it-tfal jistgħu jaħsbu li huma setgħu kkawżaw il-mewt ta' xi ħadd billi ħasbu fuq hekk jew inkella li xi ħadd li miet jista' jerġa' jqum. Tfal fis-snin tal-primarja jibdew jifhmu l-idea li l-mewt hi permanenti. F'din l-età, it-tfal jistgħu jaħsbu li l-mewt tiġri lil ħaddieħor iżda ma tistax tiġri lilhom jew lill-familja tagħhom. Fi żmien ta' telfa, it-tfal għandhom jitħallew jgħaddu min-niket u l-weġgħa ta' qalb li l-mewt tista' tħalli u l-adulti għandhom juruhom li huwa normali li ġġarrab emozzjonijiet differenti meta tgħaddi minn telfa. L-adulti għandhom ikunu kemm jista' jkun diretti u onesti fuq dak li ġara, u jirrispondu l-mistoqsijiet tat-tfal biex jgħinuhom jifmhu x'ġara. It-tfal għandhom ikunu mħeġġa jesprimu kif qed iħossuhom b'modi kreattivi u għandhom iżommu r-rutina tagħhom tas-soltu. Fl-aħħarnett, meta t-tfal qed iġarrbu xi tip ta' telfa, l-adulti li jieħdu ħsiebhom għandhom jassigurawhom li se jkunu hemm għalihom u li hemm nies li jistgħu jkunu ta' appoġġ għalihom (NASP, 2003). Dawn l-attivitajiet ġew iddisinjati bil-ħsieb tal-istadji differenti li t-tfal jgħaddu minnhom meta jġarrbu telfa u l-aħjar modi kif l-adulti u l-ħbieb jistgħu jgħinuhom. F'din is-sottotema, it-tfal se jitgħallmu jidentifikaw dawk in-nies li jistgħu jmorru għandhom għall-għajnuna, jiddeskrivu min jista' jgħinhom jekk jitilfu annimal jew ġugarell favorit, u jidentifikaw in-nies importanti fis-*support system* tagħhom.**

| | |
|---|---|
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN TELFA**<br>• JIDENTIFIKAW IL-PERSUNI LI JISTGĦU JAGĦTUHOM APPOĠĠ META JKUNU MDEJQIN.<br>• JIDENTIFIKAW IL-PERSUNI LI JGĦINUHOM JEKK IĠARRBU T-TELFA TA' ANNIMAL JEW ĠUGARELL FAVORIT.<br>• JIDDESKRIVU PERSUNI FIS-*SUPPORT SYSTEM* TAGĦHOM. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Agħti lill-istudenti l-opportunità li jirrakkuntaw l-istorja tagħhom u ismagħhom sew. Meta ssir taf bi student fil-klassi li tilef lil xi ħadd li jħobb, iltaqa' mal-klassi u infurmahom b'dak li qed jiġri (dejjem jekk il-familja u l-istudent innifsu jkunu jixtiequ) u flimkien iddiskutu xi affarijiet li tistgħu tagħmlu biex tgħinuh. Oqgħodu attenti li tħallu lill-istudenti jirrispondu għat-telfa bil-mod li jixtiequ huma.

2. Tista' tistaqsi lill-istudenti biex jagħmlu ċollage biex tiċċelebraw il-memorja tal-persuna, jew ta' dik il-ħaġa speċjali li tilfu.

3. Biex tagħti l-ispazju lill-istudenti jiftakru f'memorji speċjali, staqsihom iġibu l-iskola xi ħaġa li tfakkarhom fi żmien speċjali. Dan jista' jkun ritratt, oġġett, stampa, eċċ. L-istudenti jistgħu jaqsmu l-memorji tagħhom waqt *circle time*.

# Attività 1: In-nies li jħobbuni

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw il-persuni li jistgħu jagħtuhom appoġġ meta jkunu mdejqin.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inkun naf għand min nista' mmur meta nkun imdejjaq.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', karti vojta, il-folja t'attività 'Meta jkolli d-dwejjaq nista' niftaħ qalbi ma'...'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Żrinu ma jibqax joqgħod fil-ġnien**

**Ċika u Żigu kellhom ħabib tal-qalb jismu Żrinu. Żrinu kien żrinġ li kien jgħix fl-għadira. Wara nofsinhar Ċika u Żigu kienu jiltaqgħu ma' Żrinu ħdejn l-ikbar siġra fejn l-għadira. Żigu u Żrinu kienu jieħdu ħafna gost flimkien. Kienu jgħumu, iċafċfu u jaqbżu fl-għadira. Kienu jikkompetu bejniethom min minnhom kien jaf jgħum l-iktar imma Żrinu kien dejjem jirbaħ. Jum wieħed Żrinu qal lil Żigu u Ċika li l-familja tiegħu kellha tmur toqgħod f'għadira oħra, għax ma kinux qed isibu ikel biżżejjed f'din l-għadira. Kellhom imorru joqogħdu ġo foresta oħra li kienet tinsab 'il bogħod ħafna. Ċika u Żigu ma kenux ħa jerġgħu jarawh aktar lil Żrinu! Ma kenux ikunu jistgħu jgħumu miegħu aktar fl-għadira jew jikkompetu bejniethom biex jaraw min kien kapaċi**

**jgħum l-iktar!**

**Ċika ma setgħetx temmen li ma kenitx ħa tarah aktar lil Żrinu. Żigu wkoll għamel ħafna dwejjaq. Ċika u Żigu ħassew li qatt ma kienu se jkunu kunenti mingħajr ma jaraw lil Żrinu. F'dan iż-żmien ikrah, il-familji ta' Ċika u Żigu għenuhom billi semgħuhom u tawhom tgħanniqa kbira meta kellhom bżonnha. Dakinhar fl-għaxija Ċika u Żigu żaru lill-familja ta' Żrinu. Flimkien, bdew jiftakru fl-affarijiet sbieħ li Ċika, Żigu u Żrinu kienu jagħmlu flimkien. Ċika u Żigu taw rigal speċjali li għamlu għal Żrinu: werqa mill-isbaħ li fuqha jkun jista' jżomm f'wiċċ l-ilma tal-għadira l-ġdida. Dawn l-istejjer u rigali għenu lil Ċika, Żigu u Żrinu biex jindunaw li kull wieħed minnhom dejjem ikollu post speċjali f'qalbhom.**

**Fl-aħħar Żrinu mar joqgħod ġo għadira mbiegħda. Ċika u Żigu baqgħu jiltaqgħu fejn l-ikbar siġra fejn l-għadira kuljum wara nofsinhar. Kienu ta' spiss jitkellmu dwar Żrinu u jidħqu flimkien meta jiftakru fil-memorji sbieħ li kellhom miegħu. Ċika u Żigu kienu iktar ferħanin issa li kienu jafu li Żrinu dejjem kellu post f'qalbhom.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar din l-storja?
- Għaliex kellhom qalbhom sewda Żigu u Ċika?
- Min għen lil Ċika u Żigu f'dan iż-żmien diffiċli?
- Kif irrispondew Ċika u Żigu għat-telfa tal-ikbar ħabib tagħom?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għaddejt minn esperjenza bħal ta' Ċika u Żigu, bħal meta ġġarrab it-telfa ta' xi annimal li żżomm id-dar?
- Kif jistgħu iħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew lil xi ħadd għażiż għalihom?
- X'jista' jkun ta' għajnuna għal dawn it-tfal?

5. Għid lill-istudenti li meta jitiflu xi ħaġa jew xi ħadd li jħobbu, huwa importanti li l-adulti jkunu lesti li jgħinuhom u jieħdu ħsiebhom. Fuq biċċa karta, l-istudenti jpinġu mad-dawra t'idhom u fuq in-naħa ta' fuq ta' kull suba' jpinġu l-persuni għand min jistgħu imorru jekk iġarrbu t-telfa ta' xi ħadd jew xi ħaġa għal qalbhom. Alternattiva oħra hija li tagħmel użu mis-sitwazzjoni ta' Ċika u Żigu. Tista' tagħmel dan f'forma ta' mappa jew siġra wkoll (speċi ta' *mindmap*).



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jpinġu mad-dawra t'idhom. Il-ġenituri imbgħad jigħdu lill-istudentt jiktbu lista tal-persuni għand min jistgħu jirrikorru għal għajnuna meta jkunu mnikktin. Il-ġenituri jistgħu jiktbu persuna (li tkun t' għajnuna) fuq kull suba'.




## META JKOLLI QALBI SEWDA NISTA' NIFTAĦ QALBI MA'...

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipinġu madwar idejhom, u staqsuhom għand min jistgħu jmorru biex jiftħu qalbhom meta jkollhom qalbhom sewda. Ikteb l-isem tal-persuni fuq kull suba'.*





# Attività 2: Min jista' jgħinni?

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw il-persuni li jgħinuhom jekk iġarrbu t-telfa ta' annimal jew ġugarell favorit

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nsemmi l-persuni li jistgħu jgħinuni jekk inġarrab it-telfa ta' annimal jew ta' ġugarell favorit tiegħi.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ċarts jew karti A4 ,kuluri tal-lapes, kuluri tax-xemgħa jew *markers*, il-folja t'attività 'Kif jistgħu jgħinuni?'



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.
2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'.
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:
    - Għaliex kellhom qalbhom sewda ħafna Ċika u Żigu?
    - Min kien t'għajnuna għal Ċika u Żigu f'dan iż-żmien diffiċli?
    - X'għamlu biex il-familji u sħabhom jgħinuhom?
    - Kif ħassewhom fl-aħħar Ċika u Żigu?
4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli tlift xi ħaġa jew lil xi ħadd li veru tħobb, bħall-annimal jew ġugarell għal qalbek?
- Kif ħassejtek?

5. Għid lill-istudenti li meta jġarrbu t-telfa ta' xi ħaġa jew lil xi ħadd li jħobbu, huwa ferm importanti li jkunu jafu li l-adulti huma lesti li jgħinuhom u jieħdu ħsiebhom. Fuq biċċa karta, l-istudenti jpinġu madwar idejhom u fit-tarf ta' kull suba' jpinġu lil dawk il-persuni li jistgħu jgħinuhom jekk iġarrbu t-telfa ta' xi ħadd jew ta' xi ħaġa li jħobbu. Alternattiva oħra hija li tagħmel użu mis-sitwazzjoni ta' Ċika u Żigu. Jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu mappa jew siġra wkol (*mindmap*).

6. Imbagħad staqsi dawn il-mistoqsijiet lill-istudenti:

- Min huma n-nies li jistgħu jgħinuk jekk iġġarrab it-telfa ta' xi ħadd jew xi ħaġa li tħobb, bħal annimal jew ta' xi ġugarell favorit tiegħek?

Kif juruk li jħobbuk u jappoġġawk fi żminijiet diffiċli dawn il-persuni? (Jekk l-istudenti jsibu din il-mistoqsija diffiċli, agħti xi eżempji. Tista' tgħid li l-adulti juru mħabbithom lejn it-tfal u joffrulhom appoġġ billi jieħdu ħsiebhom, isajrulhom, jisimgħuhom meta jkollhom problema. Tfal oħrajn jistgħu juru li jagħtu kashom billi jilagħbu magħhom eċċ.)

7.L-istudenti jpinġu stampa ta' persuna li tista' tgħinhom jekk iġarrbu t-telfa t'annimal jew ġugarell favorit għalihom.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu t-tpinġija tagħhom id-dar biex juruha lill-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri isaqsu lill-istudenti: 'X'tista' tagħmel biex turik li tħobbok u tgħinek dik il-persuna li pinġejt?' L-istudenti jippruvaw jaħsbu f'modi differenti kif din il-persuna tista' tgħinhom meta jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli. (eż. tgħannaqhom, tkellimhom eċċ.) u jpinġu stampa dwar dan fuq il-folja t'attività.




## KIF JISTGĦU JGĦINUNI?

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal kif il-persuni li jħobbuhom bħall-ġenituri jistgħu juru lil uliedhom li jħobbuhom u jagħtuhom appoġġ meta jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli. It-tfal tagħkom ipinġu f'din il-folja x'jistgħu jagħmlu dawn in-nies importanti f'ħajjithom biex igħinuhom.*





# Attività 3: Is-*support system* tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu l-persuni fis-*support system* tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nsemmi l-persuni fis-*support system* tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', ċarts jew folji ta' karti A3 tal-kulur, ritratti ta' persuni li nħobb, stampi minn rivisti, kuluri tal-lapes jew tax-xemgħa jew *markers*, kolla, dekorazzjonijiet, il-folja t'attività 'Kif nista' ngħinhom?'



## Passi tal-Attività

1. Ftit ġranet qabel l-attività, staqsi lill-ġenituri biex l-iskola jibagħtu xi ritratti tal-familja tal-istudent.

2. Fl-ewwel ġurnata tal-attività ibda l-lezzjoni b' Attività ta' Moħħnihawn.

3. Aqra l-istorja f' Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba'

4. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

   - Għaliex kellhom ħafna dwejjaq Ċika u Żigu?
   - Min kien ta' għajnuna għalihom f'dan iż-żmien diffiċli?
   - X'għamlu l-familji tagħhom u sħabhom biex jgħinuhom?
   - Kif ħassewhom fl-aħħar Ċika u Żigu?

5. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

   - Ġieli ġarrabt xi esperjenza bħal ta' Ċika u Żigu fl-istorja? Kif ħassejtek?

- Meta tifel jew tifla jġarrbu t-telfa ta' xi ħadd li jħobbu, bħal xi ħabib/ħabiba, huwa importanti li l-adulti jkunu t'għajnuna għalihom u jieħdu ħsiebhom. Min huma l-persuni li jħobbuk u li jieħdu ħsiebek?

- Kif juruk li jħobbuk u jagħtuk appoġġ dawn il-persuni meta tkun imdejjaq/imdejqa? (Jekk l-istudenti jsibu din il-mistoqsija diffiċli, agħti eżempji: l-adulti juruhom li jħobbuhom billi jieħdu ħsiebhom, jipprepawlhom l-ikel, u jisimgħuhom meta jkollhom problema. Tfal oħra jistgħu juru li jagħtu kashom billi jilagħbu magħhom e⍰t.)

6. Aqsam lill-istudenti fi gruppi u għinhom jagħmlu *collage* tas-sistema tas-sapport/appoġġ tagħhom. Jistgħu jifirdu l-*collage* f'sezzjonijiet differenti: membri tal-familja tat-tifel/tifla, persuni fl-iskola tat-tifel/tifla, u ħbieb, jew inkella skont il-preferenza tat-tifel/tifla.

7. L-istudenti jistgħu jitkellmu dwar il-*collage* meta jkollhom *circle-time*, bħala metodu biex tagħlaq l-attività. Xi mistoqsijiet biex jiggwidawk fis- *circle-time* jistgħu jinkludu:

- Min huma l-persuni li jtuk appoġġ?
- Kif juruk li jħobbuk u jtuk appoġġ?
- Kif nistgħu nuru mħabba u nagħtu appoġġ lil persuna oħra?



## Attività għad-Dar

Flimkien mal-istudenti, il-ġenituri jagħmlu lista ta' kif it-tfal jistgħu juru mħabba u jagħtu appoġġ lill-ħabib/ħabiba li ġarrab it-telfa ta' xi ħadd jew xi ħaġa speċjali. It-tfal ipinġu stampa ta' x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lil xi ħabib/ħabiba li jkun għadu kemm ġarrab it-telfa ta' xi ħadd jew xi ħaġa speċjali.




## KIF NISTA' NGĦINHOM?

*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal tagħkom, għamlu lista tal-affarijiet li jistgħu jagħmlu biex juri mħabba u joffru appoġġ lil xi ħabib/a jew membru tal-familja li għadu kemm ġarrab it-telfa ta' xi ħadd jew xi ħaġa speċjali. Imbgħad ipinġu stampa tal-ħabib/a hawn taħt.*





# SOTTOTEMA 5
# Kif nirrispondu għall-kunflitt u l-*bullying*

**Kulħadd għandu xewqat u bżonnijiet differenti u għalhekk huwa normali għat-tfal li jgħaddu minn xi kunflitt ma' ħaddieħor. It-tfal jistgħu jippruvaw jirrisolvu kunflitt f'modi varji iżda li mhux dejjem b'mod kostruttiv, bħal per eżempju jidħlu f'argumenti, jużaw il-forza, jew jevitaw li jirrisolvu l-kunflitt. Iżda dawn l-istrateġiji mhumiex effettivi ħafna biex nirrisolvu kunflitt u niksbu riżultat li kulħadd ikun kuntent bih. Fost il-ħiliet li t-tfal għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jirrisolvu kunflitt b'mod effettiv huma l-kapaċità li jikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħhom, bħal per eżempju li jibqgħu kalmi, u l-kapaċità li jifhmu lill-oħrajn.**

**Għalkemm huwa normali li meta jkun hemm nuqqas ta' qbil żewġ individwi jew iktar jiġu f'kunflitt, il-*bullying* huwa dejjem ħażin. Il-*bullying* iseħħ meta persuna jew grupp ta' nies kontinwament u intenzjonalment jaqbdu ma', jattakkaw jew iweġġgħu lil persuna oħra li ma tistax tiddefendi lilha nnifisha. *Bullying* jista' jkun fiżiku jew verbali fejn dak li jkun jista' jheddek, iwarrbek, jinjorak, jaqbad miegħek, jgħajrek, jaqla' l-qlajjiet fuqek, jeħodlok l-affarijiet, iwaddablek jew jagħmillek ħsara fl-affarijiet tiegħek, isawtek u jittrattak b'mod vjolenti. Dan l-aħħar is-*ċyber bullying* beda jseħħ b'mod iktar frekwenti. F'din is-sottotema, l-istudenti jitgħallmu jagħrfu d-differenza bejn kunflitt u *bullying*, u x'jistgħu jagħmlu biex jipprevjenu u jirrisondu għall-*bullying* b'mod effettiv.**

| | |
|---|---|
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | **KIF NIRRISPONDU GĦALL-KUNFLITT U L-*BULLYING*** |
| | • JIRREAĠIXXU B'MOD KALM META JGĦADDU MINN SITWAZZJONIJIET TA' KUNFLITT<br>• JIDENTIFIKAW MODI DIFFERENTI TA' KIF JIRRISPONDU GĦALL-KUNFLITT, BĦALL-*BULLYING*.<br>• IKUNU JAFU KIF JISTGĦU JIRRISOLVU KUNFLITT BĦALL-*BULLYING*, B'MOD KOSTRUTTIV. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Agħti l-istudenti l-opportunità biex jesprimu kif iħossuhom dwar il-*bullying* u organizza laqgħat fejn il-klassi titkellem fuq il-*bullying* u r-relazzjonijiet bejn l-istudenti.

2. Ittratta kemm min qed jibbulja u kemm min qed jiġi bbuljat b'rispett u ġentilezza. Urihom li inti hemm biex tismagħhom u tgħinhom isolvu l-problemi u jirrisolvu l-kunflitti tagħhom. Tinsiex li ħafna drabi l-*bullies* ikunu għaddejjin minn problemi huma stess u jkunu vittmi huma stess f'kuntesti oħrajn.

3. Għid lill-istudenti li jekk qed jiġu bbuljati, jistgħu jiġu jkellmuk fil-privat u qatt m'inti se tikxef min ġie jkellmek. Jistgħu jiktbulek nota jew jistaqsuk jekk jistgħux jitkellmu miegħek fil-ħin tal-brejk fuq kwalunkwe ħaġa li jixtiequ huma, imma inti se tirrispetta l-kunfidenzjalita`.

4. Oqgħod attent/a għal xi sinjali fil-klassi li huma relatati mal-*bullying*, u għal dawk l-istudenti li jistgħu jkunu iktar vulnerabbli għall-*bullyingbullying* (studenti li jkunu waħedhom, studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim jew b'diżabilita`, jew studenti minn xi minoritajiet).

# Attività 1: Rokna għall-kwiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jirreaġixxu b'mod kalm meta jgħaddu minn sitwazzjonijiet ta' kunflitt.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nirreaġixxi b'mod kalm meta nsib ruħi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja karta kbira, lapsijiet tal-kulur, *markers*, kolla, il-folja t'Attività 'Ir-rokna għall-kwiet' fid-dar tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b' Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':.

**Kif nikkalmaw**

**Żigu kien qed jieħu gost jilgħab ma sħabu meta f'daqqa waħda żewġ annimali rrabjaw għal xulxin u bdew jiġġieldu. Żigu u l-annimali l-oħrajn għamlu ħilithom biex jippruvaw jifirdu liż-żewġ annimali rrabjati u jgħidulhom biex jikkalmaw. Qalulhom biex jieħdu nifsijiet qawwija 'l ġewwa. Meta ż-żewġ annimali kkalmaw, poġġew bil-qiegħda u tkellmu flimkien dwar x'ġara. Żigu u sħabu għinuhom billi saqsewhom xi mistoqsijiet.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għamlu Żigu u sħabu?
- X'taħseb dwar il-pariri li ssuġġerew lill-annimali li kienu qed jiġġieldu?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom din il-mistoqsija

- Ġieli kont irrabjat/a bħal dawn iż-żewġ annimali? Kif irnexxielek tikkalma?

5. Għid lil-istudenti li ħa tarma post speċjali fil-klassi li ħa tkun 'ir-rokna għall-kwiet' tagħhom. Spjega li 'r-rokna għall-kwiet' huwa l-post fejn jistgħu jistkennu meta jkunu rrabjati, frustrati jew imdejqin. F'dan il-post jistgħu jikkalmaw, jikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħhom u, meta jħossuhom lesti, jerġgħu jingħaqdu mal-grupp.

6. Saqsi lill-istudenti:

- Għandek post speċjali fejn tista' ssib il-paċi u l-mistrieħ meta tħoss il-bżonn?
- Għaliex hija ħaġa tajba li jkollok post bħal dan? Fejn tixtiequ li narmaw 'ir-rokna għall-kwiet' fil-klassi jew fl-iskola tagħna?
- Kif ħa narmawha?
- X'tixtiequ li jkolkom fir- 'rokna għall-kwiet'?
- Tistgħu taħsbu f'xi attivitajiet li jgħinukom tikkalmaw meta tħossukom irrabjati jew imdejqin?

7. L-istudenti jpinġu fuq karta kbira l-attivitajiet/persuni/affarijiet li jgħinuhom jikkalmaw.

8. 'Rokna għall-kwiet' trid tkun immarkata b'mod li tispikka eż. b'kulur differenti. Kun żgur li jkun hemm ħafna mill-affarijiet li l-istudenti jkunu xtaqu li jpoġġu fir-'rokna għall-kwiet'. Poġġi l-karta l-kbira bit-tpinġija tal-istudenti dwar modi differenti kif jikkalmaw fir-'rokna għall-kwiet'.

9. Tkellem dwar f'liema sitwazzjonijiet nistgħu nistkennu fir-'rokna għall-kwiet'. Ftiehem mal-istudenti li jistgħu imorru fir-'rokna għall-kwiet' meta jħossuhom irrabjati, nervużi ħafna, imdejqin, li jistgħu jidħlu fiha b'mod volontarju u dejjem wieħed, wieħed.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jpinġu kif jixtiequ li tkun ir-'rokna għall-kwiet' fid-dar tagħhom u wara ddiskuti mal-ġenituri kif din tista' ssir.




## IR-ROKNA GĦALL-KWIET TIEGĦI FID-DAR TIEGĦI

*Lil-ġenituri: Fl-iskola it-tfal tkellmu dwar 'rokna għal-kwiet' fejn ikunu jistgħu jistkennu meta jħosshom irrabjati, nervużi jew imdejqin. Staqsu lit-tfal kif jixtiequ jarmaw 'rokna għall-kwiet' fid-dar tagħkom, u jpinġuha hawn taħt.*





# Attività 2: Mod kif nikkalma

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw modi differenti ta' kif jirrispondu għal kunflitt bħall-*bullying*.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Insib modi differenti kif nikkontrolla emozzjonijiet marbuta ma' kunflitt bħall *bullying*.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', lapsijiet tal-kulur, karti tat-tpinġija, il-folja t'Attività 'Aħna nistgħu nikkalmaw!'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-mamà tgħin lil Ċika biex tikkalma**

**Darba minnhom Ċika waslet id-dar imdejqa ħafna. Bdiet tirtogħod bir-rabja għax qanfud imqareb qagħad jaqad magħha. Meta ommha ratha f'dak l-istat, qaltilha biex tpoġġi bilqiegħda u tikkilma. Qaltilha: "Agħlaq għajnejk u ffoka fuq in-nifs. Ħu n-nifs normali. Ikkonċentra fuq in-nifs 'il ġewwa u 'l barra. Bħalissa inti tinsab kalma. Ipprova ftakar f'episodju meta xi ħadd jew xi ħaġa irrabjak. Immaġina din l-istampa. Ipprova ftakar kif kien dan l-episodju. Erġa' ara n-nies ta madwarek u erġa' isma' d-diskors li ntqal. *Terġa'* tħoss l-istess emozzjonijiet. Terġa' tħoss id-dwejjaq, *terġa'* tħossok tfur bir-rabja. Inti rrabjata. Irrabjata ħafna.**

**Issa pprova ikkalma. Immaġina li inti bużżieqa. Meta tieħu n-nifs 'il ġewwa (onfoħ il-bużżieqa), ħu nifs il-barra u eħles mir-rabja u għajjat Uuuuu fl-istess ħin. Irrepeti din l-azzjoni darbtejn (ħu nifs il-ġewwa qawwi u itfa n-nifs il-barra u għajjat Uuuuuu) darbtejn."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-

mistoqsijiet:

- Xi ġralha Ċika?
- Kif ħassitha?
- X'għamlet ommha biex tikkalmaha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli ħassejt dwejjaq jew rabja bħal Ċika?
- Aħseb ftit dwar kif il-metodu li bih omm Ċika għenet lil bintha. Taħseb li lilek jista' jgħinek ukoll?
- Taħseb li dan il-metodu jista' jgħin lill-tfal oħrajn biex jikkalmaw ukoll?

5. L-istudenti jiftakru xi ġrajja li ġagħlithom jirrabjaw bħal ma ġara lil Ċika. Jiftakru x'kienet din l-istorja? Min kien involut? Kif ħassewhom dak in-nhar? Issa jippruvaw jikkalmaw billi jxejru idejhom, jinżlu kokka fl-art u jaqbżu 'l fuq u 'l isfel.

6. L-istudenti jerġgħu jiftakru ġrajja li rrabjathom u jikkalmaw billi jpinġu is-sitwazzjoni jew il-persuna li ġagħlithom jirrabjaw. Meta jlestu t-tpinġija, jgħaffġu l-karta u jarmuha.

7. Tkellem mal-istudenti dwar modi differenti kif jistgħu jikkalmaw. Liema strateġija għoġbithom l-iktar u għaliex?



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddeskrivu tliet strateġiji li jgħinuhom jikkalmaw u jpinġu l-aktar waħda li togħġobhom.




## AĦNA NISTGĦU NIKKALMAW!

*Lill-Ġenituri: Fl-iskola, it-tfal iddiskutew strateġiji kif jistgħu jikkalmaw meta jħossuhom irrabjati wara kunflitt, billi jxejru jdejhom, jinżlu kokka u jerġgħu jqumu, jew jaqbżu 'l fuq u 'l isfel. Għidu lit-tfal jiddiskrivu u juruk dawn l-istrateġiji, u wara jpinġu l-aktar waħda li togħġobhom.*

___________________________________________________________________





# Attività 3: Nirrispondu għall-*bullying* b'mod kostruttiv

## L-Għan tat-Tagħlim

Jirrisolvu kunflitt bħall-*bullying*, b'mod kostruttiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insolvi l-kunflitti bħall-*bullying* b'mod kostruttiv.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', folja t'attivita`



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b' Attività ta' Moħħnihawn
2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Faru jaqbad ma' Żigu u Ċika**

**Waqt li kienu mexjin fil-foresta , Żigu u Ċika sabu xelter perfett biex jipproteġu lilhom infushom mill-isqra, għasafar kbar li jikkaċċċjaw għall-annimali żgħar bħal Żigu u Ċika. Kien post sigur ħafna, u ddeċiedew li jqattgħu il-lejl hemmhekk. Iżda f'ħin minnhom kien għaddej Faru, ġurdien kbir li kien qed iħuf u ifttex xi ħaġa x'jiekol fid-dalma tal-lejl. Faru kien ġurdien kburi u jaħseb li kien aqwa minn kull annimal ieħor.Sikwit kien jaqbad ma' ġrieden oħra iżgħar minnu. Daħal inkiss inkiss fix-xelter u werżaq kemm felaħ. Żigu u Ċika qamu maħsuda u mwerwrin. Ħasbu li kien hemm xi annimal kbir fix-xelter. Faru beda jidħaq kemm jiflaħ bihom. Meta Żigu Ċika ndunaw x'ġara rrabjaw għal Faru, imma kienu beżgħana u ma kienux jafu x'jaqbdu jagħmlu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'iddeċidew li jagħmlu Ċika u Żigu meta kienu mexjin fil-foresta?
- X'ġara waqt li kienu reqdin?
- X'għamel Faru meta rahom maħsuda?
- X' kellhom jagħmlu Ċika u Żigu fl-aħħar?

4. Imbagħad irrelata l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Iltqajt ma' xi ħadd li għadda minnn esperjenza simili?
- Kif spiċċat is-sitwazzjoni?

5. L-istudenti jissuġġerixxu xi ideat dwar x' setgħu għamlu Ċika u Żigu fl-aħħar.

6. Għid lill-istudenti li ħa jirreċtaw reċta fejn il-kunflitt jiġi solvut. X'ħin għaddietilhom l-qata', Ċika saret ballun xewk u Żigu xxabbat mas-saqaf; Faru ma seta' jagħmel xejn u kellu jitlaq 'l hemm; l-għada Ċika u Żigu qalu kollox lill-ġenituri tagħhom u dawn imbgħad irrapurtaw x' ġara lill-ġenituri ta' Faru. Jekk l-istudenti jissuġerixxu soluzjonijiet alternattivi adekwati, nirreċtawhom ukoll bħala possibilitajiet dwar kif jistgħu jsolvu l-kunflitt.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jpinġu lil Ċika u Żigu jsibu soluzzjoni għal problema ta' Faru. Il-ġenituri jiddiskutu magħhom x'għandhom jagħmlu t-tfal meta jkunu *bullied* u li huma qiegħdin hemm biex jappoġġjawhom f'sitwazzjonjiet bħal dawn.

## NIEQFU LILL-*BULLY*!

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipinġu lil Ċika u Żigu jsibu soluzzjoni għal problema ta' Faru. Iddiskutu magħhom x'għandhom jagħmlu meta jkunu bullied u li intom qiegħdin hemm biex tappoġġjawhom f'sitwazzjonjiet bħal dawn.*

______________________________________________________________





# SOTTOTEMA 6
# Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

**It-tfal jgħaddu bosta bidliet u tranżizzjonijiet importanti f'ħajjithom, inkluż fil-familja, l-iskola, mal-ħbieb u gruppi soċjali, u rwoli differenti. Dawn jistgħu jkunu ta' biża' għal xi tfal u jistgħu jaffettwaw l-identità u s-*self-esteem* tagħhom (Bredekamp & Copple, 2009). Iżda jekk jirrispondu tajjeb għal dawn il-bidliet, dawn iservu bħala opportunità għat-tagħlim u żvilupp. F'dan is-sens, it-tfal jistgħu jgħaddu minn dawn il-bidliet b'suċċess billi ngħinuhom jadattaw għalihom u jagħmlu għanijiet ġodda. Din is-sottotema tiffoka fuq bidliet fl-ambjent soċjali tat-tfal (bħat-tranżizzjoni mill-*kindergarten* għall-iskola primarja) u bidliet oħrajn fil-familja (bħal meta tfal waħedhom iridu jadattaw għal wild ieħor fil-familja). L-istudenti jiġu megħjuna biex jiżviluppaw l-kapaċità li jadattaw b'suċċess għal bidliet u tranżizzjonijiet billi jifhmu l-bżonnijiet u jużaw il-ħiliet tagħhom biex ikomplu jikbru b'mod pożittiv.**

| Għanijiet tat-Tagħlim | **KIF NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN BIDLA**<br>• JIDENTIFIKAW OĠĠETT FIL-KLASSI LI GĦANDU VALUR EMOZZJONALI U IMPORTANTI GĦALIHOM.<br>• JAGĦRFU L-VALUR EMOZZJONALI/SIMBOLIKU TAL-OĠĠETTI LI HUMA MARBUTIN MA' ESPERJENZI POŻITTIVI TAL-ĦAJJA.<br>• JIDDESKRIVU U JAQSMU ĦSIBIJIET U EMOZZJONIJIET DWAR IT-TRANŻIZZJONI MILL-*KINDERGARTEN* GĦALL-ISKOLA PRIMARJA. |
|---|---|

# Għajnuniet għall-Għalliema

1. Il-ġenituri għandhom bżonn ikunu ppreparati għal bidla wkoll. Xi ġenituri jistgħu jħossuhom inkwetati fuq il-bidla speċjalment jekk ma jkunux infurmati fuq x'se jiġri. Huwa importanti li tagħti appoġġ lill-ġenituri u tipprovdi informazzjoni fuq x'jistgħu jagħmlu qabel ma sseħħ bidla kbira, per eżempju meta tasal bidu ta' sena skolastika oħra.

2. Ippjana xi laqgħat l-iskola fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-għalliema tal-futur tagħhom u jaraw kif inhi l-iskola l-ġdida. L-għalliema jistgħu jippjanaw xi attivitajiet interessanti għall-istudenti. Huwa importanti wkoll li xi ħadd juri kif inhu mqassam il-post (per eżempju, fejn huma l-kmamar tal-banju, il-*canteen* u l-bitħa).

3. Aqra stejjer dwar meta t-tfal jibdlu l-iskola u għid lill-istudenti jagħmlu reċti fuq l-istejjer biex tħeġġiġhom jesploraw l-emozzjonijiet li qed iġarrbu marbutin mal-bidla.

# Attività 1: Teri u l-memorji tiegħu

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw oġġett fil-klassi li għandu valur emozzjonali u importanti għalihom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insemmi xi oġġetti (bħall-ġugarelli, ritratti) li jfakkruni f'nies għal qalbi u affarijiet sbieħ f'ħajti.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *markers*, folji tal-karti, kuluri tax-xemgħa, *poster*, kolla, il-folja t'Attività 'Din hija importanti ħafna għalija'.



## Passi tal-Attività

1. . Ibda l-lezzjoni b' Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja li ġejja lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':

**Il-kaxxi tal-memorji**

**Kien tard wara nofsinhar u Ċika bdiet tħossha li xebgħet. Oħtha, Ġiġa, marret għand tal-ħanut m'ommha. Ċika ntefgħet fuq is-salott ma' missierha, imma wara ftit waħħlet f'rasha li tmur iżżur lil Teri, ballottra ħabiba tagħha li kienet toqgħod fil-qrib. Teri kellha ħafna x'tagħmel dakinhar! Kienet qed tgħin lill-ġenituri tagħha jippakkjaw biex imorru joqogħdu f'siġra oħra.**

**Ċika riedet tgħin lil Teri tippakkja izda meta rat il-kaxxi ppakkjati, qabditha l-kurżità biex tara x'fihom. Minflok ma għalqet il-kaxxi bdiet tiftaħhom biex tara x'fihom. Rat ritratti tal-familja ta' Teri, ħwejjeġ u ġugarelli. Ċika staqsietha għala kienu qed iżommu dawk l-affarijiet qodma kollha. Teri qaltilha li dawk l-oġġetti kienu jfakkruha f'memorji importanti għaliha. Issa li Teri u l-familja tagħha kienu ħa jmorru joqogħdu fuq siġra oħra, Teri bdiet tħossha xi fit beżgħana li ħa titlaq mid-dar tas-siġar li kellha bħalissa. Kienet taf li ħa ssib ħbieb ġodda imma dawk**

**ir-ritratti kienu jgħinuha tiftakar il-ħbieb ta' qabel u żżommhom dejjem f'qalbha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitek l-istorja?
- Kif ħassitha Ċika?
- Fejn marret?
- X'kienet qed tagħmel Teri?
- X'sabet Ċika ġol-kaxxi ta' Teri?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Għandek xi ġugarelli, ħwejjeġ jew ritratti li huma ħafna għal qalbek?
- X'inhuma dawn l-affarijiet? Għaliex huma daqshekk għal qalbek? F'min jew f'xiex ifakkruk?
- Kif jistgħu jkunu ta' użu għalina dawn l-affarijiet?

5. L-istudenti jpinġu xi ftit minn dawn l-oġġetti li semmew.

6. Għin lill-istudenti jifhmu li huwa possibbli li żżomm il-memorji ta' nies u ta' esperjenzi li għaddew minnhom u li issa għaddew. Tista' tagħti eżempji tiegħek personali jew turihom memorabilja professjonali biex tgħinhom. Huwa tajjeb li nenfasiżżaw l-importanza tar-ritratti u affarijiet oħrajn li jġeddu l-memorji ta' dak li ġara fil-passat u li jgħinuna fi żminijiet diffiċli, bħal meta Teri kienet ħa tmur toqgħod f'siġra ġdida.

7. Iġbor it-tpinġija tal-istudenti u fforma *poster* bihom.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jsaqsu lilll-ġenituri tagħhom biex jagħżlu oġġett huwa importanti għalihom. Il-ġenituri mbagħad jispjegawlhom it-tifsira li dan l-oġġett għandu għalihom, u l-istudenti jistgħu ipinġu dan l-oġġett fuq il-folja t'attivita`.

## DIN HIJA IMPORTANTI TASSEW!

*Lill-ġenituri: Agħżlu oġġett li huwa importanti għalikom u spjegaw lit-tfal it-tifsira li għandu għalikom. Imbagħad it-tfal ipinġu dan l-oġġett, u ħdejn it-tpinġija iktbu r-raġuni għaliex għażiltu dak l-oġġett.*

______________________________________________________





# Attività 2: Dan hu importanti għalija

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu l-valur emozzjonali/simboliku tal-oġġetti li huma marbutin ma' esperjenzi pożittivi tal-ħajja.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insemmi oġġetti li jgħinuni niftakar nies għal qalbi jew oġġetti oħrajn li ltqajt magħhom fl-imgħoddi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', *poster*, *markers*, il-folja t'Attività 'Din hija/Dan huwa importanti ħafna għalija!'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'Attività ta' Moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġbitek l-istorja?
- Fejn marret Ċika?
- X'kienet qed tagħmel Teri?
- X'sabet Ċika fil-kaxxi?
- Kif ħassitha Teri? Għaliex ħassitha hekk?
- Għaliex kien importanti għal Teri li żżomm dawk l-affarijiet?

4. L-istudenti jirriflettu dwar x’affarijiet jistgħu jkunu ta’ użu għal Teri biex ifakkruha fl-esperjenzi pożittivi li kellha ma’ sħabha.

5. Organizza logħba mal-istudenti: saqsihom biex jidentifikaw oġġett fil-klassi li jikkunsidraw importanti u jispjegaw ir-raġuni tagħhom għal din l-għażla. Agħti biżżejjed ħin biex jesploraw kull kantuniera fil-klassi qabel ma jagħżlu l-oġġett. Spjegalhom li l-oġġett magħżul jista’ jkun ġugarell, logħba, ktieb, kaxxa, *poster*, stampa.

6. Fl-aħħar, l-istudenti juru l-oġġett li għażlu lil sħabhom tal-klassi u jispjegaw ir-raġuni tagħhom għaliex għażluh.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jagħżlu oġġett li jfisser ħafna għalihom u jgħidu lill-ġenituri tagħhom liema hu dan l-oġġett ta’ importanza speċjali għalihom u għaliex. Jistgħu jpinġu l-oġġett.




## DIN HIJA/DAN HUWA IMPORTANTI ĦAFNA GĦALIJA!

*Lill-ġenituri: It-tfal jagħżlu oġġett fid-dar li hu ta' valur importanti għalihom u jgħidulek għaliex ifisser daqshekk għalihom. Imbagħad ipinġu dan l-oġġett hawn taħt.*





# Attività 3: Il-bidla tfisser li qed nikbru

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu u jaqsmu ħsibijiet u emozzjonijiet dwar it-tranżizzjoni mill-*kindergarten* għall-iskola primarja.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nifhem dwar dak li ħa ngħaddi minnu meta nibda l-iskola primarja u nipprepara ruħi għal din il-bidla.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi meħtieġa

Pupazzi tal-idejn jew tas-swaba', il-folja t'Attività 'Teri tibdel is-siġra', il-folja t'Attività 'L-ewwel ġurnata fl-iskola primarja', *poster*, lapsijiet,*markers*.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b' Attività ta' Moħħnihawn
2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti bl-użu ta' pupazzi tal-idejn jew tas-swaba':.
3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għoġibitek l-istorja?
- Fejn marret Ċika?
- X'kienet qed tagħmel Teri?
- X'sabet Ċika fil-kaxxi?
- Kif ħassitha Teri? Għaliex ħassitha hekk?

4. L-istudenti jimlew l-attività 'Teri tibdel is-siġra' biex jippruvaw isibu l-mogħdija li Teri hemm bżonn li tieħu biex tasal fis-siġra l-ġdida.

5. Fi tmiem l-attività, wara li kull student/studenta ikun/tkun sab/et l-mogħdija t-tajba, saqsihom jirriflettu dwar il-bidla li għamlet Teri. Teri ħa tiġi wiċċimb'wiċċ ma bidla kbira bħal dik li ħa jħabbtu wiċċhom magħha l-istudenti s-sena d-dieħla meta jibdew imorru skola primarja wara l-*kindergarten*.

Għinhom jirriflettu iktar fil-fond billi ssaqsihom:

- Ġieli ħsibt dwar kif ħa tkun s-sena d-dieħla meta tkun fl-ewwel klassi tal-iskola primarja?
- Hemm xi ħaġa li tagħmlek kuntent/kuntenta meta taħseb dwar is-sena d-dieħla?
- Hemm xi ħaġa li tinkwetak meta taħseb dwar is-sena d-dieħla? X'tista' tagħmel? Min jista' jgħinek biex ma tibqax tinkwieta?

6. Iġbor l-ideat kollha ġo *poster* u, flimkien mal-istudenti, identifaw liema strateġiji jistgħu jużaw biex isolvu l-inkwiet jew il-biża' tagħhom dwar it-tranżizzjoni għall-primarja. Huwa tajjeb li l-għalliem/għalliema jaċċetta/taċċetta dak kollu li qed jinkwieta lill-istudenti biex jgħinhom/tgħinhom jaqsmu l-esperjenzi emozzjonali tagħhom u jfittxu xi soluzzjonijiet li jkunu ħarġu bihom huma stess biex isolvu dawk id-diffikultajiet u ħsibijiet inkwetanti.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jiddiskutu mal ġenituri l-ewwel ġurnata fl-iskola primarja tas-sena d-dieħla, biex il-ġenituri ikunu jistgħu jassiguraw lil uliedhom u jxejnu l-ħsibijiet li jkunu qed jinkwetawhom. Jistgħu mbagħad ipinġu xi ħaġa sabiħa/pożittiva dwar din il-bidla.

## TERI TIBDEL IS-SIĠRA

GĦIN LIL TERI TASAL FEJN IS-SIĠRA L-ĠDIDA TAGĦHA







## L-EWWEL ĠURNATA FL-ISKOLA PRIMARJA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal dwar kif se tkun l-ewwel ġurnata tal-iskola tagħhom, isma' sewwa dak li ikun qed jinkwetahom, u assigurahom li kollox ser imur sew u li inti ser tkun dejjem hemm għalihom. Imbagħad ipinġu xi ħaġa sabiħa/pożittiva dwar dan l-avveniment li ser iseħħ fil-futur.*





**Che?klist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-Istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3: Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 6 Nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet.*** | |

| **6. NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET** | |
|---|---|
| **6.1. KIF NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI** | Livell 0, 1, 2 jew 3 |
| **6.1.1. Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi** | |
| 6.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam l-emozzjonjiet u l-ħsibijiet meta jiltaqa' madd-diffikultajiet | |
| 6.1.1.I. L-istudent kapaċi juża ħsieb pożittiv meta jiltaqa' mad-diffikultajiet | |
| 6.1.1.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni biex jegħleb id-diffikultajiet | |
| **6.1.2. Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard** | |
| 6.1.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet dwar id- diżabilità jew il-mard | |
| 6.1.2.I. L-istudent kapaċi jadotta mentalita`ta' determinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità jew mard | |
| 6.1.2.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal sitwazzjonijiet ta' diżabilità jew mard | |
| **6.1.3. Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni** | |
| 6.1.3.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet dwar diskriminazzjoni u inġustizzja | |
| 6.1.3.I. L-istudent kapaċi juża ħsieb pożittiv f'sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni u inġustizzja | |
| 6.1.3.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni kontra l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni. | |
| **6.2. KIF NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA** | |
| **6.2.1. Nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna** | |
| 6.2.1.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu meta jħossu mwarrab minn sħabu | |

[1] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 6.2.1.I. L-istudent kapaċi jaħseb b'mod pożittiv meta jħossu mwarrab minn sħabu | |
| 6.2.1.A. L-istudent kapaċi jaħseb f'numru ta' azzjonijiet li jista' jieħu meta jiġi mwarrab minn sħabu | |
| **6.2.2. Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema** | |
| 6.2.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu meta jħossu mwarrab mill-għalliema | |
| 6.2.2.I. L-istudent kapaċi jaħseb b'mod pożittiv meta jħossu mwarrab mill-għalliema | |
| 6.2.2.A. L-istudent kapaċi jaħseb f'numru ta' azzjonijiet li jista' jieħu meta jiġi mwarrab mill-għalliema | |
| **4.2.3. Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja** | |
| 6.2.3.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu meta jħossu mwarrab mill-ġenituri | |
| 6.2.3.I. L-istudent kapaċi jaħseb b'mod pożittiv meta jħossu mwarrab mill-ġenituri | |
| 6.2.3.A. L-istudent kapaċi jaħseb f'numru ta' azzjonijiet li jista' jieħu meta jiġi mwarrab mill-ġenituri | |
| **6.3. KIF NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT FIL-FAMILJA** | |
| **6.3.1. Nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa** | |
| 6.3.1.B[2]. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li jġarrab f'kunflitt mal-aħwa | |
| 6.3.1.I. L-istudent kapaċi jħares lejn kunflitt mal-aħwa minn lenti differenti | |
| 6.3.1.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni biex jevita u jirrispondi għal kunflitt mal-aħwa | |
| **6.3.2. Nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri** | |
| 6.3.2.B[3]. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li jgħaddi minnhom f'kunflitt mal-ġenituri | |
| 6.3.2.I. L-istudent kapaċi jħares lejn kunflitt mal-ġenituri minn lenti differenti | |
| 6.3.2.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni biex jevita u jirrispondi għal kunflitt mal-ġenituri | |
| **6.3.3. Nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri** | |

[2] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat
[3] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

| | |
|---|---|
| 6.3.3.B[4]. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li jgħaddi minnhom f'kunflitt bejn il-ġenituri | |
| 6.3.3I. L-istudent kapaċi jħares lejn kunflitt bejn il-ġenituri minn lenti differenti | |
| 6.3.3.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni biex jirrispondi għal kunflitt bejn il-ġenituri | |
| **6.4. KIF NIRRISPONDU META NĠARRBU TELFA** | |
| 6.4.B[5]. L-istudent kapaċi jidentifika l-persuni li jistgħu jagħtuh appoġġ meta jkun imdejjaq | |
| 6.4.I. L-istudent kapaċi jidentifika l-persuni li jgħinuh jekk iġarrab telfa ta' xi annimal jew ġugarell favorit | |
| 6.4.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi persuni fis-*support system* tiegħu | |
| **6.5 KIF NIRRISPONDU GĦALL-KUNFLITT U L-*BULLYING*** | |
| 6.5.B[6]. L-istudent kapaċi jirreaġixxi b'mod kalm meta jgħaddi minn sitwazzjoniet ta' kunflitt | |
| 6.5.I. L-istudent kapaċi jidentifika modi differenti ta' kif jirrispondi għal-kunflitt, bħall-*bullying* | |
| 6.5.A. L-istudent jaf kif jista' jirrisolvi kunflitt bħall-*bullying*, b'mod kostruttiv | |
| **6.6 KIF NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN BIDLA** | |
| 6.6.B7. L-istudent kapaċi jidentifika oġġett fil-klassi li għandu valur emozzjonali u importanti għalih | |
| 6.6.I. L-istudent kapaċi jagħraf il-valur emozzjonali/simboliku tal-oġġetti li huma marbuta ma' esperjenzi pożittivi tal-ħajja | |
| 6.6.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam ħsibijiet u emozzjonijiet dwar it-tranżizzjoni mill-*kindergarten* għall-iskola primarja | |

[4] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat
[5] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat
[6] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat
[7] B = Livell Bażiku, I = Livell Intermedju, A = Livell Avvanzat

Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:

Il-bżonnijiet tal-istudent/a:

Għanijiet għal titjib:

**APPENDIĊI 1**

**TEMA 1 KIF TGĦID LE**

**Ara l-verżjoni elettronika għall-ktejjeb sħiħ**



**APPENDIĊI 2**

***CARDS* TAL-ANNIMALI**

**Ara l-verżjoni elettronika għas-set kollu tal-*cards***



Ġimgħa wara oħra t-tfal daħlu jistennew biex ikomplu minn fejn ħallew Żigu u Ċika!

Il-lezzjonijiet niżlu tajjeb ħafna. Ta' pjaċir u eċitanti. Interessanti tara kif 'kibru' l-istudenti.

M'hemmx riċetta maġika ta' kif nibnu r-reżiljenza fit-tfal, imma ninsab ċert li dan il-kurrikulu huwa mod tajjeb ħafna kif tagħmel dan.

***Għalliema***

Tgħallimt kif l-ostakli jistgħu jsiru opportunità.

Tgħallimt kif inġib ruħi b'mod kalm mingħajr ma nkun irrabjat mal-oħrajn.

Dan il-programm għoġobni għax tgħallimna kif naħsbu b'mod pożittiv.

***Studenti tal-Primarja***

RESCUR huwa mibni fuq minjiera ta' informazzjoni miġbura minn professjonisti u riċerkaturi. Il-materjali huma ddisinjati bil-ħsieb li jappellaw għad-dinja interna tat-tfal, permezz ta' stejjer, mużika, poeżija, reċtar u arti, u bl-użu ta' metodi varji u immaġinattivi bħall-moħħnihawn, qari ta' stejjer, tpenġija, cartoons, xelta vasta ta' attivitajiet, drammi, attivitajiet għad-dar, u b'mod speċjali, il-karattri ħelwin ta' Żigu u Ċika. Hemm ħafna opportunitajiet għat-tfal biex jesploraw soluzzjonijiet għad-diffikultajiet ta' kuljum u jiddiskutu u jirriflettu fuq kwistjonijiet soċjali, morali u etiċi kumplessi li se jiltaqgħu magħhom f'ħajjithom. Huma wkoll ippreżentati b'mudelli straordinarji li juru kemm hi importanti r-reżiljenza quddiem l-avversità.

***Prof Helen Cowie, Universita' ta' Surrey, Ingilterra***

RESCUR joffri risposta tajba u ċertament inevitabbli quddiem l-isfidi soċjali, kulturali, u ekonomiċi li qed jiffaċċjaw ħafna tfal fl-Ewropa f'dawn iż-żminijiet. Permezz ta' dan il-kurrikulu, l-istudenti se jirċievu interventi preventivi u minn kmieni li jippromwovu imġiba pożittiva, jipprovdi tisħiħ akkademiku, u jenfasizzaw l-importanza li l-istudenti jibqgħu jattendu l-iskola u jirċievu edukazzjoni ta' kwalità. Għal dawk li qegħdin fl-ikbar riskju li jfallu soċjalment u akkademikament, RESCUR jipprovdi xibka biex dawn l-istudenti ma jintilfux fis-sistema.

***Prof Maria Poulou, Universita' ta' Patras, Greċja***

Approċċ komprensiv li jsaħħaħ ir-reżiljenza fit-tfal fl-iskejjel primarji li huwa sensittiv għal kulturi differenti u bżonnjuż f'numru kbir ta' setturi differenti. Wara provi estensivi, il-moduli ta' RESCUR iwiegħdu li jgħinu lit-tfal kollha jiżviluppaw il-ħiliet li għandhom bżonn biex jiffaċċjaw il-problemi. Tant aħjar, RESCUR se jkun bżonnjuż speċjalment għal tfal li ġejjin minn sfond żvantaġġat billi jagħtihom ħiliet soċjali u ħiliet li jgħinuhom isolvu l-problemi li għandhom bżonn biex jiżviluppaw u jżommu netwerk ta' mħabba u ta' appoġġ.

***Prof Michael Ungar, Universita' ta' Dalhousie, Kanada***

RESCUR Resilience Curriculum

www.rescur.eu, www.um.edu.mt/cres